- Żieda fil-viżibbiltà tal-programmi ERC.

## Emenda 26

### Proposta għal deċiżjoni

**Anness I – parti I – punt 1 – punt 1.3 – punt 1.3.1 – paragrafu 2 – punt 2 – inċiż 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- ***jiirrevedi u jivvaluta*** l-kisbiet tal-ERC u l-kwalità u l-impatt tar-riċerka ffinanzjata mill-ERC u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet korrettivi jew futuri;

## Emenda 27

### Proposta għal deċiżjoni

**Anness I – parti I – punt 2 – punt 2.1**

## Linji Mifruxa

- Il-finanzjament fuq perjodu twil ta' żmien sabiex jiġu appoġġati investigaturi eċċellenti u t-timijiet tar-riċerka tagħhom sabiex iwettqu riċerka rivoluzzjonarja b'kisbiet kbar/riskju għoli;
- Riċerkaturi ġodda b'ideat eċċellenti sabiex jagħmlu t-tranżizzjoni tagħhom lejn l-indipendenza, filwaqt li jikkonsolidaw it-tim jew il-programm ta' riċerka tagħhom stess;
- Modi ġodda ta' ħidma fid-dinja xjentifika bil-potenzjal li jagħtu riżultati rivoluzzjonarji u jiffaċilitaw il-potenzjal tal-innovazzjoni kummerċjali u soċjali tar-riċerka ffinanzjata;
- Il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-aqwa prattiki ma' aġenziji ta' finanzjament tar-riċerka reġjonali u nazzjonali ***kif ukoll ma' korpi oħrajn tal-Unjoni*** sabiex jiġi promoss l-appoġġ ta' riċerkaturi eċċellenti;
- Żieda fil-viżibbiltà tal-programmi ERC.

#### *Emenda*

- ***jissottometti perjodikament għal rieżami u valutazzjoni esterni*** l-kisbiet tal-ERC u l-kwalità u l-impatt tar-riċerka ffinanzjata mill-ERC u, ***abbażi tagħhom, jadotta*** rakkomandazzjonijiet ***u jfassal linji gwida*** għal azzjonijiet korrettivi jew futuri;

2.1. Raġunament

L-Ewropa għandha bżonn **bażi ta' kapital uman b'ħiliet għoljin** u reżiljenti fir-riċerka u l-innovazzjoni li tista' tadatta faċilment għal u ssib soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi futuri, bħall-bidliet demografiċi maġġuri fl-Ewropa. Sabiex tiġi żgurata l-eċċellenza, ir-riċerkaturi jeħtieġ li jkunu mobbli, jikkollaboraw u jiddisseminaw l-għarfien fil-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini kollha, **bil-kombinazzjoni** t-tajba ta' għarfien u ħiliet sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u tiġi appoġġata l-innovazzjoni.

L-Ewropa għandha qawwa xjentifika kbira b'madwar **1,8** miljun riċerkatur jaħdmu f'eluf ta' universitajiet, ċentri tar-riċerka u kumpaniji ta' klassi dinjija. Madankollu, huwa stmat li l-UE se jkollha tħarreġ u timpjega tal-anqas miljun riċerkatur ġdid sal-2027 sabiex tilħaq il-miri li qed jiġu stabbiliti għall-investment miżjud fir-riċerka u l-innovazzjoni. Din il-ħtieġa tinħass b'mod partikolari fis-settur mhux akkademiku. L-UE trid ttrinforza l-isforzi tagħha sabiex tħajjar lil aktar żgħażaġh jagħmlu karriera fir-riċerka, sabiex tattira r-riċerkaturi minn pajjiżi terzi, iżżomm ir-riċerkaturi tagħha u tintegra mill-ġdid fl-Ewropa lil riċerkaturi Ewropej li jaħdmu barra. Addizzjonalment, sabiex tintlaħaq eċċellenza mifruxa b'mod usa', **il-kundizzjonijiet** skont liema jaħdmu r-riċerkaturi għandhom ikomplu jittejbu fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). F'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' rabtiet aktar b'saħħithom b'mod partikolari fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEdA), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+).

2.1. Raġunament

L-Ewropa għandha bżonn **riżorsi umani b'livell għoli ta' ħiliet** għoljin u reżiljenti fir-riċerka u l-innovazzjoni li tista' tadatta faċilment għal u ssib soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi **attwali u** futuri, bħall-bidliet demografiċi maġġuri fl-Ewropa. Sabiex tiġi żgurata l-eċċellenza, ir-riċerkaturi jeħtieġ li jkunu mobbli, **ikollhom aċċess għal infrastruttura tal-aqwa kwalità f'ħafna oqsma**, jikkollaboraw u jiddisseminaw l-għarfien fil-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini kollha, **bil-kombinazzjoni** t-tajba ta' għarfien u ħiliet sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u tiġi appoġġata l-innovazzjoni.

L-Ewropa għandha qawwa xjentifika kbira b'madwar **1,8** miljun riċerkatur jaħdmu f'eluf ta' universitajiet, ċentri tar-riċerka u kumpaniji ta' klassi dinjija. Madankollu, huwa stmat li l-UE se jkollha tħarreġ u timpjega tal-anqas miljun riċerkatur ġdid sal-2027 sabiex tilħaq il-miri li qed jiġu stabbiliti għall-investment miżjud fir-riċerka u l-innovazzjoni. Din il-ħtieġa tinħass b'mod partikolari fis-settur mhux akkademiku.

L-UE trid ttrinforza l-isforzi tagħha sabiex tħajjar lil aktar żgħażaġh jagħmlu karriera fir-riċerka, sabiex tattira r-riċerkaturi minn pajjiżi terzi, iżżomm ir-riċerkaturi tagħha u



tintegra mill-ġdid fl-Ewropa lil riċerkaturi Ewropej li jaħdmu barra.

***Sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu, għandha tingħata attenzjoni wkoll lil skemi li jżidu aktar flessibbiltà għal riċerkaturi taż-żewġ sessi biex jiġi żgurati bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.***

***Il-programmi ta' mobbiltà għandhom jiżguraw opportunitajiet indaqs effettivi u jinkludu miżuri speċifiċi biex jitneħħew l-ostakli għall-mobbiltà tar-riċerkaturi, b'mod partikolari r-riċerkaturi nisa.***

Addizzjonalment, sabiex ***jiġu żgurati s-sinerġiji u*** tintlaħaq eċċellenza mifruxa b'mod usa', ***it-tikketta Siġill ta' Eċċellenza se tibqa' tiġi applikata għas-sejħiet fil-qafas tal-MSCA u l-kundizzjonijiet*** skont liema jaħdmu r-riċerkaturi għandhom ikomplu jittejjbu fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). F'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' rabtiet aktar b'saħħithom b'mod partikolari fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEdA), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+).

Dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod fil-livell tal-UE minħabba n-natura sistemika tagħhom u l-isforz meħtieġ bejn il-pajjiżi sabiex jiġu solvuti.

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) jiffukaw fuq ir-riċerka eċċellenti li hija kompletament minn isfel għal fuq, miftuħa għal kwalunkwe qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sal-użu fis-suq u s-servizzi ta' innovazzjoni. Dan jinkludi oqsma tar-riċerka koperti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom). Jekk jirriżultaw ħtiġijiet speċifiċi u jsiru disponibbli sorsi ta' finanzjament addizzjonali, l-MSCA jistgħu jiġu mmirati lejn ċerti attivitajiet fi sfidi speċifiċi (inkluż missjonijiet identifikati), tipi ta' istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, jew postijiet ġeografiċi sabiex jirreaġixxu għall-evoluzzjoni tar-rekwiżiti tal-Ewropa f'termini ta' ħiliet,

Dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod fil-livell tal-UE minħabba n-natura sistemika tagħhom u l-isforz meħtieġ bejn il-pajjiżi sabiex jiġu solvuti.

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) jiffukaw fuq ir-riċerka eċċellenti li hija kompletament minn isfel għal fuq, miftuħa għal kwalunkwe qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sal-użu fis-suq u s-servizzi ta' innovazzjoni. Dan jinkludi oqsma tar-riċerka koperti mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom). Jekk jirriżultaw ħtiġijiet speċifiċi u jsiru disponibbli sorsi ta' finanzjament addizzjonali, l-MSCA jistgħu jiġu mmirati lejn ċerti ***tipi ta'*** attivitajiet fi sfidi speċifiċi (inkluż missjonijiet identifikati), ***u ċerti*** tipi ta' istituzzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, jew postijiet ġeografiċi sabiex jirreaġixxu għall-evoluzzjoni tar-rekwiżiti tal-Ewropa

taħriġ fir-riċerka, żvilupp tal-karriera u kondiviżjoni tal-għarfien.

L-MSCA huma ***l-istrument ewlieni*** fil-livell tal-UE sabiex jiġu attirati r-riċerkaturi minn pajjiżi terzi lejn l-Ewropa, u għalhekk huma ta' kontribut kbir għall-kooperazzjoni globali fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-evidenza turi li l-MSCA mhux biss għandhom impatt pożittiv fuq l-individwi, l-organizzazzjonijiet u fil-livell ta' sistema, iżda jrendu riżultati tar-riċerka b'impatt għoli u rivoluzzjonarji filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-isfidi tas-soċjetà kif ukoll dawk strateġiċi. L-investment ta' terminu twil fil-persuni jrendi r-riżultati, kif jindika l-għadd ta' rebbieħa tal-Premju Nobel li kienu fellows jew superviżuri preċedenti tal-MSCA.

Permezz tal-kompetizzjoni fir-riċerka globali bejn ix-xjenzati u l-organizzazzjonijiet ospitanti kemm mis-settur akkademiku kif ukoll minn dak mhux akkademiku, u permezz tal-ħolqien u l-kondiviżjoni ta' għarfien ta' kwalità għolja bejn il-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini, l-MSCA jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-għanijiet tal-aġenda għall-"Impjiegi, it-tkabbir u l-investment", l-Istrateġija Globali tal-UE u għall-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-MSCA jikkontribwixxu sabiex jagħmlu ż-ŻER aktar effettiva, kompetittiva u attraenti fuq livell globali. Dan jista' jinkiseb b'fokus fuq ġenerazzjoni ġdida ta' riċerkaturi b'ħiliet għoljin u l-forniment ta' appoġġ għal talent emerġenti minn madwar l-UE u lil hinn minnha; permezz tat-trawwim tad-diffużjoni u l-applikazzjoni ta' għarfien u ideat ġodda għall-politiki Ewropej, l-ekonomija u s-soċjetà, inter alia permezz ta' komunikazzjoni xjentifika mtejba u miżuri ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku; permezz tal-iffaċilitar tal-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka; u billi jkun hemm impatt

f'termini ta' ħiliet, taħriġ fir-riċerka, żvilupp tal-karriera u kondiviżjoni tal-għarfien.

L-MSCA, ***fimkien mal-ERC***, huma ***l-istrumenti ewlenin*** fil-livell tal-UE sabiex jiġu attirati r-riċerkaturi minn pajjiżi terzi lejn l-Ewropa, u għalhekk huma ta' kontribut kbir għall-kooperazzjoni globali fir-riċerka u l-innovazzjoni. L-evidenza turi li l-MSCA mhux biss għandhom impatt pożittiv fuq l-individwi, l-organizzazzjonijiet u fil-livell ta' sistema, iżda jrendu riżultati tar-riċerka b'impatt għoli u rivoluzzjonarji filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-isfidi tas-soċjetà kif ukoll dawk strateġiċi. L-investment ta' terminu twil fil-persuni jrendi r-riżultati, kif jindika l-għadd ta' rebbieħa tal-Premju Nobel li kienu fellows jew superviżuri preċedenti tal-MSCA.

Permezz tal-kompetizzjoni fir-riċerka globali bejn ix-xjenzati u l-organizzazzjonijiet ospitanti kemm mis-settur akkademiku kif ukoll minn dak mhux akkademiku, u permezz tal-ħolqien u l-kondiviżjoni ta' għarfien ta' kwalità għolja bejn il-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini, l-MSCA jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-għanijiet tal-aġenda għall-"Impjiegi, it-tkabbir u l-investment", l-Istrateġija Globali tal-UE u għall-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-MSCA jikkontribwixxu sabiex jagħmlu ż-ŻER aktar effettiva, kompetittiva u attraenti fuq livell globali. Dan jista' jinkiseb b'fokus fuq ġenerazzjoni ġdida ta' riċerkaturi b'ħiliet għoljin u l-forniment ta' appoġġ għal talent emerġenti minn madwar l-UE u lil hinn minnha; permezz tat-trawwim tad-diffużjoni u l-applikazzjoni ta' għarfien u ideat ġodda għall-politiki Ewropej, l-ekonomija u s-soċjetà, inter alia permezz ta' komunikazzjoni xjentifika mtejba u miżuri ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku; permezz tal-iffaċilitar tal-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka; u billi jkun hemm impatt

ta' ristrutturar pronunzjat fuq iż-ŻER, li jisħaq suq tax-xogħol miftuħ u li jistabbilixxi standards għoljin għal taħriġ ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u reklutaġġ miftuħ għar-riċerkaturi kollha.

ta' ristrutturar pronunzjat fuq iż-ŻER, li jisħaq suq tax-xogħol miftuħ u li jistabbilixxi standards għoljin għal taħriġ ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u reklutaġġ miftuħ **u trasparenti** għar-riċerkaturi kollha.

## Emenda 28

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-UE trid bażi tar-riżorsi umani b'saħħitha, reżiljenti u kreattiva, bit-taħlita ta' ħiliet adattata sabiex tindirizza l-ħtiġijiet futuri tas-suq tax-xogħol, tkun innovattiva u tikkonverti l-għarfien u l-ideat fi prodotti u servizzi għal benefiċċju ekonomiku u soċjali. Dan jista' jinkiseb permezz ta' taħriġ tar-riċerkaturi sabiex ikomplu jiżviluppaw il-kompetenzi tar-riċerka prinċipali tagħhom, kif ukoll sabiex itejbu l-ħiliet trasferibbli tagħhom bħall-mod ta' ħsieb kreattiv u imprenditorjali. Dan se jippermettilhom jaffaċċaw sfidi globali attwali u futuri u jtejbu l-prospetti ta' karriera tagħhom u l-potenzjal għall-innovazzjoni.

##### *Emenda*

L-UE trid bażi tar-riżorsi umani b'saħħitha, reżiljenti u kreattiva, bit-taħlita ta' ħiliet adattata sabiex tindirizza l-ħtiġijiet futuri tas-suq tax-xogħol, tkun innovattiva u tikkonverti l-għarfien u l-ideat fi prodotti u servizzi għal benefiċċju **xjentifiku**, ekonomiku u soċjali. Dan jista' jinkiseb permezz ta' taħriġ tar-riċerkaturi sabiex ikomplu jiżviluppaw il-kompetenzi tar-riċerka prinċipali tagħhom, kif ukoll sabiex itejbu l-ħiliet trasferibbli tagħhom bħall-mod ta' ħsieb kreattiv u imprenditorjali, **inkluż il-fehim tal-benefiċċji tal-istandards għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi ġodda**. Dan se jippermettilhom jaffaċċaw sfidi globali attwali u futuri u jtejbu l-prospetti ta' karriera tagħhom u l-potenzjal għall-innovazzjoni. **Dan jista' jinkiseb, meta jkun xieraq, b'komplementarjetà mal-attivitajiet edukattivi tal-EIT.**

## Emenda 29

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti I – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2.2.3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2.2.3. Tisħiħ **tal-Kapital Uman** u l-Iżvilupp tal-Ħiliet fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka

Sabiex titrawwem l-eċċellenza, tiġi

##### *Emenda*

2.2.3. Tisħiħ **tar-Riżorsi Umani** u l-Iżvilupp tal-Ħiliet fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka

Sabiex titrawwem l-eċċellenza, tiġi

promossa l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u jinkiseb effett ta' strutturar pożittiv, standards ta' taħriġ ta' kwalità għolja, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u l-iżvilupp effettiv fil-karriera tar-riċerkaturi jrid ikun aktar mifruż fiż-ŻER kollha. Dan se jgħin jimmodernizza u jtejjeb il-programmi u s-sistemi ta' taħriġ fir-riċerka, kif ukoll iżid l-attraenza tal-istituzzjonijiet fuq livell dinji.

#### Linji Mifruxa

- Programmi ta' ħidma sabiex titrawwem l-eċċellenza u jinfirxu l-aqwa prattiki fl-istituzzjonijiet u fis-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni;
- Kooperazzjoni, produzzjoni u diffużjoni tal-għarfien fi ħdan l-UE u ma' pajjiżi terzi.

### Emenda 30

#### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti I – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### 2.2.5. Promozzjoni tas-Sensibilizzazzjoni tal-Pubbliku

Is-sensibilizzazzjoni tal-attivitajiet tal-programm u r-rikonoxximent pubbliku tar-riċerkaturi *irid* jittejjeb mal-UE kollha u lil hinn minnha, sabiex jitjeb il-profil globali tal-MSCA u jiġi żviluppat fehim aħjar tal-impatt tal-ħidma tar-riċerkaturi fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, u sabiex iż-żgħażaġh jiġu inkoraġġuti jibdew karriera fir-riċerka. Dan jista' jintlaħaq permezz ta' disseminazzjoni, sfruttament u diffużjoni aħjar tal-għarfien u l-prattiki.

#### Linji Mifruxa

- Inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku sabiex jistimolaw l-interess fil-karrieri tar-riċerka, speċjalment fost iż-

promossa l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u jinkiseb effett ta' strutturar pożittiv, standards ta' taħriġ ta' kwalità għolja, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u l-iżvilupp effettiv fil-karriera tar-riċerkaturi jrid ikun aktar mifruż fiż-ŻER kollha. Dan se jgħin jimmodernizza u jtejjeb il-programmi u s-sistemi ta' taħriġ fir-riċerka, kif ukoll iżid l-attraenza tal-istituzzjonijiet fuq livell dinji, ***żviluppati b'kooperazzjoni ma' partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa.***

#### Linji Mifruxa

- Programmi ta' ħidma sabiex titrawwem l-eċċellenza u jinfirxu l-aqwa prattiki fl-istituzzjonijiet u fis-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni;
- Kooperazzjoni, produzzjoni u diffużjoni tal-għarfien fi ħdan l-UE u ma' pajjiżi terzi.

##### *Emenda*

#### 2.2.5. Promozzjoni tas-Sensibilizzazzjoni tal-Pubbliku

Is-sensibilizzazzjoni tal-attivitajiet tal-programm u r-rikonoxximent pubbliku tar-riċerkaturi *jrid* jittejjeb mal-UE kollha u lil hinn minnha, sabiex jitjeb il-profil globali tal-MSCA u jiġi żviluppat fehim aħjar tal-impatt tal-ħidma tar-riċerkaturi fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, u sabiex iż-żgħażaġh, ***b'mod partikolari n-nisa***, jiġu inkoraġġuti jibdew karriera fir-riċerka. Dan jista' jintlaħaq permezz ta' disseminazzjoni, sfruttament u diffużjoni aħjar tal-għarfien u l-prattiki.

#### Linji Mifruxa

- Inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku sabiex jistimolaw l-interess fil-karrieri tar-riċerka, speċjalment fost iż-

żgħażaġh;

- Attivitajiet ta' promozzjoni biex ***jitjieb il-profil globali***, il-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni dwar l-MSCA;
- ***Difużjoni*** u raggruppament tal-ġharfien permezz ta' kollaborazzjoni trasversali bejn il-proġetti u attivitajiet ta' networking oħrajn bħal ***servizzi*** ta' alumni.

## Emenda 31

### Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.1

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### 3.1. Raġunament

L-infrastrutturi tar-riċerka tal-ogħla livell tekniku jipprovdu servizzi prinċipali lill-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jaqdu rwol essenzjali sabiex jestendu l-fruntieri tal-ġharfien. L-appoġġ ***għal*** infrastrutturi tar-riċerka fil-livell tal-UE jgħin biex tiġi mitigata dik li f'ħafna każijiet hija r-realtà ta' infrastrutturi nazzjonali tar-riċerka mifruxin ***u*** oqsma żgħar ta' eċċellenza xjentifika, kif ukoll ***l-indirizzar taċ-ċirkolazzjoni baxxa*** tal-ġharfien fost is-silos.

Il-mira globali hija li l-Ewropa tiġi arrikkita b'infrastrutturi tar-riċerka sostenibbli mill-aqwa li jkunu miftuħin u aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, li jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom għall-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni. L-ġhanijiet prinċipali huma li titnaqqas il-frammentazzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-evitar tad-duplikazzjoni tal-isforzi, u koordinazzjoni aħjar tal-iżvilupp ***u*** l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka. Huwa kruċjali li jiġi appoġġat l-

żgħażaġh;

- Attivitajiet ta' promozzjoni biex ***jitjiebu l-profil***, il-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni, ***f'livell globali***, dwar l-MSCA;
- ***Diffużjoni*** u raggruppament tal-ġharfien permezz ta' kollaborazzjoni trasversali bejn il-proġetti u attivitajiet ta' networking oħrajn bħal ***servizz*** ta' alumni ***u punti ta' kuntatt nazzjonali***.

*Emenda*

#### 3.1. Raġunament

L-infrastrutturi tar-riċerka tal-ogħla livell tekniku jipprovdu servizzi prinċipali lill-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jaqdu rwol essenzjali sabiex jestendu l-fruntieri tal-ġharfien. L-appoġġ ***tat-tipi kollha ta'*** infrastrutturi tar-riċerka, ***inklużi dawk ta' daqs żgħir u medju u dawk ifffinanzjati mill-FEŻR***, fil-livell tal-UE jgħin biex tiġi mitigata dik li f'ħafna każijiet hija r-realtà ta' infrastrutturi nazzjonali ***u reġjonali*** tar-riċerka mifruxin, ***biex jiġu kkomplementati u aġġornati*** oqsma żgħar ta' eċċellenza xjentifika, kif ukoll ***biex tiżdied iċ-ċirkolazzjoni*** tal-ġharfien fost is-silos.

Il-mira globali hija li l-Ewropa tiġi arrikkita b'infrastrutturi tar-riċerka sostenibbli mill-aqwa li jkunu miftuħin u aċċessibbli għar-riċerkaturi ***u l-innovaturi*** kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, li jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom għall-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni. L-ġhanijiet prinċipali huma li titnaqqas il-frammentazzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, ***tiġi żgurata modernizzazzjoni kontinwa***, l-evitar tad-duplikazzjoni tal-isforzi, u koordinazzjoni aħjar tal-iżvilupp, l-użu ***u l-aċċessibbiltà***

aċċess miftuħ għall-infrastrutturi tar-riċerka għar-riċerkaturi Ewropej kollha kif ukoll, permezz tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (minn hawn il-quddiem "EOSC"), jiżdied l-aċċess għar-riżorsi tar-riċerka diġitali, li b'mod speċifiku jindirizzaw it-tħaddin attwalment subottimali tax-xjenza miftuħa u l-prattiki ta' data miftuħa. Bl-istess mod, l-UE trid tindirizza ż-żieda rapida ta' kompetizzjoni globali għat-talent billi tattira riċerkaturi minn pajjiżi terzi sabiex jaħdmu b'infrastrutturi tar-riċerka Ewropea ta' livell dinji. Iż-żieda fil-kompetittività tal-industrija Ewropa tikkostitwixxi għan maġġuri wkoll, filwaqt li jiġu appoġġati teknoloġiji u servizzi prinċipali rilevanti għall-infrastrutturi tar-riċerka u l-utenti tagħhom, biex b'hekk jittejbu l-kundizzjonijiet għall-provvista ta' soluzzjonijiet innovattivi.

Il-programmi qafas tal-passat għamlu kontribuzzjoni sinifikanti lejn l-użu aktar effiċjenti u effettiv tal-infrastrutturi nazzjonali, u żviluppaw ukoll, mal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), approċċ koerenti u

tal-infrastrutturi tar-riċerka.

Huwa kruċjali **wkoll** li jiġi appoġġat l-aċċess miftuħ għall-infrastrutturi tar-riċerka għar-riċerkaturi Ewropej kollha kif ukoll, permezz tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (minn hawn il-quddiem "EOSC"), jiżdied l-aċċess għar-riżorsi tar-riċerka diġitali, li b'mod speċifiku jindirizzaw it-tħaddin attwalment subottimali tax-xjenza miftuħa u l-prattiki ta' data miftuħa. Bl-istess mod, l-UE trid tindirizza ż-żieda rapida ta' kompetizzjoni globali għat-talent billi tattira riċerkaturi minn pajjiżi terzi sabiex jaħdmu b'infrastrutturi tar-riċerka Ewropea ta' livell dinji. Iż-żieda fil-kompetittività tal-industrija Ewropa tikkostitwixxi għan maġġuri wkoll, filwaqt li jiġu appoġġati teknoloġiji u servizzi prinċipali rilevanti għall-infrastrutturi tar-riċerka u l-utenti tagħhom, biex b'hekk jittejbu l-kundizzjonijiet għall-provvista **u l-użu** ta' soluzzjonijiet innovattivi.

Il-programmi qafas tal-passat għamlu kontribuzzjoni sinifikanti lejn l-użu aktar effiċjenti u effettiv tal-infrastrutturi nazzjonali **u lejn it-tneħħija tal-ostakli għal aċċess transnazzjonali**, u żviluppaw ukoll, mal-Forum Strateġiku Ewropew

mmexxi minn strateġija lejn it-tfassil ta' politika dwar infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej. Dan l-approċċ strateġiku ġġenera vantaġġi ċari, inkluż tnaqqis fid-duplikazzjoni tal-isforz permezz ta' użu ġenerali aktar effiċjenti tar-riżorsi, kif ukoll permezz tal-istandardizzazzjoni tal-proċessi u l-proċeduri.

L-attività appoġġata mill-UE se ttipprovdi valur miżjud permezz ta': infrastrutturi tar-riċerka eżistenti konsolidati u ottimizzati flimkien mal-isforzi sabiex jiġu żviluppati infrastrutturi ġodda; l-istabbiliment tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) bħala ambjent effettiv skalabbli u sostenibbli għar-riċerka xprunata mid-data; l-interkonnnessjoni tan-networks tar-riċerka u l-edukazzjoni nazzjonali u reġjonali, li ttejjeb u tiżgura infrastruttura tan-network ta' kapaċità għolja għal ammonti kbar ħafna ta' data u aċċess għar-riżorsi diġitali lil hinn mill-fruntieri u l-konfini tad-dominji; l-għelib tal-ostakli li jipprevjenu lill-aqwa timijiet tar-riċerka milli jaċċessaw l-aqwa servizzi tal-infrastruttura tar-riċerka fl-UE; it-trawwim tal-potenzjal tal-innovazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, iffukati fuq l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-koinnovazzjoni, kif ukoll l-użu miżjud tal-infrastrutturi tar-riċerka mill-industrija.

U d-dimensjoni internazzjonali tal-infrastrutturi tar-riċerka tal-UE trid tissaħħaħ, filwaqt li **titrawwem** kooperazzjoni aktar **b'saħħitha** mal-kontropartijiet internazzjonali u l-parteciġipazzjoni internazzjonali fl-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej għall-benefiċċju reċiproku.

L-attivitajiet se jikkontribwixxu għal Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) differenti bħal: SDG 3 – Saħħa Tajba u

għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), approċċ koerenti u mmexxi minn strateġija lejn it-tfassil ta' politika dwar infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej. Dan l-approċċ strateġiku ġġenera vantaġġi ċari, inkluż tnaqqis fid-duplikazzjoni tal-isforz permezz ta' użu ġenerali aktar effiċjenti tar-riżorsi, kif ukoll permezz tal-istandardizzazzjoni **u l-armonizzazzjoni** tal-proċessi u l-proċeduri. ***It-tisħiħ u l-ftuħ tan-networks eżistenti eċċellenti tar-R&I kif ukoll il-ħolqien ta' oħrajn ġodda meta jkun xieraq, se jkunu wkoll prijorità taħt din l-intestatura.***

L-attività appoġġata mill-UE se ttipprovdi valur miżjud permezz ta': infrastrutturi tar-riċerka eżistenti konsolidati u ottimizzati, **inklużi infrastrutturi elettroniċi**, flimkien mal-isforzi sabiex jiġu żviluppati infrastrutturi ġodda; l-istabbiliment tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) bħala ambjent effettiv skalabbli u sostenibbli għar-riċerka xprunata mid-data; l-interkonnnessjoni tan-networks tar-riċerka u l-edukazzjoni nazzjonali u reġjonali, li ttejjeb u tiżgura infrastruttura tan-network ta' kapaċità għolja għal ammonti kbar ħafna ta' data u aċċess għar-riżorsi diġitali lil hinn mill-fruntieri u l-konfini tad-dominji; l-għelib tal-ostakli li jipprevjenu lill-aqwa timijiet tar-riċerka milli jaċċessaw l-aqwa servizzi tal-infrastruttura tar-riċerka fl-UE; it-trawwim tal-potenzjal tal-innovazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, iffukati fuq l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-koinnovazzjoni, kif ukoll l-użu miżjud tal-infrastrutturi tar-riċerka mill-industrija.

U d-dimensjoni internazzjonali tal-infrastrutturi tar-riċerka tal-UE trid tissaħħaħ, filwaqt li **jitrawmu** kooperazzjoni, **aċċess u konnettività** aktar **b'saħħithom** mal-kontropartijiet internazzjonali u l-parteciġipazzjoni internazzjonali fl-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej għall-benefiċċju reċiproku.

L-attivitajiet se jikkontribwixxu għal Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) differenti bħal: SDG 3 – Saħħa Tajba u

Benesseri għall-Persuni; SDG 7 – Enerġija Affordabbli u Nadifa; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; SDG 13 – Azzjoni Klimatika.

Benesseri għall-Persuni; SDG 7 – Enerġija Affordabbli u Nadifa; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; SDG 13 – Azzjoni Klimatika.

## Emenda 32

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### 3.2.1. Konsolidazzjoni tax-Xenarju tal-Infrastrutturi tar-Riċerka Ewropej

L-istabbiliment, l-operat u s-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastrutturi tar-riċerka identifikati **minn ESFRI** huma essenzjali għall-UE sabiex tiżgura li jkollha pożizzjoni fuq quddiem nett fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien, il-ħolqien u l-użu tal-għarfien u l-kompetittività tal-industriji tagħha.

Il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) **jenħtieġ li** jsir kanal ta' twassil effettiv u komprensiv għas-servizzi ta' infrastrutturi tar-riċerka u **jenħtieġ li jipprovdi** lill-komunitajiet tar-riċerka tal-Ewropa **bis-servizzi** ta' data tal-ġenerazzjoni li jmiss għall-ħsad, ħażna, ipproċessar (eż. analitika, simulazzjoni, servizzi ta' viżwalizzazzjoni) u l-kondiviżjoni ta' data tal-big science. L-EOSC **jenħtieġ li** jipprovdi wkoll lir-riċerkaturi fl-Ewropa **b'aċċess għall-maġġoranza** tad-data ġġenerata u miġbura **mill-infrastrutturi tar-riċerka, kif ukoll** għall-HPC u r-riżorsi fuq skala eksa varati skont l-Infrastruttura Ewropea tad-Data (EDI)<sup>13</sup>.

In-network pan-Ewropew tar-riċerka u l-edukazzjoni se jgħaqqad flimkien u jippermetti aċċess remot għall-infrastrutturi tar-riċerka u r-riżorsi tar-riċerka, billi jipprovdi interkonnnettività bejn l-

##### *Emenda*

#### 3.2.1. Konsolidazzjoni tax-Xenarju tal-Infrastrutturi tar-Riċerka Ewropej

L-istabbiliment, l-operat u s-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastrutturi tar-riċerka, **inklużi dawk** identifikati **mill-ESFRI, kif ukoll il-massimizzazzjoni tal-involvement tagħhom fi proġetti eċċellenti ta' Orizzont Ewropa**, huma essenzjali għall-UE sabiex tiżgura li jkollha pożizzjoni fuq quddiem nett fir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien, il-ħolqien u l-użu tal-għarfien u l-kompetittività tal-industriji tagħha.

Il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) **għandu** jsir kanal ta' twassil effettiv u komprensiv għas-servizzi ta' infrastrutturi tar-riċerka u **għandu jippermetti** lill-komunitajiet tar-riċerka tal-Ewropa **jiżviluppaw is-servizzi** ta' data tal-ġenerazzjoni li jmiss għall-ħsad, ħażna, ipproċessar (eż. analitika, simulazzjoni, servizzi ta' viżwalizzazzjoni) u l-kondiviżjoni ta' data tal-big science. L-EOSC **għandu** jipprovdi wkoll lir-riċerkaturi fl-Ewropa **b'servizzi li jinkoraġġixxu l-ħażna u l-ipproċessar tal-maġġoranza** tad-data ġġenerata u miġbura **mir-riċerkaturi fl-infrastrutturi tar-riċerka u barra minnhom, u għandu wkoll jagħti aċċess** għall-HPC u r-riżorsi fuq skala eksa varati skont l-Infrastruttura Ewropea tad-Data (EDI)<sup>13</sup>.

In-network pan-Ewropew tar-riċerka u l-edukazzjoni se jgħaqqad flimkien u jippermetti aċċess remot għall-infrastrutturi tar-riċerka u r-riżorsi tar-riċerka, billi jipprovdi interkonnnettività bejn l-



universitajiet, l-istituti tar-riċerka u l-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell tal-UE kif ukoll konnessjonijiet internazzjonali ma' networks sħab oħrajn madwar id-dinja.

#### Linji Mifruxa

– Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej permezz tat-tfassil ta' infrastrutturi tar-riċerka; **Il-fażi** ta' tnejn u implimentazzjoni tagħhom, l-operat fil-fażi bikrija tagħhom **b'komplimentarjetà** mal-fondi reġjonali, kif ukoll il-konsolidazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-ekosistema tal-infrastruttura tar-riċerka permezz tal-monitoraġġ ta' stadji kritiċi ta' ESFRI u l-iffaċilitar ta' ftehimiet ta' servizz, evoluzzjonijiet, amalgamazzjonijiet jew id-dekummissjonar ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej;

– Il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, inkluż: l-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà tal-kanal ta' aċċess; il-federazzjoni effettiva tar-riżorsi Ewropej, nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali; l-evoluzzjoni teknika u ta' politika tiegħu biex ikun jista' jindirizza ħtiġijiet u rekwiżiti tar-riċerka ġodda (eż. l-użu ta' settijiet tad-data sensittiva, privatezza mid-disinn); l-interoperabbiltà tad-data u l-konformità mal-prinċipji FAIR; u bażi tal-utenti wiesgħa;

– In-network pan-Ewropew tar-riċerka u l-edukazzjoni li jirfed l-EOSC u l-EDI, kif ukoll jippermetti t-twassil ta' servizzi ta' HPC/data f'ambjent ibbażat fuq il-cloud li kapaċi jlaħħaq ma' settijiet ta' data u proċessi komputazzjonali kbar ħafna.

---

<sup>13</sup> L-Infrastruttura Ewropea tad-Data se tipprovdi bażi għall-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa billi tipprovdi kapaċità ta' Computing ta' Prestazzjoni Għolja ta' livell dinji, konnettività b'veloċità għolja u servizzi ta' data u software fuq quddiem nett tal-kompetizzjoni.

universitajiet, l-istituti tar-riċerka u l-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell tal-UE kif ukoll konnessjonijiet internazzjonali ma' networks sħab oħrajn madwar id-dinja.

#### Linji Mifruxa

– Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej permezz tat-tfassil ta' infrastrutturi tar-riċerka; **il-fażi** ta' tnejn u implimentazzjoni tagħhom, l-operat fil-fażi bikrija tagħhom **b'komplementarjetà** mal-fondi reġjonali, kif ukoll il-konsolidazzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-ekosistema tal-infrastruttura tar-riċerka permezz tal-monitoraġġ ta' stadji kritiċi ta' ESFRI u l-iffaċilitar ta' ftehimiet ta' servizz, evoluzzjonijiet, amalgamazzjonijiet jew id-dekummissjonar ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej;

– Il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa, inkluż: l-iskalabbiltà u s-sostenibbiltà tal-kanal ta' aċċess; il-federazzjoni effettiva tar-riżorsi Ewropej, nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali; l-evoluzzjoni teknika u ta' politika tiegħu biex ikun jista' jindirizza ħtiġijiet u rekwiżiti tar-riċerka ġodda (eż. l-użu ta' settijiet tad-data sensittiva, privatezza mid-disinn); l-interoperabbiltà tad-data u l-konformità mal-prinċipji FAIR; u bażi tal-utenti wiesgħa;

– In-network pan-Ewropew tar-riċerka u l-edukazzjoni li jirfed l-EOSC u l-EDI, kif ukoll jippermetti t-twassil ta' servizzi ta' HPC/data f'ambjent ibbażat fuq il-cloud li kapaċi jlaħħaq ma' settijiet ta' data u proċessi komputazzjonali kbar ħafna.

---

<sup>13</sup> L-Infrastruttura Ewropea tad-Data se tipprovdi bażi għall-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa billi tipprovdi kapaċità ta' Computing ta' Prestazzjoni Għolja ta' livell dinji, konnettività b'veloċità għolja u servizzi ta' data u software fuq quddiem nett tal-kompetizzjoni.

## Emenda 33

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti I – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### 3.2.2. Ftuħ, Integrazzjoni u Interkonnessjoni tal-Infrastrutturi tar-Riċerka

Ix-xenarju tar-riċerka se jittejjeb b'mod sinifikanti billi jiġi żgurat aċċess miftuħ għal infrastrutturi ta' riċerka internazzjonali, nazzjonali u reġjonali ewlenin għar-riċerkaturi kollha tal-UE u s-servizzi tagħhom jiġu integrati fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet ta' aċċess, jittejjeb u jitwessa' l-forniment tas-servizz u tiġi mħeġġa strateġija ta' żvilupp komuni ta' komponenti ta' livell teknoloġiku għoli u servizzi avvanzati permezz ta' azzjonijiet ta' innovazzjoni.

##### Linji Mifruxa

- Networks li jlaqqgħu flimkien lil dawk li jiffinanzjaw l-infrastrutturi tar-riċerka nazzjonali u reġjonali għall-kofinanzjament tal-aċċess transnazzjonali tar-riċerkaturi;
- Networks ta' infrastrutturi tar-riċerka **pan-UE**, nazzjonali u reġjonali **li jindirizzaw l-isfidi globali** għall-forniment ta' aċċess għar-riċerkaturi kif ukoll għall-armonizzazzjoni u t-titjib tas-servizzi tal-infrastrutturi;
- Networks integrati tal-infrastrutturi tar-riċerka għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija/pjan direzzjonali komuni għall-iżvilupp teknoloġiku meħtieġ sabiex jitjiebu s-servizzi tagħhom permezz ta' sħubija mal-industrija; kif ukoll komponenti ta' livell teknoloġiku għoli f'oqsma bħall-istrumentazzjoni xjentifika; u għat-trawwim tal-użu ta' infrastrutturi tar-riċerka mill-industrija, eż. faċilitajiet ta' testijiet ta'

##### *Emenda*

#### 3.2.2. Ftuħ, Integrazzjoni u Interkonnessjoni tal-Infrastrutturi tar-Riċerka

Ix-xenarju tar-riċerka se jittejjeb b'mod sinifikanti billi jiġi żgurat aċċess miftuħ għal infrastrutturi ta' riċerka internazzjonali, nazzjonali u reġjonali ewlenin għar-riċerkaturi **u l-innovaturi** kollha tal-UE u s-servizzi tagħhom jiġu integrati fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet ta' aċċess, jittejjeb u jitwessa' l-forniment tas-servizz u tiġi mħeġġa strateġija ta' żvilupp komuni ta' komponenti ta' livell teknoloġiku għoli u servizzi avvanzati permezz ta' azzjonijiet ta' innovazzjoni.

##### Linji Mifruxa

- Networks li jlaqqgħu flimkien lil dawk li jiffinanzjaw l-infrastrutturi tar-riċerka nazzjonali u reġjonali għall-kofinanzjament tal-aċċess transnazzjonali tar-riċerkaturi;
- Networks ta' infrastrutturi tar-riċerka **pan-Ewropej**, nazzjonali u reġjonali, **inklużi dawk ta' daqs żgħir u medju**, għall-forniment ta' aċċess għar-riċerkaturi kif ukoll għall-armonizzazzjoni u t-titjib tas-servizzi tal-infrastrutturi;
- Networks integrati tal-infrastrutturi tar-riċerka għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija/pjan direzzjonali komuni għall-iżvilupp teknoloġiku meħtieġ sabiex jitjiebu s-servizzi tagħhom permezz ta' sħubija mal-industrija; kif ukoll komponenti ta' livell teknoloġiku għoli f'oqsma bħall-istrumentazzjoni xjentifika; u għat-trawwim tal-użu ta' infrastrutturi tar-riċerka mill-industrija, eż. faċilitajiet ta' testijiet ta'

esperimentazzjoni.

## Emenda 34

### Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti II

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### II SFIDI GLOBALI U KOMPETITTIVITÀ INDUSTRIJALI

Ħafna mill-isfidi li taffaċċa l-UE huma wkoll **sfidi** globali. L-iskala u l-kumplessità tal-problemi huma vasti, u jeħtieġ li jiġu indirizzati **bi flus, riżorsi** u sforzi xierqa sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet. Dawn huma preċiżament l-oqsma li fihom l-UE trid taħdem flimkien; b'mod intelliġenti, flessibbli u konġunt għall-benefiċċju u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna.

Jista' jinkiseb impatt akbar permezz tal-allinjament tal-azzjonijiet ma' nazzjonijiet u reġjuni oħrajn tad-dinja fl-isfond ta' kooperazzjoni internazzjonali bla preċedent b'konformità mal-linji indikati mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Abbażi ta' benefiċċju reċiproku, is-sħab minn madwar id-dinja se jiġu mistiedna sabiex jissieħbu mal-isforzi tal-UE bħala parti integrali mir-riċerka u l-innovazzjoni għas-sostenibbiltà.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma xprunaturi ewlenin **tat-tkabbir** sostenibbli u l-kompetittività **ekonomika tal-industrija**, u dawn se jikkontribwixxu għas-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-problemi tal-lum, **għat-treġġiegħ** lura mill-aktar fis possibbli tat-tendenza negattiva u perikoluża li bħalissa torbot l-iżvilupp ekonomiku, l-użu tar-riżorsi naturali u l-kwistjonijiet soċjali, u t-tibdil tagħha f'opportunitajiet ġodda tan-negozju.

L-UE se tibbenefika bħala utent u produttur ta' teknoloġiji u industriji **li juru**

esperimentazzjoni.

#### *Emenda*

#### II SFIDI GLOBALI U KOMPETITTIVITÀ INDUSTRIJALI **EWROPEA**

**F'dinja interkonnessa**, ħafna mill-isfidi li taffaċċa l-UE huma wkoll globali. L-iskala u l-kumplessità tal-problemi huma vasti, u jeħtieġ li jiġu indirizzati **bir-riżorsi finanzjarji u umani** u **bi** sforzi xierqa sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet. Dawn huma preċiżament l-oqsma li fihom l-UE trid taħdem flimkien; b'mod intelliġenti, flessibbli u konġunt għall-benefiċċju u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna.

Jista' jinkiseb impatt akbar permezz tal-allinjament tal-azzjonijiet ma' nazzjonijiet u reġjuni oħrajn tad-dinja fl-isfond ta' kooperazzjoni internazzjonali bla preċedent kif inkorporati mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Abbażi ta' benefiċċju reċiproku, is-sħab minn madwar id-dinja se jiġu mistiedna sabiex jissieħbu mal-isforzi tal-UE bħala parti integrali mir-riċerka u l-innovazzjoni għas-sostenibbiltà.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma xprunaturi ewlenin **tal-iżvilupp** sostenibbli, **inklużi t-tkabbir** u l-kompetittività **industrijali**, u dawn se jikkontribwixxu għas-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-problemi tal-lum, **għat-treġġiegħ** lura mill-aktar fis possibbli tat-tendenza negattiva u perikoluża li bħalissa torbot l-iżvilupp ekonomiku, l-użu tar-riżorsi naturali u l-kwistjonijiet soċjali, u t-tibdil tagħha **f'impjiegi** f'opportunitajiet ġodda tan-negozju **u fi żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali**.

L-UE se tibbenefika bħala utent u produttur ta' **għarfien**, teknoloġiji u

kif is-soċjetà u l-ekonomija moderni industrijalizzati, sostenibbli, inklużivi, miftuħin u demokratiċi jistgħu jiffunzjonaw u jiżviluppaw. L-eżempji ekonomiċi-ambjentali-soċjetali li qed jiżdiedu tal-industrija ekonomika sostenibbli tal-futur se jkunu mrawmin u jingħataw spinta, sew jekk ikunu għal: saħħa u benesseri għal kulħadd; jew soċjetajiet inklużivi u **siguri reżiljenti**; jew enerġija nadifa disponibbli u mobbiltà; jew ekonomija u soċjetà diġitizzati; jew industrija transdixxiplinari u **kreattiva**; jew soluzzjonijiet spazjali, marini jew ibbażati fuq l-art; jew soluzzjonijiet alimentari jew nurizzjonali; użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, protezzjoni u **adattament għat-tibdil fil-klima**, fejn ilkoll jiġġeneraw ġid fl-Ewropa u joffru impjiegi ta' kwalità ogħla. It-trasformazzjoni industrijali se tkun kruċjali.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni skont dan il-pilastru ta' Orizzont Ewropa huma raggruppati fi gruppi ta' raggruppamenti ta' attivitajiet integrati. Minflok jindirizzaw is-setturi, l-investimenti jimmiraw għal bidliet sistemiċi għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna skont vettur ta' sostenibbiltà. Dawn se jintlaħqu biss jekk l-atturi kollha, kemm privati kif ukoll pubbliċi, jinvolvu lilhom infushom fil-kodisinn u l-koħolqien tar-riċerka u l-innovazzjoni; li jlaqqgħu flimkien utenti aħħarin, xjenzati, teknoloġisti, produttori, innovaturi, negozji, edukaturi, ċittadini u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għaldaqstant, l-ebda wieħed mir-raggruppamenti tematiċi mhu maħsub għal sett wieħed biss ta' atturi.

industriji. **Tista' turi** kif is-soċjetà u l-ekonomija moderni industrijalizzati, sostenibbli, inklużivi, miftuħin u demokratiċi jistgħu jiffunzjonaw u jiżviluppaw. L-eżempji ekonomiċi-ambjentali-soċjetali li qed jiżdiedu tal-industrija ekonomika sostenibbli tal-futur se jkunu mrawmin u jingħataw spinta, sew jekk ikunu għal: saħħa u benesseri għal kulħadd; jew soċjetajiet inklużivi u **kreattivi**; **jew soċjetajiet siguri**; jew enerġija nadifa disponibbli u mobbiltà; jew ekonomija u soċjetà diġitizzati; jew industrija transdixxiplinari u **effettiva**; jew soluzzjonijiet spazjali, marini jew ibbażati fuq l-art; jew soluzzjonijiet alimentari jew nurizzjonali; użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, protezzjoni u **mitigazzjoni tal-klima**, fejn ilkoll jiġġeneraw ġid fl-Ewropa u joffru impjiegi ta' kwalità ogħla. It-trasformazzjoni industrijali se tkun kruċjali.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni skont dan il-pilastru ta' Orizzont Ewropa huma raggruppati fi gruppi ta' raggruppamenti ta' attivitajiet integrati. Minflok jindirizzaw is-setturi, l-investimenti jimmiraw għal bidliet sistemiċi għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna skont vettur ta' **inklużività** u sostenibbiltà. Dawn se jintlaħqu biss jekk l-atturi kollha, kemm privati kif ukoll pubbliċi, jinvolvu lilhom infushom fil-kodisinn u l-koħolqien tar-riċerka u l-innovazzjoni; li jlaqqgħu flimkien utenti aħħarin, **riċerkaturi**, xjenzati, teknoloġisti, **disinjaturi**, produttori, innovaturi, negozji, edukaturi, ċittadini u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għaldaqstant, l-ebda wieħed mir-raggruppamenti tematiċi mhu maħsub għal sett wieħed biss ta' atturi.

**Ir-raggruppamenti se jappoġġaw il-ħolqien tal-għarfien fl-istadji kollha tal-iżvilupp tiegħu, inklużi attivitajiet ta' riċerka fi stadju bikri, ikkomplementati b'appoġġ trasversali għal inizjattivi ta' riċerka ambizzjużi, fit-tul u fuq skala kbira mmirati lejn teknoloġiji futuri u emerġenti (Flagships tal-FET) mibdija taħt il-programm qafas preċedenti:**

Ir-raggruppamenti se jiżviluppaw u japplikaw teknoloġiji diġitali, ewlenin abilitanti u emerġenti bħala parti minn strateġija komuni sabiex jippromwovu t-tmexxija industrijali tal-UE. Fejn xieraq dan se jutilizza data u servizzi tal-UE ffaċilitati mill-ispazju.

Se jingħata appoġġ sabiex it-teknoloġija titwassal mil-laboratorju sas-suq u sabiex jiġu żviluppanti applikazzjonijiet inkluż linji pilota u dimostraturi, miżuri sabiex jiġi stimolat l-użu mis-suq u sabiex tingħata spinta lill-impenn min-naħa tas-settur privat. Is-sinerġiji ma' **programmi** oħrajn se jkunu massimizzati.

Ir-raggruppamenti se jagħtu spinta lill-introduzzjoni rapida ta' innovazzjoni li tkun l-ewwel tax-xorta tagħha fl-UE permezz ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet inkorporati, inkluż l-komunikazzjoni, id-disseminazzjoni u l-isfruttament, l-istandardizzazzjoni kif ukoll l-appoġġ għall-innovazzjoni nonteknoloġika u mekkaniżmi ta' twassil innovattivi, li jgħinu sabiex jinħolqu kundizzjonijiet soċjetali, regolatorji u tas-suq favur l-innovazzjoni bħall-patti tal-innovazzjoni. Rotot ta' soluzzjonijiet innovattivi li joriġinaw minn azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni se jiġu stabbiliti u mmirati **lejn** investimenti pubbliċi u privati, kif ukoll programmi tal-UE u nazzjonali rilevanti oħrajn.

### ***Human Brain Project, Graphene, Quantum Technologies u Future Battery Technologies.***

Ir-raggruppamenti se jiżviluppaw u japplikaw **ukoll** teknoloġiji diġitali, ewlenin abilitanti u emerġenti **futuri** bħala parti minn strateġija komuni sabiex jippromwovu t-tmexxija industrijali tal-UE. Fejn xieraq dan se jutilizza data u servizzi tal-UE ffaċilitati mill-ispazju.

Se jingħata appoġġ sabiex it-teknoloġija titwassal mil-laboratorju sas-suq u sabiex jiġu żviluppanti applikazzjonijiet inkluż linji pilota u dimostraturi, miżuri sabiex jiġi stimolat l-użu mis-suq u sabiex tingħata spinta lill-impenn min-naħa tas-settur privat. Is-sinerġiji ma' **partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, speċjalment l-EIT, kif ukoll ma' programmi oħrajn** se jkunu massimizzati.

Ir-raggruppamenti se jagħtu spinta lill-introduzzjoni rapida ta' innovazzjoni li tkun l-ewwel tax-xorta tagħha fl-UE, **filwaqt li jiġi studjat l-impatt tagħha fuq is-soċjetà**, permezz ta' firxa wiesgħa ta' attivitajiet inkorporati, inkluż l-komunikazzjoni, id-disseminazzjoni u l-isfruttament, l-istandardizzazzjoni kif ukoll l-appoġġ għall-innovazzjoni nonteknoloġika u mekkaniżmi ta' twassil innovattivi, li jgħinu sabiex jinħolqu kundizzjonijiet soċjetali, regolatorji u tas-suq favur l-innovazzjoni bħall-patti tal-innovazzjoni. Rotot ta' soluzzjonijiet innovattivi li joriġinaw minn azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni se jiġu stabbiliti u mmirati **biex jinkisbu** investimenti pubbliċi u privati, kif ukoll programmi tal-UE u nazzjonali rilevanti oħrajn.

***Se tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu appoġġati l-SMEs fil-Pilastru 2 f'partijiet kollaborattivi u permezz ta' Strument tal-SMEs dedikat monobenefiċjarju u bbażat fuq l-għotjiet. Ir-raggruppamenti kollha għandhom jiddedikaw ammont xieraq lill-istrument tal-SMEs, li se jkun kompletament minn isfel għal fuq, b'sejħiet kontinwament miftuħa u b'għadd ta' dati ta' skadenza, dedikati***

*esklużivament għall-innovazzjoni inkrementali. Huma biss l-SMEs li se jitħallew japplikaw għal finanzjament, anke permezz ta' kollaborazzjonijiet jew sottokuntrattar. Il-proġetti jrid ikollhom dimensjoni Ewropea ċara u jikkontribwixxu għall-valur miżjud tal-UE.*

*L-appoġġ permezz tal-istrument tal-SMEs se jingħata fi tliet fażijiet, abbażi tal-mudell ta' Orizzont Ewropa:*

*- Fażi 1: Valutazzjoni tal-kunċett u tal-fattibbiltà:*

*L-SMEs se jirċievu finanzjament biex jistudjaw il-fattibbiltà xjentifika jew teknika u l-potenzjal kummerċjali ta' idea ġdida (prova tal-kunċett) sabiex jiżviluppaw proġett ta' innovazzjoni. Riżultat pożittiv ta' din il-valutazzjoni, li fiha r-rabta bejn il-proġett-suġġett u l-ħtiġijiet tal-utenti/xerrejja potenzjali hija kwistjoni importanti, se jippermetti finanzjament taħt il-fażi(jiet) segwenti.*

*- Fażi 2: Riċerka u żvilupp, dimostrazzjoni, replikazzjoni fis-suq:*

*B'attenzjoni partikolari mogħtija lill-innovazzjoni tal-kunċett tal-irċevuti, ir-riċerka u l-iżvilupp se jkunu appoġġati b'attenzjoni partikolari fuq attivitajiet ta' dimostrazzjoni (ittestjar, prototip, studji ta' espansjoni, disinn, pilotaġġ ta' proċessi, prodotti u servizzi innovattivi, validazzjoni, verifika tal-prestazzjoni, eċċ) u replikazzjoni fis-suq li jinkoraġġixxi l-involviment tal-utenti finali jew ta' klijenti potenzjali. Il-Vouchers tal-Innovazzjoni se jipromwovu l-parteċipazzjoni ta' imprendituri żgħażaġh.*

*- Fażi 3: Kummerċjalizzazzjoni:*

*Din il-fażi ma tipprovdi finanzjament dirett għajr attivitajiet ta' appoġġ, iżda għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess għal kapital privat u ambjenti miftuħa għall-innovazzjoni. Se jkunu previsti rabtiet mal-EIC u l-InvestEU. L-SMEs se jibbenefikaw ukoll minn miżuri ta' appoġġ bħal networking, taħriġ,*

*ikkowċjar u pariri. Barra minn hekk, din il-fażi tista' torbot ma' miżuri li jippromwovu l-akkwist prekkummerċjali u l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi.*

## Emenda 35

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### 1.1. Raġunament

Il-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali **jiddikjara** li kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba. Dan jissottolinja l-impenn tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU li jitolbu **għal** kopertura tas-saħħa universali għal persuni ta' kull età sal-2030, li ma teskludi lil ħadd u li ġġib fi tmiemhom l-imwiet **preventibbli**.

Popolazzjoni b'saħħitha hija vitali għal soċjetà stabbli, sostenibbli u inklużiva, u t-titjib fis-saħħa huwa kruċjali **għat-tnaqqis fil-faqar, sabiex jitravwem il-progress** u l-prosperità soċjali u **sabiex** jiżdied it-tkabbir ekonomiku. Skont l-OECD, titjib ta' 10 % fl-għomor huwa assoċjat ukoll ma' żieda fit-tkabbir ekonomiku ta' bejn 0.3 % u 0.4 % fis-sena. L-għomor fl-UE żdied bi 12-il sena **mill-istabbiliment** tagħha **b'riżultat ta' titjib** kbir **miksub fir-rigward tal-kwalità** tal-ħajja, l-edukazzjoni, **is-saħħa u l-kura tan-nies tagħha**. Fl-2015, l-għomor b'mod ġenerali mat-twelid kien ta' 80.6 sena fl-UE meta mqabbel ma' 71.4 sena globalment. Fl-aħħar snin, fl-UE **żdid fuq medja** ta' 3 xhur fis-sena.

Ir-riċerka **dwar is-saħħa u r-riċerka dwar l-innovazzjoni** kellhom **parti** sinifikanti f'din il-kisba iżda **wkoll** fit-titjib tal-produttività u tal-kwalità fl-industrija tas-saħħa u l-kura. Madankollu, l-UE tkompli **taffaċċa** sfidi ġodda, **li għadhom kemm ħarġu** jew persistenti u li qed jheddu liċ-

##### *Emenda*

##### 1.1. Raġunament

Il-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali **jafferma** li kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba. Dan jissottolinja l-impenn tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU li jitolbu kopertura tas-saħħa universali għal persuni ta' kull età sal-2030, li ma teskludi lil ħadd u li ġġib fi tmiemhom l-imwiet **evitabbli**.

Popolazzjoni b'saħħitha hija vitali għal soċjetà stabbli, sostenibbli u inklużiva, u t-titjib fis-saħħa huwa kruċjali **biex jitnaqqas il-faqar, jitravwem l-progress** u l-prosperità soċjali u jiżdied it-tkabbir ekonomiku. Skont l-OECD, titjib ta' 10 % fl-għomor huwa assoċjat ukoll ma' żieda fit-tkabbir ekonomiku ta' bejn 0.3 % u 0.4 % fis-sena. L-għomor fl-UE żdied bi 12-il sena **mit-twaqqif** tagħha, **bis-saħħa tat-titjib kbir li sar fil-kwalità** tal-ħajja, **inklużi** l-edukazzjoni **u s-saħħa**. Fl-2015, l-għomor b'mod ġenerali mat-twelid kien ta' 80.6 sena fl-UE meta mqabbel ma' 71.4 sena globalment. Fl-aħħar snin, fl-UE **żdied b'medja** ta' 3 xhur fis-sena.

Ir-riċerka **u l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa** kellhom **sehem** sinifikanti f'din il-kisba iżda **anki** fit-titjib tal-produttività u tal-kwalità fl-industrija tas-saħħa u l-kura **kif ukoll fl-għoti ta' bażi ta' għarfien għal ċittadini aktar b'saħħithom u kura aħjar għall-pazjenti. Ir-riċerka fil-qasam tas-**

ċittadini tagħha u s-saħħa pubblika, is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa tagħha u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, kif ukoll il-kompetittività tal-industrija tas-saħħa u l-kura tagħha. L-isfidi l-kbar tas-saħħa fl-UE jinkludu: in-nuqqas ta' promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; iż-żieda fil-mard **mhux komunikabbli**; it-tixrid ta' reżistenza għall-mediċina antimikrobika u **l-emerġenza** ta' epidemiji infettivi; żieda fit-tniġġis ambjentali; il-persistenza ta' inugwaljanzi fis-saħħa fost u fi ħdan il-pajjiżi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li huma żvantaġġati jew fi stadji vulnerabbli tal-ħajja; id-detezzjoni, il-fehim, il-kontroll, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa f'ambjent soċjali, urban u naturali li qed jinbidel b'mod rapidu; **il-kostijiet li qed jiżdiedu** għas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej u l-introduzzjoni progressiva ta' approċċi ta' mediċina **personalizzata** u d-diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura; u l-pressjoni li qed tiżdied fuq l-industrija Ewropea tal-kura u s-saħħa sabiex tibqa' kompetittiva fl-innovazzjoni tas-saħħa u billi tiżviluppa t-tali innovazzjoni fir-rigward ta' atturi globali ġodda u emerġenti.

**saħħa għandha karatteristiċi uniċi, b'konnessjoni u interazzjoni mill-qrib mal-innovazzjoni, il-kura tal-pazjenti u s-saħħa tal-popolazzjoni, u topera f'ambjent multidixxiplinari b'regolamenti kumplessi.**

Madankollu, l-UE tkompli **tiffaċċja** sfidi ġodda, **emerġenti** jew persistenti u li qed jheddu liċ-ċittadini tagħha u s-saħħa pubblika, is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa tagħha u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, kif ukoll il-kompetittività tal-industrija tas-saħħa u l-kura tagħha. L-isfidi l-kbar tas-saħħa fl-UE jinkludu: **aktar każijiet ta' kanċer**; in-nuqqas ta' promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; iż-żieda fil-mard **li ma jitteħidx**; it-tixrid ta' reżistenza għall-mediċina antimikrobika u **l-apparizzjoni** ta' epidemiji infettivi; żieda fit-tniġġis ambjentali; il-persistenza ta' inugwaljanzi fis-saħħa fost u fi ħdan il-pajjiżi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li huma żvantaġġati jew fi stadji vulnerabbli tal-ħajja; id-detezzjoni **bikrija**, il-fehim, il-kontroll, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa



f'ambjent soċjali, urban u naturali li qed jinbidel b'mod rapidu; *li jiżdi s-snin ta' ħajja b'saħħha; il-prezzijiet għoljin ta' ċerti għodod u teknoloġiji innovattivi tas-saħħa għall-utenti aħħarin; iż-żieda fl-ispejjeż għas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej u l-introduzzjoni progressiva ta' approċċi ta' mediċina ta' preċiżjoni, inklużi r-riċerka rilevanti u d-diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura; u l-persjoni li qed tiżdied fuq l-industrija Ewropea tal-kura u s-saħħa sabiex tibqa' kompetittiva fl-innovazzjoni tas-saħħa u billi tiżviluppa t-tali innovazzjoni fir-rigward ta' atturi globali ġodda u emerġenti.*

*Is-soluzzjonijiet tas-saħħa diġitali ħolqu ħafna opportunitajiet biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tas-servizzi tal-kura u jiġu indirizzati l-kwistjonijiet emerġenti ta' soċjetà li qed tixjeh. L-isfidi jinkludu wkoll li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-introduzzjoni progressiva tal-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura mingħajr ma jiġi mminat id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Ġew żviluppati apparat u software diġitali għad-dijanjożi, it-trattament u l-iffaċilitar tal-awtoġestjoni tal-mard min-naħa tal-pazjenti, inkluż f'każ ta' mard kroniku. It-teknoloġiji diġitali qed jintużaw dejjem aktar fit-taħriġ u l-edukazzjoni medika u biex il-pazjenti u konsumaturi oħra fil-qasam tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jaraw, jaqsmu u jgħidli informazzjoni dwar is-saħħa.*

*Dawn l-isfidi tas-saħħa huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura u jirrikjedu kollaborazzjonijiet multidixxiplinari, transsettorjali u transnazzjonali. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni se jibnu rabtiet mill-qrib bejn ir-riċerka ta' skoperta, klinika, epidemjoloġika, ambjentali u soċjoekonomika, kif ukoll max-xjenzi regolatorji. Dawn se jisfruttaw il-ħiliet ikkombinati tal-akkademja u l-industrija u jrawmu l-kollaborazzjoni tagħhom mas-servizzi tas-saħħa, il-pazjenti, dawk li*

L-isfidi tas-saħħa *tal-lum* huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura u jirrikjedu kollaborazzjonijiet multidixxiplinari, transsettorjali, *traslazzjonali* u transnazzjonali, *inkluż ma' pajjiżi bi dħul baxx u medju. Ir-riċerka u l-innovazzjoni* se jibnu rabtiet mill-qrib bejn ir-riċerka klinika, epidemjoloġika, *etika*, ambjentali u soċjoekonomika, kif ukoll max-xjenzi regolatorji. Dawn se jisfruttaw il-ħiliet ikkombinati tal-akkademja u l-industrija u jrawmu l-kollaborazzjoni tagħhom mas-servizzi tas-

jfasslu l-politika u ċ-ċittadini sabiex **jiksbu** ingranaġġ fuq il-finanzjament pubbliku u **jiżguraw** l-użu tar-riżultati fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistemi tal-kura tas-saħħa. Dawn se jrawmu kollaborazzjoni strateġika fil-livell tal-UE u internazzjonali sabiex jiġu raggruppati l-għarfien espert, il-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa għall-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala, kamp ta' applikazzjoni u veloċità, kif ukoll sabiex jiġu kondiviżi l-benefiċċji mistennija u r-riskji finanzjarji involuti.

L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' din l-isfida globali se jiżviluppaw **bażi ta' għarfien**, jibnu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni u jiżviluppaw is-soluzzjonijiet meħtieġa għal promozzjoni aktar effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni, it-trattament u l-kura tal-mard. It-titjib tal-eżiti tas-saħħa, **progressivament** se **jwasslu** għal għomor itwal, ħajjiet attivi u sani **u** produttività fost in-nies **ta' età** tax-xogħol, u **s-sostenibbiltà tas-sistemi** tas-saħħa u l-kura.

L-indirizzar ta' sfidi tas-saħħa kbar se jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika u l-istrateġiji tal-UE, b'mod partikolari l-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali, is-Suq Uniku Diġitali tal-UE, id-Direttiva tal-UE dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali, il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew Saħħa Waħda kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR), u għall-implimentazzjoni tal-oqfsa regolatorji rilevanti tal-UE. Dan se jappoġġa wkoll l-impenn tal-UE lejn l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 u daww fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet oħrajn tan-NU u inizjattivi internazzjonali, inkluż l-istrateġiji globali u l-pjanijiet ta' azzjoni

saħħa, il-pazjenti, daww li jfasslu l-politika, **l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** u ċ-ċittadini sabiex **jinkiseb** ingranaġġ fuq il-finanzjament pubbliku u **jiġi żgurat** l-użu tar-riżultati fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistemi tal-kura tas-saħħa. Dawn se jrawmu kollaborazzjoni strateġika fil-livell tal-UE u internazzjonali sabiex jiġu raggruppati l-għarfien espert, il-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa għall-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala, kamp ta' applikazzjoni u veloċità, kif ukoll sabiex jiġu kondiviżi l-benefiċċji mistennija u r-riskji finanzjarji involuti. **L-istudji u r-riċerka taħt dan ir-raggruppament għandhom iqisu l-perspettiva tas-sessi u d-differenzi bejniethom.**

L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' din l-isfida globali se jiżviluppaw **ir-riżorsi umani u l-baży tal-għarfien**, jibnu l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni u jiżviluppaw is-soluzzjonijiet meħtieġa għal promozzjoni aktar effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni, it-trattament u l-kura tal-mard. **Progressivament**, it-titjib tal-eżiti tas-saħħa se **jwassal** għal għomor itwal, ħajjiet attivi u sani **b'mod ġenerali**, produttività fost in-nies **fl-età** tax-xogħol u **sostenibbiltà fis-sistemi** tas-saħħa u l-kura. **L-innovazzjoni fil-qasam ta' tekniki dijanjostiċi rapidi u antibijotiċi ġodda tista' tipprevjeni l-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u, għalhekk, se tiġi promossa.**

L-indirizzar ta' sfidi tas-saħħa kbar se jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika u l-istrateġiji tal-UE, b'mod partikolari l-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali, is-Suq Uniku Diġitali tal-UE, id-Direttiva tal-UE dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali, il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew Saħħa Waħda kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR), u għall-implimentazzjoni tal-oqfsa regolatorji rilevanti tal-UE. Dan se jappoġġa wkoll l-impenn tal-UE lejn l-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 u daww fil-kuntest ta' organizzazzjonijiet oħrajn tan-NU u inizjattivi internazzjonali, inkluż l-istrateġiji globali u l-pjanijiet ta' azzjoni

tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

***Grupp ta' Livell Għoli – il-Bord ta' Tmexxija għas-Saħħa – se jgħin biex jintlaħqu dawn l-oġettivi. Huwa għandu jiżgura koordinazzjoni ma' programmi ta' riċerka oħrajn fil-livell nazzjonali u tal-UE, kif ukoll sinerġiji bejn ir-raggruppament tas-saħħa u partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, inklużi missjonijiet u sħubijiet. Se jitmexxa bi kriterji xjentifiċi u jinkludi lill-partijiet ikkonċernati kollha, b'parteċipazzjoni qawwija mis-soċjetà, iċ-ċittadini u l-pazjenti. Se jkollu l-kompitu li jagħti direzzjoni u pariri fl-iżvilupp tal-programm ta' ħidma u l-missjonijiet relatati mas-saħħa.***

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) b'mod partikolari: SDG 3 – Saħħa Tajba u Benesseri għall-Persuni; SDG 13 – Azzjoni Klimatika

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) ***li ġejjin***, b'mod partikolari: SDG 3 – Saħħa Tajba u Benesseri għall-Persuni; SDG 13 – Azzjoni Klimatika; ***u, indirettament, għall-SDG 1 – Daqshekk Faqar; SDG 5 – Ugwaljanza bejn is-Sessi; SDG 6 – Ilma Nadif u Sanità; SDG 10 – Tnaqqis fl-Inugwaljanzi.***

## Emenda 36

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### 1.2.1. Saħħa tul il-Ħajja

Persuni li jkunu fi stadji vulnerabbli tal-ħajja (it-twelid, l-infanzja, it-tfulija, l-adolessenza, it-tqala, l-istat ta' adult matur u anzjan), ***inkluż*** persuni ***b'diżabilitajiet*** jew korrimenti, ikollhom ħtiġijiet tas-saħħa speċifiċi li jkunu ***jehntieġu*** fehim aħjar u soluzzjonijiet imfasslin apposta. Dan *se* jippermetti t-tnaqqis fl-inugwaljanzi relatati mas-saħħa u t-titjib tal-eżiti tas-saħħa għall-benefiċċju ta' tixjiħ attiv u b'saħħtu tul il-ħajja, partikolarment

##### *Emenda*

#### 1.2.1. Saħħa tul il-Ħajja

Persuni li jkunu fi stadji vulnerabbli tal-ħajja (it-twelid, l-infanzja, it-tfulija, l-adolessenza, it-tqala, l-istat ta' adult matur u anzjan), ***inklużi*** persuni ***b'diżabilità, bżonnijiet speċjali*** jew korrimenti, ikollhom ħtiġijiet tas-saħħa speċifiċi li jkunu ***jirrikjedu*** fehim aħjar u soluzzjonijiet imfasslin apposta. Dan jippermetti t-tnaqqis fl-inugwaljanzi relatati mas-saħħa u t-titjib tal-eżiti tas-saħħa għall-benefiċċju ta' tixjiħ attiv u

permezz ta' bidu b'saħħtu **fil-ħajja** li jnaqqas ir-riskju ta' mard mentali u fiżiku aktar tard fil-ħajja.

#### Linji **Mifruxa**

- **Żvilupp bikri** u l-proċess tat-tixjiħ tul il-ħajja;
- Saħħa materna, paterna, tat-trabi u tat-tfal kif ukoll ir-rwol tal-ġenituri;
- Ħtiġijiet tas-saħħa tal-adolexxenti;
- Konsegwenzi tas-saħħa tad-diżabilitajiet u l-korrimenti;
- Ħajja indipendenti u attiva għall-anzjani u/jew il-persuni **b'diżabbiltà**;
- Edukazzjoni dwar is-saħħa u litteriżmu diġitali fis-saħħa.

b'saħħtu tul il-ħajja, partikolarment permezz ta' bidu b'saħħtu **għall-ħajja** li jnaqqas ir-riskju ta' mard mentali u fiżiku aktar tard fil-ħajja.

#### Linji **Ġenerali**

- **Mard relatat mal-età** u l-proċess tat-tixjiħ tul il-ħajja;
- Saħħa materna, paterna, tat-trabi u tat-tfal, **inkluża s-sopravivenza materna u tat-tfal**, kif ukoll ir-rwol tal-ġenituri;
- **Ħtiġijiet tas-saħħa u konsegwenzi fit-tul assoċjati ma' livelli għolja ta' mortalità u morbożità fit-tul, speċjalment b'rabta mat-tfal**;
- Ħtiġijiet tas-saħħa tal-adolexxenti, **inkluż il-benesseri psikoloġiku**;
- **Etjoloġija tad-diżabilitajiet u konsegwenzi tas-saħħa tad-diżabilitajiet u l-korrimenti**;
- Ħajja indipendenti u attiva għall-anzjani u/jew il-persuni **b'diżabbiltà**;
- Edukazzjoni dwar is-saħħa u litteriżmu diġitali fis-saħħa;
- **Riġenerazzjoni ta' organi u tessuti li għandhom iż-żmien jew li saritilhom il-ħsara**;
- **Anġjoġenesi, patoloġija arterjali, iskemija mijokardika u patoloġija strutturali tal-qalb, bijomarkaturi u ġenetika ta' mard kardjovaskulari**;
- **Trattament ta' mard kroniku**.

### Emendi 37, 276 u 277

#### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### 1.2.2. Determinanti Ambjentali u tas-Saħħa Soċjali

Fehim imtejjeb tal-ixprunaturi tas-saħħa u l-fatturi tar-riskju determinati mill-ambjent soċjali, ekonomiku u fiżiku fil-ħajja ta'

##### *Emenda*

#### 1.2.2. Determinanti Ambjentali u tas-Saħħa Soċjali

Fehim imtejjeb tal-ixprunaturi tas-saħħa u l-fatturi tar-riskju determinati mill-ambjent soċjali, ekonomiku u fiżiku fil-ħajja ta'

kuljum tal-persuni u fuq il-post tax-xogħol, inkluż l-impatt fuq is-saħħa tad-diġitalizzazzjoni, it-tniġġis, it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ambjentali oħrajn, se jikkontribwixxu sabiex jiġu identifikati u mitigati r-riskji u t-theddid għas-saħħa; **biex** jitnaqqsu l-imwiet u l-mard minn esponiment għall-kimika u t-tniġġis ambjentali; **biex** jiġu appoġġati ambjenti fejn il-persuni jgħixu u jaħdmu li jkunu ekoloġiċi, sani, reżiljenti u sostenibbli; **biex** jiġu promossi stili ta' ħajja u mġiba ta' konsum sani; u **biex tiżviluppa** soċjetà **ekitabbli**, inklużiva u affidabbli.

### Linji *Mifruxa*

- Teknoloġiji għall-valutazzjoni tal-perikli, l-esponimenti u l-impatt fuq is-saħħa **tas-sustanzi** kimiċi, sustanzi niġġiesa u fatturi ta' stress oħrajn, inkluż fatturi ta' stress ambjentali u relatati mal-klima, u l-effetti kkumbinati ta' diversi fatturi ta' stress;
- Fatturi ambjentali, **ta' xogħol**, soċjali u ta' mġiba li jkollhom impatt fuq is-saħħa u l-benesseri fiżiċi u mentali tal-persuni u l-interazzjoni tagħhom, b'attenzjoni speċjali fuq il-persuni vulnerabbli u żvantaġġati;
- **Il-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-komunikazzjoni** tar-riskji, appoġġati minn għodod **mtejba għat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażati** fuq l-evidenza, **inkluż** alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali;
- **Il-kapaċità u l-infrastruttura** sabiex tinġabar, tiġi kondiviża u kkumbinata d-data dwar id-determinanti kollha tas-saħħa, inkluż l-esponiment, is-saħħa u l-mard fil-livell tal-UE u internazzjonali;
- Promozzjoni tas-saħħa u l-

kuljum tal-persuni u fuq il-post tax-xogħol, inkluż l-impatt fuq is-saħħa tad-diġitalizzazzjoni, it-tniġġis, **l-urbanizzazzjoni rapida**, it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ambjentali **nazzjonali u transnazzjonali** oħrajn, se jikkontribwixxu sabiex jiġu identifikati, **evitati** u mitigati r-riskji u t-theddid għas-saħħa; **jiġu identifikati u** jitnaqqsu l-imwiet u l-mard minn esponiment għall-kimika u t-tniġġis ambjentali; jiġu appoġġati ambjenti **sikuri** fejn il-persuni jgħixu u jaħdmu li jkunu ekoloġiċi, sani, reżiljenti u sostenibbli; jiġu promossi stili ta' ħajja u mġiba ta' konsum sani; u **tiġi żviluppata** soċjetà **ekwa**, inklużiva u affidabbli.

### Linji *Ġenerali*

- Teknoloġiji **u metodoloġiji sikuri u effettivi** għall-valutazzjoni tal-perikli, l-esponimenti u l-impatt fuq is-saħħa **ta' sustanzi** kimiċi, sustanzi niġġiesa u fatturi ta' stress oħrajn, inkluż fatturi ta' stress ambjentali u relatati mal-klima, u l-effetti kkumbinati ta' diversi fatturi ta' stress;
- Fatturi ambjentali, **inkluż l-ambjent mibni (id-disinn u l-konstruzzjoni), okkupazzjonali, ekonomiċi, politiċi**, soċjali u ta' mġiba li jkollhom impatt fuq is-saħħa u l-benesseri fiżiċi u mentali tal-persuni u l-interazzjoni tagħhom, b'attenzjoni speċjali fuq il-persuni vulnerabbli u żvantaġġati **kif ukoll il-persuni b'kundizzjonijiet ta' diżabilità jew indeboliment**;
- **Valutazzjoni, ġestjoni u komunikazzjoni** tar-riskji, **inkluża l-kondiviżjoni tal-informazzjoni**, appoġġati minn għodod **imtejba għal proċess deċiżjonali bbażat** fuq l-evidenza, **inklużi** alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali;
- **Kapaċità u infrastruttura** sabiex tinġabar, tiġi kondiviża u kkumbinata d-data dwar id-determinanti kollha tas-saħħa, inkluż l-esponiment, is-saħħa u l-mard fil-livell tal-UE u **fil-livell internazzjonali**;
- Promozzjoni tas-saħħa u **interventi**

*interventi* ta' prevenzjoni primarja.

ta' prevenzjoni primarja.

- *Riċerka dwar miżuri li jipplanaw, jimplimentaw u jimmonitorjaw ir-riabilitazzjoni tul il-ħajja.*

- *Riċerka dwar miżuri li jipplanaw u jimplimentaw il-programmi ta' riabilitazzjoni individwali bikrija (EIRP) għat-tfal affettwati minn patoloġiji debilitanti.*

## Emenda 38

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.2.3. Mard **Mhux Komunikabbli** u Mard Rari

Il-mard **mhux komunikabbli** (NCDs), inkluż il-mard rari, jippreżenta sfida kbira għas-saħħa u s-soċjetà u **jridu aktar** approċċi effettivi fil-prevenzjoni, it-trattament u l-kura, **inkluż** approċċi ta' mediċina **personalizzata**.

##### Linji **Mifruxa**

– Dijanjostika għal dijanjożi aktar bikrija u preċiża u għal trattament adattat għall-pazjenti;

– Programmi ta' prevenzjoni u skrining;

– Soluzzjonijiet integrati għall-awtomonitoraġġ, il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u l-ġestjoni ta' kundizzjonijiet kroniċi u multimorbiditajiet;

– Trattamenti **jew** kura, **inkluż** kemm trattamenti farmakoloġiċi kif ukoll mhux farmakoloġiċi;

##### *Emenda*

1.2.3. Mard **li ma jitteħidx** u Mard Rari

Il-mard **li ma jitteħidx** (NCDs), inkluż il-mard rari, jippreżenta sfida kbira għas-saħħa u s-soċjetà u **jirrikjedi** approċċi **aktar** effettivi fil-prevenzjoni, it-trattament u l-kura, **inklużi** approċċi ta' mediċina **ta' preċiżjoni**.

##### Linji **Ġenerali**

– Dijanjostika għal dijanjożi aktar bikrija u preċiża u għal trattament adattat għall-pazjenti **f'waqtu**;

– **Infrastruttura u kapaċitajiet sabiex il-potenzjal tal-avvanzi fil-mediċina ġenomika jiġi sfruttat fil-prattika klinika standard;**

– Programmi ta' prevenzjoni u skrining;

– Soluzzjonijiet integrati għall-awtomonitoraġġ, il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u l-ġestjoni ta' kundizzjonijiet kroniċi u multimorbiditajiet;

– Trattamenti, kura **jew strateġiji terapewtiċi oħra sikuri, effettivi u aċċessibbli, inklużi** kemm trattamenti farmakoloġiċi kif ukoll mhux

– Kura palljativa;

– Valutazzjoni tal-effettività kumparattiva tal-interventi u s-soluzzjonijiet;

– Riċerka ta' implimentazzjoni għall-espansjoni ta' interventi tas-saħħa u l-appoġġ tal-użu tagħhom fil-politiki u s-sistemi tas-saħħa.

farmakoloġiċi;

– Kura palljativa;

– ***Riċerka kollaborattiva dwar il-bijoloġija molekulari, strutturali u ċellulari, it-terapiji sperimentali, il-ġenetika, il-ġenomika u l-bażijiet ambjentali tal-kanċer fil-bniedem;***

– ***Il-fruntiera ġenomika, l-epidemjoloġija, il-bijoinformatika, il-patoloġija u l-isfidi tal-mediċina ta' preċiżjoni fil-mard rari, il-mard newrodeġenerattiv u l-onkoloġija;***

– ***Oqsma ta' ħtieġa klinika qawwija u mhux issodisfata, bħal tipi rari ta' kanċer inklużi kanċers pedjatriċi;***

– Valutazzjoni tal-effettività kumparattiva tal-interventi u s-soluzzjonijiet;

– Riċerka ta' implimentazzjoni għall-espansjoni ta' interventi tas-saħħa u l-appoġġ tal-użu tagħhom fil-politiki u s-sistemi tas-saħħa.

## Emenda 39

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### 1.2.4. Mard Infettiv

Il-protezzjoni tal-persuni minn theddid transfruntier għas-saħħa hija sfida kbira għas-saħħa pubblika, li titlob kooperazzjoni internazzjonali effettiva fil-livell tal-UE u globali. Dan se jinvolti l-prevenzjoni, it-tħejjija, id-detezzjoni bikrija, it-trattament u l-kura ta' mard infettiv, u l-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) ***billi jsegwu "Approċċ Saħħa Waħda"***.

##### *Emenda*

#### 1.2.4. Mard Infettiv

Il-protezzjoni tal-persuni minn ***mard li jittieħed u*** theddid transfruntier għas-saħħa hija sfida kbira għas-saħħa pubblika, li titlob kooperazzjoni internazzjonali effettiva fil-livell tal-UE u ***fil-livell*** globali. Dan se jinvolti l-prevenzjoni, it-tħejjija, id-detezzjoni bikrija, it-trattament u l-kura ta' mard infettiv, u l-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) ***skont approċċ "Saħħa Waħda". It-tixrid kostanti ta' batterji reżistenti għall-antimikrobiċi, inklużi s-superbatterji, ukoll se jkollu impatt ta' detriment sinifikanti fuq l-ekonomija u l-ambjent. Il-prevenzjoni tal-iżvilupp u t-tixrid tagħhom se tkun ukoll***

*waħda mill-prijoritajiet taħt din l-intestatura. Barra minn hekk, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddefiniet lista ta' mard li hu nieqes minn investimenti fir-R&I mis-settur privat minħabba inċentivi kummerċjali limitati. Hemm bżonn ta' investimenti pubbliċi aktar ambizzjużi biex jiġi indirizzat il-piż ta' tali mard relatat mal-faqar u mard ittraskurat.*

#### Linji *Mifruxa*

– L-ixprunaturi *għall-emerġenza* jew *l-emerġenza mill-ġdid* ta' mard infettiv u t-tixrid tiegħu, inkluż it-trażmissjoni mill-annimali għall-bnedmin (żoonożi), jew minn partijiet oħrajn tal-ambjent (l-ilma, il-ħamrija, il-pjanti, l-ikel) għall-bnedmin;

– *It-tbassir, id-detezzjoni* bikrija u *sorveljanza* ta' mard infettiv, *inkluż* patoġeni reżistenti għall-antimikrobiċi u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u fatturi relatati mal-ambjent;

– *Vaċċini, dijanjożi*, trattamenti u *kura għall-mard infettiv, inkluż komorbidityiet u koinfezzjonijiet*;

– Tħejjija għal emerġenza tas-saħħa effettiva, miżuri u strateġiji ta' rispons u rkupru, li jinvolvu lill-komunitajiet;

– Ostakoli għall-implimentazzjoni u l-użu ta' interventi mediċi fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistema tas-saħħa;

– Aspetti transkonfinali tal-mard infettiv u sfidi speċifiċi fpajjizi bi dħul baxx sa medju (LMICs), bħall-mard tropikali.

#### Linji *Ġenerali*

– L-ixprunaturi *għall-apparizzjoni* jew *ir-riapparizzjoni* ta' mard infettiv u t-tixrid tiegħu, inkluż it-trażmissjoni mill-annimali għall-bnedmin (żoonożi), jew minn partijiet oħrajn tal-ambjent (l-ilma, il-ħamrija, il-pjanti, l-ikel) għall-bnedmin *u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet empiriċi preventivi li jimminimizzaw it-trażmissjoni*;

– *Tbassir, detezzjoni* bikrija u *sorveljanza* ta' mard infettiv, *inklużi* patoġeni reżistenti għall-antimikrobiċi u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u fatturi relatati mal-ambjent;

– *Dijanjożtika, teknoloġiji mediċi*, trattamenti u *vaċċini xierqa, sikuri u effiċjenti għall-prevenzjoni u l-profilassi ta' mard infettiv, inklużi r-riċerka u l-iskoperta ta' vaċċini ġodda, teknoloġiji ta' immunizzazzjoni avvanzati u xjenzi regolatorji*;

– Tħejjija għal emerġenza tas-saħħa effettiva, miżuri u strateġiji ta' rispons u rkupru, li jinvolvu lill-komunitajiet;

– Ostakoli għall-implimentazzjoni u l-użu ta' interventi mediċi fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistema tas-saħħa;

– Aspetti transkonfinali tal-mard infettiv u sfidi speċifiċi fpajjizi bi dħul baxx sa medju (LMICs), bħall-mard tropikali *ttraskurat, l-AIDS, it-tuberkulożi u l-malarja. L-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' trattament għall-mard li jittieħed biex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi.*



## Emenda 40

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### 1.2.5. Għodod, **Teknoloġija** u **Soluzzjonijiet Diġitali għas-Saħħa** u l-Kura

It-teknoloġiji u l-għodod tas-saħħa huma vitali għas-saħħa pubblika u kkontribwew ħafna għat-titjib importanti miksub fil-kwalità tal-ħajja, is-saħħa u l-kura tal-persuni fl-UE. Hija għalhekk sfida strateġika ewlenija li jiġu mfasslin, żviluppanti, sottomessi u implimentati għodod u teknoloġiji xierqa, affidabbli, sikuri u kosteffettivi għas-saħħa u l-kura, b'kunsiderazzjoni kif dovut tal-ħtiġijiet ta' persuni **b'diżabbiltajiet** u **s-soċjetà** li qed tixjieħ. Dawn jinkludu **intelliġenza** artifiċjali u teknoloġiji diġitali oħrajn li joffru titjib sinifikanti fuq dawk eżistenti, kif ukoll jistimolaw industrija marbuta mas-saħħa kompetittiva u sostenibbli li toħloq impjiegi ta' valur għoli. L-industrija marbuta mas-saħħa tal-UE hija wieħed mis-setturi ekonomiċi kritiċi fl-UE, li hija responsabbli għal 3 % tal-PDG u 1.5 miljun impjegat.

##### Linji **Mifruxa**

– Għodod u teknoloġiji għal applikazzjonijiet mifruxin **fl-ispettrum** tas-saħħa u kwalunkwe indikazzjoni medika rilevanti, inkluż l-indeboliment funzjonali;

– Għodod, teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali integrati għas-saħħa tal-bniedem, **inkluż** s-saħħa mobbli u t-telesaħħa;

##### *Emenda*

#### 1.2.5. Għodod, **Teknoloġiji** u Soluzzjonijiet Diġitali għas-Saħħa u l-Kura

It-teknoloġiji u l-għodod tas-saħħa huma vitali għas-saħħa pubblika u kkontribwew ħafna għat-titjib importanti miksub fil-kwalità tal-ħajja, is-saħħa u l-kura tal-persuni fl-UE. Hija għalhekk sfida strateġika ewlenija li jiġu mfasslin, żviluppanti, sottomessi u implimentati għodod u teknoloġiji xierqa, affidabbli, sikuri u kosteffettivi għas-saħħa u l-kura, b'kunsiderazzjoni kif dovut tal-ħtiġijiet ta' persuni **b'diżabbiltà** u **soċjetà** li qed tixjieħ. Dawn jinkludu **t-teknoloġiji abilitanti essenzjali, l-intelliġenza** artifiċjali, **ir-robotika, il-big data, it-teknoloġija tal-kwantum** u **għodod** u teknoloġiji diġitali oħrajn li joffru titjib sinifikanti fuq dawk eżistenti, kif ukoll jistimolaw industrija marbuta mas-saħħa kompetittiva u sostenibbli li toħloq impjiegi ta' valur għoli. L-industrija marbuta mas-saħħa tal-UE hija wieħed mis-setturi ekonomiċi kritiċi fl-UE, li hija responsabbli għal 3 % tal-PDG u 1.5 miljun impjegat.

##### Linji **Ġenerali**

– Għodod u teknoloġiji għal applikazzjonijiet mifruxin **fl-ispettru** tas-saħħa, **fosthom il-manifattura ta' teknoloġiji tas-saħħa** u kwalunkwe indikazzjoni medika rilevanti, inkluż l-indeboliment funzjonali;

– **Intelliġenza artifiċjali u robotika għat-teknoloġiji u l-għodod tas-saħħa;**

– Għodod, teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali integrati għas-saħħa tal-bniedem, **inklużi** s-saħħa mobbli u t-telesaħħa;

– **Approċċi tas-saħħa personalizzati u diġitali bbażati fuq l-hekk imsejħa "tewmin diġitali", mudelli informatiċi**

- Pilotaġġ, varar fuq skala kbira, ottimizazzjoni u ***l-akkwist*** ta' innovazzjonijiet ta' teknoloġiji u għodod tas-saħħa u l-kura u għodod f'xenarji reali li jinkludu provi kliniċi u riċerka dwar l-implimentazzjoni;
- Proċessi u servizzi innovattivi għall-iżvilupp, il-manifattura u t-twassil rapidu ta' għodod ***u*** teknoloġiji ***għas-saħħa u l-kura***;
- ***Is-sikurezza, l-effikaċja u l-kwalità*** tal-għodod u t-teknoloġiji għas-saħħa u l-kura, kif ukoll l-impatt legali u soċjali ***etiku*** tagħhom;
- Xjenza regolatorja ***għal teknoloġiji u għodod*** tas-saħħa.

***preċiżi – u mmexxija mid-data – tal-proċessi bijoloġiċi ewlenin tal-ġisem tal-bniedem, li jippermettu l-identifikazzjoni tal-aqwa terapija skont l-individwu, kif ukoll miżuri ta' prevenzjoni u manutenzjoni tas-saħħa;***

- Pilotaġġ, varar fuq skala kbira, ottimizazzjoni u ***akkwist*** ta' innovazzjonijiet ta' teknoloġiji u għodod tas-saħħa u l-kura u għodod f'xenarji reali li jinkludu provi kliniċi u riċerka dwar l-implimentazzjoni;
- Proċessi u servizzi innovattivi għall-iżvilupp, il-manifattura u t-twassil rapidu ta' għodod ***kurattivi***, teknoloġiji, ***mediċini u vaċċini***;
- ***Sikurezza, effikaċja u kwalità*** tal-għodod u t-teknoloġiji għas-saħħa u l-kura, kif ukoll l-impatt ***etiku***, legali u soċjali tagħhom;
- Xjenza regolatorja ***għat-teknoloġiji u l-għodod*** tas-saħħa.
- ***Għodod, teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali biex tiżdied is-sikurezza tad-deċiżjonijiet mediċi.***

## Emenda 41

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.2.6. Sistemi ***ta' Kura*** tas-Saħħa  
 Is-sistemi tas-saħħa jikkostitwixxu assi ewlieni fis-sistemi soċjali tal-UE, li fl-2017 kienu responsabbli għal 24 miljun impjegat fis-settur tas-saħħa u l-ħidma soċjali. Hija prijorià ewlenija li s-sistemi tas-saħħa jsiru aċċessibbli, kosteffettivi, reżiljenti, sostenibbli u affidabbli, kif ukoll li jitnaqqsu l-inugwaljanzi, inkluż permezz tal-isfruttament tal-potenzjal ippreżentat minn innovazzjonijiet xprunati mid-data u diġitali għal saħħa aħjar u żvilupp ta' kura ċċentrata madwar il-persuni li tibni fuq

##### *Emenda*

1.2.6. Sistemi ***tal-Kura*** tas-Saħħa  
 Is-sistemi tas-saħħa jikkostitwixxu assi ewlieni fis-sistemi soċjali tal-UE, li fl-2017 kienu responsabbli għal 24 miljun impjegat fis-settur tas-saħħa u l-ħidma soċjali. Hija prijorià ewlenija li s-sistemi tas-saħħa jsiru aċċessibbli, kosteffettivi, reżiljenti, sostenibbli u affidabbli, kif ukoll li jitnaqqsu l-inugwaljanzi, inkluż permezz tal-isfruttament tal-potenzjal ippreżentat minn innovazzjonijiet xprunati mid-data u diġitali għal saħħa aħjar u żvilupp ta' kura ċċentrata madwar il-persuni li tibni fuq

infrastrutturi Ewropej tad-data miftuħin. Dan se javvanza t-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa u l-kura.

#### Linji *Mifruxa*

- Riformi fis-sistemi u l-politiki tas-saħħa pubblika fl-Ewropa u lil hinn minnha;
- Mudelli u approċi ġodda għas-saħħa u l-kura u t-trasferibbiltà jew l-adattament tagħhom minn pajjiż/reġjun wieħed għal ieħor;
- Titjib tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa;
- Evoluzzjoni tal-inugwaljanza fis-saħħa u *r-rispons* politiku effettiv;
- Il-forza tax-xogħol futura fil-qasam tas-saħħa u l-ħtiġijiet tagħha;
- Titjib tal-informazzjoni dwar is-saħħa *f'waqtha* u l-użu ta' data dwar is-saħħa, *inkluż rekords* elettroniċi tas-saħħa, bl-attenzjoni dovuta għas-sigurtà, il-privatezza, l-interoperabbiltà, l-istandards, il-kumparabbiltà u l-integrità;
- Ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa fl-assorbiment tal-impatt tal-kriżijiet u sabiex tiġi akkomodata l-innovazzjoni fixkiela;
- Soluzzjonijiet sabiex tissaħħaħ il-

infrastrutturi Ewropej tad-data miftuħin. Dan se javvanza t-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa u l-kura. *L-infrastruttura futura għandha sserraħ fuq ħażniet siguri, bħall-użu tal-5G, kundizzjonijiet għall-iżvilupp tal-IoT, kif ukoll ċentri tal-informatika ta' prestazzjoni għolja.*

#### Linji *Ġenerali*

- Riformi fis-sistemi u l-politiki tas-saħħa pubblika fl-Ewropa u lil hinn minnha;
- Mudelli u approċi ġodda għas-saħħa u l-kura u t-trasferibbiltà jew l-adattament tagħhom minn pajjiż/reġjun wieħed għal ieħor;
- Titjib tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa;
- Evoluzzjoni tal-inugwaljanza fis-saħħa u *rispons* politiku effettiv;
- Il-forza tax-xogħol futura fil-qasam tas-saħħa u l-ħtiġijiet tagħha;
- *Żvilupp ta' skemi ta' taħriġ speċjalizzat għall-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa, taħriġ u żvilupp ta' għarfien espert tekniku u metodi ġodda għall-integrizzjoni tal-innovazzjoni fis-saħħa elettronika;*
- Titjib *tat-tempestività u l-kwalità* tal-informazzjoni dwar is-saħħa, *kif ukoll l-infrastruttura għall-ġbir effettiv* u l-użu ta' data dwar is-saħħa, *inklużi r-rekords* elettroniċi tas-saħħa, bl-attenzjoni dovuta għas-sigurtà, il-privatezza, l-interoperabbiltà, l-istandards, il-kumparabbiltà u l-integrità; *l-informazzjoni dwar is-saħħa u l-użu ta' data dwar is-saħħa, inklużi r-rekords elettroniċi tas-saħħa, bl-attenzjoni dovuta għas-sigurtà, il-privatezza, l-interoperabbiltà, l-istandards, il-kumparabbiltà u l-integrità;*
- Ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa fl-assorbiment tal-impatt tal-kriżijiet u sabiex tiġi akkomodata l-innovazzjoni fixkiela;
- Soluzzjonijiet sabiex tissaħħaħ il-

pożizzjoni taċ-ċittadini u l-pazjenti, għall-awtomonitoraġġ u l-interazzjoni ma' professjonisti tal-kura tas-saħħa u soċjali, għal kura aktar integrata u approċċ aktar iċċentrat fuq l-utent;

– Data, informazzjoni, għarfien u l-aħjar prattiki mir-riċerka dwar is-sistemi tas-saħħa fil-livell tal-UE u globali.

pożizzjoni taċ-ċittadini u l-pazjenti, għall-awtomonitoraġġ u l-interazzjoni ma' professjonisti tal-kura tas-saħħa u soċjali, għal kura aktar integrata u approċċ aktar iċċentrat fuq l-utent;

– Data, informazzjoni, għarfien u l-aħjar prattiki mir-riċerka dwar is-sistemi tas-saħħa fil-livell tal-UE u **fil-livell** globali.

## Emenda 42

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. RAGGRUPPAMENT "SOĊJETÀ INKLUŻIVA U **SIGURA**"

*Emenda*

2. RAGGRUPPAMENT "SOĊJETÀ INKLUŻIVA U **KREATTIVA**"

## Emenda 43

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.1

*Test propost mill-Kummissjoni*

2.1. Raġunament

L-UE tirrappreżenta mod uniku ta' kombinazzjoni **tat-tkabbir** ekonomiku mal-politiki soċjali, b'livelli għolja ta' inklużjoni soċjali, valuri kondiviżi li jħaddnu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rikkezza tad-diversità. Dan il-mudell qed jevolvi b'mod kostanti u jrid jittratta l-isfidi minn fost affarijiet oħrajn, il-globalizzazzjoni u **l-bidla** teknoloġika. **L-Ewropa trid ukoll tirispondi għall-isfidi li jirriżultaw minn theddid għas-sigurtà persistenti. L-attakki terroristiċi u r-radikalizzazzjoni, kif ukoll l-attakki ċibernetiċi u t-theddida ibrida, iqajmu tħassib kbir dwar is-sigurtà u jpoġġu pressjoni partikolari fuq is-soċjetajiet tagħna.**

L-UE trid tippromwovi mudell ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli, filwaqt li taħsad il-

*Emenda*

2.1. Raġunament

L-UE tirrappreżenta mod uniku ta' kombinazzjoni **tal-prospertà, it-tkabbir** ekonomiku **u s-sostenibbiltà** mal-politiki soċjali, b'livelli għolja ta' inklużjoni soċjali, valuri kondiviżi li jħaddnu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rikkezza tad-diversità. Dan il-mudell qed jevolvi b'mod kostanti u jrid jittratta l-isfidi minn – fost affarijiet oħrajn – **id-diġitalizzazzjoni**, il-globalizzazzjoni u **l-evoluzzjoni** teknoloġika.

L-UE trid tippromwovi mudell ta' tkabbir inklużiv u sostenibbli, filwaqt li taħsad il-

benefiċċji tal-avvanzi teknoloġiċi, ittejjeb l-affidabbiltà fi u tippromwovi l-innovazzjoni tal-governanza demokratika, tiġġieled kontra l-inugwaljanzi, il-qgħad, **il-marġinalizzazzjoni**, id-diskriminazzjoni u r-radikalizzazzjoni, tiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem, trawwem id-diversità kulturali u l-patrimonju kulturali Ewropew u ttejjeb il-pożizzjoni taċ-ċittadini permezz tal-innovazzjoni soċjali. Il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti wkoll se jibqgħu kwistjonijiet ta' prijorità. Ir-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni fix-xjenzi soċjali u umanistiċi fit-trattament ta' dawn l-isfidi u l-ilħuq tal-għanijiet tal-UE huwa fundamentali.

benefiċċji tal-avvanzi teknoloġiċi, ittejjeb l-affidabbiltà fi u tippromwovi l-innovazzjoni tal-governanza demokratika, tiġġieled kontra l-inugwaljanzi, il-qgħad, **l-emarġinazzjoni**, id-diskriminazzjoni u r-radikalizzazzjoni, tiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem, trawwem id-diversità kulturali u l-patrimonju kulturali Ewropew u ttejjeb il-pożizzjoni taċ-ċittadini permezz tal-innovazzjoni soċjali. Il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti wkoll se jibqgħu kwistjonijiet ta' prijorità.

Ir-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni fix-xjenzi soċjali u umanistiċi **u fis-settur kulturali u kreattiv** fit-trattament ta' dawn l-isfidi u l-ilħuq tal-għanijiet tal-UE huwa fundamentali. **Minħabba l-ispettru wiesa', id-daqs u l-impatt tagħhom fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-lum, dawn is-setturi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ekonomija tagħna. Peress li l-interrelazzjonijiet bejn l-innovazzjoni soċjali u teknoloġika huma kumplessi, u rarament lineari, hemm bżonn aktar riċerka – inkluża riċerka transsettorjali u multidixxiplinari – fl-iżvilupp ta' kull tip ta' innovazzjoni, kif ukoll attivitajiet iffinanzjati biex jitħeġġeġ l-iżvilupp effettiv tagħha fil-futur.**

**Iċ-ċittadini Ewropej, l-istituzzjonijiet tal-istat u l-ekonomija jridu jkunu protetti mit-theddid kontinwu tal-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar tal-armi tan-nar, it-traffikar tad-droga u t-traffikar tal-bnedmin. It-tisħiħ tal-protezzjoni u s-sigurtà permezz ta' ġestjoni aħjar tal-fruntieri wkoll huwa ewlenin. Iċ-ċiberkriminalità qed tiżdied u r-riskji marbutin magħha qed jiddiversifikaw hekk kif l-ekonomija u s-soċjetà qed jiddiġitalizzaw. L-Ewropa trid tkompli ttejjeb l-isforzi tagħha biex ittejjeb iċ-ċibersigurtà, il-privatezza diġitali, il-protezzjoni tad-data personali u tiġġieled kontra it-tixrid ta' informazzjoni falza u**

*dannuża sabiex tissalvagwardja l-istabbiltà demokratika u ekonomika. Finalment, huma meħtieġa aktar sforzi sabiex jiġu limitati l-effetti fuq il-ħajjiet u l-għajxien tal-avvenimenti estremi tat-temp li qed jintensifikaw minħabba t-tibdil fil-klima, bħall-għargħar, il-maltempati jew in-nixfa li twassal għal nirien fil-foresti, id-degradazzjoni tal-art u diżastri naturali oħrajn, eż. it-terremoti. Id-diżastri, sew jekk naturali u sew jekk ikkawżati mill-bniedem, jistgħu jqiēghdu f'riskju funzjonijiet tas-soċjetà importanti, bħas-saħħa, il-provvista tal-enerġija u l-gvern.*

*Id-daqs, il-kumplessità u l-karattru transnazzjonali tal-isfidi jitolbu li tittieħed azzjoni tal-UE b'livelli multipli. L-indirizzar ta' kwistjonijiet soċjali, politiċi, kulturali u ekonomiċi kritiċi bħal dawn, kif ukoll sfidi tas-sigurtà, fil-livell nazzjonali biss iġarrab miegħu l-periklu ta' użu ineffiċjenti tar-riżorsi, approċċi frammentati u standards differenti tal-għarfien u l-kapaċità.*

*Ir-riċerka dwar is-sigurtà hija parti minn rispons komprensiv usa' tal-UE għat-theddid tas-sigurtà. Din tikkontribwixxi għall-proċess tal-iżvilupp tal-kapaċità billi tippermetti li d-disponibbiltà futura tat-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet tindirizza lakuni tal-kapaċità identifikati minn dawk li jfasslu l-politika u l-prattikanti. Il-finanzjament tar-riċerka permezz tal-programm qafas tal-UE diġà rrappreżenta madwar 50 % tal-finanzjament pubbliku totali għar-riċerka dwar is-sigurtà fl-UE. Se jsir użu sħiħ tal-istrumenti disponibbli, inkluż il-programm Spazjali Ewropew (Galileo u EGNOS, Copernicus, Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju u Komunikazzjonijiet Governattivi bis-Satellita). Jiġu mfittxija sinerġiji mal-attivitajiet appoġġati mir-riċerka dwar id-difża ffinanzjata mill-UE u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-finanzjament. Il-kollaborazzjoni transfruntiera tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' suq uniku tas-sigurtà Ewropew u ttejjeb il-*

***prestazzjoni industrijali, filwaqt li tirfed l-awtonomija tal-UE.***

L-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni f'din l-Isfida Globali, b'mod ġenerali, se jkunu allinjati mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni dwar il-Bidla Demokratika; Impjiegi, Tkabbir u Investiment; Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali; Migrazzjoni; Unjoni Monetarja Ewropea Aktar Profonda u Aktar Ġusta; Suq Uniku Diġitali. Se tirrispondi għall-impenn tal-Aġenda ta' Ruma sabiex taħdem lejn: "Ewropa soċjali" u "Unjoni li ***tippreserva*** l-patrimonju kulturali tagħna u tippromwovi d-diversità kulturali." Se tappoġġa wkoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ***u l-Patt Globali dwar migrazzjoni sikura, ordnata u regolari. Ir-riċerka dwar is-sigurtà tirrispondi għall-impenn tal-Aġenda ta' Ruma sabiex ikun hemm ħidma lejn "Ewropa sikura u sigura", li tikkontribwixxi għal Unjoni ta' Sigurtà ġenwina u effettiva. Se jiġu sfruttati s-sinerġiji mal-Programm tal-Ġustizzja u mal-Programm tad-Drittijiet u l-Valuri, li jappoġġa attivitajiet fil-qasam tal-aċċess għall-ġustizzja, id-drittijiet tal-vittmi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, in-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni tad-data u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea.***

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) li ġejjin, b'mod partikolari: SDG 1 – Daqshekk Faqar; SDG 4 – Edukazzjoni ta' Kwalità; SDG – Xogħol Diċenti u Tkabbir Ekonomiku; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; SDG 10 – Tnaqqis fl-Inugwaljanzi; SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 16 – Paċi, Ġustizzja u Istituzzjonijiet b'Saħħithom.

L-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni f'din l-Isfida Globali, b'mod ġenerali, se jkunu allinjati mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni dwar il-Bidla Demokratika; Impjiegi, Tkabbir u Investiment; Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali; Migrazzjoni; Unjoni Monetarja Ewropea Aktar Profonda u Aktar Ġusta; Suq Uniku Diġitali. Se tirrispondi għall-impenn tal-Aġenda ta' Ruma sabiex taħdem lejn: "Ewropa soċjali" u "Unjoni li ***tippreserva*** l-patrimonju kulturali tagħna u tippromwovi d-diversità kulturali." Se tappoġġa wkoll il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) li ġejjin, b'mod partikolari: SDG 1 – Daqshekk Faqar; SDG 4 – Edukazzjoni ta' Kwalità; ***SDG 5 – Ugwaljanza bejn is-Sessi; SDG 8 – Xogħol Diċenti u Tkabbir Ekonomiku; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; SDG 10 – Tnaqqis fl-Inugwaljanzi; SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 12 – Konsum u Produzzjoni Responsabbli; SDG 16 – Paċi, Ġustizzja u Istituzzjonijiet b'Saħħithom; SDG 17 – Sħubija għall-Għanijiet.***

## Emenda 44

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.1 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### Linji *Mifruxa*

– L-istorja, l-evoluzzjoni u l-effikaċja tad-demokraziji, flivelli differenti u f'forom differenti; l-aspetti tad-diġitalizzazzjoni u l-effetti tal-komunikazzjoni bin-networks soċjali u r-rwol **ta' politiki** tal-edukazzjoni **u ż-żghażaġh** bħala pedamenti taċ-ċittadinanza demokratika;

– Approċċi innovattivi biex jappoġġaw it-trasparenza, ir-rispons, l-effettività tar-responsabbiltà u l-leġittimità tal-governanza demokratika li jirrispettaw kompletament id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

– Strateġiji sabiex jiġu indirizzati l-populiżmu, l-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni, **it-terroriżmu** u sabiex jiġu inklużi u involuti **ċittadini** diżinteressati u **marġinalizzati**;

– Fehim aħjar tar-rwol tal-istandards ġurnalistiċi u l-kontenut iġġenerat mill-utenti f'soċjetà iperkonnessa u l-iżvilupp ta' għodod biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni;

– Ir-rwol ta' ċittadinanza u identitajiet multikulturali b'rabta maċ-ċittadinanza demokratika u l-involviment politiku;

– L-impatt ta' avvanzi teknoloġiċi u xjentifiċi, **inkluż il-big** data, in-networks

##### *Emenda*

##### Linji *Ġenerali*

– L-istorja, l-evoluzzjoni u l-effikaċja tad-demokraziji, flivelli differenti u f'forom differenti, **bħall-movimenti għad-djalogu fost il-kulturi, il-kooperazzjoni fost in-nazzjonijiet u l-paċi fost ir-reliġjonijiet**; l-aspetti tad-diġitalizzazzjoni, inkluż **il-litteriżmu medjatiku u diġitali** u l-effetti tal-komunikazzjoni bin-networks soċjali u r-rwol tal-edukazzjoni, **il-politiki taż-żghażaġh u l-parteciġazzjoni kulturali** bħala pedamenti taċ-ċittadinanza demokratika;

– Approċċi innovattivi biex jappoġġaw it-trasparenza, ir-rispons, l-effettività tar-responsabbiltà u l-leġittimità tal-governanza demokratika, **inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni**, li jirrispettaw kompletament id-drittijiet fundamentali **u tal-bniedem** u l-istat tad-dritt;

– **L-impatt tat-teknoloġiji fuq l-istili ta' ħajja u l-imġiba individwali**;

– Strateġiji sabiex jiġu indirizzati l-populiżmu, l-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni, **id-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u t-terroriżmu**, u sabiex jiġu inklużi u involuti **ċ-ċittadini** diżinteressati, **vulnerabbli** u **emarġinati**;

– **Approċċi ġodda biex tiġi indirizzata r-rabta bejn l-immigrazzjoni u l-ksenofobija, u l-kawżi tal-migrazzjoni**;

– Fehim aħjar tar-rwol tal-istandards ġurnalistiċi u l-kontenut iġġenerat mill-utenti f'soċjetà iperkonnessa u l-iżvilupp ta' għodod biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni;

– Ir-rwol ta' ċittadinanza u identitajiet multikulturali b'rabta maċ-ċittadinanza demokratika u l-involviment politiku;

– L-impatt ta' avvanzi teknoloġiċi u xjentifiċi, **inklużi l-big** data, in-networks



soċjali fuq il-web u l-intelliġenza artifiċjali *dwar* id-demokrazija;

- Demokrazija deliberattiva u *parteċipatorja* u ċittadinanza attiva u inklużiva, inkluża d-dimensjoni diġitali;
- L-impatt tal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali fuq il-parteċipazzjoni politika u d-demokraziji, li juru kif it-treġġiġh lura tal-inugwaljanzi u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni *inkluż is-sessi, jista' jsostni* d-demokrazija.

soċjali fuq il-web u l-intelliġenza artifiċjali, *fuq* id-demokrazija;

- Demokrazija deliberattiva u *parteċipattiva* u ċittadinanza attiva u inklużiva, inkluża d-dimensjoni diġitali;
- L-impatt tal-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali fuq il-parteċipazzjoni politika u d-demokraziji, li juru kif it-treġġiġh lura tal-inugwaljanzi u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, *anki sessista, jistgħu jsostnu* d-demokrazija;
- *Approċċi ġodda għad-diplomazija xjentifika.*

## Emenda 45

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2 – parti introdutturja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2.2.2. *Patrimonju Kulturali*

2.2.2. *Kultura u Kreattività*

## Emenda 46

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2.2.2. Patrimonju Kulturali

2.2.2. Patrimonju Kulturali

*Is-settur kulturali u kreattiv Ewropew jibni pontijiet bejn l-arti, il-kultura, in-negozju u t-teknoloġija. Barra minn hekk, speċjalment fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni, l-industriji kulturali u kreattivi (CCIs) għandhom rwol ewlieni fir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa, jixprunaw it-tkabbir u qegħdin f'pożizzjoni strateġika biex jiskattaw effetti indiretti innovattivi f'setturi industrijali oħra, bħat-turiżmu, il-bejgħ bl-imnut, it-teknoloġiji medjatiċi u diġitali u l-inġinerija. F'Orizzont Ewropa, il-kreattività u d-disinn se jkunu kwistjoni trasversali li se tiġi integrata f'i proġetti tul*

Il-patrimonju kulturali huwa ***minsuġ fil-ħajjiet tagħna, u għandu tifsira għall-komunitajiet***, il-gruppi u s-soċjetajiet, billi ***jagħti*** sens ta' appartenenza. Huwa l-pont bejn il-passat u l-futur tas-soċjetajiet tagħna. Huwa forza li tixpruna lill-ekonomiji lokali u sors b'saħħtu ta' ispirazzjoni ***għall-industriji kreattivi u kulturali***. L-aċċess, il-preservazzjoni, is-salvagwardja u r-restawr, l-interpretar u l-isfruttament tal-potenzjal sħiħ tal-patrimonju kulturali tagħna huma sfidi kruċjali kemm fil-preżent kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-patrimonju kulturali huwa input maġġuri u ispirazzjoni għall-arti, is-snajja' tradizzjonali, ***is-setturi kulturali, imprenditorjali u kreattivi*** li huma xprunaturi tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u l-kummerċ estern.

#### Linji ***Mifruxa***

- Studji u xjenzi tal-patrimonju, b'teknoloġiji mill-aktar avvanzati ***inkluż*** dawk diġitali;
- Aċċess għal u kondiviżjoni tal-patrimonju kulturali, b'xejriet u użi innovattivi u mudelli ta' ġestjoni ***parteċipatorji***;
- Il-konnessjoni tal-patrimonju kulturali ma' setturi kreattivi emerġenti;
- ***Il-kontribuzzjoni*** tal-patrimonju kulturali għall-iżvilupp sostenibbli permezz tal-konservazzjoni, is-salvagwardja u r-riġenerazzjoni ta' pajsaġġi kulturali, fejn l-UE hija laboratorju għall-innovazzjoni bbażata fuq il-patrimonju kulturali u t-turiżmu kulturali;
- Il-konservazzjoni, is-salvagwardja, it-titjib u r-restawr tal-patrimonju kulturali ***u l-lingwi*** bl-użu ta' teknoloġiji mill-aktar

***il-programm sabiex jingħata appoġġ lil teknoloġiji, mudelli kummerċjali u kompetenzi ġodda kif ukoll sabiex is-soluzzjonijiet kreattivi u interdixxiplinari jissarrfu f'valur ekonomiku u soċjali.***

Il-patrimonju kulturali huwa ***parti integrali mis-setturi kulturali u kreattivi. Il-patrimonju kulturali jirrappreżenta traċċi u espressjonijiet mill-passat li jagħtu tifsira attribwita lill-komunitajiet, li jużawh*** billi ***jagħtihom*** sens ta' appartenenza. Huwa l-pont bejn il-passat u l-futur tas-soċjetajiet tagħna. Huwa forza li tixpruna lill-ekonomiji lokali u sors b'saħħtu ta' ispirazzjoni ***għas-setturi kreattiv u kulturali***. L-aċċess, il-preservazzjoni, is-salvagwardja u r-restawr, l-interpretar u l-isfruttament tal-potenzjal sħiħ tal-patrimonju kulturali tagħna huma sfidi kruċjali kemm fil-preżent kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-patrimonju kulturali huwa input maġġuri u ispirazzjoni għall-arti, is-snajja' tradizzjonali ***u s-setturi kulturali, kreattivi u imprenditorjali***, li huma xprunaturi tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda u l-kummerċ estern.

#### Linji ***Ġenerali***

- Studji u xjenzi tal-patrimonju, b'teknoloġiji mill-aktar avvanzati ***inklużi*** dawk diġitali;
- Aċċess għal u kondiviżjoni tal-patrimonju kulturali ***u informazzjoni relatata***, b'xejriet u użi innovattivi u mudelli ta' ġestjoni ***parteċipattiva***;
- Il-konnessjoni tal-patrimonju kulturali ma' setturi kreattivi emerġenti;
- ***Il-kontribut*** tal-patrimonju kulturali għall-iżvilupp sostenibbli permezz tal-konservazzjoni, is-salvagwardja, ***l-iżvilupp*** u r-riġenerazzjoni ta' pajsaġġi kulturali, fejn l-UE hija laboratorju għall-innovazzjoni bbażata fuq il-patrimonju kulturali u t-turiżmu kulturali;
- Il-konservazzjoni, is-salvagwardja, it-titjib u r-restawr tal-patrimonju kulturali, ***il-lingwi u l-ħiliet u s-snajja' tradizzjonali***

avanzati *inkluż* dawk diġitali;

– *L-influwenza* tat-tradizzjonijiet, *it-tendenzi tal-imġiba*, il-perçeżżjonijiet u t-twemmin *dwar il-valuri u s-sens ta' appartenenza*.

bl-użu ta' teknoloġiji mill-aktar avanzati *inklużi* dawk diġitali;

– *L-importanza tal-pluraliżmu u d-diversità* fit-tradizzjonijiet, *id-drawwiet*, il-perçeżżjonijiet u t-twemmin *fir-rigward tal-valuri* fl-iżvilupp tal-komunitajiet;

– *Il-ħolqien ta' "Cloud Ewropew tal-Patrimonju Kulturali", spazju ta' kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni li jagħti aċċessibilità għall-patrimonju kulturali permezz ta' teknoloġiji ġodda, kif ukoll iħeġġeġ u jiffaċilita t-trażmissjoni tal-għarfien espert u l-ħiliet, filwaqt li jagħti l-opportunità li jitwaqqfu gruppi ta' ħidma u strutturi proġettwali individwali u jservi ta' kontroparti kulturali Ewropea għas-servizzi tal-cloud xprunati kummerċjalment. Dan ikun preċedut minn valutazzjoni tal-impatt.*

## Emenda 47

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### 2.2.3. Trasformazzjonijiet Soċjali u Ekonomiċi

Is-soċjetajiet Ewropej għaddejjin minn trasformazzjonijiet *soċjoekonomiċi* profondi, speċjalment b'riżultat tal-globalizzazzjoni u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi. Fl-istess waqt rajna żieda fl-inugwaljanza fid-dħul f'ħafna mill-pajjiżi Ewropej<sup>14</sup>. Huma meħtieġa politiki li jħarsu 'l quddiem, bil-ħsieb li jiġi promoss it-tkabbir inklużiv u jitreġġgħu lura l-inugwaljanzi, tingħata spinta lill-produttività (inkluż l-avvanzi fil-kejl tagħha) u lill-kapital uman, jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mill-migrazzjoni u l-integrazzjoni u jiġu appoġġati s-solidarjetà interġenerazzjonali *u l-mobbiltà* soċjali. Huma meħtieġa sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ għal futur aktar *ekwitabbli* u ta'

##### *Emenda*

#### 2.2.3. Trasformazzjonijiet Soċjali, *Kulturali* u Ekonomiċi

Is-soċjetajiet Ewropej għaddejjin minn trasformazzjonijiet *soċjali, kulturali u ekonomiċi* profondi, speċjalment b'riżultat tal-globalizzazzjoni u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi. Fl-istess waqt rajna żieda fl-inugwaljanza fid-dħul f'ħafna mill-pajjiżi Ewropej<sup>14</sup>. Huma meħtieġa politiki li jħarsu 'l quddiem, bil-ħsieb li jiġi promoss it-tkabbir inklużiv u jitreġġgħu lura l-inugwaljanzi, tingħata spinta lill-produttività (inkluż l-avvanzi fil-kejl tagħha) u lill-kapital uman, *jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol taċ-ċittadini*, jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati mill-migrazzjoni u l-integrazzjoni u jiġu appoġġati s-solidarjetà interġenerazzjonali, *il-mobbiltà* soċjali *u l-integrazzjoni kulturali*. Huma meħtieġa

prosperità.

### Linji *Mifruxa*

– Bażi tal-għarfien għal pariri dwar l-investimenti u l-politiki speċjalment dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, għal ħliet b'valur miżjud għoli, produttività, mobbiltà soċjali, tkabbir, innovazzjoni soċjali u holiqien tal-impjeggi. Ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-indirizzar tal-inugwaljanzi;

– Is-sostenibbiltà soċjali lil hinn mill-indikaturi tal-PDG biss, speċjalment mudelli ġodda **ekonomiċi u tan-negozju u teknoloġiji** finanzjarji **ġodda**;

– Għodod **tal-istatistika** u ekonomiċi oħrajn għal fehim aħjar tat-tkabbir u l-innovazzjoni f'kuntest ta' gwadanji ta' produttività kajmani;

– Tipi ġodda ta' xogħol, ir-rwol tax-xogħol, tendenzi u bidliet fis-swieq tax-xogħol u introjtu fis-soċjetajiet kontemporanji, u l-impatti tagħhom fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu, in-nondiskriminazzjoni **inkluż** l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-inklużjoni soċjali;

– Sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji flimkien ma' politiki ta' sigurtà soċjali u investment soċjali bil-ħsieb li l-inugwaljanzi **jiġu mregġġhin lura** u l-impatti negattivi tat-teknoloġija, **id-demografika** u d-diversità **jiġu indirizzati**;

– Il-mobbiltà tal-bniedem fil-kuntesti

sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ **aċċessibbli, inklużivi, innovattivi u ta' kwalità għolja** għal futur aktar **ekwu** u ta' prosperità.

### Linji *Ġenerali*

– Bażi tal-għarfien għal pariri dwar l-investimenti u l-politiki speċjalment dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, għal ħliet b'valur miżjud għoli, produttività, mobbiltà soċjali, tkabbir, innovazzjoni soċjali u holiqien tal-impjeggi. Ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-indirizzar tal-inugwaljanzi;

– **Riċerka xjentifika trażversali li tgħaqqad flimkien l-impatt ekonomiku kulturali u soċjali tal-bidla teknoloġika**;

– Is-sostenibbiltà soċjali lil hinn mill-indikaturi tal-PDG biss, speċjalment mudelli **ekonomiċi u kummerċjali** ġodda, **bħall-ekonomija** soċjali u **t-teknoloġiji** finanzjarji **l-ġodda**;

– Għodod **statistiċi u għodod** ekonomiċi **u kwantitattivi** oħrajn għal fehim aħjar tat-tkabbir u l-innovazzjoni f'kuntest ta' gwadanji ta' produttività kajmani;

– Tipi ġodda ta' xogħol, ir-rwol tax-xogħol, tendenzi u bidliet fis-swieq tax-xogħol u introjtu fis-soċjetajiet kontemporanji, u l-impatti tagħhom fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu, in-nondiskriminazzjoni – **inkluża** l-ugwaljanza bejn is-sessi – u l-inklużjoni soċjali;

– Sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji flimkien ma' politiki ta' sigurtà soċjali u investment soċjali bil-ħsieb li **jitregġġghu lura** l-inugwaljanzi u **jiġu indirizzati** l-impatti negattivi tat-teknoloġija, **id-demografija** u d-diversità;

– **Strateġiji li jindirizzaw it-tibdil demografiku, l-urbanizzazzjoni fil-konfront tal-migrazzjoni miż-żoni rurali, l-indirizzar tal-esklużjoni soċjoekonomika u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali, inkluż bl-użu ta' teknoloġija mill-aktar avvanzata u soluzzjonijiet diġitali**;

– Il-mobbiltà tal-bniedem fil-kuntesti

globali u lokali għal governanza aħjar tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti **inkluż ir-refuġjati**; rispett tal-impenji internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem; aċċess akbar u **mettejjeb** għal edukazzjoni, taħriġ u servizzi ta' appoġġ ta' kwalità, u ċittadinanza inklużiva, b'mod speċjali **għall-vulnerabbli**;

– Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex tittrawwem u jsir l-aħjar użu tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE, anki sabiex jiġu ġestiti r-riskji li jirriżultaw mill-interkonnnettività globali u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi, speċjalment riskji emerġenti online, tħassib ta' etika, inugwaljanzi soċjoekonomiċi u bidliet radikali fis-swieq;

– Il-modernizzazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex jintlaħqu l-aspettattivi taċ-ċittadini fir-rigward tal-forniment tas-servizz, it-trasparenza, l-aċċessibbiltà, il-ftuħ, l-affidabbiltà u l-fokus fuq l-utenti.

– L-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja u aċċess imtejjeb għall-ġustizzja bbażat fuq indipendenza ġudizzjarja u l-prinċipji tal-istat tad-dritt, b'metodi proċedurali ġusti, effiċjenti u trasparenti kemm fi kwistjonijiet ċivili kif ukoll dawk kriminali.

---

<sup>14</sup> Il-Fehim tad-Diviżjoni Soċjoekonomika fl-Ewropa, OECD, is-26 ta' Jannar 2017.

globali u lokali għal governanza aħjar tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti, **inklużi r-rifuġjati**; rispett tal-impenji internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem; aċċess akbar u **aħjar** għal edukazzjoni, taħriġ u servizzi ta' appoġġ ta' kwalità, u ċittadinanza inklużiva, b'mod speċjali **għall-persuni** vulnerabbli;

– Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex tittrawwem u jsir l-aħjar użu tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE, anki sabiex jiġu ġestiti r-riskji li jirriżultaw mill-interkonnnettività globali u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi, speċjalment riskji emerġenti online, tħassib ta' etika, inugwaljanzi soċjoekonomiċi u bidliet radikali fis-swieq;

– Il-modernizzazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex jintlaħqu l-aspettattivi **u l-ħtiġijiet** taċ-ċittadini fir-rigward tal-forniment tas-servizz, it-trasparenza, l-aċċessibbiltà, il-ftuħ, l-affidabbiltà u l-fokus fuq l-utenti;

– L-effiċjenza tas-sistemi tal-ġustizzja u aċċess imtejjeb għall-ġustizzja bbażat fuq indipendenza ġudizzjarja u l-prinċipji tal-istat tad-dritt, b'metodi proċedurali ġusti, effiċjenti, **aċċessibbli** u trasparenti kemm fi kwistjonijiet ċivili kif ukoll dawk kriminali.

- **L-identifikazzjoni tad-differenzi eżistenti u emerġenti bejn is-sessi u l-ħtiġijiet marbutin mat-trasformazzjonijiet globali, kif ukoll l-iżvilupp ta' metodi innovattivi biex jiġu indirizzati l-istereotipi tas-sessi u l-preġudizzji relatati.**

---

<sup>14</sup> Il-Fehim tad-Diviżjoni Soċjoekonomika fl-Ewropa, OECD, is-26 ta' Jannar 2017.

## Emenda 48

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4

2.2.4. **Soċjetajiet Reżiljenti għad-Diżastri**

*Id-diżastri jirriżultaw minn diversi sorsi, sew naturali u sew jekk magħmulin mill-bniedem, inkluż dawk minn attacchi terroristiċi, marbutin mal-klima u avvenimenti estremi oħrajn (inkluż żieda fil-livell tal-baħar), minn nirien fil-foresti, mewġ tas-sħana, għargħar, terremoti, tsunamis u avvenimenti vulkaniċi, minn kriżijiet tal-ilma, minn avvenimenti tat-temp mill-ispazju, minn diżastri industrijali u tat-trasport, minn avvenimenti CBRN, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn riskji kaskata. L-għan huwa l-prevenzjoni u t-tnaqqis fit-telf tal-ħajjiet, id-dannu għas-saħħa u d-dannu ambjentali, ekonomiku u materjali mid-diżastri, tkun żgurata s-sigurtà alimentari kif ukoll sabiex jittejjeb il-fehim u t-tnaqqis ta' riskji ta' diżastru u t-tagħlim ta' lezzjonijiet wara li jkun hemm diżastru.*

**Linji Mifruxa**

- *Teknoloġiji u kapaċitajiet għal persuni li jagħmlu l-ewwel intervent ta' operazzjonijiet ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u diżastru;*
- *Il-kapaċitajiet tas-soċjetà sabiex tiġġestixxi aħjar u tnaqqas ir-riskju ta' diżastru, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura, permezz tat-titjib tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal riskji eżistenti u ġodda*

2.2.4. **Xjenzi soċjali u umanistiċi**

*Ir-riċerka fix-xjenzi soċjali u umanistiċi għandha tiġi integrata f'kull waħda mill-prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa, partikolarment biex jingħata kontribut għall-bażi ta' evidenza fit-tfassil tal-politika fil-livell internazzjonali, tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali. Minbarra din l-integrazzjoni, anki l-għajnuna speċifika li għandha tingħata tul dawn il-linji ġenerali li ġejjin tappoġġa t-tfassil tal-politika.*

**Linji Ġenerali**

– *L-interoperabbiltà tat-tagħmir u proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera u suq tal-UE integrat.*

- *Analiżi u żvilupp tal-inklużjoni soċjali, ekonomika u politika u d-dinamika interkulturali pożittiva fl-Ewropa u mas-sħab internazzjonali;*

- *Għarfien akbar tal-bidliet soċjali fl-Ewropa u l-impatt tagħhom;*

- *L-indirizzar tal-isfidi ewlenin fir-rigward tal-mudelli Ewropej għall-koeżjoni soċjali, l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni, it-tibdil demografiku, it-tixjiħ, l-edukazzjoni, il-faqar u l-esklużjoni soċjali;*

- *Appoġġ lil riċerka għal aktar għarfien dwar l-identità u l-appartenenza għall-komunitajiet, ir-reġjuni u n-nazzjonijiet.*

## Emenda 49

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

#### 2.2.5. *Protezzjoni u Sigurtà*

*imħassar*

*Hemm ħtieġa biex iċ-ċittadini jiġu protetti minn u jwieġbu għat-theddid ta' sigurtà minn attivitajiet kriminali inkluż dawk terroristiċi u theddidiet ibridi; sabiex jiġu protetti l-persuni, l-ispażji pubbliċi u l-infrastruttura kritika, kemm minn attakki fiżiċi (inklużi CBRN-E) kif ukoll dawk ċibernetiċi; sabiex jiġu miġġielda t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, inkluż il-fehim u l-indirizzar ta' ideat u twemmin terroristiċi; sabiex tiġi pprevenuta u miġġielda l-kriminalità serja, inkluż ċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità organizzata; sabiex jiġu appoġġati l-vittmi; sabiex jiġu ntraċċati l-flussi finanzjarji kriminali; sabiex jiġi appoġġat l-użu tad-data għall-infurzar tal-liġi u biex tkun żgurata l-protezzjoni ta' data*

*personali fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi; sabiex tiġi appoġġata l-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE mill-ajru, mill-baħar u fuq l-art, għall-fluss tal-persuni u l-oġġetti. Huwa essenzjali li tinżamm il-flessibbiltà b'mod rapidu sabiex jiġu indirizzati sfidi ġodda tas-sigurtà li jistgħu jimmaterjalizzaw.*

#### *Linji Mifruxa*

- *Approċċi u teknoloġiji innovattivi għall-prattikanti tas-sigurtà (bħall-korpi tal-pulizija, il-gwardji tal-fruntieri u l-kosta, l-uffiċċji tad-dwana), Prattikanti tas-saħħa pubblika, operaturi tal-infrastruttura u dawk li jiġġestixxu l-ispazji miftuħin;*
- *Dimensjonijiet umani u soċjali tal-kriminalità u radikalizzazzjoni vjolenti, b'rabta ma' dawk involuti jew potenzjalment involuti f'imġiba bħal din, kif ukoll dawk milqutin jew potenzjalment milqutin;*
- *Il-mod kif jaħsbuha ċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u l-industrija sabiex jiġi pprevenut il-ħolqien ta' riskji tas-sigurtà ġodda u sabiex jitnaqqsu r-riskji eżistenti, inkluż dawk li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda bħall-Intelliġenza Artifiċjali;*
- *Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz b'implikazzjonijiet għas-sigurtà;*
- *L-interoperabbiltà tat-tagħmir u l-proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera u bejn l-aġenziji u jiġi żviluppat suq tal-UE.*
- *L-iżgurar tal-protezzjoni ta' data personali fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi.*

#### **Emenda 50**

##### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.6**



### 2.2.6. Ċibersigurtà

*imħassar*

*L-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi mhux biss jheddu l-ekonomiji tagħna, iżda jheddu wkoll il-proprju funzjonament tad-demokraziji tagħna, il-libertajiet tagħna u l-valuri tagħna. It-theddid ċibernetiku ħafna drabi jkun kriminali, motivat mill-profitt, iżda jista' jkun ukoll politiku u strateġiku. Is-sigurtà u l-prosperità futuri tagħna jiddependu fuq it-titjib tal-abbiltà tagħna li niproteġu lill-UE minn theddid ċibernetiku. It-trasformazzjoni diġitali tirrikjedi t-titjib sostanzjali ta' ċibersigurtà, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-għadd enormi ta' apparat IoT mistenni li jiġi konness mal-internet, inkluż dawk li jikkontrollaw il-grilji tal-elettriku, in-networks tal-karozzi u t-trasport, l-isptarijiet, il-finanzi, l-istituzzjonijiet pubbliċi, il-fabbriki u d-djar.*

#### *Linji Mifruxa*

- *Teknoloġiji tul il-katina tal-valur diġitali (minn komponenti siguri sal-kriptografija u software awtoriparatorju u networks);*
- *Teknoloġiji sabiex jiġi indirizzat it-theddid eżistenti ta' ċibersigurtà, l-antiċipazzjoni ta' bżonnijiet futuri, u ż-żamma ta' industrija kompetittiva;*
- *Network Ewropew ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà u ċentru ta' kompetenza.*

### Emenda 51

#### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 2a (ġdid)

### **2a. RAGGRUPPAMENT "SOĊJETÀ SIGURA"**

#### **2a.1 Raġunament**

*F'kuntest ta' trasformazzjonijiet u interdipendenzi u theddid globali dejjem akbar, riċerka u innovazzjoni li jiżguraw is-sigurtà tal-Ewropa huma tal-akbar importanza.*

*Minkejja l-fatt li l-Ewropa hija ħielsa minn aggressjonijiet militari fuq skala kbira, hemm bżonn jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minn theddid ġdid għas-sigurtà. L-attakki terroristiċi ta' tipi differenti, ir-radikalizzazzjoni vjolenti, kif ukoll l-attakki ċibernetiċi u t-theddid ibridu, iqajmu tħassib kbir dwar is-sigurtà u jpoġġu pressjoni partikolari fuq is-soċjetà. L-UE għandha tindirizza dawn l-isfidi u tiżgura s-sikurezza pubblika filwaqt li tippreserva l-libertà individwali u d-drittijiet fundamentali.*

*Ir-riċerka dwar is-sigurtà hija parti mill-isforzi usa' tal-UE biex tingħeleb din u sfidi oħrajn. Hija tikkontribwixxi għall-proċess tal-iżvilupp tal-kapaċità billi tippermetti d-disponibbiltà ta' teknoloġiji, soluzzjonijiet u applikazzjonijiet sabiex fil-futur jiġu indirizzati l-lakuni identifikati minn dawk li jfasslu l-politika u mill-utenti aħħarin, speċjalment l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Tali riċerka u innovazzjoni tirrispondi għall-impenn tal-Aġenda ta' Ruma sabiex ikun hemm ħidma lejn "Ewropa sikura u sigura", li tikkontribwixxi għal Unjoni ta' Sigurtà. Se jiġu sfruttati s-sinerġiji mal-Programm dwar il-Ġustizzja u l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri, li jappoġġaw attivitajiet fil-qasam tal-aċċess għall-ġustizzja, id-drittijiet tal-vittmi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, in-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni tad-data u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea.*

*Se jsir użu sħiħ mill-istrumenti disponibbli, inkluż il-programm Spazjali Ewropew (Galileo u EGNOS, Copernicus, Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju u Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita).*

*L-Ewropa jeħtieġ tkompli bl-isforzi*

*tagħha fir-riċerka u l-innovazzjoni biex ittejjeb iċ-ċibersigurtà, il-privatezza diġitali, il-protezzjoni tad-data personali u tiġġieled kontra t-tixrid ta' informazzjoni falza u dannuża sabiex tissalvagwardja l-istabbiltà demokratika u ekonomika. It-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni vjolenti, il-vjolenza għal raġunijiet ideoloġiċi, it-traffikar ta' beni kulturali, l-attakki ċibernetiċi, il-kriminalità organizzata, l-evitar tat-taxxa, ir-reati ambjentali u d-diżastri huma xi eżempji ta' oqsma li għandhom jiġu indirizzati fil-qafas ta' dan ir-raggruppament.*

*Sabiex jiġu antiċipati, evitati u mmaniġġjati r-riskji u t-theddid, ma hemmx bżonn biss impenn favur ir-riċerka iżda hemm bżonn ukoll li jiġu żviluppati u applikati teknoloġiji innovattivi, soluzzjonijiet, għodod ta' tbassir u għarfien, tiġi stimulata l-kooperazzjoni bejn il-fornituri u l-utenti pubbliċi, jinstabu soluzzjonijiet u jiġi evitat u miġġieled l-abbuż tal-privatezza u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-Internet, filwaqt li jiġu żgurati d-drittijiet individwali u l-libertà taċ-ċittadini Ewropej.*

*Sabiex tiżdied il-komplementarjetà fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-awtoritajiet tas-sigurtà pubblika għandhom jissaħħu bi sforzi ta' skambju u kooperazzjoni multilaterali u internazzjonali. L-awtoritajiet tas-sigurtà pubblika għandhom jiġu mħeġġa jipparteċipaw fl-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE biex ikabbru l-kapaċitajiet kooperattivi u komunikattivi tagħhom fil-livelli kollha xierqa, jikkondividu data, jibbenefikaw minn standards komuni fit-teknoloġiji, il-proċeduri u t-tagħmir u jieħdu vantaġġ minn riżultati aġġornati fl-għarfien espert fit-taħriġ u x-xjenzi relatati mal-kriminalità.*

*Barra minn hekk, għandhom jiġu żviluppati forom ta' akkwist biex jingħata appoġġ lill-prototipi u jiġu ffaċilitati l-ittestjar u l-akkwiżizzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi qabel it-tqegħid fis-suq min-*

*naħa tal-entitajiet pubbliċi.*

*L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) li ġejjin, b'mod partikolari: SDG 1 – Daqshekk Faqar; SDG 4 – Edukazzjoni ta' Kwalità; SDG 8 – Xogħol Diċenti u Tkabbir Ekonomiku; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; SDG 10 – Tnaqqis fl-Inugwaljanzi; SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 16 – Paċi, Ġustizzja u Istituzzjonijiet b'Saħħithom.*

*2a.2 Oqsma ta' Intervent*

*2a.2.1 Kriminalità Organizzata; Terroriżmu, Estremiżmu, Radikalizzazzjoni u Vjolenza għal Raġunijiet Ideoloġiċi*

*Il-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, l-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni vjolenti u l-vjolenza għal raġunijiet ideoloġiċi jikkawżaw riskji kbar għaċ-ċittadini kif ukoll għas-soċjetà, l-ekonomija u l-istabbiltà demokratika tal-Ewropa. L-awturi tar-reati jvarjaw minn atturi individwali għal strutturi kriminali organizzati ħafna, li joperaw anke internazzjonalment. Ir-riċerka u l-innovazzjoni – inkluż fl-istudji umanistiċi – kif ukoll it-teknoloġiji, huma meħtieġa biex jiġu identifikati, evitati u indirizzati l-attivitajiet u l-kawżi tagħhom.*

*Linji Ġenerali*

*- Dimensjonijiet umani u soċjali tal-kriminalità u radikalizzazzjoni vjolenti, b'rabta ma' dawk involuti jew potenzjalment involuti f'imġiba bħal din, kif ukoll dawk milqutin jew potenzjalment milqutin;*

*- Approċċi u teknoloġiji innovattivi għall-utenti aħħarin tas-sigurtà, speċjalment l-awtoritajiet tas-sigurtà pubblika;*

*- Teknoloġiji u standards ta' operazzjoni għall-protezzjoni tal-infrastruttura u l-ispazji pubbliċi u miftuħa;*

*- Tħassir, detezzjoni, prevenzjoni, u protezzjoni minn attentati u awturi ta'*

*reati serji u organizzati, radikalizzazzjoni għal raġunijiet ideoloġiċi, vjolenza u terroriżmu, inkluż appoġġ għall-vittmi;*

#### *2a.2.2 Ġestjoni tal-Protezzjoni tal-Fruntieri*

*Sabiex jittejbu s-sikurezza u s-sigurtà fl-UE hemm bżonn riċerka u innovazzjoni li ssaħħaħ il-kapaċità fil-protezzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Dan jinkludi r-rikonjizzjoni u s-sorveljanza taż-żona (arja, art, baħar), kooperazzjoni stabbli u skambju ta' data ma' awtoritajiet barranin, inklużi kapaċitajiet ta' interoperabbiltà maċ-ċentri lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali tal-kontroll u l-komunikazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet għall-protezzjoni tal-fruntieri, ir-rispons għall-inċidenti, id-detezzjoni tar-riskji u l-prevenzjoni tal-kriminalità. Għandha tiġi inkluża wkoll riċerka dwar il-monitoraġġ permezz tat-tbassir, l-applikazzjonijiet ta' twissija bikrija bbażati fuq l-algoritmi u t-teknoloġiji ta' sorveljanza awtomatizzati li jużaw tipi differenti ta' sensuri, filwaqt li tingħata attenzjoni għad-drittijiet fundamentali. Filwaqt li ssir evalwazzjoni tal-impatt u l-potenzjal tagħhom fit-tisħiħ tal-isforzi u s-soluzzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà, it-teknoloġiji u t-tagħmir għandhom jikkontribwixxu għall-integrità tal-persuni li jkunu qed joqorbu lejn il-fruntieri esterni, speċjalment bl-art u bil-baħar.*

*Ir-riċerka għandha tappoġġa wkoll it-titjib tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej, inkluż permezz ta' aktar kooperazzjoni mal-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi kandidati potenzjali u l-pajjiżi tal-Politika tal-Viċinat tal-UE. Dan se jkompli jgħin fl-isforzi tal-UE fil-ġestjoni tal-migrazzjoni.*

#### *Linji Ġenerali*

*– Identifikazzjoni ta' dokumenti foloz jew manipulati;*

*– Detezzjoni ta' trasport/traffikar illegali ta' persuni u merkanzija;*

- *Tkabbir tal-kapaċitajiet ta' rispons b'rabta ma' inċidenti fil-fruntieri;*
- *Il-modernizzazzjoni ta' tagħmir ta' rikonjizzjoni u sorveljanza tal-fruntieri mill-ajru;*
- *Titjib fil-kooperazzjoni diretta tal-awtoritajiet tas-sigurtà taż-żewġ naħat, fiż-żona tal-fruntiera rispettiva, permezz ta' miżuri tranfruntiera biex tkun assicurata s-sorveljanza kontinwa ta' trasgressuri u persuni suspettati.*

### *2a.2.3 Ċibersigurtà, Privatezza, Protezzjoni tad-Data*

*L-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi u ostili jheddu s-soċjetajiet u ċ-ċittadini tagħna, il-funzjonament stabbli u sigur tal-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-ekonomiji kif ukoll il-funzjonament innifsu tal-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Ewropa, il-libertajiet u l-valuri tagħna. Diġà sehew inċidenti li jinvolvu istituzzjonijiet pubbliċi u dawn x'aktarx jiżdedu minħabba l-integrazzjoni ulterjuri ta' applikazzjonijiet diġitali u taċ-ċibersigurtà fi proċeduri amministrattivi u ekonomiċi kif ukoll fl-użu privat u individwali.*

*Iċ-ċiberkriminalità qed tiżdied u r-riskji relatati qed isiru aktar diversifikati hekk kif l-ekonomija u s-soċjetà qed isiru aktar diġitalizzati. L-Ewropa jeħtieġ tkompli ttejjeb l-isforzi tagħha biex ittejjeb iċ-ċibersigurtà, il-privatezza diġitali, il-protezzjoni tad-data personali u tiġġieled it-tixrid ta' informazzjoni falza u dannuża sabiex tissalvagwardja l-istabbiltà demokratika u ekonomika.*

*Is-sigurtà u l-prosperità fil-ġejjieni jiddependu fuq it-titjib tal-kapaċitajiet għall-protezzjoni tal-UE kontra theddidiet bħal dawn, kif ukoll għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-ġlieda fil-konfront ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, li sikwit jirrikjedu kooperazzjoni transfruntiera rapida u mill-qrib. It-trasformazzjoni diġitali, b'mod speċjali, tirrikjedi titjib sostanzjali fiċ-ċibersigurtà, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-għadd enormi ta'*

*apparat tal-IoT li mistenni jkun konness mal-internet. L-Ewropa għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura r-reżiljenza għall-attakki ċibernetiċi u tippromwovi deterrent effettiv.*

### *Linji Ġenerali*

- Il-ġlieda kontra diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz b'implikazzjonijiet għas-sigurtà, inkluża l-protezzjoni tar-reġistrazzjoni elettorali u s-sistemi ta' evalwazzjoni/għadd u komunikazzjoni (sigurtà elettorali); l-iżvilupp ta' kapaċitajiet biex jiġu identifikati s-sorsi ta' kwalunkwe manipulazzjoni, filwaqt li jiġu ppreservati l-libertà tal-kelma u l-aċċess għall-informazzjoni.*
- Iż-żieda fit-teknoloġiji ta' detezzjoni, prevenzjoni, difiża u rispons;*
- It-tisħiħ tal-ħiliet tal-awtoritajiet pubbliċi fid-deċifrar u d-dekriptazzjoni tal-attakki ċibernetiċi;*
- Teknoloġiji ta' detezzjoni u sorveljanza ta' metodi illeċiti ta' ħlas elettroniku u flussi finanzjarji;*
- Jiżdiedu l-ħiliet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-awtoritajiet responsabbli, speċjalment l-Europol, iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni;*
- L-iżgurar tal-protezzjoni tad-data personali fl-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi rapidi;*
- Teknoloġiji tul il-katina tal-valur diġitali (minn komponenti siguri sa kriptografija, teknoloġiji tar-reġistru distribwit, sigurtà bbażata fuq l-imġiba u software u networks reżiljenti u awtoriparatorji);*
- Teknoloġiji, metodi u l-aħjar Prattiki għall-indirizzar, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u l-irkupru mit-theddid għaċ-ċibersigurtà, l-antiċipazzjoni ta' bżonnijiet futuri, u ż-żamma ta' industrija kompetittiva b'livell għoli ta'*

*disponibbiltà, inkluż titjib fl-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji għaċ-ċibersigurtà u l-konsegwenzi;*

*– Titjib fil-protezzjoni tad-data personali bil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet faċli biex jintużaw għal apparat użat miċ-ċittadini u l-konsumaturi;*

*– Żvilupp sigur tas-software u l-hardware u faċilitajiet ta' ttestjar tas-sigurtà tas-software u l-hardware;*

#### *2a.2.4 Protezzjoni tal-Infrastrutturi Kritiċi u Titjib fir-Rispons għad-Diżastri*

*Teknoloġiji, proċessi, metodi u kapaċitajiet dedikati ġodda se jgħinu fil-protezzjoni ta' infrastrutturi – inklużi infrastrutturi elettroniċi – sistemi u servizzi kritiċi li huma essenzjali għall-funzjonament korrett tas-soċjetà u l-ekonomija, inklużi l-komunikazzjonijiet, it-trasport, il-finanzi, is-saħħa, l-ikel, l-ilma, l-enerġija, il-loġistika u l-katina tal-provvista, u l-ambjent.*

*Id-diżastri jistgħu jiġu minn bosta sorsi, u jistgħu jkunu naturali, magħmula mill-bniedem jew jirriżultaw minn riskji kaskata. Hemm bżonn aktar sforzi sabiex jiġu limitati l-effetti fuq il-ħajja u l-għajxien. L-għan hu li tiġi evitata u titnaqqas il-ħsara għas-saħħa u l-ambjent, kif ukoll il-ħsara ekonomika u materjali, u li tiġi żgurata l-provvista tal-ikel u l-mediċini, is-sigurtà u l-mezzi ta' komunikazzjoni bażiċi.*

#### *Linji Ġenerali*

*– Teknoloġiji u kapaċitajiet għall-persuni li jagħtu l-ewwel għajjnuna f'operazzjonijiet ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u diżastru, inklużi r-rispons għad-diżastri għall-vittmi u s-sistemi ta' twissija bikrija;*

*– Kapaċitajiet għas-soċjetà sabiex timmaniġġja aħjar u tnaqqas ir-riskju ta' diżastri, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-għarfien espert tal-komunità, permezz tat-tisħiħ tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal riskji eżistenti u ġodda, it-titjib tar-*



*reżiljenza ta' dawn l-infrastrutturi kollha, inkluż permezz ta' strutturi istituzzjonali, politiċi u ta' governanza reżiljenti għad-diżastri;*

*– Tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' rilokazzjoni ta' tagħmir, vetturi, provvisti u persunal tat-tifx u s-salvataġġ;*

*– Teknoloġiji, tagħmir u proċeduri li jipprevjenu t-tifqigħa ta' pandemiji jew jillimitaw it-tixrid tagħhom;*

*– It-titjib ta' sistemi ta' twissija pubblika fuq diversi livelli, speċjalment b'attenzjoni għall-persuni vulnerabbli;*

*– It-titjib tad-disponibilità ta' vetturi speċjalizzati tal-ajru u tal-art biex jikkumbattu n-nirien fuq skala kbira u fil-foresti kif ukoll it-titjib fil-varar rapidu tagħhom.*

#### *2a.2.5 Piraterija u Falsifikazzjoni ta' Prodotti*

*Il-ġlieda kontra l-piraterija u l-falsifikazzjoni tal-prodotti tibqa' ta' tħassib serju għall-ekonomija, is-settur kulturali u kreattiv u ċ-ċittadini Ewropej. Dawn l-attivitajiet illeċiti jikkawżaw telf kbir f'taxxi, dħul u introjtu personali, u jpoġġu f'riskju l-impjiegi fl-Ewropa.*

*Prodotti difettużi jimplikaw riskji li jikkawżaw ħsara lill-persuni u lill-proprjetà. Jeħtieġ li dawn l-impatti jiġu indirizzati u li jinstabu soluzzjonijiet biex tiġi indirizzata l-piraterija u l-falsifikazzjoni tal-prodotti kif ukoll biex l-awtoritajiet pubbliċi xierqa jissaħħu sabiex, permezz tal-kooperazzjoni, jiġu evitati, identifikati, investigati u miġġielda dawn ir-reati u attivitajiet illegali relatati.*

*Għandhom jiġu inklużi sforzi biex titrawwem il-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali.*

#### *Linji Ġenerali*

*– Il-promozzjoni ta' tekniki għall-identifikazzjoni tal-prodotti;*

*– Titjib fil-protezzjoni ta' parts u merkanzija oriġinali;*

– *Teknoloġiji li jikkontrollaw il-prodotti ttrasportati (f'ħin reali) u skambju ta' data bejn il-produtturi, it-trasportaturi, l-awtoritajiet tad-dwana u d-destinatarji.*

*2a.2.6 Appoġġ għall-politiki tas-sigurtà esterna tal-Unjoni permezz tal-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi*

*Hemm bżonn riċerka, teknoloġiji ġodda, kapaċitajiet u soluzzjonijiet b'apoġġ għall-politiki tas-sigurtà esterna tal-Unjoni f'kompiti ċivili, li jvarjaw mill-protezzjoni ċivili għall-għajnuna umanitarja, il-ġestjoni tal-fruntieri jew iż-żamma tal-paċi u l-istabbilizzazzjoni wara l-kriżi, inklużi l-prevenzjoni tal-konflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi u l-medjazzjoni.*

*Linji Ġenerali*

– *Riċerka dwar ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u r-ritorn għall-paċi u l-ġustizzja, l-identifikazzjoni bikrija tal-fatturi li jwasslu għal kunflitt u l-impatt tal-proċessi ta' ġustizzja riparatriċi;*

– *Promozzjoni tal-interoperabbiltà bejn il-kapaċitajiet ċivili u militari fil-kompiti ċivili li jvarjaw mill-protezzjoni ċivili għall-għajnuna umanitarja, il-ġestjoni tal-fruntieri u ż-żamma tal-paċi.*

– *Żvilupp teknoloġiku fil-qasam sensitiv tat-teknoloġiji b'użu doppju sabiex titjeb l-interoperabbiltà bejn il-protezzjoni ċivili u l-forzi militari u fost il-forzi tal-protezzjoni ċivili madwar id-dinja, kif ukoll l-affidabbiltà, aspetti organizzattivi, legali u etiċi, kwistjonijiet kummerċjali, il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni u t-traċċabbiltà tat-tranżazzjonijiet u l-proċessi kollha.*

– *Żvilupp ta' kapaċitajiet ta' kmand u kontroll għall-missjonijiet ċivili.*

*2a.2.7 Promozzjoni tal-Koordinazzjoni, il-Kooperazzjoni u s-Sinerġiji*

*Sabiex tiġi żgurata l-kapaċità ta' adożzjoni, ġestjoni, kontroll u użu korrett ta' proċeduri bejn l-awtoritajiet, hemm bżonn teknoloġija u standards aġġornati.*

*L-għan għandu jkun li l-awtoritajiet pubbliċi u forzi oħra jkunu mgħammra b'tagħmir skambjabbli, sabiex jiġu integrati proċeduri ta' operat, rispons, rappurtar u skambju ta' data standard fl-UE kollha.*

*L-aġenziji għandhom jingħataw baġit adegwat biex tkompli titrawwem il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE – u li jibbenefikaw minnha – u sabiex jamministraw proġetti rilevanti, jikkondividu d-domandi, ir-riżultati u l-ambizzjonijiet kif ukoll jikkooperaw u jikkoordinaw l-isforzi ma' aġenziji oħra u ma' awtoritajiet mhux tal-UE bħall-Grupp Kontra t-Terroriżmu u l-Interpol. Fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni relatati mas-sigurtà dawn huma, partikolarment: il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima, l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni, l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u ċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea.*

*Sabiex jissaħħu s-sinerġiji mar-riċerka, l-iskambju u l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni fil-qasam tad-difiża ffinanzjati mill-UE, għandhom jiġu stabbiliti awtoritajiet assoċjati mar-riċerka fil-qasam tad-difiża għal skopijiet ċivili.*

*L-istandards se jkollhom rwol importanti billi jiżguraw l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-implimentazzjoni komuni kif ukoll il-kapaċitajiet ta' skambju, interoperabbiltà u kompatibbiltà tas-servizzi, il-proċeduri, it-teknoloġiji u t-tagħmir.*

### *Linji Ġenerali*

*– Teknoloġiji u tagħmir b'rekwiżiti operattivi bażiċi li jkunu applikabbli mill-forzi u l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri tal-istess linja (il-pulizija, is-salvataġġ, il-ġestjoni tad-diżastri, il-komunikazzjoni, eċċ.) indaqs;*

*– Interoperabbiltà tat-tagħmir u l-proċeduri sabiex tiġi ffaċilitata l-kapaċità operattiva transfruntiera u bejn l-aġenziji.*

### **Emenda 52**

#### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness I – parti II – punt 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. RAGGRUPPAMENT "DIĠITALI U INDUSTRIJA"

*Emenda*

3. RAGGRUPPAMENT "DIĠITALI, INDUSTRIJA U SPAZJU"

### **Emenda 53**

#### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3.1. Raġunament

Sabiex tiżgura l-kompetittività industrijali u l-kapaċità li jiġu indirizzati l-isfidi globali 'l quddiem, l-UE trid ttrinforsa u żżomm il-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali tagħha fl-oqsma ewlenin li jirfdu t-trasformazzjoni tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna.

L-industrija tal-UE ttipprovdi impjieġ minn kull ħamsa u żewġ terzi tal-investimenti fir-Riċerka u l-Iżvilupp mis-settur privat u tiġġenera 80 % tal-esportazzjoni tal-UE. Mewġa ġdida ta' innovazzjoni, li tinvolvi l-amalgamazzjoni tat-teknoloġiji fiżiċi u diġitali, se tiskatta opportunitajiet kbar ħafna għall-industrija tal-UE u se ttejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE.

Id-diġitalizzazzjoni hija xprun kbir. Hekk

*Emenda*

3.1. Raġunament

Sabiex tiżgura l-kompetittività industrijali u l-kapaċità li jiġu indirizzati l-isfidi globali 'l quddiem, l-UE trid ttrinforsa u żżomm il-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali tagħha fl-oqsma ewlenin li jirfdu t-trasformazzjoni tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna.

L-industrija tal-UE ttipprovdi impjieġ minn kull ħamsa u żewġ terzi tal-investimenti fir-Riċerka u l-Iżvilupp mis-settur privat u tiġġenera 80 % tal-esportazzjoni tal-UE. Mewġa ġdida ta' innovazzjoni, li tinvolvi l-amalgamazzjoni tat-teknoloġiji fiżiċi u diġitali, se tiskatta opportunitajiet kbar ħafna għall-industrija tal-UE u se ttejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE.

Id-diġitalizzazzjoni hija xprun kbir. Hekk

kif tkompli għaddejja b'pass mgħaġġel fis-setturi kollha, l-investment fl-oqsma prijoritarji li jvarjaw mill-intelliġenza artifiċjali sal-internet tal-ġenerazzjoni li jmiss, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-fotonika **u n-nanoelettronika**, isir essenzjali għat-tishiġ tal-ekonomija tagħna **u s-sostenibbiltà tas-soċjetà tagħna**. L-investment, il-produzzjoni u l-użu tal-ICT jagħtu spinta kbira lit-**tkabbir ekonomiku tal-UE**, li bejn l-2001 u l-2011 biss ammonta għal żieda ta' 30 %.

**Teknoloġiji** Abilitanti Essenzjali<sup>15</sup> jipprovdu l-bażi ta' taħlit tad-dinja diġitali ma' dik fiżika, ċentrali għal din il-mewġa globali ġdida ta' innovazzjoni. L-investment fl-iżvilupp, id-dimostrazzjoni **u** l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali, u l-iżgurar ta' **provvista** ta' materja prima u avvanzata sigura, sostenibbli u affordabbli, se jiżguraw l-awtonomija strateġika tal-UE u **jgħin** lill-industrija tal-UE tnaqqas l-impronti tal-karbonju u ambjentali tagħha b'mod sinifikanti.

Teknoloġiji **speċifiċi** futuri u emerġenti **jistgħu** jintużaw ukoll **skont kif ikun xieraq**.

L-ispazju huwa ta' importanza strateġika; madwar 10 % tal-PDG tal-UE jiddependi fuq l-użu ta' servizzi **tal-ispazju**. L-UE għandha settur **tal-ispazju** ta' livell dinji, b'industrija tal-manifattura tas-satelliti b'saħħitha u settur ta' servizzi downstream dinamiku. L-ispazju jipprovdi għodda importanti għall-komunikazzjoni, in-navigazzjoni u s-sorveljanza u jiftaħ haġna opportunitajiet ta' negozju, speċjalment f'kombinazzjoni mat-teknoloġiji diġitali u sorsi oħrajn ta' data. L-UE **trid** tagħmel l-aħjar li tista' minn dawn l-opportunitajiet billi tisfrutta **bi sħiġ** il-potenzjal tal-programmi tal-ispazju tagħha Copernicus, EGNOS u Galileo, u billi tiproteġi l-infrastrutturi tal-ispazju u tal-art **minn theddid mill-ispazju**.

kif tkompli għaddejja b'pass mgħaġġel fis-setturi kollha, l-investment fl-oqsma prijoritarji li jvarjaw mill-intelliġenza artifiċjali sal-internet tal-ġenerazzjoni li jmiss, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-fotonika, **it-teknoloġiji tal-quantum, in-nanoelettronika, id-data intelliġenti eċċ.** isir essenzjali għat-tishiġ tal-ekonomija tagħna. L-investment, il-produzzjoni u l-użu tal-ICT jagħtu spinta kbira lit-**tkabbir ekonomiku tal-UE**, li bejn l-2001 u l-2011 biss ammonta għal żieda ta' 30 %.

**It-Teknoloġiji** Abilitanti Essenzjali<sup>15</sup> jipprovdu l-bażi ta' taħlit tad-dinja diġitali ma' dik fiżika, ċentrali għal din il-mewġa globali ġdida ta' innovazzjoni. L-investment fl-iżvilupp, id-dimostrazzjoni, l-implimentazzjoni **u l-istandardizzazzjoni** ta' teknoloġiji abilitanti essenzjali, u l-iżgurar ta' **ksib, użu u ġestjoni** ta' materja prima u avvanzata sigura, sostenibbli u affordabbli, se jiżguraw l-awtonomija strateġika tal-UE u **jgħinu** lill-industrija tal-UE tnaqqas l-impronti tal-karbonju u ambjentali tagħha b'mod sinifikanti **u, allura, l-ispejjeż għas-soċjetà f'termini ta' esternalitajiet**.

Teknoloġiji futuri u emerġenti **speċifiċi għandhom** jintużaw ukoll **bħala l-bażi li fuqhom jissejsu l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji li jmiss**.

L-ispazju huwa ta' importanza strateġika; madwar 10 % tal-PDG tal-UE jiddependi fuq l-użu ta' servizzi **spazjali**. L-UE għandha settur **spazjali** ta' livell dinji, b'industrija tal-manifattura tas-satelliti b'saħħitha u settur ta' servizzi downstream dinamiku. L-ispazju jipprovdi għodda importanti għall-komunikazzjoni, in-navigazzjoni u s-sorveljanza u jiftaħ haġna opportunitajiet ta' **riċerka, innovazzjoni u** negozju, speċjalment f'kombinazzjoni mat-teknoloġiji diġitali u **ma'** sorsi oħrajn ta' data. L-UE **jeħtiġilha** tagħmel l-aħjar li tista' minn dawn l-opportunitajiet billi tisfrutta **bis-sħiġ** il-potenzjal tal-programmi tal-ispazju tagħha Copernicus, EGNOS u Galileo, **kif ukoll billi tinkoraġġixxi – fost affarijiet oħra – l-iżvilupp tas-settur**

L-UE għanda ċ-ċans uniku li tkun fuq quddiem nett fuq livell globali u żżid is-sehem tagħha *ta' swieq* dinjija, billi turi kif it-trasformazzjoni diġitali, *it-tmexxija f'teknoloġiji ewlenin ta' ffaċilitar u tal-ispazju, u t-tranżizzjoni* lejn ekonomija *ċirkolari* b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju *u l-kompetittività jistgħu jsaħħu lil xulxin permezz tal-eċċellenza xjentifika u teknoloġika.*

Sabiex l-ekonomija diġitalizzata, ċirkolari, ta' karbonju baxx, u b'emissjonijiet baxxi *tal-karbonju* ssir realtà, trid tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE minħabba l-kumplessità tal-ktajjen ta' valur, in-natura sistemika u multidixxiplinari tat-teknoloġiji u *l-kostijiet* għoljin marbutin mal-iżvilupp tagħhom, u n-natura transsettorjali tal-problemi li jridu jiġu indirizzati. L-UE trid tiżgura li l-atturi kollha tal-industrija, u s-soċjetà b'mod ġenerali, jistgħu jibbenefikaw minn teknoloġiji u diġitalizzazzjoni avvanzati u nodfa. L-iżvilupp tat-teknoloġiji waħidhom mhuwiex biżżejjed. Infrastrutturi orjentati lejn l-industrija, inkluż linji pilota, se jgħinu fl-istabbiliment ta' negozji tal-UE u, b'mod partikolari, jgħinu lill-SMEs ivaraw dawn it-teknoloġiji u jtejbu l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħhom.

Involvement b'saħħtu tal-industrija huwa essenzjali fl-istabbiliment tal-prijoritajiet u l-iżvilupp ta' aġendi ta' riċerka u innovazzjoni li jżidu l-ingranaġġ *tal-*

*downstream u l-applikazzjonijiet għall-utenti finali*, u billi tipproteġi l-infrastrutturi tal-ispazju u tal-art *mit-theddid.*

L-UE għanda ċ-ċans uniku li tkun fuq quddiem nett fuq livell globali u żżid is-sehem tagħha *fis-swieq* dinjija, billi turi kif it-trasformazzjoni diġitali u *t-tmexxija fit-teknoloġiji abilitanti essenzjali u spazjali jiftħu xenarji għat-tranżizzjoni* lejn ekonomija *newtrali f'termini ta' emissjonijiet ta' GHGs, li tinkludi teknoloġiji* b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju *u strateġija għad-dekarbonizzazzjoni, kif ukoll għal ekonomija ċirkolari u bbażata fuq il-prodotti bijoloġiċi, biex jiġu żgurati l-kompetittività u l-għarfien tas-soċjetà b'rabta ma' tali teknoloġiji u evoluzzjonijiet.*

Sabiex l-ekonomija diġitalizzata, ċirkolari, ta' karbonju baxx u b'emissjonijiet baxxi ssir realtà, trid tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE minħabba l-kumplessità tal-ktajjen ta' valur, in-natura sistemika u multidixxiplinari tat-teknoloġiji u *l-ispejjeż* għoljin marbutin mal-iżvilupp tagħhom, u n-natura transsettorjali tal-problemi li jridu jiġu indirizzati. L-UE trid tiżgura li l-atturi kollha tal-industrija, u s-soċjetà b'mod ġenerali, jistgħu jibbenefikaw minn teknoloġiji u diġitalizzazzjoni avvanzati u nodfa. L-iżvilupp tat-teknoloġiji waħidhom mhuwiex biżżejjed. *Mudelli kummerċjali ġodda u sostenibbli, kif ukoll* infrastrutturi orjentati lejn l-industrija, inkluż linji pilota, se jgħinu fl-istabbiliment ta' negozji tal-UE u, b'mod partikolari, jgħinu lill-SMEs ivaraw dawn it-teknoloġiji u jtejbu l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħhom. *F'dan il-kuntest, is-settur kulturali u kreattiv għandu wkoll rwol ewlieni billi jiggwida t-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni xprunata mill-ICT fl-Ewropa.*

*Għaldaqstant*, involvement b'saħħtu tal-industrija huwa essenzjali fl-istabbiliment tal-prijoritajiet u l-iżvilupp ta' aġendi ta' riċerka u innovazzjoni li jżidu l-ingranaġġ

**finanzjament** pubbliku u jiżguraw l-użu tar-riżultati. Il-fehim u l-aċċettazzjoni tas-soċjetà huma ingredjenti ewlenin għas-suċċess, kif ukoll aġenda ġdida għal ħiliet rilevanti għall-industrija u l-istandardizzazzjoni.

It-tlaqqiġh **flimkien** tal-attivitajiet **dwar teknoloġiji** diġitali, abilitanti essenzjali u **tal-ispazju**, kif ukoll provvista sostenibbli ta' materja prima, se jippermettu għal approċċ aktar sistemiku, u trasformazzjoni diġitali u industrijali aktar veloċi u aktar profonda. Dan se jiżgura li r-riċerka u l-innovazzjoni f'dawn l-oqsma jwasslu u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE għall-industrija, id-diġitalizzazzjoni, l-ambjent, l-enerġija u l-klima, l-ekonomija ċirkolari, il-materja prima u avvanzata u l-ispazju.

Il-komplementarjetà se tiġi żgurata permezz ta' attivitajiet skont il-Programm Ewropa Diġitali, sabiex **jirrispetta** d-delineazzjoni bejn iż-żewġ Programmi u **jevita t-trikkib**.

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) li ġejjin, b'mod partikolari: SDG 8 – Xogħol Diċenti u Tkabbir Ekonomiku; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; SDG 12 – Konsum Responsabbli **u Produzzjoni**; SDG 13 – Azzjoni Klimatika.

---

It-Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali tal-futur jinkludu materjali avvanzati u n-nanoteknoloġija, il-fotonika u l-mikro u n-nanoelettronika, it-teknoloġiji tax-xjenza tal-ħajja, il-manifattura u l-ipproċessar avvanzati, l-intelliġenza artifiċjali u s-sigurtà diġitali u l-konnettività

## Emenda 54

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1

**ta' finanzjament** pubbliku **u privat addizzjonali** u jiżguraw l-użu tar-riżultati. Il-fehim u l-aċċettazzjoni tas-soċjetà huma ingredjenti ewlenin għas-suċċess, kif ukoll aġenda ġdida għal ħiliet rilevanti għall-industrija u l-istandardizzazzjoni.

It-tlaqqiġh tal-attivitajiet **fil-qasam tat-teknoloġiji** diġitali, **it-teknoloġiji** abilitanti essenzjali u **t-teknoloġiji spazjali**, kif ukoll provvista sostenibbli ta' materja prima, se jippermettu għal approċċ aktar sistemiku, u trasformazzjoni diġitali u industrijali aktar veloċi u aktar profonda. Dan se jiżgura li r-riċerka u l-innovazzjoni f'dawn l-oqsma jwasslu u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE għall-industrija, id-diġitalizzazzjoni, l-ambjent, l-enerġija u l-klima, **il-mobbiltà** l-ekonomija ċirkolari, il-materja prima u avvanzata u l-ispazju.

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, *l-Unjoni* trid *tiżblokka x-xenarji biex* tagħmel tranżizzjoni *lejn ekonomija mingħajr emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra inklużi teknoloġiji* b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju *u strateġiji għad-dekarbonizzazzjoni*. Dan se *jinvolvi* bidliet profondi fit-teknoloġija u s-servizzi, *li jirfdu l-modi li bihom jipproduċu l-industriji u l-modi ta' mgħiba tan-negozji u tal-konsumatur. It-trasformazzjoni tas-suq* tal-enerġija se *jseħħ permezz tal-interazzjoni tal-infrastruttura tat-teknoloġija, tas-suq* kif ukoll *tal-oqsfa regolatorji u ta' politika inklużi forom ġodda ta' governanza. Għaldaqstant, hemm il-ħtieġa għal innovazzjonijiet sistemiċi fis-setturi tal-enerġija, tal-bini, tal-industrija u tat-trasport.*

*It-trażżin taż-żieda fit-temperatura medja globali għal ferm inqas minn 2°C, kif ukoll l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1.5°C, jirrikjedu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra permezz tad-dekarbonizzazzjoni, tal-iffrankar tal-enerġija, u l-varar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-elettrifikazzjoni tal-proċessi industrijali li jinkludu s-setturi tal-enerġija u tat-trasport<sup>17</sup>. Fil-preżent, is-settur tat-trasport jirrappreżenta kważi*



*kwart tal-emissjonijiet ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra fl-Unjoni.*

*Huwa meħtieġ impetu ġdid biex jaççellera l-pass tal-iżvilupp ta' avvanzi deçiżivi tal-ġenerazzjoni li jmiss kif ukoll id-demostrazzjoni u l-varar ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi, billi juża wkoll l-opportunitajiet ipprovduti mit-teknoloġiji abilitanti essenzjali, mit-teknoloġiji diġitali u mit-teknoloġiji spazjali. Dan se jsir permezz ta' approçç integrat li jinkludi d-dekarbonizzazzjoni, l-enerġija rinnovabbli u l-effiçjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, l-aççess għall-materja prima, inklużi materja prima kritika, u l-ekonomija çirkolari. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex l-akkoppjament tas-settur (jiġifieri tas-settur tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiħ, tal-industrija u tat-trasport), fl-oqsma kollha ta' intervent, li huma importanti għas-suççess tat-tranżizzjoni tal-enerġija u tat-trasport.*

*Sabiex jintlaħaq dan, l-Unjoni se trawwem ukoll approççi ta' parteçipazzjoni lejn ir-riçerka u l-innovazzjoni, inkluż approçç li jinvolvi diversi atturi, u se tiżviluppa sistemi tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Għarfien mix-xjenzi soçjali u umanistiçi, l-innovazzjoni soçjali bl-involviment taç-çittadini se jkun kruçjali sabiex jitħeġġu mudelli ġodda ta' governanza, tendenzi ta' produzzjoni u konsum.*

Il-progress *f'dawn is-setturi - iżda wkoll* fl-ispettru kollu tal-industrija tal-UE inkluż l-agrikoltura, *il-binjiet*, il-proçessi industrijali u l-użu tal-prodotti, u l-ġestjoni tal-iskart - se jirrikjedi sforzi kontinwi sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-mekkaniżmi tat-tibdil fil-klima u l-impatti assoçjati fl-ekonomija u s-soçjetà kollha, filwaqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji ma' attivitajiet nazzjonali, tipi ta' azzjonijiet oħrajn *tal-UE* u kooperazzjoni internazzjonali.

Matul l-aħħar deçennju, saru avvanzi

Il-progress *fis-setturi tal-enerġija u t-trasport - kif ukoll* fl-ispettru kollu tal-industrija tal-UE inkluż l-agrikoltura, *il-bini*, il-proçessi industrijali u l-użu tal-prodotti, u l-ġestjoni tal-iskart *u r-riçiklaġġ* - se jirrikjedi sforzi kontinwi *u msaħħa* sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-mekkaniżmi tat-tibdil fil-klima u l-impatti assoçjati fl-ekonomija u s-soçjetà kollha, filwaqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji ma' attivitajiet nazzjonali, tipi ta' azzjonijiet oħrajn *tal-Unjoni* u kooperazzjoni internazzjonali.

Matul l-aħħar deçennju, saru avvanzi

konsiderevoli fix-xjenza klimatika, partikolarment fl-osservazzjonijiet u l-assimilazzjoni tad-data u l-immudellar klimatiku. Madankollu, il-kumplessità tas-sistema tal-klima u l-ħtieġa li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-politiki tal-UE jeħtiġilhom sforz rinfurzat sabiex jimtlew il-lakuni fl-għarfien li jifdal.

L-UE stabbiliet qafas ta' politika komprensiv fl-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, b'miri vinkolanti, atti leġiżlattivi u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mmirati li jkunu minn ta' quddiem **fl-iżvilupp u l-varar ta' sistemi ta' produzzjoni ta' enerġija effiċjenti bbażati** fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

It-trasport jiżgura l-mobbiltà tal-persuni u **l-oġġetti** meħtieġa għal suq uniku integrat Ewropew, **il-koeżjoni** territorjali u soċjeta miftuħa u inklużiva. Fl-istess waqt, it-trasport għandu effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem, il-konġestjoni, il-kwalità tal-arja u l-istorbju, kif ukoll fuq is-sikurezza li jwasslu għal għadd ta' mwiet prematuri u żieda fil-kostijiet soċjoekonomiċi. Għaldaqstant, in-networks tal-mobbiltà u t-trasport **sostenibbli jridu** jsiru nodfa, sikuri, intelliġenti, siguri, silenzjużi, affidabbli u affordabbli u joffru servizz bieb bieb integrat u bla xkiel.

Il-kwistjonijiet **affaċċati mis-setturi** tal-trasport u l-enerġija madankollu jmorru lil hinn mill-ħtieġa tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Hemm diversi sfidi li jridu jiġu indirizzati, inkluż iż-żieda fil-penetrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali u dawk ibbażati fl-ispazju, il-bidliet **fl-imġieba** tal-utenti u x-xejriet tal-mobbiltà, il-parteċipanti ġodda fis-suq u l-mudelli kummerċjali fixkiela, il-globalizzazzjoni, iż-żieda fil-kompetizzjoni internazzjonali u popolazzjoni aktar anzjana, aktar urbana u dejjem iktar varjata.

konsiderevoli fix-xjenza klimatika, partikolarment fl-osservazzjonijiet u l-assimilazzjoni tad-data u l-immudellar klimatiku. Madankollu, il-kumplessità tas-sistema tal-klima u l-ħtieġa li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-politiki tal-UE jeħtiġilhom sforz rinfurzat sabiex jimtlew il-lakuni fl-għarfien li jifdal.

L-UE stabbiliet qafas ta' politika komprensiv fl-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, b'miri vinkolanti, atti leġiżlattivi u attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mmirati li jkunu minn ta' quddiem **biex tinkiseb sistema ta' enerġija b'effiċjenza għolja fl-użu tal-enerġija u bbażata** fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

It-trasport jiżgura l-mobbiltà tal-persuni u **tal-oġġetti** meħtieġa għal suq uniku integrat Ewropew, **koeżjoni** territorjali u soċjeta miftuħa u inklużiva. Fl-istess waqt, it-trasport għandu effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem, il-konġestjoni, il-kwalità tal-arja u l-istorbju, kif ukoll fuq is-sikurezza li jwasslu għal għadd ta' mwiet prematuri u żieda fil-kostijiet soċjoekonomiċi. Għaldaqstant, in-networks tal-mobbiltà u t-trasport, **b'mod partikolari f'żoni urbani, jeħtieġ li jsiru nodfa, effiċjenti, ambjentalment u ekonomikament sostenibbli**, sikuri, intelliġenti, **innovattivi**, siguri, silenzjużi, affidabbli u affordabbli u joffru servizz bieb bieb integrat u bla xkiel.

Il-kwistjonijiet **li jaffaċċjaw is-setturi** tal-trasport u l-enerġija, madankollu, jmorru lil hinn mill-ħtieġa tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Hemm diversi sfidi li jridu jiġu indirizzati, inkluż **l-enerġija rinnovabbli, il-karburanti sostenibbli, il-ħżin tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista**, iż-żieda fil-penetrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali, **awtomatizzati** u dawk ibbażati fl-ispazju, il-bidliet **fl-imġieba** tal-utenti u x-xejriet tal-mobbiltà, il-parteċipanti ġodda fis-suq u l-mudelli kummerċjali fixkiela, il-globalizzazzjoni, iż-żieda fil-kompetizzjoni internazzjonali u popolazzjoni aktar

Iż-żewġ setturi huma xprunaturi ewlenin għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiċi tal-Ewropa. L-UE għandha aktar minn 1.6 miljun persuna li jaħdmu fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u l-użu effiċjenti tal-enerġija. Is-setturi tat-trasportazzjoni u ***l-ħażna*** jimpjegaw aktar minn 11-il miljun persuna fl-UE, li jikkontribwixxu għal madwar 5 % tal-PDG u 20 % tal-esportazzjonijiet. L-UE hija mexxej dinji fid-disinn u l-manifattura tal-vetturi, l-inġenji tal-ajru u l-bastimenti, filwaqt li tinsab fit-tieni post fid-dinja għall-privattivi ta' teknoloġiji innovattivi fir-rigward tal-enerġija nadifa.

Biex jinstabu modi ġodda sabiex il-varar ta' teknoloġiji ***nodfa*** u soluzzjonijiet għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Ewropa ***jitħaffef***, jirrikjedi wkoll domanda ikbar għall-innovazzjoni. Dan jista' jiġi stimolat permezz tat-tiżni tal-pożizzjoni taċ-ċittadini, kif ukoll permezz tal-innovazzjoni soċjoekonomika u fis-settur pubbliku u se jwassal għal approċċi usa' mill-innovazzjoni xprunata mit-teknoloġija. Ir-riċerka soċjoekonomika li tkopri, inter alia, il-ħtiġijiet u t-tendenzi tal-utenti, l-attivitajiet ta' prospettiva, aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' mġieba, każijiet u mudelli tan-negozju u riċerka prenormattiva sabiex jiġu stabbiliti l-istandards, ukoll se jrin jiffaċilitaw azzjonijiet li jrawmu l-innovazzjoni regolatorja, ta' finanzjament u soċjali, il-ħiliet, u kif ukoll l-involviment u t-tiżni tal-pożizzjoni tal-atturi tas-suq u l-konsumaturi.

anzjana, aktar urbana u dejjem iktar varjata.

Iż-żewġ setturi ***tal-enerġija u tat-trasport*** huma xprunaturi ewlenin għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiċi tal-Ewropa. L-UE għandha aktar minn 1.6 miljun persuna li jaħdmu fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u l-użu effiċjenti tal-enerġija. Is-setturi tat-trasportazzjoni u ***tal-ħżin*** jimpjegaw aktar minn 11-il miljun persuna fl-UE, li jikkontribwixxu għal madwar 5 % tal-PDG u 20 % tal-esportazzjonijiet. L-UE hija mexxej dinji fid-disinn u l-manifattura tal-vetturi, l-inġenji tal-ajru u l-bastimenti, filwaqt li tinsab fit-tieni post fid-dinja għall-privattivi ta' teknoloġiji innovattivi fir-rigward tal-enerġija nadifa, ***inklużi t-teknoloġiji fl-enerġija rinnovabbli***.

Biex jinstabu modi ġodda sabiex ***jitħaffef*** il-varar ta' teknoloġiji ***bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli effiċjenti fl-użu tal-enerġija*** u soluzzjonijiet ***mhux teknoloġiċi oħrajn*** għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-Ewropa jirrikjedi wkoll domanda ikbar għall-innovazzjoni. Dan jista' jiġi stimolat permezz tat-tiżni tal-pożizzjoni taċ-ċittadini, kif ukoll permezz tal-innovazzjoni soċjoekonomika u fis-settur ***pubbliku u l-akkwist*** pubbliku u se jwassal għal approċċi usa' mill-innovazzjoni xprunata mit-teknoloġija. Ir-riċerka soċjoekonomika li tkopri, inter alia, il-ħtiġijiet u t-tendenzi tal-utenti, l-attivitajiet ta' prospettiva, aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' mġieba, każijiet u mudelli tan-negozju u riċerka prenormattiva sabiex jiġu stabbiliti l-istandards, ukoll se jrin jiffaċilitaw azzjonijiet li jrawmu l-innovazzjoni regolatorja, ta' finanzjament u soċjali, il-ħiliet, u kif ukoll l-involviment u t-tiżni tal-pożizzjoni tal-atturi tas-suq ***kollha*** u l-konsumaturi. ***Teknoloġiji li javvanzaw l-akkoppjament tas-settur ukoll għandhom il-potenzjal li jsaħħu l-industrija tal-manifattura domestika. Fis-settur tat-trasport, ir-rwol tar-riċerka applikata u tal-isperimentazzjoni għall-varar ta'***

L-attivitajiet li jaqgħu taħt dan ir-Raggruppament jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, kif ukoll dawk tas-Suq Uniku Diġitali, l-aġenda dwar l-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investment, it-tisħiħ **tal-UE** bħala attur globali, l-Istrateġija dwar il-Politika Industrijali **tal-UE** l-ġdida, l-Ekonomija Ċirkolari, l-Inizjattiva tal-Materja Prima, l-Unjoni tas-Sigurtà u l-Aġenda Urbana, kif ukoll il-Politika Agrikola Komuni **tal-UE** u d-dispożizzjonijiet legali **tal-UE** sabiex jitnaqqas it-tniġġis mill-istorbju u tal-arja.

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) li ġejjin, b'mod partikolari: SDG 7 – Enerġija Affordabbli u Nadifa; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 13 – Azzjoni Klimatika.

---

<sup>17</sup> Id-dekarbonizzazzjoni sostanzjali ta' setturi oħrajn hija indirizzata f'oqsma oħrajn tal-pilastru ta' Orizzont Ewropea Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali.

### ***innovazzjonijiet fis-suq huwa fundamentali.***

L-attivitajiet li jaqgħu taħt dan ir-Raggruppament jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, **għall-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi**, kif ukoll dawk tas-Suq Uniku Diġitali, l-aġenda dwar l-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investment, it-tisħiħ **tal-Unjoni** bħala attur globali, l-Istrateġija dwar il-Politika Industrijali **tal-Unjoni** l-ġdida, **il-Pjan ta' Azzjoni** dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Inizjattiva **dwar Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Inizjattiva tal-Materja Prima, l-Istrateġija tal-UE** **dwar il-Bijoekonomija**, l-Unjoni tas-Sigurtà u l-Aġenda Urbana, kif ukoll il-Politika Agrikola Komuni **tal-Unjoni**, u d-dispożizzjonijiet legali **tal-Unjoni** sabiex jitnaqqas it-tniġġis mill-istorbju u tal-arja. **Dawn jikkontribwixxu wkoll biex jgħinu lill-Istati Membri jiksbu l-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Għandhom jiġu żgurati l-komplementarjetà u s-sinerġiji mal-attivitajiet skont Programmi oħra tal-Unjoni.**

***Minħabba l-għadd ta' Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (ETPs) f'dan il-qasam, is-sejħiet fi ħdan dan ir-raggruppament għandhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom.***

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) li ġejjin, b'mod partikolari: SDG 7 – Enerġija Affordabbli u Nadifa; SDG 9 – Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura; SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 13 – Azzjoni Klimatika.

---

<sup>17</sup> Id-dekarbonizzazzjoni sostanzjali ta' setturi oħrajn hija indirizzata f'oqsma oħrajn tal-pilastru ta' Orizzont Ewropea Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali **Ewropea.**

## Emenda 74

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.1 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza, u dan jirrikjedi l-aġġornament kontinwu tal-għarfien tagħna dwar is-sistema klimatika tad-dinja, kif ukoll dwar l-opzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament disponibbli, li jippermettu xenarju sistemiku u komprensiv tal-isfidi u l-opportunitajiet għall-ekonomija ***tal-UE***. Abbażi ta' dan, se jiġu żviluppati soluzzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza għal tranżizzjoni kosteffettiva lejn ***soċjetà reżiljenti għall-klima u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti***.

##### *Emenda*

L-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi għandha tkun ibbażata fuq ix-xjenza, u dan jirrikjedi l-aġġornament kontinwu tal-għarfien tagħna dwar is-sistema klimatika tad-dinja, kif ukoll dwar l-opzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament disponibbli, li jippermettu xenarju sistemiku u komprensiv tal-isfidi u l-opportunitajiet għall-ekonomija ***tal-Unjoni***. Abbażi ta' dan, se jiġu żviluppati soluzzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza għal tranżizzjoni kosteffettiva lejn ***ekonomija mingħajr emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra***.

## Emenda 75

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.1 – paragrafu 2 – inċiż -1 (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

- ***L-identifikazzjoni ta' proċessi ewlenin fir-reġjuni polari għal żvilupp aħjar ta' għażliet ta' ġestjoni li jimminimizzaw l-impatti negattivi fuq l-ekosistemi u jtejbu l-għarfien dwar il-klima globali.***

## Emenda 76

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – Parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

– Mogħdiji ta' ***dekarbonizzazzjoni***, azzjonijiet u politiki ta' mitigazzjoni li jkopru s-setturi kollha tal-ekonomija, kompatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi u l-

– Mogħdiji ta' ***tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra***, azzjonijiet u politiki ta' mitigazzjoni li jkopru s-setturi kollha tal-ekonomija,

Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;

kompatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti;

## Emenda 77

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Mogħdiji u politiki ta' adattament għall-ekosistemi vulnerabbli, setturi ekonomiċi **u** infrastruttura **kritiċi fl-UE** (lokali/reġjonali/**nazzjonali**), **inkluż għodod mtejba tal-valutazzjoni tar-riskju.**

*Emenda*

– Mogħdiji u politiki ta' adattament, **inkluż għodod tal-valutazzjoni u tannaqqis tar-riskju**, għall-ekosistemi vulnerabbli, setturi ekonomiċi **kritiċi**, infrastruttura **kritika**, **u ambjenti urbani fil-livelli** lokali, reġjonali, **nazzjonali u tal-Unjoni**;

## Emenda 78

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

**- Mudelli għat-tisħiħ tad-diplomazija dwar il-klima bħala xprun għall-kooperazzjoni internazzjonali.**

## Emenda 79

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-UE timmira li tkun **mexxej** dinji f'teknoloġiji tal-enerġija affordabbli, siguri u **sostenibbli**, **billi** ittejjeb il-kompetittività tagħha fil-ktajjen tal-valur globali u l-pożizzjoni tagħha fis-swieq ta' tkabbir. Il-kundizzjonijiet klimatiċi, ġeografiċi, ambjentali u soċjoekonomiċi differenti fl-UE, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati s-sigurtà tal-enerġija u l-aċċess għall-materja prima, jiddettaw portafoll wiesa' ta'

*Emenda*

L-UE timmira li tkun **il-mexxej** dinji f'teknoloġiji tal-enerġija affordabbli, siguri, **sostenibbli u rinnovabbli**, **b'hekk** ittejjeb il-kompetittività tagħha fil-ktajjen tal-valur globali u l-pożizzjoni tagħha fis-swieq ta' tkabbir. Il-kundizzjonijiet klimatiċi, ġeografiċi, ambjentali u soċjoekonomiċi differenti fl-UE, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati **it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija, l-effiċjenza fl-użu**

soluzzjonijiet tal-enerġija, inkluż dawk li mhumiex ta' natura teknika. Fir-rigward **tat-teknoloġiji** tal-enerġija rinnovabbli, **il-kostijiet iridu** jkomplu **jonqsu**, **il-prestazzjoni** trid titjeb, **l-integrazzjoni fis-sistema tal-enerġija trid tittejjeb** u **jridu** jiġu żviluppati teknoloġiji rivoluzzjonarji. Fir-rigward tal-fjuwils fossili, **id-dekarbonizzazzjoni** tal-użu tagħhom se tkun essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi.

**tal-enerġija**, s-sigurtà **tal-provvista** tal-enerġija u l-aċċess għall-materja prima, **speċjalment dawk kritiċi**, jiddettaw portafoll wiesa' ta' soluzzjonijiet tal-enerġija, inkluż dawk li mhumiex ta' natura teknika. **It-tranżizzjoni tal-enerġija se toffri sfida għall-UE biex din tieħu rwol ta' tmexxija fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għal disinn tas-suq aġġornat, filwaqt li l-integrazzjoni tas-sistema jeħtieġ li titjeb b'mod sinifikanti.** Fir-rigward **tat-teknoloġija** tal-enerġija rinnovabbli, **l-ispejjeż jeħtieġ li** jkomplu **jiġnaqqsu u l-prestazzjoni** trid titjeb. **Dan jirrikjedi appoġġ għal riċerka inkrementali u fixkiela fit-teknoloġiji avvanzati. Barra minn hekk, jeħtieġ li** jiġu żviluppati **u varati** teknoloġiji rivoluzzjonarji **ġodda, filwaqt li t-teknoloġiji stabbiliti jeħtieġ li jittejbu.** Fir-rigward tal-fjuwils fossili **u l-materja prima, it-tnaqqis** tal-użu tagħhom se tkun essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi.

## Emenda 80

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

- Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u **soluzzjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-elettriku**, it-tiżnin u t-tkessiħ, **fjuwils tat-trasport sostenibbli u trasportaturi intermedji**, f'diversi skali u stadji ta' żvilupp, adattati għall-kundizzjonijiet u s-swieq ġeografiċi, kemm fi ħdan **l-UE** kif ukoll madwar id-dinja;

*Emenda*

- Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, **inklużi l-enerġija tal-baħar u s-subsetturi differenti tagħha, bħall-enerġija mir-riħ, mill-kurrenti u mill-mewġ**, it-tiżnin u t-tkessiħ, **il-fjuwils, trasportaturi intermedji, bħall-gass bl-elettriku u l-idroġenu**, f'diversi skali u stadji ta' żvilupp, adattati għall-kundizzjonijiet u s-swieq ġeografiċi, kemm fi ħdan **l-Unjoni** kif ukoll madwar id-dinja;

## Emenda 81

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Soluzzjonijiet b'effiċjenza għolja fl-użu tal-enerġija jew dekarbonizzati għall-ġenerazzjoni tal-enerġija;***

## **Emenda 82**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli fixkiela għal applikazzjonijiet ġodda u soluzzjonijiet rivoluzzjonarji;

– Teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli fixkiela għal applikazzjonijiet ġodda, ***jew stabbiliti, jew imtejba ta' livell għoli ħafna*** u soluzzjonijiet rivoluzzjonarji;

## **Emenda 83**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Soluzzjonijiet teknoloġiċi tal-ġenerazzjoni li jmiss, inkluż l-iżvilupp ta' materjali ġodda, metodi operazzjonali u proċessi ta' manifattura biex tiżdied il-kompetittività industrijali fit-teknoloġija tal-enerġija nadifa;***

## **Emenda 84**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Ir-riċerka u l-iżvilupp ta' servizzi, soluzzjonijiet u mudelli ta' negozju ġodda biex jinħolqu kundizzjonijiet tas-suq favorevoli fil-livell regolatorju, amministrattiv u finanzjarju għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u soluzzjonijiet u teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija***



## Emenda 85

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

It-tkabbir mistenni fil-produzzjoni tal-elettriku varjabbli u t-tranżizzjoni lejn tisħin, tkessiġ u trasport aktar elettriċi ***jiddetta l-ħtieġa għal*** approċċi ġodda lejn il-ġestjoni tal-grilji tal-enerġija. ***Flimkien mad-dekarbonizzazzjoni, l-għan huwa li jipprovdli l-affordabbiltà tal-enerġija, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-provvista, li jinkisbu permezz ta' investimenti f'teknoloġiji ta' infrastruttura tan-network innovattivi u ġestjoni innovattiva tas-sistema. Il-ħażna tal-enerġija f'forom differenti se jkollha rwol prinċipali fil-forniment tas-servizzi lill-grilja, u fit-titjib u r-rinforzar tal-kapaċitajiet tan-network. L-isfruttament tas-sinerġiji bejn in-networks differenti (eż., il-grilji tal-elettriku, in-networks tat-tisħin u t-tkessiġ, in-networks tal-gass, l-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-għoti tal-fjuwil lit-trasport, l-idroġenu, u n-networks tat-telekomunikazzjoni) u atturi (eż. siti industrijali, ċentri tad-data, awtoprodutturi) se jkun kruċjali biex jiġi ffaċilitat l-operat intelliġenti u integrat tal-infrastrutturi rilevanti.***

##### *Emenda*

It-tkabbir mistenni fil-produzzjoni tal-elettriku varjabbli u t-tranżizzjoni lejn tisħin, tkessiġ u trasport aktar elettriċi ***jeħtieġu*** approċċi ġodda lejn il-ġestjoni tal-grilji tal-enerġija u ***l-varar*** ta' ***soluzzjonijiet*** tal-enerġija ***deċentralizzati***. ***Barra minn hekk, l-infrastruttura tal-gass għandha rwol importanti biex jinkisbu l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju.***

***Minbarra t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, l-għan huwa li jiġu żgurati l-affordabbiltà tal-enerġija, l-iffrankar tal-enerġija, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-provvista. Dan jista' jinkiseb permezz ta' investimenti fl-akkoppjament settorjali u f'teknoloġiji ta' infrastruttura tan-network innovattivi, żieda fil-flessibbiltà tal-ġenerazzjoni tal-enerġija dispaċċabbli, b'mod partikolari minn sorsi rinnovabbli flessibbli, ġestjoni innovattiva tas-sistema, kif ukoll permezz tal-iffaċilitar ta' azzjonijiet li jrawmu l-innovazzjoni regolatorja u soċjali, il-***

*hillet, u l-involvement u l-għoti tas-setgħa lill-atturi tas-suq, lill-konsumaturi u lill-komunitajiet. Il-ħżin tal-enerġija f'forom differenti se jkollha rwol prinċipali fil-forniment tas-servizzi lill-grilja, u fit-titjib u r-rinfurzar tal-kapaċitajiet tan-network. L-isfruttament tas-sinerġiji bejn in-networks (eż. il-grilji tal-elettriku, in-networks tat-tiżnin u t-tkessiħ, in-networks u l-ħżin tal-gass, l-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-għoti tal-fjuwil lit-trasport, l-infrastruttura tal-idroġenu, u n-networks tat-telekomunikazzjoni) u l-atturi differenti (eż. siti industrijali, operaturi tan-network, ċentri tad-data, awtoprodutturi u konsumaturi, komunitajiet ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli), kif ukoll iż-żieda tar-rispons għad-domanda u l-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' standards Ewropej u internazzjonali, se jkunu kruċjali biex jiġi ffaċilitat l-operat intelliġenti u integrat tal-infrastrutturi rilevanti.*

## **Emenda 86**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Teknoloġiji u għodod għan-networks ***tal-elettriku*** sabiex l-enerġija rinnovabbli u t-tagħbiji ġodda bħall-elettromobbiltà u ***l-pompi tas-sħana jiġu integrati***;

*Emenda*

– Teknoloġiji u għodod għan-networks ***eżistenti*** sabiex l-enerġija rinnovabbli u t-tagħbiji ġodda bħall-elettromobbiltà, ***l-elettrolizzaturi, iċ-ċelluli tal-fjuwil, il-pompi tas-sħana, l-idroliżi industrijali, il-ħżin tal-elettriku*** u ***l-enerġija rinnovabbli deċenralizzata, bħala elementi ewlenin għal sistema ta' enerġija kosteffiċjenti, b'effiċjenza għolja fl-użu tal-enerġija u bbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli***;

## **Emenda 87**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Dimostrazzjoni ta' sistemi u grilji tal-enerġija stabbli u affidabbli fuq livell lokali u reġjonali, immexxija b'enerġija rinnovabbli varjabbli u flessibbli.***

**Emenda 88**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- Approċċi integrati ***sabiex ikun*** hemm rikonċiljazzjoni bejn il-produzzjoni tal-enerġija u l-konsum fil-livell lokali inkluż fil-gżejjer, abbażi ta' servizzi ***ġodda u*** inizzjattivi fil-komunità;

- Approċċi integrati ***biex jiżdiedu, jitjiebu u jkun*** hemm rikonċiljazzjoni bejn il-produzzjoni tal-enerġija u l-konsum fil-livell lokali inkluż fil-gżejjer, abbażi ta' servizzi ***u teknoloġiji (inklużi teknoloġiji peer-to-peer, teknoloġiji tar-reġistru distribwit, arranġamenti ta' metraġġ nett virtwali) kif ukoll*** inizzjattivi fil-komunità ***(li jinkludu konsumaturi attivi u awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli, li jaġixxu b'mod individwali jew konġunt, komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija lokali);***

**Emenda 89**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Analiżi tal-impatt sistemiku ta' teknoloġiji tal-enerġija ġodda, bħal ġenerazzjoni rinnovabbli flessibbli, idroġenu u gass sintetiku bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli l-idroġenu għall-ħżin tal-enerġija; approċċi integrati u ta' riċerka biex il-grilji tal-gass naturali jiġu kkonvertiti fi grilji tal-idroġenu ekoloġiku jew grilji li jittrasportaw il-bijometan jew***

*il-metan sintetiku;*

## Emenda 90

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Flessibbiltà tan-network u sinerġiji bejn is-sorsi, in-networks, l-infrastrutturi u l-atturi tal-enerġija differenti;

*Emenda*

– Flessibbiltà tan-network u ***tal-ġenerazzjoni u tal-affidabbiltà tal-provvista, inkluż ir-rispons tad-domanda, u sinerġiji bejn is-sorsi, in-networks, l-infrastrutturi (inklużi dawk eżistenti) u l-atturi tal-enerġija differenti; teknoloġiji tal-akkoppjament tas-settur sabiex tiġi ffaċilitata l-ħżin u jiġi sfruttat il-potenzjal tat-trasport tal-enerġija;***

## Emenda 91

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Soluzzjonijiet ekoloġiċi li jistgħu jwasslu għal affidabbiltà tas-sistema, li jikkomplementaw u jmorru lil hinn minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn ħżin bbażata fuq l-elettrifikazzjoni;***

## Emenda 92

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

4.2.4. Bini ***u Faċilitajiet Industrijali*** fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija

*Emenda*

4.2.4. Bini fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija

## Emenda 93

## Proposta għal deċiżjoni

### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-bini u l-installazzjonijiet **industrijali** qed ikollhom rwol dejjem aktar attiv fl-interazzjoni tagħhom mas-sistema tal-enerġija. Għalhekk, jikkostitwixxu elementi kruċjali fit-tranżizzjoni lejn ***l-enerġija*** rinnovabbli.

#### *Emenda*

Il-bini u l-installazzjonijiet qed ikollhom rwol dejjem aktar attiv fl-interazzjoni tagħhom mas-sistema tal-enerġija. Għalhekk, jikkostitwixxu elementi kruċjali fit-tranżizzjoni lejn ***ekonomija bbażata fuq sorsi ta' enerġija*** rinnovabbli ***u effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija***.

## Emenda 94

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-bini huwa fattur importanti għall-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Peress li ***jintegraw*** teknoloġiji, tagħmir u ***sistemi*** differenti u jikkollega diversi użi tal-enerġija, il-bini ***u*** min jgħix fih u jutilizzah ***jirrappreżenta*** potenzjal għoli ħafna ***għall-ġenerazzjoni, il-ħażna*** u t-titjib fl-użu effiċjenti tal-enerġija.

#### *Emenda*

Il-bini huwa fattur importanti għall-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Peress li ***jintegra*** teknoloġiji, tagħmir, ***sistemi*** u ***standards*** differenti u jikkollega diversi użi tal-enerġija, il-bini ***kif ukoll*** min jgħix fih u ***min*** jutilizzah ***jirrappreżentaw*** potenzjal għoli ħafna ***għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-iffrankar tal-enerġija u l-ħżin tal-enerġija*** u t-titjib fl-użu effiċjenti tal-enerġija.

## Emenda 95

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

***L-industriji, u speċjalment dawk li huma enerġetikament intensivi, jistgħu jkomplu jtejbu l-użu effiċjenti tal-enerġija u jiffavorixxu l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.***

#### *Emenda*

***imħassar***

## Emenda 96

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– **L-elettriku** u s-sħana bejn **impjant** industrijali u **operatur** ta' sistema tal-enerġija;

– **Skambji tal-elettriku** u s-sħana bejn **bini, impjanti** industrijali u **operaturi** ta' sistema tal-enerġija;

### Emenda 97

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– **Proċessi**, disinjati u materjali rilevanti;

– **Ottimizzazzjoni u sostenibbiltà ta' proċessi**, disinjati u materjali rilevanti;

### Emenda 98

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– Bini intelliġenti u hubs kbar tal-mobbiltà (portijiet, ajruporti, ċentri tal-loġistika) bħala elementi attivi ta' networks tal-enerġija **usa''** u ta' soluzzjonijiet innovattivi tal-mobbiltà;

– Bini intelliġenti u hubs kbar tal-mobbiltà (portijiet, ajruporti, **stazzjonijiet tal-ferrovija u** ċentri tal-loġistika) bħala elementi attivi ta' networks tal-enerġija **usa'** u ta' soluzzjonijiet innovattivi tal-mobbiltà;

### Emenda 99

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– **Id-disinn**, il-kostruzzjoni, l-operar u ż-żarmar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini, **b'konsiderazzjoni** taċ-ċirkolarità **u tal-prestazzjoni** ambjentali, **għall-effiċjenza fl-enerġija** u fir-riżorsi, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u r-riċiklaġġ;

– **Modalitajiet ġodda, inklużi għodda u tagħmir intelliġenti għad-disinn**, il-kostruzzjoni (**inklużi b'materjali ħfif u rinnovabbli**), l-operar u ż-żarmar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini, **b'konsiderazzjoni** taċ-ċirkolarità, **il-prestazzjoni** ambjentali, **is-sostenibbiltà u l-effiċjenza ekonomika fl-**

*użu tal-enerġija u l-effiċjenza* fir-riżorsi, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, *l-impatt f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra* u r-riċiklaġġ;

## Emenda 100

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Mudelli ta' negozju, approċċi u servizzi ġodda għall-finanzjament ta' **rennovazzjoni**, it-titjib tal-ħiliet tal-kostruzzjoni, l-involviment tal-persuni li jgħixu fil-bini u atturi tas-suq oħrajn;

*Emenda*

– Mudelli ta' negozju, approċċi u servizzi ġodda għall-finanzjament ta' **rinnovazzjoni, bħal skemi ta' prefinanzjament bi ħlas lura fuq il-kont**, it-titjib tal-ħiliet tal-kostruzzjoni, l-involviment tal-persuni li jgħixu fil-bini u atturi tas-suq oħrajn, **bħall-awtoritajiet lokali jew il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli**;

## Emenda 101

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Il-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni tal-prestazzjoni enerġetika tal-bini;

*Emenda*

– Il-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni tal-prestazzjoni enerġetika tal-bini, **f'konformità mal-objettivi stabbiliti fid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (Direttiva (UE) 2018/844), inkluż l-użu ta' sistemi avvanzati ta' ġestjoni tal-enerġija tal-bini**;

## Emenda 102

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

– **Għodod u tagħmir intelliġenti għall-kisbiet tal-effiċjenza enerġetika fil-**

*Emenda*

**imħassar**

*bini;*

### Emenda 103

#### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Proċessi ta' **rennovazzjoni** ta' bini eżistenti lejn “Bini ta’ Kważi Żero Enerġija”;

*Emenda*

– Proċessi ta' **rinnovazzjoni** ta' bini eżistenti lejn “Bini ta’ Kważi Żero Enerġija” **u teknoloġiji innovattivi**;

### Emenda 104

#### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4 – paragrafu 4 – inċiż 9a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- **Produzzjoni tal-enerġija flessibbli, rispons tad-domanda u ottimizazzjoni tal-ħżin tal-enerġija.**

### Emenda 105

#### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4.2.4a. Faċilitajiet Industrijali fit-Tranżizzjoni tal-Enerġija**

**L-industriji, u speċjalment dawk li huma enerġetikament intensivi, għandhom ikomplu jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u jnaqqsu l-konsum tal-enerġija tagħhom, u jiffavorixxu l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Ir-rwol tal-faċilitajiet industrijali fis-sistema tal-enerġija qed jinbidel, minħabba l-ħtieġa tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, ibbażata fuq l-elettrifikazzjoni diretta jew indiretta, li hija wkoll sors ta' materjali għall-proċessi tal-produzzjoni (eżempju l-idroġenu). Kumpleksi industrijali u ta' manifattura**



*fejn iseħħu ħafna proċessi differenti ħdejn xulxin jistgħu jottimizzaw l-iskambju tal-flussi ta' enerġija u ta' riżorsi oħra (materja prima) bejniethom.*

*Linji Mifruxa*

- Teknoloġiji ta' konverżjoni għal użu sostenibbli tas-sorsi tal-karbonju sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u jitnaqqsu l-emissjonijiet, inkluż s-sistemi ta' enerġija ibridi għall-industrija u għas-settur tal-enerġija b'potenzjal ta' dekarbonizzazzjoni;*
- Dimostrazzjoni ta' elettrifikazzjoni diretta u indiretta tal-proċessi industrijali intensivi fl-użu tal-enerġija;*
- Għodod u infrastruttura għall-kontroll tal-proċess tal-impjanti ta' produzzjoni sabiex jottimizzaw il-flussi tal-enerġija u materjali fl-interazzjoni ma' impjanti oħra u s-sistema tal-enerġija;*
- Il-flessibbiltà u l-effiċjenza tal-elettriku, tal-materja prima u tas-sħana fl-impjanti industrijali u fis-sistema tal-enerġija;*
- Proċessi, disinn u materjali mtejba jew ġodda, biex jintużaw jew jipproduċu b'mod effiċjenti sħana, kesħa, ħżin tal-enerġija;*
- Effiċjenza materjali mtejba, li tnaqqas id-domanda għal materjali bl-ingrossa intensivi fl-użu tal-enerġija.*

**Emenda 106**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.4b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4.2.4b. Ir-reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni**

*Kważi nofs l-Istati Membri qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' sfidi biex iħejju strateġiji koerenti li jiffukaw fuq ir-reġjuni li qegħdin jaffaċċjaw l-isfidi tal-eliminazzjoni gradwali tal-linjite, faħam u ġenerazzjoni tal-enerġija oħra bbażata fuq il-fjuwils fossili. Din il-prijorità*

*għandha l-għan li tfittex  
komplementarjetà ma' strumenti u  
programmi oħra tal-UE.*

*Linji Mifruxa*

*– Appoġġ lill-iżvilupp ta' strateġiji ta' tranżizzjoni inklużivi u ġusti; l-indirizzar tal-impatti soċjetali, soċjoekonomiċi u ambjentali flimkien mal-konverżjoni mill-ġdid tas-siti;*

*– Teknoloġiji u mudelli biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' dawn ir-reġjuni; inkluż kif l-aħjar jattiraw negozju innovattiv alternattiv;*

*– Riċerka dwar kif tingħata ħajja ġdida lil dawn ir-reġjuni f'termini ta' impjiegi sostenibbli u prospettivi ta' tkabbir, inkluż ir-riċerka dwar it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema.*

## Emenda 107

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.5 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Huwa stmat li sal-2050, aktar minn 80 % tal-popolazzjoni tal-UE se tkun qed tgħix f'żoni urbani, li **tikkonsoma** l-parti l-kbira tar-riżorsi disponibbli, inkluż l-enerġija, u peress li dawn huma żoni partikolarment vulnerabbli għat-tibdil meteoroloġiku avvers, l-impatti diġà qed jaggravaw minħabba t-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali u se jkomplu jaggravaw fil-futur. Sfida ewlenija hija li tiżdied b'mod sinifikanti l-effiċjenza ġenerali fl-użu tal-enerġija u **r-riżorsi**, kif ukoll ir-reżiljenza **għall-klima tal-ibliet** Ewropej b'mod olistiku, fejn il-fokus ikun fuq l-istokkijiet tal-bini, is-sistemi tal-enerġija, **il-mobbiltà**, **it-tibdil** fil-klima, kif ukoll l-ilma, il-ħamrija, il-kwalità tal-arja, l-iskart u l-istorbju. Is-sinerġiji ma' politika u azzjonijiet urbani ffinanzjati minn FEŻR jenħtieġ li jiġu investigati u sfruttati.

*Emenda*

Huwa stmat li sal-2050, aktar minn 80 % tal-popolazzjoni tal-UE se tkun qed tgħix f'żoni urbani, li **tikkonsma** l-parti l-kbira tar-riżorsi disponibbli, inkluż l-enerġija, u peress li dawn huma żoni partikolarment vulnerabbli għat-tibdil meteoroloġiku avvers, l-impatti diġà qed jaggravaw minħabba t-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali u se jkomplu jaggravaw fil-futur. Sfida ewlenija hija li tiżdied b'mod sinifikanti l-effiċjenza ġenerali fl-użu tal-enerġija u **fir-riżorsi**, kif ukoll ir-reżiljenza **għat-tibdil fil-klima tal-komunitajiet u tal-bliet** Ewropej b'mod olistiku, fejn il-fokus ikun fuq l-istokkijiet tal-bini, is-sistemi tal-enerġija, **it-trasport u l-mobbiltà**, **il-mitigazzjoni tat-tibdil** fil-klima, kif ukoll l-ilma, il-ħamrija, il-kwalità tal-arja, l-iskart u l-istorbju. Is-sinerġiji ma' politika u azzjonijiet urbani ffinanzjati minn FEŻR jenħtieġ li jiġu

investigati u sfruttati.

## Emenda 108

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Sistemi ta' enerġija/mobbiltà tal-bliet/distretti lejn il-varar fl-UE kollha ta' Distretti b'Enerġija Pożittiva, b'livelli tal-karbonju baxxi u mobbiltà u loġistika ta' zero emissjonijiet sal-2050, li jagħtu spinta lill-kompetittività globali ta' soluzzjonijiet integrati tal-UE;

#### *Emenda*

– Sistemi ta' enerġija/mobbiltà tal-bliet/distretti/**żoni rurali** lejn il-varar fl-UE kollha ta' Distretti b'Enerġija Pożittiva, b'livelli tal-karbonju baxxi u mobbiltà u loġistika ta' zero emissjonijiet sal-2050, li jagħtu spinta lill-kompetittività **fuq livell** globali ta' soluzzjonijiet integrati tal-UE;

## Emenda 109

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Ippjanar urban, infrastrutturi u sistemi inkluż interfaċċi u interoperabbiltà reċiproki, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u l-użu ta' teknoloġiji diġitali u data u servizzi bbażati fl-ispazju, b'kunsiderazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima **projetat** u l-integrazzjoni **tar-reżiljenza klimatika**;

#### *Emenda*

– Ippjanar urban **u rurali**, infrastrutturi u sistemi inkluż interfaċċi u interoperabbiltà reċiproki, **standardizzazzjoni**, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u l-użu ta' teknoloġiji diġitali **siguri** u data u servizzi bbażati fl-ispazju, b'kunsiderazzjoni tal-effetti **previsti** tat-tibdil fil-klima u l-integrazzjoni **tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima**;

## Emenda 110

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Il-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini, il-mobbiltà sikura, l-innovazzjoni soċjali urbana, il-kapaċità ċirkolari u **reġenerattiva tal-ibliet, impronta** ambjentali **mċekkna** u **t-tniġġis**;

#### *Emenda*

– Il-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini, il-mobbiltà sikura **u multimodali, inkluż il-mixi u ċ-ċikliżmu**, l-innovazzjoni soċjali urbana **u rurali**, il-kapaċità ċirkolari u **riġenerattiva tal-bliet, tnaqqis tal-impatt**

ambjentali u *tat-tniġġis*;

## Emenda 111

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.6 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

*Iċ-ċaqliqa* lejn teknoloġiji, konnettività u awtomazzjoni nodfa se tkun tiddependi fuq id-disinn u l-manifattura f' waqthom tal-inġenji tal-ajru, il-vetturi u l-bastimenti li jintegraw teknoloġiji differenti u jaċċelleraw l-introduzzjoni tagħhom. Iktar kumdità, effiċjenza, affordabbiltà, filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt taċ-ċiklu tal-ħajja fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u fuq l-użu tal-enerġija, jibqgħu għanijiet ta' importanza kbira ħafna. Infrastruttura tat-trasport li hija *innovattivi* u b'kapaċità kbira hija essenzjali għall-funzjonament kif suppost tal-modi tat-trasport kollha minħabba d-domanda dejjem tikber tal-mobbiltà u r-reġimi tat-teknoloġija li qed jinbidlu malajr. Approċċ integrat għall-infrastruttura u l-iżvilupp ta' vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru *jistħoqlu* attenzjoni partikolari wkoll sabiex jiġi minimizzat l-impatt tal-enerġija u dak ambjentali.

##### *Emenda*

*Il-bidla* lejn teknoloġiji, konnettività u awtomazzjoni nodfa se tkun tiddependi fuq id-disinn u l-manifattura f' waqthom tal-inġenji tal-ajru, il-vetturi u l-bastimenti li jintegraw teknoloġiji differenti u jaċċelleraw l-introduzzjoni tagħhom. Iktar kumdità, effiċjenza, affordabbiltà, filwaqt li jiġi minimizzat l-impatt taċ-ċiklu tal-ħajja fuq *il-klima*, l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u fuq l-użu tal-enerġija, jibqgħu għanijiet ta' importanza kbira ħafna. Infrastruttura tat-trasport li hija *innovattiva* u b'kapaċità kbira hija essenzjali għall-funzjonament kif suppost tal-modi tat-trasport kollha minħabba d-domanda dejjem tikber tal-mobbiltà u r-reġimi tat-teknoloġija li qed jinbidlu malajr. Approċċ integrat għall-infrastruttura u l-iżvilupp ta' vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru *jistħoqqlu* attenzjoni partikolari wkoll sabiex jiġi minimizzat l-impatt tal-enerġija u dak ambjentali.

## Emenda 112

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Kunċetti u disinjati ta' vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru, inkluż spare parts tagħhom, bl-użu ta' materjali u strutturi, effiċjenza, *ħażna* u rkupru tal-enerġija, karatteristiċi tas-sikurezza u s-sigurtà mtejbmin *b'inqas impatt* ambjentali u fuq is-saħħa.

##### *Emenda*

– Kunċetti u disinjati ta' vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru, inkluż spare parts tagħhom, *elementi modulari*, bl-użu ta' materjali u strutturi *imtejba u avvanzati, soluzzjonijiet u aġġornamenti tas-software, sistemi ta' sigurtà avvanzati kontra l-piraterija*, effiċjenza, *ħżin* u rkupru tal-enerġija, karatteristiċi tas-sikurezza u s-sigurtà mtejbmin *b'impatt*

ambjentali u fuq is-saħħa *minimizzat*.

## Emenda 113

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.7 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

**Sabiex l-UE tilħaq l-għanijiet** tal-kwalità tal-arja, tal-klima u tal-enerġija **tagħha, inkluż tnaqqis ta' 60 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra sal-2050** kif ukoll **tnaqqis fl-istorbju, se jkun hemm bżonn ta' konsiderazzjoni** mill-ġdid **tas-sistema tal-mobbiltà kollha inkluż** l-utenti, il-vetturi, il-fjuwils **u l-infrastrutturi. Dan se jkun jirrikjedi** wkoll il-varar ta' enerġiji alternattivi **ta' emissjonijiet** baxxi u l-użu mis-suq ta' vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru ta' żero emissjonijiet. Flimkien mal-effetti dannużi tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, it-trasport jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal arja ta' kwalità baxxa u għall-istorbju fl-Ewropa, b'konsegwenzi negattivi għas-saħħa taċ-ċittadini<sup>18</sup>. Permezz tal-bini fuq il-progress fir-rigward **tal-elettrifikazzjoni** u l-użu ta' ċelluli tal-fjuwil għall-karozzi, **ix-xarabankijiet** u vetturi ħfief, huwa essenzjali li jitħaffef il-pass tas-soluzzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni għal setturi oħra bħall-avjazzjoni, it-trasport marittimu u n-navigazzjoni fl-ilmijiet interni **u t-trakkijiet**.

---

<sup>18</sup> Madwar terz taċ-ċittadini tal-UE jgħixu f'żoni urbani b'livelli ta' konċentrazzjoni ta' sustanzi niġġiesa ogħla mil-livelli limitu legali.

##### *Emenda*

**L-ilħuq tal-għanijiet** tal-kwalità tal-arja, tal-klima u tal-enerġija, kif ukoll **tat-tnaqqis tal-istorbju, se jirrikjedi li l-Unjoni tikkunsidra** mill-ġdid **is-sistema sħiħa tal-mobbiltà inklużi** l-utenti, il-vetturi, il-fjuwils, **l-iskemi ta' kejl tas-CO<sub>2</sub>, l-infrastrutturi, l-użu tal-ispazju, kif ukoll soluzzjonijiet ġodda tat-trasport. L-Unjoni se tirrikjedi** wkoll il-varar ta' enerġiji alternattivi **b'emissjonijiet** baxxi u l-użu mis-suq ta' vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru ta' żero emissjonijiet. Flimkien mal-effetti dannużi tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra, it-trasport jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal arja ta' kwalità baxxa u għall-istorbju fl-Ewropa, b'konsegwenzi negattivi għas-saħħa taċ-ċittadini<sup>18</sup>. Permezz tal-bini fuq il-progress **eżistenti** fir-rigward **tal-produzzjoni u tal-użu ta' fjuwils alternattivi, l-elettrifikazzjoni, it-teknoloġiji tal-idroġenu, il-bijofjuwils u l-bijogass, l-użu ta' ċelluli tal-fjuwil, it-tiġib tal-magni bil-kombustjoni u l-adattament tagħhom għal fjuwils rinnovabbli u teknoloġiji sostenibbli oħrajn** għall-karozzi, **ix-xarabanks, trakkijiet** u vetturi ħfief, huwa essenzjali li jitħaffef il-pass tas-soluzzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni għal setturi oħra bħall-avjazzjoni, **is-settur ferrovjarju, it-trasport marittimu u n-navigazzjoni fl-ilmijiet interni.**

---

<sup>18</sup> Madwar terz taċ-ċittadini tal-UE jgħixu f'żoni urbani b'livelli ta' konċentrazzjoni ta' sustanzi niġġiesa ogħla mil-livelli limitu legali.

## Emenda 114

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

– **L-eletrifikazzjoni** tal-modi tat-trasport kollha (eż. il-batteriji, iċ-ċelluli tal-fjuwil, **l-ibridizzazzjoni**, eċċ.) **tinkludi** teknoloġiji ġodda għal sistemi ta' motopropulsjoni tal-vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru, ċarġ/riforniment tal-fjuwil veloċi, ħsad tal-enerġija u interfaċċi aċċessibbli u faċli biex jintużaw mill-utent **mal-infrastruttura taċ-ċarġ, l-iżgurar tal-interoperabbiltà u ta' servizzi tal-provvista** bla xkiel; l-iżvilupp u l-varar ta' batteriji kompetittivi, sikuri, ta' prestazzjoni għolja u sostenibbli għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jew zero emissjonijiet;

*Emenda*

– **Id-dekarbonizzazzjoni** tal-modi tat-trasport kollha, **inkluż permezz tal-elettromobbiltà** (eż. il-batteriji **riċiklabbli**, iċ-ċelluli tal-fjuwil, **kull tip ta' ibridizzazzjoni**, eċċ.) **u** teknoloġiji ġodda għal sistemi ta' motopropulsjoni tal-vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru, ċarġ/riforniment tal-fjuwil veloċi, ħsad tal-enerġija u interfaċċi aċċessibbli u faċli biex jintużaw mill-utent **bl-infrastruttura tar-riforniment tal-fjuwil u tal-iċċarġjar, filwaqt li jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-provvista** bla xkiel **tas-servizzi**; l-iżvilupp u l-varar ta' batteriji kompetittivi, sikuri, ta' prestazzjoni għolja, **riċiklabbli** u sostenibbli għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jew zero emissjonijiet;

## Emenda 115

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Fjuwils ġodda sostenibbli u vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru ġodda għal xejriet ta' mobbiltà u infrastruttura ta' appoġġ eżistenti u futuri; teknoloġiji u soluzzjonijiet ibbażati fuq l-utent għall-interoperabbiltà u provvista tas-servizzi bla xkiel;

*Emenda*

– Fjuwils ġodda sostenibbli u vetturi/bastimenti/inġenji tal-ajru ġodda għal xejriet ta' mobbiltà u infrastruttura ta' appoġġ eżistenti u futuri; teknoloġiji u soluzzjonijiet ibbażati fuq l-utent għall-interoperabbiltà u provvista tas-servizzi bla xkiel; **inġenji tal-ajru li jagħmlu inqas storbju u ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;**

## Emenda 116

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

- **Tnaqqis** tal-impatt tal-mobbiltà fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

*Emenda*

- **Minimizzar** tal-impatt tal-mobbiltà fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, **inkluż billi esplorat il-potenzjal ta' ġenerazzjoni ġdida ta' sensuri remoti biex jitkejjel it-tniġġis fis-settur tal-mobbiltà.**

**Emenda 117**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-mobbiltà intelliġenti se tgħin sabiex tiġi żgurata l-mobbiltà minn bieb għal bieb effiċjenti, sikura u reżiljenti u l-komponenti kollha tagħha, partikolarment bl-użu ta' teknoloġiji diġitali, in-navigazzjoni bis-satellita avvanzata (EGNOS/Galileo) u l-intelliġenza artifiċjali. It-teknoloġiji l-ġodda se jgħinu sabiex jiġu ottimizzati l-użu u l-effiċjenza tal-infrastruttura u n-networks tat-trasport, billi jtejbu l-multimodalità u l-konnettività, jottomizzaw il-ġestjoni tat-traffiku u jippermettu soluzzjonijiet u servizzi tat-trasport innovattivi, biex b'hekk titnaqqas il-konġestjoni u l-impatti ambjentali negattivi, tiġi pprovduta mobbiltà aħjar u servizzi ta' loġistika aħjar għaċ-ċittadini u n-negozji. Mobbiltà konnessa u awtomatizzata flimkien mal-infrastruttura abilitanti se jtejbu l-effiċjenza u s-sikurezza fil-modi tat-trasport kollha.

*Emenda*

Il-mobbiltà intelliġenti se tgħin sabiex tiġi żgurata l-mobbiltà minn bieb għal bieb effiċjenti, sikura u reżiljenti u l-komponenti kollha tagħha, partikolarment bl-użu ta' teknoloġiji diġitali **ġodda**, in-navigazzjoni bis-satellita avvanzata (EGNOS/Galileo) u l-intelliġenza artifiċjali. It-teknoloġiji l-ġodda, **inkluż sistema ta' sistemi**, se jgħinu sabiex jiġu ottimizzati l-użu u l-effiċjenza tal-infrastruttura u n-networks tat-trasport, billi jtejbu l-multimodalità u l-konnettività, jottomizzaw il-ġestjoni tat-traffiku u jippermettu soluzzjonijiet, **standards** u servizzi tat-trasport innovattivi, biex b'hekk titnaqqas il-konġestjoni u l-impatti ambjentali negattivi, tiġi pprovduta mobbiltà aħjar u servizzi ta' loġistika aħjar għaċ-ċittadini u n-negozji. Mobbiltà konnessa u awtomatizzata flimkien mal-infrastruttura abilitanti se jtejbu l-effiċjenza u s-sikurezza fil-modi tat-trasport kollha.

**Emenda 118**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- Ġestjoni diġitali **tan-networks** u **tat-traffiku**: sistemi ta' appoġġ għad-

*Emenda*

- Ġestjoni diġitali **tan-networks, tat-traffiku** u **tal-użu tal-ispazju**: sistemi ta'

deċiżjonijiet avvanzati; ġestjoni tat-traffiku tal-ġenerazzjoni li jmiss (inkluż network multimodali u ġestjoni tat-traffiku); kontribuzzjoni għal mobbiltà kontinwa, multimodali u interkonnessa għall-passiġġieri u l-merkanzija; użu u limitazzjonijiet tal-big data; użu ta' pożizzjonament/navigazzjoni tas-satellita innovattivi (EGNOS/Galileo);

appoġġ għad-deċiżjonijiet avvanzati; ġestjoni tat-traffiku tal-ġenerazzjoni li jmiss (inkluż network multimodali u ġestjoni tat-traffiku); kontribuzzjoni għal mobbiltà kontinwa, multimodali u interkonnessa għall-passiġġieri u l-merkanzija; użu u limitazzjonijiet tal-big data; użu ta' pożizzjonament/navigazzjoni tas-satellita innovattivi (EGNOS/Galileo) **li jifhmu mġiba ġdida relatata mal-mobbiltà li qed tinbidel;**

## Emenda 119

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Teknoloġiji u operazzjonijiet ferrovjarji għal sistema ferrovjarja ta' kapaċità għolja, silenzjuża, interoperabbli u awtomatizzata;

#### *Emenda*

– Teknoloġiji u operazzjonijiet ferrovjarji għal sistema ferrovjarja ta' kapaċità għolja, **attraenti**, silenzjuża, **kompletament konnessa**, interoperabbli, **transfruntiera** u awtomatizzata **għall-passiġġieri kif ukoll għar-rekwiżiti ta' trasport ta' merkanzija;**

## Emenda 120

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Sistemi u servizzi ta' mobbiltà konnessi, kooperattivi u awtomatizzati, inkluż soluzzjonijiet teknoloġiċi u kwistjonijiet mhux teknoloġiċi.

#### *Emenda*

– Sistemi u servizzi ta' mobbiltà konnessi, kooperattivi, **interoperabbli** u awtomatizzati, inkluż soluzzjonijiet teknoloġiċi u kwistjonijiet mhux teknoloġiċi, **bħal bidliet fl-imġiba tal-utent u fix-xejriet tal-mobbiltà;**

## Emenda 121

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Servizzi u mudelli tan-negozju ġodda jew imtejba li permezz tagħhom l-utent jinteraġixxi mal-modalitajiet intelliġenti differenti.***

## **Emenda 122**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 4b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Kunċett, żvilupp, konsegwenzi, disinn, riċerka, validazzjoni u metodi bħala parti minn sewqan ta' vetturi b'mod sikur u awtomatizzat fi traffiku mħallat;***

## **Emenda 123**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 4c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Soluzzjonijiet intelliġenti ta' tbaħħir għal operazzjonijiet aktar sikuri u effiċjenti fuq l-ilma.***

## **Emenda 124**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.8 – paragrafu 2 – inċiż 4d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Sistemi u teknoloġiji ġodda għall-ġestjoni u l-konnessjoni tal-portijiet.***

## **Emenda 125**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Soluzzjonijiet ta' **ħażna massiva, konċentrata u deċentralizzata** (li jinkludu kimika, elettrokimika, elettrika, mekkanika u termali) għas-sistema tal-enerġija se jżidu l-effiċjenza, il-flessibbiltà, l-indipendenza teknoloġika u l-aċċessibbiltà, kif ukoll is-sigurtà tal-provvista. It-trasport b'emissjonijiet baxxi u dekarbonizzati se jkun jirrikjedi sehem li qed jikber ta' vetturi elettriċi u/jew li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, b'batteriji bi prestazzjoni aħjar u orħos li jkunu riċiklabbli u li jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid, kif ukoll **provvista** lokali ta' fjuwils **sintetiċi/rinnovabbli** bħall-idroġenu u soluzzjonijiet innovattivi **għall-ħażna** fis-sit.

**Emenda 126**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.9 – paragrafu 2 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Teknoloġiji inkluż fjuwils likwidi u gassużi **rinnovabbli** u l-ktajjen ta' valur assoċjati magħhom, għall-ħtiġijiet ta' **ħażna** tal-enerġija minn kuljum sa staġjonali;

**Emenda 127**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.9 – paragrafu 2 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Batteriji u l-katina tal-valur tal-UE, inkluż id-disinn, **it-teknoloġiji** tal-produzzjoni fuq skala kbira **taċ-ċelluli** tal-batteriji, **il-metodi tal-użu** mill-ġdid u **tar-**

*Emenda*

Soluzzjonijiet ta' **ħżin massiv, konċentrat u deċentralizzati** (li jinkludu kimika, elettrokimika, elettrika, mekkanika u termali) għas-sistema tal-enerġija se jżidu l-effiċjenza, il-flessibbiltà, l-indipendenza teknoloġika u l-aċċessibbiltà, kif ukoll is-sigurtà tal-provvista. It-trasport b'emissjonijiet baxxi u dekarbonizzati se jkun jirrikjedi sehem li qed jikber ta' vetturi elettriċi u/jew li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, b'batteriji bi prestazzjoni aħjar u orħos, li jkunu riċiklabbli **ferm** u li jkunu jistgħu jintużaw mill-ġdid **b'impatt ambjentali baxx**, kif ukoll **il-provvista** lokali ta' fjuwils **b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** bħall-idroġenu **minn sorsi rinnovabbli** u soluzzjonijiet innovattivi **għall-ħżin** fis-sit.

*Emenda*

– Teknoloġiji inkluż fjuwils likwidi u gassużi **b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** u l-ktajjen ta' valur assoċjati magħhom, għall-ħtiġijiet ta' **ħżin** tal-enerġija minn kuljum sa staġjonali, **inklużi l-impatti tagħhom fuq l-ambjent u l-klima**;

*Emenda*

– Batteriji u l-katina tal-valur tal-UE, inkluż id-disinn, **it-teknoloġiji** tal-produzzjoni fuq skala kbira **taċ-ċelloli** tal-batteriji, **id-densità għolja ta' elettriku u**

*riċiklaġġ;*

*enerġija, ir-rati ta' ċċarġjar rapidi, l-impatt ambjentali baxx, l-użu mill-ġdid u r-riċiklabilità għolja, soluzzjonijiet ta' materjali avvanzati għal metodi ta' ħżin tal-enerġija kif ukoll il-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni;*

## **Emenda 128**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 4 – punt 4.2 – punt 4.2.9 – paragrafu 2 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– *Idroġenu b'emissjonijiet baxxi jew żero tal-karbonju inkluż ċelluli tal-fjuwil, u l-katina tal-valur tal-UE mid-disinn sal-użu aħħari f'diversi applikazzjonijiet.*

– *Sorsi ta' enerġija rinnovabbli, elettroliżi u ċelluli tal-fjuwil tul il-katina tal-valur tal-UE mid-disinn sal-użu aħħari f'diversi applikazzjonijiet.*

## **Emenda 129**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. RAGGRUPPAMENT “IKEL U RIŻORSI NATURALI”

5. RAGGRUPPAMENT “IKEL, RIŻORSI NATURALI U **AGRIKOLTURA**”

## **Emenda 130**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-attivitajiet tal-bniedem qed jagħmlu pressjonijiet dejjem akbar fuq il-ħamrija, l-ibħra u l-oċeani, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u riżorsi naturali oħrajn. In-nutrimient tal-popolazzjoni li dejjem qed tikber tal-pjaneta huwa direttament dipendenti fuq is-saħħa tas-sistemi u r-riżorsi naturali. Madankollu, ikkombinata mat-tibdil fil-klima, id-domanda dejjem ikbar tal-bniedem għar-riżorsi naturali

L-attivitajiet tal-bniedem qed jagħmlu pressjonijiet dejjem akbar fuq il-ħamrija, l-ibħra u l-oċeani, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u riżorsi naturali oħrajn. In-nutrimient tal-popolazzjoni li dejjem qed tikber tal-pjaneta huwa direttament dipendenti fuq is-saħħa tas-sistemi u r-riżorsi naturali. Madankollu, ikkombinata mat-tibdil fil-klima, id-domanda dejjem ikbar tal-bniedem għar-riżorsi naturali

toħloq pressjonijiet ambjentali li jmorru lil hinn sew minn livelli sostenibbli, li jaffettwaw l-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi **għall-benesseri** tal-bniedem. Il-kunċetti tal-ekonomija ċirkolari, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu jipprovdu opportunità sabiex jinħoloq bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi u sabiex l-attivitajiet tal-bniedem jaqbd u l-mogħdija li twassal għas-sostenibbiltà.

toħloq pressjonijiet ambjentali li jmorru lil hinn sew minn livelli sostenibbli, li jaffettwaw l-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi **għaż-żamma fit-tul tal-benesseri** tal-bniedem. **It-*tkabbir fil-produzzjoni tal-ikel mhux jaqbel mat-*tkabbir fil-popolazzjoni globali.**** **Għaldaqstant, neħtieġu innovazzjoni rivoluzzjonarja fl-intensifikazzjoni tal-produzzjoni ta' ikel sostenibbli. Fl-istess ħin, jeħtiġilna niżguraw li n-nutrizzjoni u s-saħħa jkunu ċentrali fis-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel tagħna.**

Il-kunċetti tal-ekonomija ċirkolari, **l-agroekoloġija, l-agrikoltura sostenibbli**, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu jipprovdu opportunità sabiex jinħoloq bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi u sabiex l-attivitajiet tal-bniedem jaqbd u l-mogħdija li twassal għas-sostenibbiltà.

## Emenda 131

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-ilħuq tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli, il-garanzija tal-produzzjoni u l-konsum ta' ikel sikur u **san**, il-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli fl-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija, l-iżgurar ta' aċċess għal ilma, ħamrija u arja nodfa għal kulħadd, it-tindif tal-ibħra u **l-oċeani**, il-preservazzjoni u r-restawr tas-sistemi naturali vitali tal-pjaneta u l-ambjent jirrikjed u li aħna nisfruttaw il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni. Iżda l-mogħdiji għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-modi biex jiġu ssuperati l-ostakli reżiljenti bilkemm huma mifmhuma. It-tranżizzjoni lejn **il-konsum u l-produzzjoni** sostenibbli u r-restawr **tas-saħħa planetarja jirrikjed u** investiment **f'teknoloġiji, mudelli ġodda** ta' negozju, **u innovazzjoni** soċjali u ambjentali. Dan jgħid li opportunitàjiet ġodda għal ekonomija Ewropea sostenibbli, reżiljenti,

##### *Emenda*

L-ilħuq tal-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli **u t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra**, il-garanzija tal-produzzjoni u l-konsum ta' ikel sikur u **tajjeb għas-saħħa**, il-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli fl-agrikoltura, **il-bhejjem**, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija, l-iżgurar ta' aċċess għal ilma, ħamrija u arja nodfa għal kulħadd, it-tindif tal-ibħra, **l-oċeani u l-ilmijiet interni**, il-preservazzjoni u r-restawr tas-sistemi naturali vitali tal-pjaneta u l-ambjent jirrikjed u li aħna nisfruttaw il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni. Iżda l-mogħdiji għat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u l-modi biex jiġu ssuperati l-ostakli reżiljenti bilkemm huma mifmhuma. It-tranżizzjoni lejn **produzzjoni u konsum** sostenibbli u r-restawr **tal-ekonomiji u tar-riżorsi naturali, kif ukoll it-tiġid u n-nutrimenti tal-bażi tar-riżorsi li fuqhom tiddependi l-**

innovattiva u responsabbli, jagħti spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi, il-produttività u l-kompetittività, u **jiġġenera l-impjiegi** u **t-tkabbir**.

**agrikoltura jeħtieġu** investment **fir-riċerka xjentifika u teknoloġika**, **standardizzazzjoni u mudell** ta' negozju **ġodda li jappoġġaw l-innovazzjoni** soċjali u ambjentali, **inkluż l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż għall-ambjent fl-ekonomiji tagħna u l-ġbir ta' data ta' kwalità aħjar dwar l-impatt ta' politiki differenti**. Dan joffri opportunitajiet ġodda għal ekonomija Ewropea sostenibbli, reżiljenti, innovattiva u responsabbli, jagħti spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi, **il-kapaċità u l-istat tar-riżorsi naturali**, il-produttività **fit-tul** u l-kompetittività, **il-vijabbiltà rurali, kif ukoll impjiegi ta' kwalità għolja u tkabbir ekonomiku u soċjali sostenibbli**.

## Emenda 132

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

**L-attivitajiet** se **jibnu** bażi tal-għarfien u **jwasslu** soluzzjonijiet sabiex: **iġestixxu u jużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali mill-art u l-baħar - u jiġi mtejjeb ir-rwol ta' sistemi** terrestri u akkwatiċi **bħala bjar** tal-karbonju; tiġi żgurata **s-sigurtà** alimentari u nutrizzjonali, u jiġu provduti dieti sikuri, **sani** u nutrittivi; tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni minn ekonomija lineari bbażata fuq il-fjuwils fossili għal ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti, **ta' emissjonijiet** baxxi, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u li tappoġġa l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq prodotti bijoloġiċi u l-ekonomija blu; u jiġu żviluppati żoni rurali, kostali u urbani reżiljenti u vibranti.

##### *Emenda*

**Approċċi multilaterali u transdixxiplinarji filwaqt li jintuża l-għarfien espert u l-esperjenza tal-atturi tul il-ktajjen tal-valur** se **jgħinu l-bini ta' bażi** tal-għarfien u **jingħataw** soluzzjonijiet sabiex: **ir-riżorsi naturali mill-art u l-ilma jiġu mħarsa, ġestiti u jintużaw b'mod sostenibbli; jissaħħaħ it-tkabbir sostenibbli tas-sistemi** terrestri u akkwatiċi; **jiżdied is-sekwestru** tal-karbonju; tiġi żgurata **sigurtà** alimentari u nutrizzjonali **suffiċjenti, jiġi evitat l-iskart u l-produttività** **żejda** u jiġu provduti dieti sikuri, **tajbin għas-saħħa** u nutrittivi; tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni **lejn approċċi sostenibbli fil-forom kollha tal-agrikoltura, inkluża l-agrikoltura konvenzjonali u l-agrikoltura organika; tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni** minn ekonomija lineari bbażata fuq il-fjuwils fossili għal ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti, **b'emissjonijiet** baxxi, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u li tappoġġa l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq prodotti bijoloġiċi u l-ekonomija blu; u jiġu żviluppati żoni

rurali, kostali u urbani reżiljenti u vibranti.

## Emenda 133

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dawn se **jgħinu** fiż-żamma u t-titjib tal-provvista tal-bijodiversità u **jiżguraw il-provvista** fit-tul tas-servizzi tal-ekosistemi, l-adattament **għall-klima** u s-sekwestru tal-karbonju (kemm **mill-art** kif ukoll **mill-baħar**). Dawn se jgħinu **jnaqqsu l-gassijiet serra (GHG)** u emissjonijiet oħrajn, l-iskart u t-tniġġis mill-produzzjoni primarja (kemm terrestri kif ukoll akkwatika), l-iproċessar, il-konsum u attivitajiet oħrajn tal-bniedem. Dawn se jiskattaw investimenti, li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu, filwaqt li jipproteġu s-saħħa u l-integrità ambjentali.

##### *Emenda*

**Barra minn hekk, il-kisba ta' dawn l-għanijiet se tgħin** fiż-żamma u t-titjib tal-provvista tal-bijodiversità, **kemm dik selvaġġa kif ukoll dik ikkultivata**, u **tiżgura l-forniment** fit-tul tas-servizzi tal-ekosistemi, **il-mitigazzjoni u** l-adattament **għat-tibdil fil-klima** u s-sekwestru tal-karbonju (kemm **fuq l-art** kif ukoll **fl-ambjent akkwatiku**). Dawn se jgħinu **biex tinżamm il-bijodiversità u tiġi żgurata l-provvediment fit-tul ta' servizzi tal-ekosistema kif ukoll inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett** serra u emissjonijiet oħrajn, l-iskart u t-tniġġis mill-produzzjoni primarja (kemm terrestri kif ukoll akkwatika), l-iproċessar, il-konsum u attivitajiet oħrajn tal-bniedem. Dawn se jiskattaw investimenti, li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, **l-agrikoltura sostenibbli**, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu, filwaqt li jipproteġu s-saħħa, **is-sostenibbiltà** u l-integrità ambjentali. **Din il-prijorità se jkollha wkoll l-għan li ttejjeb il-bażi tal-għarfien dwar l-istat tal-bijodiversità billi tiżviluppa, tivvalida u tistandardizza metodoloġiji komparabbli għall-Unjoni kollha.**

## Emenda 134

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dawn se jrawmu wkoll approċċi ta' parteċipazzjoni lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż approċċ li jinvolvi

##### *Emenda*

Dawn se jrawmu wkoll approċċi ta' parteċipazzjoni lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż approċċ li jinvolvi

diversi atturi u jiżviluppaw sistemi tal-  
għarfien u l-innovazzjoni fil-livelli lokali,  
reġjonali, nazzjonali u Ewropej. L-  
innovazzjoni soċjali bl-involviment taċ-  
ċittadini u l-fiduċja fl-innovazzjoni se tkun  
kruċjali sabiex jitħeġġu tendenzi ġodda ta'  
governanza, produzzjoni u konsum.

diversi atturi u jiżviluppaw sistemi tal-  
għarfien u l-innovazzjoni fil-livelli lokali,  
reġjonali, nazzjonali u Ewropej. ***L-  
inklużjoni tal-atturi kollha tul il-katina  
tal-provvista agroalimentari fil-ħolqien u  
l-kondiviżjoni tal-għarfien għandha  
tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni  
ta' innovazzjonijiet agrikoli sostenibbli li  
jindirizzaw l-isfidi tas-sistema tal-ikel,  
inkluż l-adattament u l-mitigazzjoni tat-  
tibdil fil-klima.*** L-innovazzjoni soċjali bl-  
involviment taċ-ċittadini u l-fiduċja fl-  
innovazzjoni se tkun kruċjali sabiex  
jitħeġġu tendenzi ġodda ta' governanza,  
produzzjoni u konsum.

## Emenda 135

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Minħabba li dawn l-isfidi huma kumplessi,  
interkonnessi u globali fin-natura tagħhom,  
l-attivitajiet se jsegwu approċċ sistemiku,  
b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u s-  
sħab internazzjonali, ma' sorsi ta'  
finanzjament oħrajn u ma' inizjattivi ta'  
politika oħrajn. Dan se jinvolvi l-  
isfruttament immexxi mill-utenti ta' sorsi  
ta' big data ambjentali, bħal dawk minn  
Copernicus, EGNOS/Galileo, INSPIRE,  
EOSC, GEOSS, CEOS, EMODnet.

##### *Emenda*

Minħabba li dawn l-isfidi huma kumplessi,  
interkonnessi u globali fin-natura tagħhom,  
l-attivitajiet se jsegwu ***wkoll*** approċċ  
sistemiku, b'kooperazzjoni mal-Istati  
Membri u s-sħab internazzjonali, ma' sorsi  
ta' finanzjament oħrajn u ma' inizjattivi ta'  
politika oħrajn. Dan se jinvolvi l-  
isfruttament immexxi mill-utenti ta' sorsi  
ta' big data ambjentali, bħal dawk minn  
Copernicus, EGNOS/Galileo, INSPIRE,  
EOSC, GEOSS, CEOS, EMODnet.

## Emenda 136

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni  
skont dan ir-Raggruppament  
jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-  
implimentazzjoni tal-għanijiet ta': il-  
Programm ta' Azzjoni Ambjentali, il-  
Politika Agrikola Komuni, il-Politika

##### *Emenda*

L-attivitajiet tar-riċerka u innovazzjoni  
skont dan ir-Raggruppament  
jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-  
implimentazzjoni tal-għanijiet ta': il-  
Programm ta' Azzjoni Ambjentali, il-  
Politika Agrikola Komuni, il-Politika

Komuni tas-Sajd, il-leġiżlazzjoni dwar il-Liġi tal-Ikel, il-politika Marittima, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija tal-Bijoeconomija tal-UE, **u l-qafas** dwar il-klima u l-enerġija **għall-2030**, kif ukoll id-dispożizzjonijiet legali tal-UE dwar it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja.

Komuni tas-Sajd, il-leġiżlazzjoni dwar il-Liġi tal-Ikel, il-politika Marittima, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija tal-Bijoeconomija tal-UE, **l-Istrateġija tal-UE għall-Biodiversità 2020, l-Istrateġija tal-UE għal Infrastruttura Ekoloġika, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, il-qafas tal-UE** dwar il-klima u l-enerġija **bi qbil mal-Ftehim ta' Pariġi**, kif ukoll id-dispożizzjonijiet legali tal-UE dwar it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja. **L-azzjonijiet se jkun marbuta sew mas-sħubijiet eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-PRIMA, bil-għan li jikkontribwixxu għad-diplomazija dwar ix-xjenza.**

## Emenda 137

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) **li ġejjin**, b'mod partikolari: SDG 2 – Daqshekk **tal-Ġuħ**; SDG 6 – Ilma Nadif u Sanità; SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 12 – Konsum **Responsabbli** u Produzzjoni; SDG 13 – Azzjoni Klimatika; SDG 14 – Il-Ħajja Taħt l-Ilma; SDG 15 – Il-Ħajja fuq l-Art.

##### *Emenda*

L-attivitajiet se jikkontribwixxu direttament għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG), b'mod partikolari: SDG 2 – Daqshekk **Ġuħ**; **SDG 3 – Saħħa Tajba u Benesseri**; SDG 6 – Ilma Nadif u Sanità; SDG 11 – Bliet u Komunitajiet Sostenibbli; SDG 12 – Konsum u Produzzjoni **Responsabbli**; SDG 13 – Azzjoni Klimatika; SDG 14 – Il-Ħajja Taħt l-Ilma; SDG 15 – Il-Ħajja fuq l-Art.

## Emenda 138

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kapaċità li tosserva l-ambjent hija l-bażi tar-riċerka u l-innovazzjoni<sup>19</sup> għall-użu sostenibbli u l-monitoraġġ tal-ikel u r-riżorsi naturali. Il-kopertura spazjotemporalni mtejbja u intervalli ta' teħid tal-kampjuni b'kost ridott, kif ukoll l-

##### *Emenda*

Il-kapaċità li tosserva l-ambjent hija l-bażi tar-riċerka u l-innovazzjoni<sup>19</sup> għall-użu sostenibbli u l-monitoraġġ tal-ikel u r-riżorsi naturali. Il-kopertura spazjotemporalni mtejbja u intervalli ta' teħid tal-kampjuni b'kost ridott, kif ukoll l-



aċċess għal big data u l-integrazzjoni minn sorsi multipli jipprovdu modi ġodda ta' monitoraġġ, fehim u tbassir tas-sistema tad-Dinja. Hemm hteġa ta' implimentazzjoni, sfruttament u aġġornament usa' ta' teknoloġiji ġodda u riċerka u innovazzjoni kontinwi sabiex jiġu indirizzati l-lakuni fl-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) fuq l-art u ***l-baħar*** u fl-atmosfera, b'kollaborazzjoni b'mod partikolari permezz tas-Sistema ta' Sistemi ta' Osservazzjoni tad-Dinja Globali (GEOSS) u l-komponent Ewropew tagħha EuroGEOSS.

---

<sup>19</sup> L-Osservazzjoni tad-Dinja se tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni taħt oqsma ta' intervent oħrajn fi ħdan din l-Isfida Globali, kif ukoll partijiet rilevanti oħrajn ta' Orizzont Ewropa.

## Emenda 139

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– L-istatus tal-bijodiversità, il-protezzjoni ***tal-ekosistemi***, il-mitigazzjoni u l-adattament ***għall-klima***, is-sigurtà alimentari, l-agrikoltura u l-forestrija, l-użu tal-art u l-bidla fl-użu tal-art, l-iżvilupp urban u periurban, ***il-ġestjoni*** tar-riżorsi naturali, ***l-isfruttament u l-konservazzjoni tal-oċeani***, is-sigurtà marittima u dominji rilevanti oħrajn;

## Emenda 140

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4

aċċess għal big data u l-integrazzjoni minn sorsi multipli jipprovdu modi ġodda ta' monitoraġġ, fehim u tbassir tas-sistema tad-Dinja. Hemm hteġa ta' implimentazzjoni, sfruttament u aġġornament usa' ta' teknoloġiji ġodda u riċerka u innovazzjoni kontinwi sabiex jiġu indirizzati l-lakuni fl-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) fuq l-art u ***l-ilma*** u fl-atmosfera, b'kollaborazzjoni b'mod partikolari permezz tas-Sistema ta' Sistemi ta' Osservazzjoni tad-Dinja Globali (GEOSS) u l-komponent Ewropew tagħha EuroGEOSS.

---

<sup>19</sup> L-Osservazzjoni tad-Dinja se tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni taħt oqsma ta' intervent oħrajn fi ħdan din l-Isfida Globali, kif ukoll partijiet rilevanti oħrajn ta' Orizzont Ewropa.

##### *Emenda*

– L-istatus tal-bijodiversità, ***il-valutazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi u l-valur tagħhom***, il-protezzjoni ***tal-ekosistema***, il-mitigazzjoni ***tat-tibdil fil-klima***, l-adattament ***tal-ekosistemi u tal-ispeċi***, is-sigurtà alimentari, l-agrikoltura, ***il-fertilità tal-ħamrija*** u l-forestrija, l-użu tal-art u l-bidla fl-użu tal-art, l-iżvilupp ***rurali***, urban u periurban, ***il-protezzjoni naturali, ir-restawr u l-ġestjoni*** tar-riżorsi naturali, ***il-konservazzjoni u l-isfruttar tal-baħar u tal-ilmijiet interni***, is-sigurtà marittima u dominji rilevanti oħrajn;

*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-applikazzjonijiet orjentati lejn l-utent jinkludu l-espansjoni tagħhom, sabiex jikkontribwixxu **għall-ġestjoni** tas-servizzi Ewropej tar-riżorsi naturali u l-ekosistemi u l-katina ta' valur marbuta tagħhom.

*Emenda*

– L-applikazzjonijiet orjentati lejn l-utent jinkludu l-espansjoni tagħhom, sabiex jikkontribwixxu **għall-preżervazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni** tas-servizzi Ewropej tar-riżorsi naturali u l-ekosistemi u l-katina ta' valur marbuta tagħhom.

**Emenda 141**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Sistema ta' informazzjoni u osservazzjoni ambjentali globali komprensiva u sostenibbli, inkluż billi titrawwem kooperazzjoni bejn komunitajiet ta' mmudellar tal-klima u komunitajiet ta' osservazzjoni u ġestjoni tad-data ambjentali;***

**Emenda 142**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Effetti ta' speċijiet aljeni invażivi fuq il-bijodiversità, is-servizzi tal-ekosistema u l-produttività, inklużi għodod ġodda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontribom;***

**Emenda 143**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Tbassir integrat u valutazzjoni tar-riskji mtejba u vulnerabbiltà għal diżastri***

*marbuta mad-disturbi naturali u dawk magħmula mill-bniedem, inkluż l-iżvilupp ta' sistema ta' twissija bikrija;*

#### **Emenda 144**

##### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Koerenza ekoloġika u soċjokulturali tal-mudelli territorjali, b'enfasi partikolari fuq l-interazzjoni tan-natura u s-soċjetà li jirriżultaw minn politiki u strateġiji territorjali;***

#### **Emenda 145**

##### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– L-istat u l-valur tal-bijodiversità, l-ekosistemi terrestri u ***marini***, il-kapital naturali u s-servizzi tal-ekosistemi;

– L-istat u l-valur tal-bijodiversità ***globali u lokali***, l-ekosistemi terrestri, ***tal-baħar u akkwatiċi***, il-kapital naturali u s-servizzi tal-ekosistemi; ***analiżi dwar il-kawżi u soluzzjonijiet potenzjali għat-tnaqqis fil-bijodiversità;***

#### **Emenda 146**

##### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– L-ekotossikoloġija ta' komposti u sustanzi niġġiesa ġodda, l-interazzjonijiet u l-imġiba ambjentali tagħhom u ċ-ċrieki bijokimiċi mibdulini b'riżultat tat-tibdil fil-klima;

– L-ekotossikoloġija ta' komposti u sustanzi niġġiesa ġodda, ***sustanzi kimiċi u*** l-interazzjonijiet u l-imġiba ambjentali tagħhom u ċ-ċrieki bijokimiċi mibdulini b'riżultat tat-tibdil fil-klima;

## Emenda 147

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sistemi ta' biedja u forestrija reżiljenti u sostenibbli jipprovdu benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali f'kuntest li qed jinbidel għall-produzzjoni primarja. Flimkien mal-kontribut lejn is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, dawn jikkontribwixxu fi ktajjen ta' valur dinamiċi, ***iġestixxu*** l-art u r-riżorsi naturali, u jwasslu wkoll firxa ta' oġġetti pubbliċi vitali inkluż is-sekwestru tal-karbonju, ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, id-dakkir ***u s-saħħa*** pubblika. L-approċċi integrati huma meħtieġa għall-promozzjoni tal-funzjonijiet multipli tal-(eko)sistemi agrikoli u tal-foresti, b'konsiderazzjoni tal-kuntest li qed jinbidel għall-produzzjoni primarja, b'mod partikolari b'rabta mal-klima u l-ambjent, id-disponibbiltà tar-riżorsi, id-demografija u x-xejriet tal-konsum. Huwa neċessarju wkoll li ***tiġi indirizzata*** d-dimensjoni spazjali u soċjoekonomika tal-attivitajiet agrikoli u tal-forestrija u li jiġi mobilizzat il-potenzjal taż-żoni rurali.

##### *Emenda*

Sistemi ta' biedja u forestrija reżiljenti u sostenibbli jipprovdu benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali f'kuntest li qed jinbidel għall-produzzjoni primarja. Flimkien mal-kontribut lejn is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, dawn jikkontribwixxu fi ktajjen ta' valur dinamiċi, ***jiġġestixxu*** l-art u r-riżorsi naturali, u jwasslu wkoll firxa ta' oġġetti pubbliċi vitali inkluż is-sekwestru tal-karbonju, ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, id-dakkir, ***kif ukoll is-saħħa*** pubblika ***u l-benesseri***. L-approċċi integrati huma meħtieġa għall-promozzjoni tal-funzjonijiet multipli tal-(eko)sistemi agrikoli u tal-foresti, b'konsiderazzjoni tal-kuntest li qed jinbidel għall-produzzjoni primarja, b'mod partikolari b'rabta mal-klima u l-ambjent, id-disponibbiltà tar-riżorsi, id-demografija u x-xejriet tal-konsum. Huwa neċessarju wkoll li ***jiġu indirizzati l-impatt u*** d-dimensjoni spazjali u soċjoekonomika tal-attivitajiet agrikoli u tal-forestrija u li jiġi mobilizzat il-potenzjal taż-żoni rurali.

## Emenda 148

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż -1 (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

– ***It-titjib tal-monitoraġġ u l-indikaturi tal-bijodiversità, il-funzjonijiet u s-servizzi tal-ekosistema f'żoni rurali u sistemi agroekoloġiċi, u l-appoġġ tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-tagħlim konġunt u t-titjib tal-istat tal-ekosistemi tal-biedja;***

## Emenda 149

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- Metodi, teknoloġiji u għodod għall-produzzjoni sostenibbli u reżiljenti fil-biedja u l-forestrija;

#### *Emenda*

- Metodi, teknoloġiji u għodod **innovattivi** għall-produzzjoni sostenibbli u reżiljenti fil-biedja, **inkluż dik terrestri u dik akkwatika**, u l-forestrija, **u għall-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma**;

## Emenda 150

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- L-impatt klimatiku u ambjentali tal-attivitajiet fis-settur primarju; il-potenzjal tal-agrikoltura u l-forestrija **bħala bjar** tal-karbonju u għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, inkluż l-approċċi lejn l-emissjonijiet negattivi;

#### *Emenda*

- L-impatt klimatiku u ambjentali tal-attivitajiet fis-settur primarju **tul il-katina ta' valur**; il-potenzjal tal-agrikoltura u l-forestrija **bil-għan li jiżdedu s-sostituzzjoni u l-ħżin** tal-karbonju, **pereżempju permezz ta' żieda sostenibbli fil-produzzjoni ta' bijomassa**, u għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet **b'effett** serra, inkluż l-approċċi lejn l-emissjonijiet negattivi;

## Emenda 151

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- Organiżmi ta' ħsara u mard tal-pjanti u saħħa u benesseri tal-annimali; alternattivi għall-użu ta' pestiċidi, antibijotiċi u sustanzi oħrajn kontenżjużi;

#### *Emenda*

- Organiżmi ta' ħsara u mard tal-pjanti u saħħa u benesseri tal-annimali; alternattivi għall-użu ta' **kimiċi**, pestiċidi, antibijotiċi u sustanzi oħrajn kontenżjużi, **filwaqt li titqies il-konservazzjoni tal-biodiversità u l-approċċi agroekosistemiċi ta' biodiversità għolja**;

## Emenda 152

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- **Sistemi ta' data miftuħa li jrawmu l-kondiviżjoni ta' data u għarfien dwar pjanti, patoġeni u dwar l-ambjent li jippermettu iktar riċerka xjentifika, ippjanar ambjentali u żvilupp ta' prodotti kummerċjali;**

### Emenda 153

#### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- Użu u twassil ta' servizzi tal-ekosistemi fis-sistemi tal-agrikoltura u l-forestrija li japplikaw approċċi ekoloġiċi u jittestjaw soluzzjonijiet ibbażati fin-natura mil-livelli tar-razzett sal-pajsaġġ għal agrikoltura favur l-ambjent;

- Użu u twassil ta' servizzi tal-ekosistemi fis-sistemi tal-agrikoltura u l-forestrija li japplikaw approċċi ekoloġiċi u jittestjaw soluzzjonijiet ibbażati fin-natura mil-livelli tar-razzett sal-pajsaġġ għal agrikoltura favur l-ambjent ***filwaqt li jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistema, it-tniġġis agrikolu, u s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini;***

### Emenda 154

#### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- Sistemi agrikoli u ta' forestrija minn livelli tar-razzett sal-pajsaġġ; l-użu u t-twassil ta' servizzi tal-ekosistemi fil-produzzjoni primarja;

- Sistemi agrikoli u ta' forestrija ***innovattivi*** minn livelli tar-razzett sal-pajsaġġ; l-użu u t-twassil ta' servizzi tal-ekosistemi fil-produzzjoni primarja;

### Emenda 155

#### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

- Innovazzjonijiet fil-biedja fl-interfaċċi bejn l-agrikoltura, l-akkwakultura u l-forestrija u fiż-żoni urbani;

*Emenda*

- Innovazzjonijiet fil-biedja fl-interfaċċi bejn l-agrikoltura, l-akkwakultura u l-forestrija u fiż-żoni urbani **u rurali**;

**Emenda 156**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- Innovazzjonijiet diġitali fil-biedja u l-forestrija tul **il-ktajjen** tal-valur u ż-żoni rurali permezz tal-użu **tad-data** u l-iżvilupp ta' infrastrutturi, teknoloġiji u mudelli ta' governanza;

*Emenda*

- Innovazzjonijiet diġitali fil-biedja u l-forestrija, **inkluż tekniki tal-biedja u l-forestrija ta' preċiżjoni**, tul **il-katina** tal-valur **miżjud** u ż-żoni rurali permezz tal-użu **ta' data** u l-iżvilupp ta' infrastrutturi, **l-intelliġenza artiċjali, algoritmi tat-tagħlim awtomatiku**, teknoloġiji **tar-robotika** u mudelli ta' governanza **li jinkludu l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli ta' dimostrazzjoni**;

**Emenda 157**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- **Tranżizzjoni lejn sistemi integrati u diversifikati tal-ikel u tal-biedja u prattiki agronomiċi, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' preċiżjoni u approċċi ta' intensifikazzjoni agroekoloġika u ekoloġika sabiex jibbenefikaw t-tipi kollha tal-agrikoltura**;

*Emenda*

**Emenda 158**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Strateġiji ġodda għat-tkabbir tal-pjanti li jimmiraw lejn rendiment sostenibbli ogħla, titjib fil-kwalità u benefiċċji miżjuda minn perspettiva kemm ekonomika kif ukoll ambjentali;***

## **Emenda 159**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Żvilupp ta' prodotti, għodod u prattiki li jappoġġaw il-prattiki agrikoli sostenibbli, inkluż it-titjib tal-għarfien dwar l-impatt ta' prattiki agrikoli differenti fuq il-kwalità u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija.***

## **Emenda 160**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5.2.4. Ibħra u ***Oċeani***

5.2.4. Ibħra, ***Oċeani, Ilmijiet Interni u l-Ekonomija Blu;***

## **Emenda 161**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-kapital naturali*** tal-ibħra u l-oċeani u ***s-servizzi tal-ekosistemi joffru*** benefiċċji soċjoekonomiċi u ta' benesseri sinifikanti. Dan il-potenzjal jinsab mhedded minħabba l-pressjoni kbira mill-fatturi ta' stress umani u naturali bħat-tniġġis, is-sajd eċċessiv, it-tibdil fil-klima, iż-żieda fil-

***Il-bijodiversità rikka*** tal-ibħra, l-oċeani u ***l-ilmijiet interni toffri*** benefiċċji soċjoekonomiċi u ta' benesseri sinifikanti. Dan il-potenzjal jinsab mhedded minħabba l-pressjoni kbira mill-fatturi ta' stress umani u naturali bħat-tniġġis, is-sajd eċċessiv, it-tibdil fil-klima, iż-żieda fil-



livell tal-baħar u avvenimenti estremi tat-temp. Sabiex l-ibħra u ***l-oċeani*** ma jaslux f'punt fejn ikun tard wisq, huwa neċessarju li nsaħħu l-għarfien u l-fehim tagħna sabiex ***ingestixxu***, nipproteġu u nirrestawraw b'mod sostenibbli l-ekosistemi marini u kostali u ***niġġieldu kontra*** t-tniġġis fil-baħar, f'kuntest ta' qafas ta' governanza tal-oċeani imtejjeb u responsabbli. Dan se jinkludi wkoll riċerka sabiex jinfetħ b'mod sostenibbli l-potenzjal ekonomiku enormi u mhux sfruttat tal-ibħra u ***l-oċeani*** li jimmira lejn il-produzzjoni ta' iktar ikel mingħajr żieda fil-pessjonijiet fuqhom, u jikkontribwixxi wkoll ***għall-elevar*** tal-pessjoni minn fuq ir-riżorsi tal-art, ***l-ilma ħelu*** u ***l-oċeani***. Hemm hteġa ta' approċċi ta' sħubija, inkluż strateġiji tal-baċir tal-baħar u makroreġjonali, li jestendu lil hinn mill-UE (eż. fil-Mediterran, il-Baltiku, il-Baħar l-Iswed, l-Atlantiku, il-Baħar Karibew u l-Oċean Indjan); u għall-kontribuzzjoni għall-impenji tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani, inizjattivi ***bħad-Deċenju*** tal-Nazzjonijiet Uniti għax-Xjenza ***Miftuħa*** għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-impenji marbuta mal-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika tal-baħar f'żoni li huma lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

livell tal-baħar, ***użu mhux sostenibbli tal-ilma*** u avvenimenti estremi tat-temp. Sabiex l-ibħra, ***l-oċeani*** u ***l-ilmijiet interni*** ma jaslux f'punt fejn ikun tard wisq, huwa neċessarju li nsaħħu l-għarfien u l-fehim tagħna sabiex ***niġġestixxu***, nipproteġu u nirrestawraw b'mod sostenibbli l-ekosistemi marini u kostali u ***nipprevjenu*** t-tniġġis fil-baħar, f'kuntest ta' qafas ta' governanza tal-oċeani imtejjeb u responsabbli. Dan se jinkludi wkoll riċerka sabiex jinfetħ b'mod sostenibbli l-potenzjal ekonomiku enormi u mhux sfruttat tal-ibħra, ***l-oċeani*** u ***l-ilmijiet interni*** li jimmira lejn il-produzzjoni ta' iktar ikel mingħajr żieda fil-pessjonijiet fuqhom, u jikkontribwixxi wkoll ***għat-tnaqqis*** tal-pessjoni minn fuq ir-riżorsi tal-art u ***tal-ilma***. Hemm hteġa ta' approċċi ta' sħubija, inkluż strateġiji tal-baċir tal-baħar u makroreġjonali, li jestendu lil hinn mill-UE (eż. fil-Mediterran, il-Baltiku, il-Baħar l-Iswed, l-Atlantiku, il-Baħar Karibew u l-Oċean Indjan); u għall-kontribuzzjoni għall-impenji tal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani, ***l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli***, inizjattivi ***bħad-Deċennju*** tal-Nazzjonijiet Uniti għax-Xjenza ***dwar l-Oċeani*** għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-impenji marbuta mal-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika tal-baħar f'żoni li huma lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

## Emenda 162

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– ***Il-biedja*** sostenibbli ***fl-ibħra*** u ***l-oċeani***, ***is-sajd*** u ***l-marikultura*** għall-ikel, inklużi sorsi alternattivi ta' proteini b'sigurtà alimentari, sovranità tal-ikel u reżiljenza għall-klima ikbar;

##### *Emenda*

– ***Is-sajd*** sostenibbli u ***l-akkwakultura responsabbli*** għall-ikel, inklużi sorsi alternattivi ta' proteini b'sigurtà alimentari, sovranità tal-ikel u reżiljenza għall-klima ikbar;

## Emenda 163

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***L-iżvilupp ta' prodotti bijoloġiċi ġodda bbażati fuq l-organiżmi tal-baħar, b'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet li joffru opportunitajiet ġodda ta' prodotti u ta' servizzi;***

## Emenda 164

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- Ir-reżiljenza msaħħa tal-ekosistemi marini sabiex tkun żgurata s-saħħa tal-ibħra u tal-oċeani, il-ġlieda u l-mitigazzjoni tal-effetti ta' pressjonijiet naturali u tal-bniedem bħat-tniġġis u l-plastiks, l-ewtrofikazzjoni, l-aċidifikazzjoni, it-tiħin tal-ibħra u l-oċeani, iż-żieda fil-livell tal-baħar, b'kunsiderazzjoni tal-intersezzjoni bejn l-art u ***l-baħar*** u permezz ta' trawwim ta' approċċ ċirkolari;

- Ir-reżiljenza msaħħa tal-ekosistemi marini sabiex tkun żgurata s-saħħa tal-ibħra u tal-oċeani ***u tal-ilmijiet interni, il-prevenzjoni***, il-ġlieda u l-mitigazzjoni tal-effetti ta' pressjonijiet naturali u tal-bniedem bħat-tniġġis, ***kimiċi*** u l-plastiks, ***inkluż il-mikroplastik, is-sajd eċċessiv***, l-ewtrofikazzjoni, l-aċidifikazzjoni, it-tiħin tal-ibħra u l-oċeani, ***l-ispeċi invażivi***, iż-żieda fil-livell tal-baħar, b'kunsiderazzjoni tal-intersezzjoni bejn l-art u ***l-ambjent akkwatiku*** u permezz ta' trawwim ta' approċċ ċirkolari;

## Emenda 165

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- Il-governanza tal-oċeani fil-livelli globali u reġjonali sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ibħra u ***l-oċeani***;

- Il-governanza tal-oċeani fil-livelli globali u reġjonali sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ibħra, ***l-oċeani u l-ilmijiet interni u l-kapital naturali tagħhom***;

## Emenda 166

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Ktajjen tal-valur blu, l-użu multiplu tal-ispazju **marin** u t-tkabbir tas-settur tal-enerġija rinnovabbli mill-ibħra u **l-oċeani**, inkluż mikroalga u makroalga **sostenibbli**;

*Emenda*

– Ktajjen tal-valur blu, l-użu multiplu tal-ispazju **akkwatiku** u t-tkabbir tas-settur tal-enerġija rinnovabbli mill-ibħra, **l-oċeani** u **l-ilmijiet interni**, inkluż **produzzjoni sostenibbli ta' mikroalga u makroalga; sistemi moderni tal-produzzjoni akkwatika fuq l-art li joffru għodod għall-produzzjoni ta' bijomassa ambjentalment newtrali**;

## Emenda 167

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Soluzzjonijiet b'bażi fin-natura bbażati fuq id-dinamika tal-ekosistemi **marini** u kostali, is-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi multipli, li se jiffaċilitaw approċċ sistemiċi lejn l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ibħra u **l-oċeani**, jikkontribwixxu għall-protezzjoni ambjentali, **il-ġestjoni kostali**, u l-adattament għat-tibdil fil-klima;

*Emenda*

– Soluzzjonijiet b'bażi fin-natura bbażati fuq id-dinamika tal-ekosistemi **akkwatiċi** u kostali, is-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi multipli, li se jiffaċilitaw approċċ sistemiċi lejn l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ibħra, **l-oċeani** u **l-ilmijiet interni**, jikkontribwixxu għall-protezzjoni ambjentali (**inkluż l-ambjent kostali**), **restawr u ġestjoni**, u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

## Emenda 168

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-innovazzjoni blu li tinkludi l-ekonomiji blu u diġitali, fiż-żoni ta' mal-kosta kollha, il-bliet kostali u l-portijiet sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-żoni kostali u jiżdiedu l-benefiċċji **taċ-ċittadini**.

*Emenda*

– L-innovazzjoni blu li tinkludi l-ekonomiji blu u diġitali, fiż-żoni ta' mal-kosta kollha, il-bliet kostali u l-portijiet, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza taż-żoni kostali u jiżdiedu l-benefiċċji **għaċ-ċittadini u l-viżitaturi**.

## Emenda 169

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Fehim aħjar tar-rwol tal-oċeani għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

#### *Emenda*

– Fehim aħjar tar-rwol tal-oċeani **u ta' ambjenti akkwatiċi oħra** għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

## Emenda 170

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-effetti kkombinati taż-żieda fil-popolazzjoni, l-iskarsezza tar-riżorsi u l-isfruttament mhux sostenibbli, id-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima u l-migrazzjoni jgħolqu sfidi bla preċedent li jirrikjedu t-trasformazzjoni tas-sistema alimentari (FOOD 2030).<sup>20</sup> Il-produzzjoni u l-konsum tal-ikel attwali fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex sostenibbli, filwaqt li qed naffaċċaw il-piż doppju tal-malnutrizzjoni, ikkaratterizzat mill-koeżistenza tan-nuqqas ta' nutrizzjoni u l-obeżità. Is-sistemi alimentari futuri jridu jipprovdu ikel sikur, san u ta' kwalità suffiċjenti għal kulħadd, u li jkunu msejsin fuq l-użu effiċjenti tar-riżorsi, is-sostenibbiltà (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet GHG, it-tniġġis u l-produzzjoni tal-iskart), il-konnessjoni bejn l-art u ***l-baħar***, inqas ħela ta' ikel, it-titjib tal-produzzjoni tal-ikel ***mill-ibħra u l-oċeani*** u li jinkludi l-"katina tal-valur alimentari" kollha mill-produtturi sal-konsumaturi, u lura. Dan irid jimxi id f'id mal-iżvilupp tas-sistema tas-sikurezza alimentari tal-futur u d-disinn, l-iżvilupp u t-twassil tal-ġhodod, it-teknoloġiji u s-

#### *Emenda*

L-effetti kkombinati taż-żieda fil-popolazzjoni, l-iskarsezza tar-riżorsi u l-isfruttament mhux sostenibbli, id-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima u l-migrazzjoni jgħolqu sfidi bla preċedent li jirrikjedu t-trasformazzjoni tas-sistema alimentari (FOOD 2030).<sup>20</sup> Il-produzzjoni u l-konsum tal-ikel attwali fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex sostenibbli, filwaqt li qed naffaċċaw il-piż doppju tal-malnutrizzjoni, ikkaratterizzat mill-koeżistenza tan-nuqqas ta' nutrizzjoni u l-obeżità. Is-sistemi alimentari futuri jridu jipprovdu ikel sikur, san u ta' kwalità suffiċjenti għal kulħadd, u li jkunu msejsin fuq l-użu effiċjenti tar-riżorsi, is-sostenibbiltà (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet GHG, it-tniġġis u l-produzzjoni tal-iskart), il-konnessjoni bejn l-art u ***l-ambjenti akkwatiċi***, inqas ħela ta' ikel, it-titjib tal-produzzjoni tal-ikel u li jinkludi l-"katina tal-valur alimentari" kollha mill-produtturi sal-konsumaturi, u lura. Dan irid jimxi id f'id mal-iżvilupp tas-sistema tas-sikurezza alimentari tal-futur u d-disinn, l-iżvilupp u t-twassil tal-ġhodod, it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet diġitali li

soluzzjonijiet diġitali li jipprovdu benefiċċji sinifikanti għall-konsumaturi u jtejbu l-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-katina tal-valur alimentari. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li jitrawwmu bidliet fl-imġiba fil-konsum tal-ikel u fit-tendenzi tal-produzzjoni kif ukoll biex jiġu involuti ***l-produtturi*** primarji, l-industrija (inkluż SMEs), il-bejjieġha bl-imnut, is-setturi tas-servizzi alimentari, il-konsumaturi u s-servizzi pubbliċi.

---

<sup>20</sup> SWD(2016)0319: Riċerka u Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà Alimentari u Nutrizzjonali

jipprovdu benefiċċji sinifikanti għall-konsumaturi u jtejbu l-kompetittività, ***l-effiċjenza*** u s-sostenibbiltà tal-katina tal-valur alimentari. Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li jitrawwmu bidliet fl-imġiba fil-konsum tal-ikel u fit-tendenzi tal-produzzjoni, ***pereżempju permezz tattikkettar tal-ikel***, kif ukoll biex jiġu involuti ***aħjar l-atturi kollha, inklużi l-produtturi*** primarji, l-industrija (inkluż SMEs), il-bejjieġha bl-imnut, is-setturi tas-servizzi alimentari, il-konsumaturi u s-servizzi pubbliċi.

---

<sup>20</sup> SWD(2016)0319: Riċerka u Innovazzjoni Ewropea għas-Sigurtà Alimentari u Nutrizzjonali

## Emenda 171

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Dieti sostenibbli u sani għall-benesseri tal-persuni tul il-ħajja tagħhom;

#### *Emenda*

– Dieti sostenibbli u sani għall-benesseri tal-persuni tul il-ħajja tagħhom; ***li jiżguraw li s-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel u tal-ipproċessar tiegħu jkunu ddisinjati mil-livell l-aktar baxx 'il fuq b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet nutrizzjonali;***

## Emenda 172

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 1a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

- ***L-użu ta' teknoloġiji ġenomiċi u metabolomiċi ġodda li jirrikonoxxu u jissodisfaw il-ħtiġijiet nutrittivi differenti tal-popolazzjoni globali tagħna;***

## Emenda 173

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

– **Nutrizzjoni personalizzata** speċjalment għall-gruppi vulnerabbli, sabiex jiġu mitigati l-fatturi ta' riskju għal mard marbut mad-dieta u l-mard mhux komunikabbli;

*Emenda*

– **Approċċi ġodda għan-nutrizzjoni** speċjalment għall-gruppi vulnerabbli, sabiex jiġu mitigati l-fatturi ta' riskju għal mard marbut mad-dieta u l-mard mhux komunikabbli, **inkluża l-intolleranza alimentari**;

## Emenda 174

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-imġiba, l-istil ta' ħajja u l-motivazzjonijiet tal-konsumaturi, il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali u l-involviment tas-soċjetà għal saħħa u sostenibbiltà ambjentali aħjar tul il-katina tal-valur alimentari kollha;

*Emenda*

– L-imġiba, l-istil ta' ħajja u l-motivazzjonijiet tal-konsumaturi, **analizzati minn perspettiva multidixxiplinari (psikoloġika u kulturali)**, il-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali u l-involviment tas-soċjetà għal saħħa u sostenibbiltà ambjentali aħjar tul il-katina tal-valur alimentari kollha;

## Emenda 175

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Is-sikurezza alimentari moderna u s-sistemi ta' awtentiċità, it-titjib tal-fiduċja tal-konsumaturi fis-sistema alimentari;

*Emenda*

– Is-sikurezza alimentari moderna u s-sistemi ta' **traċċabbiltà u** awtentiċità, it-titjib tal-fiduċja tal-konsumaturi fis-sistema alimentari;

## Emenda 176

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***L-identifikazzjoni tas-sorsi ta' proteini u l-iżvilupp ulterjuri tal-pjanti tal-proteini u l-ipproċessar tagħhom għall-użu bħala ikel u għalf***

## **Emenda 177**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– Sistemi alimentari ambjentalment sostenibbli, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi ***mill-baħar*** u ***l-art***, lejn it-tmiem tal-ħela tal-ikel tul is-sistema alimentari kollha, permezz ta' użu mill-ġdid tal-ikel u l-bijomassa, ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-ikel, imballaġġ ġdid tal-ikel, id-domanda għal ikel maħsub apposta u ikel lokali;

– Sistemi alimentari ambjentalment sostenibbli, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi ***mill-art*** u ***mill-ambjenti akkwatiċi***, lejn it-tmiem tal-ħela tal-ikel tul is-sistema alimentari kollha, permezz ta' użu mill-ġdid tal-ikel u l-bijomassa, ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-ikel, imballaġġ ġdid tal-ikel, id-domanda għal ikel maħsub apposta u ikel lokali;

## **Emenda 178**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– Sistemi ta' innovazzjoni u alimentari għall-innovazzjoni bbażata fuq il-post u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tal-komunitajiet, it-trawwim ta' kummerċ u prezzar ġusti, l-inklużività u s-sostenibbiltà permezz ta' sħubiji bejn ***l-industrija***, l-awtoritajiet lokali, ir-riċerkaturi u s-soċjetà.

– Sistemi ta' innovazzjoni u alimentari għall-innovazzjoni bbażata fuq il-post u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tal-komunitajiet, it-trawwim ta' kummerċ u prezzar ġusti, l-inklużività u s-sostenibbiltà permezz ta' sħubiji bejn ***l-industriji***, l-awtoritajiet lokali, ir-riċerkaturi u s-soċjetà.

## **Emenda 179**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 7a (ġdid)**

- ***L-iżvilupp tal-bijoeconomija ċirkolari, l-immassimizzar taċ-ċikli ta' pproċessar u produzzjoni tal-ikel bil-għan li jiġi ottimizzat il-valur tar-riżorsi tagħna u jiġi minimizzat l-impatt ambjentali***

## Emenda 180

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika tnejji l-pedament għat-tranżizzjoni lil hinn minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili billi tinkludi sorsi sostenibbli, l-iproċessar industrijali u l-konverżjoni tal-bijomassa ***mill-baħar*** u l-art f'materjali u prodotti b'bażi bijoloġika. Din tikkapitalizza wkoll fuq il-potenzjal tar-riżorsi ħajjin, ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija industrijali għal skoperti, prodotti u proċessi ġodda. L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika, inkluż it-teknoloġiji, tista' ġġib attivitajiet ekonomiċi ġodda u impjiegi fir-reġjuni u l-bliet, tikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji rurali u kostali u ssaħħaħ iċ-ċirkolarità tal-bijoeconomija.

L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika tnejji l-pedament għat-tranżizzjoni lil hinn minn ekonomija bbażata fuq il-fjuwils fossili billi tinkludi sorsi sostenibbli, l-iproċessar industrijali u l-konverżjoni tal-bijomassa ***mill-ilma*** u l-art f'materjali u prodotti b'bażi bijoloġika. Din tikkapitalizza wkoll fuq il-potenzjal tar-riżorsi ħajjin, ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija industrijali ***kif ukoll il-ħidma ta' standardizzazzjoni li għaddejja*** għal skoperti, prodotti u proċessi ġodda. L-innovazzjoni b'bażi bijoloġika, inkluż it-teknoloġiji, tista' ġġib attivitajiet ekonomiċi ġodda u impjiegi fir-reġjuni u l-bliet, tikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji rurali u kostali u ssaħħaħ iċ-ċirkolarità tal-bijoeconomija, ***biex b'hekk tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.***

## Emenda 181

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Is-sistemi ta' innovazzjoni b'bażi bijoloġika jeħtieġu kollaborazzjoni bejn is-setturi u l-katina tal-valur. Il-potenzjal u l-impatt ta' sorsi differenti ta' bijomassa***



*jenħtieġ li jiġu vvalutati bir-reqqa.*

## **Emenda 182**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-issorsjar tal-bijomassa u sistemi tal-produzzjoni sostenibbli, li jiffukaw fuq applikazzjonijiet u użi ta' valur għoli, sostenibbiltà soċjali u ambjentali, l-impatt fuq il-miri ta' tnaqqis klimatiċi u tal-bijodiversità effiċjenza fl-użu tar-riżorsi b'mod ġenerali;

*Emenda*

– L-issorsjar tal-bijomassa u sistemi tal-produzzjoni sostenibbli **u ekwitabbli**, li jiffukaw fuq applikazzjonijiet u użi ta' valur għoli, sostenibbiltà soċjali, **ekonomika** u ambjentali, l-impatt fuq il-miri ta' tnaqqis klimatiċi u tal-bijodiversità effiċjenza fl-użu tar-riżorsi b'mod ġenerali;

## **Emenda 183**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika, materjali, inkluż materjali, prodotti u proċessi bijoinspirati li għandhom kwalitajiet, funzjonalitajiet u sostenibbiltà mtejbja ġodda (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra), li jrawmu l-iżvilupp ta' bijoraffineriji avvanzati li jużaw firxa usa' ta' bijomassa;

*Emenda*

– Ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika, materjali, inkluż materjali, prodotti u proċessi bijoinspirati li għandhom kwalitajiet, funzjonalitajiet u sostenibbiltà mtejbja ġodda (inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra), li jrawmu l-iżvilupp ta' bijoraffineriji avvanzati li jużaw firxa usa' ta' bijomassa **u li jiżviluppaw aktar il-fjuwils bijoġeniċi eżistenti u ġodda; użu aħjar ta' prodotti intermedjarji u skart b'bażi bijoloġika**

## **Emenda 184**

### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Il-bijoteknoloġija, inkluż bijoteknoloġija transsettorjali mill-aktar avvanzata, għall-applikazzjoni fi proċessi industrijali, servizzi ambjentali u prodotti

*Emenda*

– Il-bijoteknoloġija, inkluż bijoteknoloġija transsettorjali mill-aktar avvanzata, għall-applikazzjoni fi proċessi **agrikoli**, industrijali, servizzi ambjentali u

għall-konsumaturi kompetittivi, sostenibbli u ġodda<sup>21</sup>;

prodotti għall-konsumaturi kompetittivi, sostenibbli u ġodda<sup>21</sup>;

---

<sup>21</sup> L-applikazzjonijiet bijoteknoloġiċi tas-saħħa se jiġu indirizzati mir-Raggruppament tas-Saħħa skont dan il-pilastru.

---

<sup>21</sup> L-applikazzjonijiet bijoteknoloġiċi tas-saħħa se jiġu indirizzati mir-Raggruppament tas-Saħħa skont dan il-pilastru.

## Emenda 185

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Iċ-ċirkolarità tal-ekonomija b'bażi bijoloġika permezz tal-innovazzjoni teknoloġija, sistemika, soċjali u tal-mudell tan-negozju sabiex jiżdied ***b'mod radikali l-valur*** iġġenerat għal kull unità ta' riżorsi bijoloġiċi, filwaqt li l-valur ta' tali riżorsi jinżamm fl-ekonomija għal aktar żmien u ***jiġi appoġġat il-prinċipju*** tal-użu kaskata tal-bijomassa sostenibbli permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni;

#### *Emenda*

– Iċ-ċirkolarità tal-ekonomija b'bażi bijoloġika permezz tal-innovazzjoni teknoloġija, sistemika, soċjali u tal-mudell tan-negozju sabiex jiżdied ***il-valur*** iġġenerat għal kull unità ta' riżorsi bijoloġiċi, filwaqt li l-valur ta' tali riżorsi jinżamm fl-ekonomija għal aktar żmien u ***jiġi appoġġati it-tranżizzjoni lejn materjali sostenibbli u l-prinċipju*** tal-użu kaskata tal-bijomassa sostenibbli permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni;

## Emenda 186

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 5 a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

- ***Ktajjen ta' valur b'bażi bijoloġika, inklużi materjal ġdid innovattiv, kombinamenti ta' materjali u kunċetti u prodotti innovattivi oħra.***

## Emenda 187

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 1

Is-sistemi tal-produzzjoni u l-konsum ċirkolari se jipprovdu benefiċċji għall-ekonomija Ewropea billi jnaqqsu d-dipendenza fuq ir-riżorsi u jżidu l-kompetittività tal-intrapriżi, u għaċ-ċittadini Ewropej billi jgħolqu opportunitajiet ta' impjiegi ġodda u jnaqqsu l-perssonijiet minn fuq l-ambjent u l-klima. Lil hinn mit-trasformazzjoni industrijali, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u ċirkolari, se tkun teħtieġ ukoll tranżizzjoni tas-sistema usa' li tirrikjedi soluzzjonijiet ekoinnovattivi sistemiċi, mudelli tan-negożju, swieq u investimenti ġodda, infrastruttura ta' ffaċilitar, bidliet ta' innovazzjoni soċjali fl-imġiba tal-konsumaturi, u mudelli ta' governanza li jstimolaw il-kollaborazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati sabiex jiġi żgurat li l-bidla fis-sistema maħsuba twassal għal eżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjali aħjar. Il-ftuħ ta' kooperazzjoni internazzjonali **se** jkun importanti għall-komparabbiltà, il-ġenerazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-evita tad-dupplikazzjoni tal-isforzi, eż. permezz ta' inizjattivi internazzjonali bħall-Panel Internazzjonali tar-Riżorsi.

---

<sup>22</sup> L-attivitajiet fil-Qasam ta' Intervent tas-Sistemi Ċirkolari huma **kumplimentari** għal dawk tal-Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju u l-Industrija Nadifa fir-raggruppament tas-Settur Diġitali u l-Industrija.

## Emenda 188

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 1

Is-sistemi tal-produzzjoni u l-konsum ċirkolari se jipprovdu benefiċċji għall-ekonomija **u s-soċjetà** Ewropea billi jnaqqsu d-dipendenza fuq ir-riżorsi u jżidu l-kompetittività tal-intrapriżi, u għaċ-ċittadini Ewropej billi jgħolqu opportunitajiet ta' impjiegi ġodda u jnaqqsu l-perssonijiet minn fuq l-ambjent u l-klima. Lil hinn mit-trasformazzjoni industrijali, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u ċirkolari, se tkun teħtieġ ukoll tranżizzjoni tas-sistema usa' li tirrikjedi soluzzjonijiet ekoinnovattivi sistemiċi, mudelli tan-negożju, swieq u investimenti ġodda, **ir-reviżjoni jew l-iżvilupp ta' standards ġodda**, infrastruttura ta' ffaċilitar, bidliet ta' innovazzjoni soċjali fl-imġiba tal-konsumaturi, u mudelli ta' governanza li jstimolaw il-kollaborazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati sabiex jiġi żgurat li l-bidla fis-sistema maħsuba twassal għal eżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjali aħjar. **Fejn xieraq**, il-ftuħ ta' kooperazzjoni internazzjonali **jista'** jkun importanti għall-komparabbiltà, il-ġenerazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien u l-evita tad-dupplikazzjoni tal-isforzi, eż. permezz ta' inizjattivi internazzjonali bħall-Panel Internazzjonali tar-Riżorsi.

---

<sup>22</sup> L-attivitajiet fil-Qasam ta' Intervent tas-Sistemi Ċirkolari huma **komplementari** għal dawk tal-Emissjonijiet Baxxi tal-Karbonju u l-Industrija Nadifa fir-raggruppament tas-Settur Diġitali u l-Industrija.

*Test propost mill-Kummissjoni*

– It-tranżizzjoni sistemika lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari, b'paradigmi ġodda fl-interazzjoni tal-konsumaturi, mudelli ta' negozju ġodda għall-użu effiċjenti tar-riżorsi u prestazzjoni ambjentali; prodotti u servizzi li jstimolaw l-użu effiċjenti tar-riżorsi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu; sistemi għall-kondiviżjoni, l-użu mill-ġdid, it-tiswija, il-manifattura mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-ikkompostjar;

*Emenda*

– It-tranżizzjoni sistemika lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari, b'paradigmi ġodda fl-interazzjoni tal-konsumaturi, mudelli ta' negozju ġodda għall-użu effiċjenti tar-riżorsi u ***tal-enerġija u*** prestazzjoni ambjentali; prodotti u servizzi li jstimolaw l-użu effiċjenti tar-riżorsi tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu; sistemi għall-kondiviżjoni, l-użu mill-ġdid, it-tiswija, il-manifattura mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-ikkompostjar;

**Emenda 189**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Soluzzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli u reġenerattiv tal-bliet, taż-żoni u r-reġjuni periurbani, l-integrazzjoni tat-trasformazzjoni tal-ekonomija ċirkolari ma' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u innovazzjonijiet ta' governanza teknoloġika, diġitali, soċjali, kulturali u territorjali;

*Emenda*

– Soluzzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli u reġenerattiv tal-bliet, taż-żoni u r-reġjuni periurbani ***u rurali***, l-integrazzjoni tat-trasformazzjoni tal-ekonomija ċirkolari ma' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u innovazzjonijiet ta' governanza teknoloġika, diġitali, soċjali, kulturali u territorjali;

**Emenda 190**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– ***Adattament għal approċċ totalment ċirkolari li jinvolvi l-ġestjoni innovativa tal-iskart u s-soluzzjonijiet ta' trattament li jippermettu l-irkupru tar-riżorsi u n-nutrijenti kif ukoll il-ġestjoni tal-iskart tal-ikel f'żoni urbani;***

*Emenda*

**Emenda 191**

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Ekoinnovazzjoni għall-prevenzjoni u rimedju tat-tniġġis ambjentali minn sustanzi perikolużi u sustanzi kimiċi ta' tħassib emerġenti; eżaminazzjoni wkoll tal-interfaċċa bejn is-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart;

*Emenda*

– Ekoinnovazzjoni għall-prevenzjoni u rimedju tat-tniġġis ambjentali minn sustanzi perikolużi u sustanzi kimiċi ta' tħassib emerġenti; eżaminazzjoni wkoll tal-interfaċċa bejn ***l-ekosistemi***, is-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart;

### Emenda 192

#### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.7 – paragrafu 2 – inċiż 5 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Għarfien akbar tal-mexxejja u tal-ostakli għad-dħul ta' prodotti b'bażi bijoloġika permezz ta' riċerka dwar il-marka tal-ekonomija ċirkolari, l-ittikkettar, l-applikazzjoni tal-istandards, l-iskemi ta' ċertifikazzjoni, l-akkwist pubbliku u l-attivitajiet regolatorji, inkluż minn perspettiva globali ta' kompetizzjoni.***

### Emenda 193

#### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-evidenza ta' kwalità għolja u li tista' tiġi fdata hija essenzjali għal politiki pubbliċi tajbin. Inizjattivi u proposti ġodda għal-leġiżlazzjoni tal-UE jridu evidenza trasparenti, komprensiva u bilanċjata, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-politiki trid evidenza sabiex jiġu mkejla u mmonitorjati l-impatt u l-progress tagħhom.

*Emenda*

L-evidenza ta' kwalità għolja u li tista' tiġi fdata hija essenzjali għal politiki pubbliċi tajbin. Inizjattivi u proposti ġodda għal-leġiżlazzjoni tal-UE jridu evidenza trasparenti, komprensiva u bilanċjata, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-politiki trid evidenza ***u trasparenza*** sabiex jiġu mkejla u mmonitorjati l-impatt u l-progress tagħhom.

### Emenda 194

## Proposta għal deċiżjoni

### Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.1 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-għarfien u d-data qed jikbru b'mod esponenzjali. Sabiex dawk li jfasslu l-politika jifhmu u jużaw din id-data, għandha tiġi riveduta u ffiltrata. Hemm ukoll il-ħtieġa għal metodi xjentifiċi trasversali u għodod analitiċi sabiex jintużaw mis-servizzi kollha tal-Kummissjoni, speċjalment biex jiġu antiċipati *sfidi* tas-soċjetà ġodda u tiġi appoġġata regolamentazzjoni aħjar. Dan jinkludi proċessi innovattivi sabiex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini fi kwistjonijiet ta' tfassil ta' politika.

#### *Emenda*

L-għarfien u d-data qed jikbru b'mod esponenzjali. Sabiex dawk li jfasslu l-politika jifhmu u jużaw din id-data, għandha tiġi riveduta u ffiltrata. Hemm ukoll il-ħtieġa għal metodi xjentifiċi trasversali u għodod analitiċi sabiex jintużaw mis-servizzi kollha tal-Kummissjoni, speċjalment biex jiġu antiċipati *l-isfidi* tas-soċjetà ġodda *u/jew tingħata risposta f'waqtha* u tiġi appoġġata regolamentazzjoni aħjar. Dan jinkludi proċessi innovattivi sabiex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini fi kwistjonijiet ta' tfassil ta' politika.

## Emenda 195

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Ġestjoni tad-data, kondiviżjoni tad-data u koerenza.

#### *Emenda*

– Ġestjoni tad-data *FAIR*, kondiviżjoni tad-data u koerenza.

## Emenda 196

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6.2.2. Sfidi Globali

#### *Emenda*

6.2.2. Sfidi Globali *u Kompetittività Ewropea*

## Emenda 197

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-JRC se jikkontribwixxi għall-politiki u l-impenji speċifiċi tal-UE li huma indirizzati **mill-ħames** raggruppamenti tal-Isfidi Globali, b'mod partikolari l-impenn tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

*Emenda*

Il-JRC se jikkontribwixxi għall-politiki u l-impenji speċifiċi tal-UE li huma indirizzati **mis-sitt** raggruppamenti tal-Isfidi Globali, b'mod partikolari l-impenn tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

**Emenda 198**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Soċjetà inklużiva u **sigura**

*Emenda*

2. Soċjetà inklużiva u **kreattiva**

**Emenda 199**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 2 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Riċerka dwar l-inugwaljanzi, il-faqar u l-esklużjoni, il-mobbiltà soċjali, id-diversità kulturali u l-ħiliet; valutazzjoni tat-trasformazzjonijiet soċjali, demografiċi u teknoloġiċi fuq l-ekonomija u s-soċjetà;

*Emenda*

– Riċerka dwar l-inugwaljanzi, il-faqar u l-esklużjoni, il-mobbiltà soċjali, id-diversità kulturali u l-ħiliet; valutazzjoni tat-trasformazzjonijiet soċjali, demografiċi, **ġeografiċi** u teknoloġiċi fuq l-ekonomija u s-soċjetà;

**Emenda 200**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 2 – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Appoġġ għall-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali;

*Emenda*

– **Riċerka dwar il-kontribut ekonomiku u soċjali tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-iżvilupp ta' statistiċi u appoġġ għall-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli;**

## Emenda 201

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 2 – inċiż 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Riċerka dwar l-impatt soċjali tal-bidliet xjentifiċi u teknoloġiċi fl-Istati Membri u r-reġjuni, inklużi ċ-ċittadini;***

## Emenda 202

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Soċjetà Sigura***

## Emenda 203

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 3 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Diġitali u ***Industrija***

3. Diġitali, ***Industrija*** u ***Spazju***

## Emenda 204

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 3 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Riċerka dwar in-nanoteknoloġija u Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali oħrajn;*** ***imħassar***



## Emenda 205

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 4 – inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija u t-trasport, **it-tranżizzjoni** lejn ekonomija **b'emissjonijiet baxxi** tal-karbonju u strateġiji għad-dekarbonizzazzjoni **lejn l-2050**; analiżi ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar il-klima u l-enerġija; valutazzjoni tal-mogħdija tad-dekarbonizzazzjoni fis-setturi kollha, inkluż l-agrikoltura u l-Użu tal-Art u l-Bidla fl-Użu tal-Art u l-Forestrija;

#### *Emenda*

– Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija u t-trasport, **l-iżblokk ta' xenarji għat-tranżizzjoni** lejn ekonomija **mingħajr emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett serra, inklużi it-teknoloġiji b'użu baxx** tal-karbonju u strateġiji għad-dekarbonizzazzjoni; analiżi ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar il-klima u l-enerġija; valutazzjoni tal-mogħdija tad-dekarbonizzazzjoni fis-setturi kollha, inkluż l-agrikoltura u l-Użu tal-Art u l-Bidla fl-Użu tal-Art u l-Forestrija;

## Emenda 206

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 4 – inċiż 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Valutazzjoni tar-riskji **fl-ekosistemi** vulnerabbli u setturi ekonomiċi u infrastruttura kritiċi, b'fokus fuq l-istrateġiji ta' adattament;

#### *Emenda*

– Valutazzjoni tar-riskji **u s-soluzzjonijiet potenzjali għall-ekosistemi** vulnerabbli u setturi ekonomiċi u infrastruttura kritiċi, b'fokus fuq l-istrateġiji ta' **mitigazzjoni u** adattament;

## Emenda 207

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 4 – inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Analiżi tad-dimensjoni tar-R&I tal-Unjoni tal-Enerġija; valutazzjoni tal-kompetittività tal-UE fis-suq tal-enerġija nadifa globali;

#### *Emenda*

– Analiżi tad-dimensjoni tar-R&I tal-Unjoni tal-Enerġija; valutazzjoni tal-kompetittività tal-UE fis-suq tal-enerġija nadifa globali, **b'mod partikolari dik tal-enerġija rinnovabbli**;

## Emenda 208

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 4 – inċiż 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Analiżi tal-użu tal-enerġija tal-bini, ta' bliet intelliġenti u sostenibbli u tal-industriji;

#### *Emenda*

– Analiżi tal-użu tal-enerġija ***u l-potenzjal ta' mitigazzjoni tat-tibdil tal-klima*** tal-bini, ta' bliet intelliġenti u sostenibbli u tal-industriji;

## Emenda 209

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 4 – inċiż 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Appoġġ għat-tranżizzjoni ***tal-enerġija, inkluż il-Patt tas-Sindki***, enerġija ***nadifa għall-gżejjer tal-UE, ir-reġjuni sensitivi u l-Afrika***;

#### *Emenda*

– Appoġġ għat-tranżizzjoni ***lejn sistemi ta' enerġija mingħajr użu tal-karbonju, inklużi sistemi ta' effiċjenza għolja u bbażati fuq ir-rinnovabbli***;

## Emenda 210

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 5 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Ikel ***u*** Riżorsi Naturali

#### *Emenda*

5. Ikel, Riżorsi Naturali ***u Agrikoltura***

## Emenda 211

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 5 – inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Riċerka dwar l-art, il-ħamrija, il-foresti, l-arja, l-ilma, ir-riżorsi marini, il-materja prima u l-bijodiversità biex tappoġġa l-preservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli effettivi tal-kapital naturali, inkluż il-ġestjoni tar-riżorsi sostenibbli fl-

#### *Emenda*

– Riċerka dwar l-art, il-ħamrija, il-foresti, l-arja, l-ilma, ir-riżorsi marini, il-materja prima u l-bijodiversità biex tappoġġa l-preservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli effettivi tal-kapital naturali, inkluż il-ġestjoni tar-riżorsi ***ekwitabbli u***

Afrika;

sostenibbli fl-Afrika;

## Emenda 212

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 5 – inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Valutazzjoni tat-tibdil fil-klima u miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni u adattament għall-politiki tal-agrikoltura u *s-sajd*, inkluża s-sigurtà alimentari;

#### *Emenda*

– Valutazzjoni tat-tibdil fil-klima u miżuri potenzjali ta' mitigazzjoni u adattament għall-politiki tal-agrikoltura, *is-sajd* u *l-forestrija*, inkluża s-sigurtà alimentari;

## Emenda 213

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 5 – inċiż 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Monitoraġġ u tbassir ta' riżorsi agrikoli fil-pajjiżi tal-UE u tal-viċinat;

#### *Emenda*

– Monitoraġġ u tbassir ta' riżorsi agrikoli *u tal-forestrija* fil-pajjiżi tal-UE u tal-viċinat;

## Emenda 214

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.3 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-JRC se jikkontribwixxi għall-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija. Se jappoġġa l-funzjonament tas-suq intern u l-governanza ekonomika tal-Unjoni. Se jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' politiki li jimmiraw lejn Ewropa aktar soċjali u sostenibbli. Se jappoġġa d-dimensjoni esterna tal-UE u l-għanijiet internazzjonali u se jgħin fil-promozzjoni tal-governanza tajba. Suq intern li jiffunzjona tajjeb b'governanza ekonomika b'saħħitha u sistema soċjali ġusta jrawwem l-

#### *Emenda*

Il-JRC se jikkontribwixxi għall-innovazzjoni u t-trasferiment tat-teknoloġija. Se jappoġġa l-funzjonament tas-suq intern u l-governanza ekonomika tal-Unjoni. Se jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' politiki li jimmiraw lejn Ewropa aktar soċjali u sostenibbli. Se jappoġġa d-dimensjoni esterna tal-UE u l-għanijiet internazzjonali u se jgħin fil-promozzjoni tal-governanza tajba. Suq intern li jiffunzjona tajjeb b'governanza ekonomika b'saħħitha u sistema soċjali ġusta jrawwem l-innovazzjoni, *il-kompetittività, il-ħolqien*

innovazzjoni u *l-kompetittività*.

*tax-xogħol, l-inklużjoni soċjali u l-benesseri.*

## Emenda 215

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– Xjenza miftuħa u data miftuħa.

– Xjenza miftuħa u data miftuħa  
***FAIR.***

## Emenda 216

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– Implimentazzjoni ta' politiki reġjonali u urbani, strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, strateġiji għal trasformazzjoni ekonomika ta' reġjuni fi tranżizzjoni, strateġiji u data ta' żvilupp urban integrat;

– Implimentazzjoni ta' politiki reġjonali u urbani, strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, strateġiji għal trasformazzjoni ekonomika ta' reġjuni fi tranżizzjoni, strateġiji u data ta' żvilupp urban ***u rurali*** integrat;

## Emenda 217

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### III ***INNOVAZZJONI MIFTUĦA***

L-innovazzjoni miftuħa hija paradigma vitali sabiex l-UE tkun tista' tkompli twassal il-prosperità liċ-ċittadini tagħha u tindirizza l-isfidi tal-futur. L-implimentazzjoni tagħha tirrikjedi approċċ sistemiku, trażversali u b'diversi angoli. Il-progress ekonomiku, il-benesseri soċjali u l-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa jiddependu fuq l-abbiltà tagħha li tagħti spinta lill-produttività u t-tkabbir li, min-naħa tagħhom, jiddependu ħafna fuq l-abbiltà

### III ***EWROPA INNOVATTIVA***

L-innovazzjoni miftuħa hija paradigma vitali sabiex l-UE tkun tista' tkompli twassal il-prosperità liċ-ċittadini tagħha u tindirizza l-isfidi tal-futur. L-implimentazzjoni tagħha tirrikjedi approċċ sistemiku, trażversali u b'diversi angoli. Il-progress ekonomiku, il-benesseri soċjali u l-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa jiddependu fuq l-abbiltà tagħha li tagħti spinta lill-produttività u t-tkabbir li, min-naħa tagħhom, jiddependu ħafna fuq l-abbiltà

tagħha li tkun innovattiva. L-innovazzjoni hija wkoll ewlenija biex issib soluzzjoni għall-isfidi l-kbar li jinsabu 'l quddiem għall-UE.

Bħall-predeċessuri tagħha, l-Innovazzjoni tinsab fil-qalba ta' Orizzont Ewropa. It-tfittxija għal ideat, prodotti u proċessi ġodda qed tixpruna l-għanijiet u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, mill-ipprogrammar strateġiku sas-sejħiet, u hija preżenti mill-bidu sal-aħħar ta' kwalunkwe proġett appoġġat, mir-riċerka bażika sal-pjanijiet direzzjonali u l-missjonijiet industrijali jew teknoloġiċi.

Iżda, l-innovazzjoni jistħoqqilha miżuri speċifiċi, għaliex l-UE trid b'mod deċiżiv ittejjeb il-kundizzjonijiet u l-ambjent li fihom l-innovazzjoni Ewropea tista' tikber, biex b'hekk l-ideat ikunu jistgħu jiġu kondiviżi malajr bejn l-atturi fl-ekosistema tal-innovazzjoni, u ideat u teknoloġiji ġodda jiġu ttrasformati malajr fil-prodotti u s-servizzi li l-UE hija meħtieġa li twassal.

Id-deċennji riċenti raw l-emerġenza ta' swieq ġodda maġġuri u globali fid-divertiment, il-midja, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-bejgħ bl-imnut, ibbażati fuq innovazzjonijiet rivoluzzjonarji fl-ICT, fil-bijoteknoloġija u fl-ekonomija tal-internet u tal-pjattaforma. Dawn l-innovazzjonijiet li joħlqu s-swieq, li jħallu impatt fuq l-ekonomija tal-UE b'mod ġenerali, jiġu varati minn kumpaniji li qed jikbru malajr u li spiss jkunu ġodda. Iżda huma biss il-ftit li joriġinaw fl-UE.

Qed nistennew mewġa globali ġdida ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, waħda li se tkun ibbażata fuq teknoloġiji aktar deep-tech bħall-block-chain, l-intelliġenza artifiċjali, il-ġenomika u r-robotika, u teknoloġiji oħrajn, li wkoll jistgħu jirriżultaw minn innovaturi individwali u komunitajiet ta' ċittadini. Li għandhom komuni bejniethom huwa l-fatt li qed jissawru fl-intersezzjoni bejn teknoloġiji, setturi tal-industrija u dixxiplini xjentifiċi differenti, li joffru kombinazzjonijiet

tagħha li tkun innovattiva. L-innovazzjoni hija wkoll ewlenija biex issib soluzzjoni għall-isfidi l-kbar li jinsabu 'l quddiem għall-UE.

Bħall-predeċessuri tagħha, l-Innovazzjoni tinsab fil-qalba ta' Orizzont Ewropa. It-tfittxija għal ideat, prodotti u proċessi ġodda qed tixpruna l-għanijiet u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, mill-ipprogrammar strateġiku sas-sejħiet, u hija preżenti mill-bidu sal-aħħar ta' kwalunkwe proġett appoġġat, mir-riċerka bażika sal-pjanijiet direzzjonali u l-missjonijiet industrijali jew teknoloġiċi.

Iżda, l-innovazzjoni jistħoqqilha miżuri speċifiċi, għaliex l-UE trid b'mod deċiżiv ittejjeb il-kundizzjonijiet u l-ambjent li fihom l-innovazzjoni Ewropea tista' tikber, biex b'hekk l-ideat ikunu jistgħu jiġu kondiviżi malajr bejn l-atturi fl-ekosistema tal-innovazzjoni, u ideat u teknoloġiji ġodda jiġu ttrasformati malajr fil-prodotti u s-servizzi li l-UE hija meħtieġa li twassal.

Id-deċennji riċenti raw l-emerġenza ta' swieq ġodda maġġuri u globali fid-divertiment, il-midja, **il-komunikazzjoni**, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-bejgħ bl-imnut, ibbażati fuq innovazzjonijiet rivoluzzjonarji fl-ICT, fil-bijoteknoloġija u fl-ekonomija tal-internet u tal-pjattaforma. Dawn l-innovazzjonijiet li joħlqu s-swieq, li jħallu impatt fuq l-ekonomija tal-UE b'mod ġenerali, jiġu varati minn kumpaniji li qed jikbru malajr u li spiss jkunu ġodda. Iżda huma biss il-ftit li joriġinaw **u jiffjorixxu** fl-UE.

Qed nistennew mewġa globali ġdida ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji **u fixkiela, inklużi innovazzjonijiet soċjali u teknoloġiċi**, waħda li se tkun ibbażata fuq teknoloġiji aktar deep-tech bħall-block-chain, l-intelliġenza artifiċjali, il-ġenomika u r-robotika, u teknoloġiji oħrajn, li wkoll jistgħu **mhux biss** jirriżultaw minn **kumpaniji jew organizzazzjonijiet ta' riċerka, iżda wkoll minn** innovaturi individwali u komunitajiet ta' ċittadini. Li għandhom komuni bejniethom huwa l-fatt

radikalment ġodda ta' prodotti, proċessi, servizzi u mudelli tan-negozju u li għandhom il-potenzjal li jifih swieq ġodda madwar id-dinja. Se jintlaqtu wkoll setturi addizzjonali bħall-manifattura, is-servizzi finanzjarji, it-trasport jew l-enerġija.

L-Ewropa għandha taħtaf l-opportunità li se ġġib magħha din il-mewġa. Tinsab f'pożizzjoni ideali hekk kif il-mewġa l-ġdida toqot l-oqsma ta' teknoloġija deep-tech, bħall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji quantum, is-sorsi tal-enerġija nadifa, fejn l-Ewropa għandha xi vantaġġi kompetittivi fir-rigward tax-xjenza u l-għarfien, u tista' tibni fuq kooperazzjoni pubblika-privata mill-qrib (eż. fil-kura tas-saħħa jew l-enerġija).

Sabiex l-Ewropa tkun tista' tmexxi din il-mewġa ta' innovazzjoni rivoluzzjonarja, iridu jiġu indirizzati l-isfidi sottostanti li ġejjin:

– Titjib it-trasformazzjoni tax-xjenza fl-innovazzjoni sabiex jaċċellera t-trasferiment tal-ideat, it-teknoloġiji u t-talent mill-bażi tar-riċerka għal negozji ġodda u l-industrija;

– It-tħaffif tat-trasformazzjoni industrijali: L-industrija Ewropea waqgħet lura fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u fl-espansjoni: 77 % taż-żgħażaġh u kumpaniji kbar **tar-R&I** jinsabu fl-Istati Uniti jew fl-Asja u 16 % biss huma bbażati fl-Ewropa;

– Żieda fil-finanzjament ta' riskju sabiex jiġu indirizzati l-lakuni fil-finanzjament: L-innovaturi tal-Ewropa għandhom problema ta' provvista baxxa ta' finanzjament ta' riskju. Il-kapital ta' riskju huwa kruċjali sabiex innovazzjonijiet

li qed jissawru fl-intersezzjoni bejn teknoloġiji, setturi tal-industrija u dixxiplini xjentifiċi differenti, li joffru kombinazzjonijiet radikalment ġodda ta' prodotti, proċessi, servizzi, **standards** u mudelli tan-negozju u li għandhom il-potenzjal li jifih swieq ġodda madwar id-dinja. Se jintlaqtu wkoll setturi addizzjonali bħall-manifattura, is-servizzi finanzjarji, it-trasport jew l-enerġija.

L-Ewropa għandha taħtaf l-opportunità li se ġġib magħha din il-mewġa. Tinsab f'pożizzjoni ideali hekk kif il-mewġa l-ġdida toqot l-oqsma ta' teknoloġija deep-tech, bħall-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji quantum, is-sorsi tal-enerġija nadifa, fejn l-Ewropa għandha xi vantaġġi kompetittivi fir-rigward tax-xjenza u l-għarfien, u tista' tibni fuq kooperazzjoni pubblika-privata mill-qrib (eż. fil-kura tas-saħħa jew l-enerġija).

Sabiex l-Ewropa tkun tista' tmexxi din il-mewġa ta' innovazzjoni rivoluzzjonarja, iridu jiġu indirizzati l-isfidi sottostanti li ġejjin:

– Titjib it-trasformazzjoni tax-xjenza fl-innovazzjoni sabiex jaċċellera t-trasferiment tal-ideat, it-teknoloġiji u t-talent mill-bażi tar-riċerka għal negozji ġodda u l-industrija;

- ***Żieda fil-kollaborazzjoni bejn it-tipi kollha ta' innovaturi, b'mod partikolari bejn in-negozji ġodda, l-SMEs u kumpaniji akbar, li ttejjeb il-qawwa mexxejja tagħhom u toħloq ekosistemi ġodda.***

– It-tħaffif tat-trasformazzjoni industrijali: L-industrija Ewropea waqgħet lura fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u fl-espansjoni: 77 % taż-żgħażaġh u kumpaniji kbar **tar-R&I** jinsabu fl-Istati Uniti jew fl-Asja u 16 % biss huma bbażati fl-Ewropa;

– Żieda fil-finanzjament ta' riskju sabiex jiġu indirizzati l-lakuni fil-finanzjament: L-innovaturi tal-Ewropa għandhom problema ta' provvista baxxa ta' finanzjament ta' riskju. Il-kapital ta' riskju huwa kruċjali sabiex innovazzjonijiet

rivoluzzjonarji jinbidlu f'kumpaniji ta' livell dinji iżda, fl-Ewropa, dan jammonta għal inqas minn kwart tal-ammonti milħuqin fl-Istati Uniti u l-Asja. L-Ewropa trid tissupera dan il-“Wied tal-mewt”, fejn l-ideat u l-innovazzjonijiet ma jaslux sasuq minħabba d-distakk bejn l-appoġġ pubbliku u l-investment privat, partikolarment fir-rigward ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji b'riskju għoli u l-investimenti fit-tul;

– Jittejeb u jiġi ssemplifikat il-pajsaġġ Ewropew għall-finanzjament u l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni: il-ħafna sorsi ta' finanzjament jipprovdu ambjent kumpless għall-innovaturi. L-intervent tal-UE għandu jikkoopera u jikkoordina ma' inizjattivi oħrajn fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali, pubbliku u privat, sabiex il-kapaċitajiet ta' appoġġ jittejbu u jkunu allinjati aħjar, u jinħoloq ambjent li jista' jiġi navigat b'mod faċli għal kwalunkwe innovatur Ewropew;

– Tissopravivi l-frammentazzjoni fl-ekosistema tal-innovazzjoni. Filwaqt li l-Ewropa qed tospita għadd dejjem qed jikber ta' hotspots, dawn mhumiex konnessi tajjeb. Kumpaniji b'potenzjal ta' tkabbir internazzjonali jkollhom jaffaċċaw il-frammentazzjoni tas-swieq nazzjonali bil-lingwi, il-kulturi tan-negożju u r-regolamenti differenti tagħhom.

Sabiex l-UE tkun tista' tittratta l-mewġa globali ġdida tal-innovazzjoni rivoluzzjonarji, l-appoġġ tagħha lejn l-innovaturi rivoluzzjonarji jirrikjedi approċċ aġli, sempliċi, bla xkiel u mfassal apposta. Il-politika għall-iżvilupp u l-varar ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u l-espansjoni tal-kumpaniji għandha tkun kuraġġuża fit-teħid tar-riskji u trid tikkunsidra l-isfidi msemmija hawn fuq u żżid il-valur mal-attivitajiet ta' innovazzjoni relatati implimentati minn kull Stat Membru individwali.

Il-pilastru ta' Orizzont Ewropa ***tal-Innovazzjoni Miftuħa***, b'kooperazzjoni ma' politiki oħrajn tal-UE u b'mod partikolari il-Programm InvestEU, huwa mfassal biex

rivoluzzjonarji jinbidlu f'kumpaniji ta' livell dinji iżda, fl-Ewropa, dan jammonta għal inqas minn kwart tal-ammonti milħuqin fl-Istati Uniti u l-Asja. L-Ewropa trid tissupera dan il-“Wied tal-mewt”, fejn l-ideat u l-innovazzjonijiet ma jaslux sasuq minħabba d-distakk bejn l-appoġġ pubbliku u l-investment privat, partikolarment fir-rigward ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji b'riskju għoli u l-investimenti fit-tul;

– Jittejeb u jiġi ssemplifikat il-pajsaġġ Ewropew għall-finanzjament u l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni: il-ħafna sorsi ta' finanzjament jipprovdu ambjent kumpless għall-innovaturi. L-intervent tal-UE għandu jikkoopera u jikkoordina ma' inizjattivi oħrajn fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali, pubbliku u privat, sabiex il-kapaċitajiet ta' appoġġ jittejbu u jkunu allinjati aħjar, u jinħoloq ambjent li jista' jiġi navigat b'mod faċli għal kwalunkwe innovatur Ewropew;

– Tissopravivi l-frammentazzjoni fl-ekosistema tal-innovazzjoni. Filwaqt li l-Ewropa qed tospita għadd dejjem qed jikber ta' hotspots, dawn mhumiex konnessi tajjeb. Kumpaniji b'potenzjal ta' tkabbir internazzjonali jkollhom jaffaċċaw il-frammentazzjoni tas-swieq nazzjonali bil-lingwi, il-kulturi tan-negożju u r-regolamenti differenti tagħhom.

Sabiex l-UE tkun tista' tittratta l-mewġa globali ġdida tal-innovazzjoni rivoluzzjonarji, l-appoġġ tagħha lejn l-innovaturi rivoluzzjonarji jirrikjedi approċċ aġli, sempliċi, bla xkiel u mfassal apposta. Il-politika għall-iżvilupp u l-varar ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u l-espansjoni tal-kumpaniji għandha tkun kuraġġuża fit-teħid tar-riskji u trid tikkunsidra l-isfidi msemmija hawn fuq u żżid il-valur mal-attivitajiet ta' innovazzjoni relatati implimentati minn kull Stat Membru individwali.

Il-pilastru ta' Orizzont Ewropa ***tal-Ewropa Innovattiva***, b'kooperazzjoni ma' politiki oħrajn tal-UE u b'mod partikolari il-Programm InvestEU, huwa mfassal biex

iwassal riżultati tanġibbli bħal dawn. Jibni fuq il-lezzjonijiet mitgħallma u fuq l-esperjeza miksuba skont il-programmi qafas preċedenti, b'mod partikolari minn attivitajiet li jimmiraw teknoloġiji u innovazzjoni futuri (bħal Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET) u Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni (FTI), SMEs (bħall-Istrument tal-SME), iżda wkoll finanzjament privat u korporattiv (bħal RSFF tal-FP7, InnovFin ta' Orizzont 2020), il-koll parti mill-attivitajiet tal-“pilota EIC” varati għall-perjodu 2018-2020.

Abbażi ta' dawn l-esperjenzi, dan il-Pilastru jipprevedi t-tneđija ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li se jippromwovi l-innovazzjoni rivoluzzjonarja b'potenzjal ta' espansjoni rapida fil-livell globali u permezz ta' azzjonijiet u attivitajiet dedikati:

– L-appoġġ għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji futuri u emerġenti;

– It-tneħħija tad-distakk fil-lakuni finanzjarji fl-iżvilupp, il-varar u l-espansjoni ta' innovazzjonijiet li joħlqu s-swieq;

– Żieda fl-impatt u l-viżibbiltà tal-appoġġ għall-innovazzjoni tal-UE.

Filwaqt li l-EIC se jappoġġa b'mod dirett l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, l-ambjent kumplessiv li minnu l-innovazzjonijiet Ewropej jitrawmu u jinbtu jrid ikompli jiġi żviluppat u mtejjeb: irid ikun komputu komuni Ewropew li tappoġġa l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha, fid-dimensjonijiet u l-forom kollha, inkluż permezz ta' politiki u riżorsi ta' komplementarjetà tal-UE u nazzjonali, fejn possibbli. Għalhekk, dan il-Pilastru jipprevedi wkoll:

iwassal riżultati tanġibbli bħal dawn. Jibni fuq il-lezzjonijiet mitgħallma u fuq l-esperjeza miksuba skont il-programmi qafas preċedenti, b'mod partikolari minn attivitajiet li jimmiraw teknoloġiji u innovazzjoni futuri (bħal Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET) u Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni (FTI), SMEs (bħall-Istrument tal-SME), iżda wkoll finanzjament privat u korporattiv (bħal RSFF tal-FP7, InnovFin ta' Orizzont 2020), il-koll parti mill-attivitajiet tal-“pilota EIC” varati għall-perjodu 2018-2020.

Abbażi ta' dawn l-esperjenzi, dan il-Pilastru jipprevedi t-tneđija ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li se jippromwovi *r-riċerka* u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja b'potenzjal ta' espansjoni rapida fil-livell globali u permezz ta' azzjonijiet u attivitajiet dedikati:

– L-appoġġ għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji futuri u emerġenti, *inkluż permezz ta' riċerka kollaborattiva mmirata*;

– *Il-promozzjoni tat-tixrid u l-adozzjoni tal-innovazzjoni f'katini tal-valur industrijali u ekonomiċi oħra*;

– It-tneħħija tad-distakk fil-lakuni finanzjarji fl-iżvilupp, il-varar u l-espansjoni ta' innovazzjonijiet li joħlqu s-swieq;

– Żieda fl-impatt u l-viżibbiltà tal-appoġġ għall-innovazzjoni tal-UE;

– *Il-ħolqien ta' sinerġiji f'partijiet oħra tal-Programm.*

Filwaqt li l-EIC se jappoġġa b'mod dirett l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, l-ambjent kumplessiv li minnu l-innovazzjonijiet Ewropej jitrawmu u jinbtu jrid ikompli jiġi żviluppat u mtejjeb: irid ikun komputu komuni Ewropew li tappoġġa l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha, fid-dimensjonijiet u l-forom kollha, inkluż permezz ta' politiki u riżorsi ta' komplementarjetà tal-UE u nazzjonali, fejn possibbli. Għalhekk, dan il-Pilastru jipprevedi wkoll:



– Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni mġedda u rinforzati mal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, iżda wkoll mal-inizjattivi privati, sabiex jappoġġaw it-tipi kollha ta' ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropew u l-atturi tagħhom;

– Appoġġ għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs).

Addizzjonalment, bħala sforz kontinwu sabiex jitjiebu l-kapaċitajiet tal-finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa u fejn meħtieġ, dan il-pilastru se jikkollega mal-programm InvestEU. Il-Programm InvestEU, billi jibni fuq is-suċċessi u l-esperjenzi miksuba skont InnovFin ta' Orizzont 2020, kif ukoll skont EFSI, se jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għal organizzazzjonijiet, innovaturi u imprendituri tar-riċerka bankabbli, b'mod partikolari għall-SMEs il-midcaps żgħar, kif ukoll għall-investituri.

## Emenda 218

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-għan tal-EIC huwa li jidentifika, jiżviluppa u jvara innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u fixkiela (inkluż teknoloġiji), u li jappoġġa l-espansjoni rapida ta' ditti innovattivi fil-livelli tal-UE u internazzjonali tul il-moġħdija mill-ideat għas-suq.

## Emenda 219

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 2

– Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni mġedda u rinforzati mal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, iżda wkoll mal-inizjattivi privati, sabiex jappoġġaw it-tipi kollha ta' ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropew u l-atturi tagħhom;

– Appoġġ *imsaħħaħ* għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs).

Addizzjonalment, bħala sforz kontinwu sabiex jitjiebu l-kapaċitajiet tal-finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa u fejn meħtieġ, dan il-pilastru se jikkollega mal-programm InvestEU. Il-Programm InvestEU, billi jibni fuq is-suċċessi u l-esperjenzi miksuba skont InnovFin ta' Orizzont 2020, kif ukoll skont EFSI, se jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għal organizzazzjonijiet, innovaturi u imprendituri tar-riċerka bankabbli, b'mod partikolari għall-SMEs il-midcaps żgħar, kif ukoll għall-investituri.

##### *Emenda*

L-għan tal-EIC huwa li jidentifika, jiżviluppa u jvara innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u fixkiela (inkluż teknoloġiji *radikalment ġodda*) u li jappoġġa l-espansjoni rapida ta' ditti innovattivi fil-livelli tal-UE u internazzjonali tul il-moġħdija mill-ideat għas-suq.

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-EIC se jiġi implimentat primarjament permezz ta' żewġ tipi ta' azzjoni komplementari, jiġifieri l-Pathfinder għar-Riċerka Avvanzata, għall-istadji bikrija ***tal-iżvilupp tat-teknoloġija***, u l-Aċċelleratur għall-azzjonijiet tal-innovazzjoni u l-varar fis-suq, inkluż l-istadji ta' qabel ***il-kommerċjalizzazzjoni*** tal-massa u t-tkabbir tal-kumpanija. Bl-idea li jiġi offrut one-stop shop uniku u proċess uniku, l-Aċċelleratur ukoll se jagħti finanzjament imħallat, li jikkombina l-għotjiet mal-investimenti tal-ekwità. Addizzjonalment se jippermetti wkoll aċċess għal self ***skont*** il-Programm InvestEU.

*Emenda*

L-EIC se jiġi implimentat primarjament permezz ta' żewġ tipi ta' azzjoni komplementari, jiġifieri l-Pathfinder ***tal-EIC*** għar-Riċerka Avvanzata, għall-istadji bikrija ***tar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku***, u l-Aċċelleratur ***tal-EIC*** għall-azzjonijiet tal-innovazzjoni u l-varar fis-suq, inkluż l-istadji ta' qabel ***il-kommerċjalizzazzjoni*** tal-massa u t-tkabbir tal-kumpanija. Bl-idea li jiġi offrut one-stop shop uniku u proċess uniku, l-Aċċelleratur ukoll se jagħti finanzjament imħallat, li jikkombina l-għotjiet mal-investimenti tal-ekwità. Addizzjonalment se jippermetti wkoll aċċess għal self ***u garanziji mogħtija taħt*** il-Programm InvestEU. ***Mill-inqas 70 % tal-baġit tal-EIC se jkun iddedikat għal negozji ġodda u l-SMEs.***

**Emenda 220**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3– inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Jiffokaw fuq l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u fixkiela, inkluż dawk soċjali, li għandhom il-potenzjal li joħlqu swieq ġodda, ***b'kuntrarju għal dawk li jagħmlu titjib inkrementali fi prodotti, servizzi jew mudelli tan-negozju eżistenti;***

*Emenda*

– Jiffokaw fuq l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u fixkiela, inkluż dawk soċjali, li għandhom il-potenzjal li joħlqu swieq ġodda ***jew li jiffaċilitaw soluzzjonijiet ġodda, kif ukoll riċerka dwar teknoloġiji potenzjalment radikali ġodda;***

**Emenda 221**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3– inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Ikunu primarjament minn isfel għal fuq, miftuħa għall-innovazzjonijiet mill-oqsma kollha tax-xjenza, it-teknoloġija u l-

*Emenda*

– Ikunu primarjament minn isfel għal fuq, miftuħa għall-innovazzjonijiet ***u r-riċerka mmirata*** mill-oqsma kollha tax-

applikazzjonijiet fi kwalunkwe settur, filwaqt li jippermettu wkoll appoġġ immirat għal teknoloġiji emerġenti li huma rivoluzzjonarji jew fixkiela ta' sinifikat strateġiku potenzjali;

xjenza, it-teknoloġija u l-applikazzjonijiet fi kwalunkwe settur, filwaqt li jippermettu wkoll appoġġ immirat għal teknoloġiji emerġenti li huma rivoluzzjonarji jew fixkiela ta' sinifikat strateġiku potenzjali;

## Emenda 222

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3– inċiż 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Innovazzjonijiet li jkollhom impatt f'oqsma u setturi xjentifiċi, teknoloġiċi (eż. jikkombinaw l-oqsma fiżiċi u diġitali) se jkunu mħeġġa;

##### *Emenda*

– Innovazzjonijiet **u riċerka** li jkollhom impatt f'oqsma u setturi xjentifiċi, teknoloġiċi (eż. jikkombinaw l-oqsma fiżiċi u diġitali) se jkunu mħeġġa;

## Emenda 223

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3– inċiż 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Dawn se jkunu ċċentrati fuq l-innovaturi, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u r-rekwiżiti amministrattivi, jagħmlu użu minn intervisti sabiex jgħinu jivvalutaw l-applikazzjonijiet u jiġi żgurati teħid ta' deċiżjonijiet imħaffef;

##### *Emenda*

– Dawn se jkunu ċċentrati fuq l-innovaturi **u r-riċerkaturi**, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u r-rekwiżiti amministrattivi, jagħmlu użu minn intervisti sabiex jgħinu jivvalutaw l-applikazzjonijiet u jiġi żgurati teħid ta' deċiżjonijiet imħaffef;

## Emenda 224

### Proposta għal deċiżjoni

#### Annex I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Barra mill-appoġġ finanzjarju, l-innovaturi se jkollhom aċċess għal servizzi ta' konsulenza dwar in-negozju tal-EIC li jipprovdu lill-proġetti b'coaching, mentoraġġ u assistenza teknika, u jlaqqgħu l-innovaturi mal-pari, mas-sħab industrijali u mal-investituri. L-innovaturi se jkollhom

##### *Emenda*

Barra mill-appoġġ finanzjarju, l-innovaturi se jkollhom aċċess għal servizzi ta' konsulenza dwar in-negozju tal-EIC li jipprovdu lill-proġetti b'coaching, mentoraġġ u assistenza teknika, u jlaqqgħu l-innovaturi mal-pari, mas-sħab industrijali u mal-investituri. L-innovaturi se jkollhom

ukoll aċċess iffaċilitat għal għarfien espert, faċilitajiet (inkluż hubs tal-innovazzjoni<sup>23</sup>) u sħab minn attivitajiet appoġġati mill-UE (inkluż dawk tal-EIT, b'mod partikolari permezz tal-KICs tagħha).

ukoll aċċess iffaċilitat għal għarfien espert, faċilitajiet (inkluż hubs **ta' riċerka infrastrutturali u** tal-innovazzjoni<sup>23</sup>) u sħab minn attivitajiet appoġġati mill-UE (inkluż dawk tal-EIT, b'mod partikolari permezz tal-KICs tagħha).

---

<sup>23</sup> Dawn huma faċilitajiet pubbliċi jew privati li joffru aċċess għall-aktar għarfien u għarfien espert aġġornat dwar teknoloġiji diġitali u abilitanti relatati neċessarji għall-kumpaniji biex isiru iktar kompetittivi fir-rigward tal-produzzjoni, tas-servizzi u tal-proċessi tan-negozju.

---

<sup>23</sup> Dawn huma faċilitajiet pubbliċi jew privati li joffru aċċess għall-aktar għarfien u għarfien espert aġġornat dwar teknoloġiji diġitali u abilitanti relatati neċessarji għall-kumpaniji biex isiru iktar kompetittivi fir-rigward tal-produzzjoni, tas-servizzi u tal-proċessi tan-negozju.

## Emenda 225

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Se tingħata attenzjoni partikolari biex tkun żgurata l-komplementarjetà preċiża u effiċjenti mal-inizjattivi individwali jew fuq network tal-Istati Membri, inkluż fil-forma ta' **Sħubija Ewropea**.

##### *Emenda*

**Barra minn hekk** se tingħata attenzjoni partikolari biex tkun żgurata l-komplementarjetà preċiża u effiċjenti mal-inizjattivi individwali jew fuq network tal-Istati Membri, inkluż fil-forma ta' **Sħubijiet Ewropej**.

## Emenda 226

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.1.1. Il-Pathfinder għar-Riċerka Avvanzata

##### *Emenda*

1.1.1. Il-Pathfinder **tal-EIC** għar-Riċerka Avvanzata

## Emenda 227

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – paragrafu 2

### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-għan kumplessiv tal-Pathfinder se jkun li jrawwem innovazzjoni potenzjali ta' ħolqien tas-suq mill-ideat teknoloġiji revoluzzjonarji, u jwassalhom sal-istadju ta' demostrazzjoni jew żvilupp tal-każijiet tan-negozju jew l-istrateġiji għal utilizzazzjoni ulterjuri mill-Aċċelleratur jew kwalunkwe soluzzjoni ta' varar oħra tas-suq. Għal dak il-fini, il-Pathfinder inizjalment se jappoġġa l-istadji bikrija tar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku, inkluż ***l-prova*** tal-kunċett u l-prototipi għall-validazzjoni teknoloġika.

### *Emenda*

L-għan kumplessiv tal-Pathfinder se jkun li jrawwem innovazzjoni potenzjali ta' ħolqien tas-suq mill-ideat ***xjentifiċi u*** teknoloġiji revoluzzjonarji, u jwassalhom sal-istadju ta' demostrazzjoni jew żvilupp tal-każijiet tan-negozju jew l-istrateġiji għal utilizzazzjoni ulterjuri mill-Aċċelleratur jew kwalunkwe soluzzjoni ta' varar oħra tas-suq. Għal dak il-fini, il-Pathfinder inizjalment se jappoġġa l-istadji bikrija tar-riċerka u l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku, inkluż ***ir-riċerka mill-aktar avvanzata, il-prova*** tal-kunċett u l-prototipi għall-validazzjoni teknoloġika.

## **Emenda 228**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – paragrafu 3**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Pathfinder, sabiex ikun kompletament miftuħ għal esplorazzjonijiet estensivi, opportunitajiet ta' serendipità u ideat, kunċetti u skoperti mhux mistennija, se jiġi primarjament implimentat permezz ta' ***sejħa dejjem miftuħa għal*** proposti minn isfel għal fuq. Il-Pathfinder se jipprevedi wkoll sfidi kompetittivi sabiex jiżviluppa għanijiet strateġiċi<sup>24</sup> ewlenin li jeħtieġu ħsieb deep-tech u radikali. L-iggruppjar flimkien ta' proġetti magħżula f'portafolli xprunati minn tema jew għan, se jippermetti l-istabbiliment tal-massa kritika tal-isforzi u l-istrutturar ta' komunitajiet ġodda multidixxiplinari tar-riċerka.

### *Emenda*

Il-Pathfinder, sabiex ikun kompletament miftuħ għal esplorazzjonijiet estensivi, opportunitajiet ta' serendipità u ideat, kunċetti u skoperti mhux mistennija, se jiġi primarjament implimentat permezz ta' ***sejħiet kontinwi, kompetittivi u miftuħa għal*** proposti minn isfel għal fuq ***b'dati ta' skadenza***. Il-Pathfinder se jipprevedi wkoll sfidi kompetittivi sabiex jiżviluppa għanijiet strateġiċi<sup>24</sup> ewlenin li jeħtieġu ħsieb deep-tech u radikali. L-iggruppjar flimkien ta' proġetti magħżula f'portafolli xprunati minn tema jew għan, se jippermetti l-istabbiliment tal-massa kritika tal-isforzi u l-istrutturar ta' komunitajiet ġodda multidixxiplinari tar-riċerka.

---

<sup>24</sup> Dawn jistgħu jinkludu suġġetti bħall-Intelliġenza Artifiċjali, it-teknoloġiji Quantum, il-Bijokontroll jew tewmien diġitali tat-tieni ġenerazzjoni, jew kwalunkwe suġġett identifikat fil-kuntest tal-ipprogrammar Strateġiku ta' Orizzont

---

<sup>24</sup> Dawn jistgħu jinkludu suġġetti bħall-Intelliġenza Artifiċjali, it-teknoloġiji Quantum, il-Bijokontroll jew tewmien diġitali tat-tieni ġenerazzjoni, jew kwalunkwe suġġett identifikat fil-kuntest tal-ipprogrammar Strateġiku ta' Orizzont

Ewropa (inkluż mal-programmi fuq network tal-Istati Membri).

Ewropa (inkluż mal-programmi fuq network tal-Istati Membri).

## Emenda 229

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.1 – paragrafu 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Pathfinder se jkun miftuħ għal kull tip ta' innovatur, minn individwi għal universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka u kumpaniji, partikolarment negozji ġodda u SMEs, u minn benefiċjarji uniċi għal konsorzja multidixxiplinari. Fil-każ ta' proġetti ta' benefiċjarji uniċi, kumpaniji akbar mhux se jkunu permessi. Il-Pathfinder se jiġi implimentat b'koordinazzjoni mill-qrib ma' partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, partikolarment mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), u ***l-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tal-attivitajiet*** tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Se jiġi implimentat ukoll b'koordinazzjoni mill-qrib mal-programmi u l-attivitajiet tal-Istati Membri.

##### *Emenda*

Il-Pathfinder se jkun miftuħ għal kull tip ta' innovatur, minn individwi għal universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka u ***tat-teknoloġija u*** kumpaniji, partikolarment negozji ġodda u SMEs, u minn benefiċjarji uniċi għal konsorzja multidixxiplinari. Fil-każ ta' proġetti ta' benefiċjarji uniċi, kumpaniji akbar mhux se jkunu permessi. ***Sabiex jiġu żgurati s-sinerġiji u jiġi evitat l-irduppar***, il-Pathfinder se jiġi implimentat b'koordinazzjoni mill-qrib ma' partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, partikolarment mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), u ***l-attivitajiet*** tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Se jiġi implimentat ukoll b'koordinazzjoni mill-qrib mal-programmi u l-attivitajiet tal-Istati Membri.

## Emenda 230

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Konsegwentement, l-Aċċelleratur se jipprovdi appoġġ finanzjarju lil innovaturi u kumpaniji li s'issa mhumiex “bankabbli” u attraenti għall-investituri, li għandhom l-ambizzjoni li jiżviluppaw u jvaraw fis-swieq tal-UE u dawk internazzjonali l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji tagħhom u li jespandu b'mod rapidu. Għal dak il-fini se jibni fuq l-esperjenza mill-Fażijiet 2 u 3 tal-Istrument għall-SME ta' Orizzont 2020

##### *Emenda*

Konsegwentement, l-Aċċelleratur se jipprovdi appoġġ finanzjarju lil innovaturi u kumpaniji li s'issa mhumiex “bankabbli” u attraenti għall-investituri, li għandhom l-ambizzjoni li jiżviluppaw u jvaraw fis-swieq tal-UE u dawk internazzjonali l-innovazzjonijiet rivoluzzjonarji tagħhom u li jespandu b'mod rapidu. Għal dak il-fini se jibni fuq l-esperjenza mill-Fażijiet 2 ***u*** 3 tal-Istrument għall-SME ta' Orizzont 2020

u minn InnovFin ta' Orizzont 2020, partikolarment permezz taż-żieda ta' komponenti li mhumiex għotjiet u l-abbiltà li jappoġġa investimenti akbar u aktar fit-tul.

u minn InnovFin ta' Orizzont 2020, partikolarment permezz taż-żieda ta' komponenti li mhumiex għotjiet u l-abbiltà li jappoġġa investimenti akbar u aktar fit-tul. ***Se tiġi garantita l-kooperazzjoni mal-EIT u mal-KICs u s-sinerġiji mal-attivitajiet tal-aċċelleraturi tagħhom.***

## Emenda 231

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 3 – inċiż 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Appoġġ għal investiment fl-ekwità<sup>27</sup> jew forom oħrajn li jistgħu jergħu jitħallsu lura, sabiex jitneħħa d-distakk bejn l-attivitajiet ta' innovazzjoni u l-varar effettiv fis-suq, inkluż l-espansjoni, b'tali mod li ma jeskludix l-investimenti privati jew ifixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern. Fejn rilevanti se tiddirezzjona lill-innovatur lejn aċċess għal finanzjament b'dejn (self) fornut permezz tal-programm InvestEU.

---

<sup>27</sup> Normalment mhux iktar minn 25 % tad-drittijiet tal-vot. F'każijiet eċċezzjonali, l-UE tista' tiżgura l-akkwiżizzjoni ta' minorità li timblokka sabiex tipproteġi l-interessi Ewropej f'oqsma essenzjali, eż. iċ-ċibersigurtà.

## Emenda 232

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-appoġġ se jingħata permezz ta' proċess uniku u b'deċiżjoni unika, li tipprovdi lill-innovatur appoġġat b'impenn globali uniku lejn ir-riżorsi finanzjarji li jkopru diversi stadji tal-innovazzjoni sal-varar fis-suq inkluż l-istadju ta' qabel il-

##### *Emenda*

– Appoġġ għal investiment fl-ekwità<sup>27</sup> jew forom oħrajn li jistgħu jergħu jitħallsu lura, sabiex jitneħħa d-distakk bejn l-attivitajiet ta' innovazzjoni u l-varar effettiv fis-suq, inkluż l-espansjoni, b'tali mod li ma jeskludix l-investimenti privati jew ifixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern. Fejn rilevanti se tiddirezzjona lill-innovatur lejn aċċess għal finanzjament b'dejn (***eż. self jew garanziji***) fornut permezz tal-programm InvestEU.

---

<sup>27</sup> Normalment mhux iktar minn 25 % tad-drittijiet tal-vot. F'każijiet eċċezzjonali, l-UE tista' tiżgura l-akkwiżizzjoni ta' minorità li timblokka sabiex tipproteġi l-interessi Ewropej f'oqsma essenzjali, eż. iċ-ċibersigurtà.

##### *Emenda*

L-appoġġ se jingħata permezz ta' proċess uniku u b'deċiżjoni unika, li tipprovdi lill-innovatur appoġġat b'impenn globali uniku lejn ir-riżorsi finanzjarji li jkopru diversi stadji tal-innovazzjoni sal-varar fis-suq inkluż l-istadju ta' qabel il-

kummerċjalizzazzjoni tal-massa. L-implimentazzjoni sħiħa tal-appoġġ mogħtu se tkun soġġetta għal stadji importanti u reviżjoni. Il-kombinazzjoni u l-volum tal-finanzjament se jiġu adattati għall-ħtiġijiet **tad-ditta**, id-daqs tagħha u l-istadju, in-natura tat-teknoloġija/tal-innovazzjoni u t-tul taċ-ċiklu tal-innovazzjoni. Se jkopri ħtiġijiet ta' finanzjament sakemm jiġi sostitwit minn sorsi alternattivi ta' investment.

### Emenda 233

#### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Għal innovazzjonijiet b'riskji **teknoloġiċi** għoljin (“deep tech”), l-appoġġ dejjem se jinkludi komponent ta' għotja li jkopri l-attivitajiet ta' innovazzjoni. Fejn id-diversi riskji huma mnaqqsin (teknoloġiċi, tas-suq, regolatorji, eċċ.), l-importanza relattiva tal-komponent ta' avvanz rimborsabbli huwa mistenni li jiżdied.

### Emenda 234

#### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aċċelleratur se jopera primarjament permezz ta' sejħa kontinwament miftuħa u minn isfel għal fuq, jimmira imprendituri individwali (**l-aktar** negozji ġodda u SMEs) u jagħti attenzjoni partikolari lill-innovaturi żgħażaġħ u nisa. Din is-sejħa miftuħa u minn isfel għal fuq se tiġi **kkumpimentata** minn appoġġ immirat għal teknoloġiji emerġenti li huma

kummerċjalizzazzjoni tal-massa. L-implimentazzjoni sħiħa tal-appoġġ mogħtu se tkun soġġetta għal stadji importanti u reviżjoni. Il-kombinazzjoni u l-volum tal-finanzjament se jiġu adattati għall-ħtiġijiet **tal-benefiċjarju**, id-daqs tagħha u l-istadju, in-natura tat-teknoloġija/tal-innovazzjoni u t-tul taċ-ċiklu tal-innovazzjoni. Se jkopri ħtiġijiet ta' finanzjament sakemm jiġi sostitwit minn sorsi alternattivi ta' investment.

##### *Emenda*

Għal innovazzjonijiet b'riskji għoljin (**pereżempju** “deep tech”) l-appoġġ dejjem se jinkludi komponent ta' għotja li jkopri l-attivitajiet ta' innovazzjoni, **li jista' jitwettaq b'kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika bħala sħab jew permezz ta' sottokuntrattar**. Fejn id-diversi riskji huma mnaqqsin (teknoloġiċi, tas-suq, regolatorji, eċċ.), l-importanza relattiva tal-komponent ta' avvanz rimborsabbli huwa mistenni li jiżdied.

##### *Emenda*

L-Aċċelleratur se jopera primarjament permezz ta' sejħa kontinwament miftuħa, **kompetittiva** u minn isfel għal fuq, **bi skadenzi**, jimmira imprendituri individwali (**prinċipalment** negozji ġodda u SMEs) u jagħti attenzjoni partikolari lill-innovaturi żgħażaġħ u nisa. Din is-sejħa miftuħa u minn isfel għal fuq se tiġi **kkomplementata** minn appoġġ immirat għal **innovazzjonijiet**



rivoluzzjonarji jew fixkiela ta' sinifikanza starteġika potenzjali. Jistgħu jiġu sottomessi wkoll proposti minn investituri, inkluż aġenziji ta' innovazzjoni pubblika, iżda l-appoġġ se jingħata lill-kumpanija.

**u** teknoloġiji emerġenti li huma rivoluzzjonarji jew fixkiela ta' sinifikanza starteġika potenzjali. Jistgħu jiġu sottomessi wkoll proposti minn investituri, inkluż aġenziji ta' innovazzjoni pubblika, iżda l-appoġġ se jingħata lill-kumpanija.

## Emenda 235

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.2 – paragrafu 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Aċċelleratur se jippermetti l-utilizzazzjoni rapida tal-innovazzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti appoġġati mill-Pathfinder, minn "programmi tar-riċerka avvanzata" simili tal-Istati Membri u minn pilastru oħrajn **tal-Programmi** Qafas tal-UE<sup>28</sup>, sabiex jappoġġahom biex jaslu fis-suq. Din l-identifikazzjoni tal-proġetti appoġġati f'pilastru oħrajn ta' Orizzont Ewropa u wkoll fil-Programmi Qafas preċedenti se tkun ibbażata fuq metodoloġiji pertinenti, bħar-Radar tal-Innovazzjoni.

---

<sup>28</sup> Bħall-Prova tal-Kunċett tal-ERC, minn proġetti appoġġati skont il-Pilastru “Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali”, negozji ġodda li joħorġu mill-KKI tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, ... inkluż minn attivitajiet ta' Orizzont 2020, partikolarment proġetti magħżula skont il-Fażi 2 tal-SME ta' Orizzont 2020 u s-Siġill ta' Eċċellenza relatat ifffinanzjat mill-Istati Membri, Sħubiji Ewropej (eżistenti u futuri).

##### *Emenda*

L-Aċċelleratur se jippermetti l-utilizzazzjoni rapida tal-innovazzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti appoġġati mill-Pathfinder, minn "programmi tar-riċerka avvanzata" simili tal-Istati Membri, **mill-KICs tal-EIT** u minn pilastru oħrajn **tal-Programm** Qafas tal-UE<sup>28</sup>, sabiex jappoġġahom biex jaslu fis-suq. Din l-identifikazzjoni tal-proġetti appoġġati f'pilastru oħrajn ta' Orizzont Ewropa u wkoll fil-Programmi Qafas preċedenti se tkun ibbażata fuq metodoloġiji pertinenti, bħar-Radar tal-Innovazzjoni.

---

<sup>28</sup> Bħall-Prova tal-Kunċett tal-ERC, minn proġetti appoġġati skont il-Pilastru “Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali **Ewropej**”, negozji ġodda li joħorġu mill-KKI tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, ... inkluż minn attivitajiet ta' Orizzont 2020, partikolarment proġetti magħżula skont il-Fażi 2 tal-SME ta' Orizzont 2020 u s-Siġill ta' Eċċellenza relatat ifffinanzjat mill-Istati Membri, Sħubiji Ewropej (eżistenti u futuri).

## Emenda 236

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.3 – paragrafu 1 – inċiż 1

– Servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozji tal-EIC b'appoġġ għall-attivitajiet u l-azzjonijiet tal-Pathfinder u l-Aċċelleratur. L-għan se jkun li l-Komunità tal-EIC ta' innovaturi ffinanzjati, inkluż is-Siġill tal-Eċċellenza, tiġi konnessa, mal-investituri, is-sħab u **x-xerrejja pubbliċi**. Dan se jipprovdi firxa ta' servizzi ta' coaching u ta' mentoraġġ lill-azzjonijiet tal-EIC. Dan se jipprovdi lill-innovaturi b'aċċess għal networks internazzjonali ta' sħab potenzjali, inkluż dawk industrijali, sabiex **jikkumplimentaw** katina tal-valur jew jiġu żviluppanti opportunitajiet tas-suq, u jinstabu investituri u sorsi oħrajn ta' finanzjament privat jew korporattiv. L-attivitajiet se jinkludu avvenimenti f'fin reali (eż. avvenimenti ta' senserija, sessjonijiet ta' pitching) iżda anki, l-iżvilupp ta' pjattaformi li jaqblu jew l-użu ta' dawk eżistenti, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-intermedjarji finanzjarji appoġġati minn InvestEU u l-Grupp BEI. Dawn l-attivitajiet se jinkoraġġixxu wkoll l-iskambji bejn il-pari bħala sors ta' tagħlim f'ekosistema ta' innovazzjoni, b'użu partikolarment tajjeb tal-Membri tal-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tal-EIC u l-Fellows tal-EIC;

– Servizzi ta' aċċellerazzjoni tan-negozji tal-EIC b'appoġġ għall-attivitajiet u l-azzjonijiet tal-Pathfinder u l-Aċċelleratur. L-għan se jkun li l-Komunità tal-EIC ta' innovaturi ffinanzjati, inkluż is-Siġill tal-Eċċellenza, tiġi konnessa, mal-investituri, is-sħab, **ix-xerrejja pubbliċi u privati**. Dan se jipprovdi firxa ta' servizzi ta' coaching u ta' mentoraġġ lill-azzjonijiet tal-EIC. Dan se jipprovdi lill-innovaturi b'aċċess għal networks internazzjonali ta' sħab potenzjali, inkluż dawk industrijali, sabiex **jikkomplementaw** katina tal-valur jew jiġu żviluppanti opportunitajiet tas-suq, u jinstabu investituri u sorsi oħrajn ta' finanzjament privat jew korporattiv. L-attivitajiet se jinkludu avvenimenti f'fin reali (eż. avvenimenti ta' senserija, sessjonijiet ta' pitching) iżda anki, l-iżvilupp ta' pjattaformi li jaqblu jew l-użu ta' dawk eżistenti, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-intermedjarji finanzjarji appoġġati minn InvestEU u l-Grupp BEI. Dawn l-attivitajiet se jinkoraġġixxu wkoll l-iskambji bejn il-pari bħala sors ta' tagħlim f'ekosistema ta' innovazzjoni, b'użu partikolarment tajjeb tal-Membri tal-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tal-EIC u l-Fellows tal-EIC; **Dawk l-attivitajiet addizzjonali tal-EIC iffukati fuq innovazzjonijiet rivoluzzjonarji/ta' riskju għoli, se jikkomplementaw il-portafoll simili tal-attivitajiet tal-EIT immirati lejn intraprendituri, innovaturi u negozji ġodda. L-EIC huwa mħeġġeġ jagħmel użu mill-għarfien espert u l-esperjenza tal-KICs waqt li jipprovdi appoġġ lill-innovaturi.**

## Emenda 237

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.1 – punt 1.1.3 – paragrafu 1 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-Isfidi tal-EIC, jiġifieri premjijiet ta' inċentiv, sabiex jgħinu jiżviluppaw ***soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi globali***, jattiraw atturi ġodda u jiżviluppaw komunitajiet ġodda. ***Il-premijiet*** ta' rikonossiment tal-EIC ***sejrin*** jinkludu l-iCapital, il-Premju ta' Inċentiv tal-Innovazzjoni Soċjali, u l-Premju tal-Innovaturi Nisa.<sup>29</sup> Id-disinn ta' dawn il-premjijiet se jorbot ***lill-EIC*** ma' partijiet ***oħrajn*** tal-Programm ***Qafas, inkluż*** missjonijiet u ***korpi ta' finanzjament oħrajn***. Se jiġu esplorati opportunitajiet għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet (bħal intrapriżi, universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, aċċelleraturi tan-negozju, karitajiet u fondazzjonijiet).

---

<sup>29</sup> Il-premji tal-EIC se jieħdu r-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-premjijiet varati skont Orizzont 2020 u jipprevedu d-disinn u l-implimentazzjoni ta' premjijiet ta' inċentiv u premjijiet ta' rikonossiment ġodda.

## **Emenda 238**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tal-EIC (il-Bord tal-EIC) se jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-EIC. ***Barra milli*** jagħti pariri dwar il-programmi ta' ħidma tal-EIC, ***il-Bord*** tal-EIC ***se jkollu rwol attiv fl-għoti ta' pariri dwar il-ġestjoni u l-azzjonijiet ta' segwitu***. Se ***jkollu funzjoni ta' komunikazzjoni, fejn il-membri jkollhom rwol ta' ambaxxaturi***

*Emenda*

– L-Isfidi tal-EIC, jiġifieri premjijiet ta' inċentiv, sabiex jgħinu jiżviluppaw ***innovazzjonijiet rivoluzzjonarji ġodda***, jattiraw atturi ġodda u jiżviluppaw komunitajiet ***u netwerks ta' R&I*** ġodda ***kif ukoll sabiex jagħtu viżibbiltà lill-kisbiet mill-finanzjament tal-UE***. ***Il-premjijiet*** ta' rikonossiment tal-EIC ***se*** jinkludu l-iCapital, il-Premju ***għall-Isfida tal-UE, il-Premju*** ta' Inċentiv tal-Innovazzjoni Soċjali, u l-Premju tal-Innovaturi Nisa.<sup>29</sup> Id-disinn ***u l-implimentazzjoni*** ta' dawn il-premjijiet se jorbot ma' partijiet ***oħra*** tal-programm, ***inklużi*** missjonijiet u ***l-EIT sabiex jiżguraw il-komplementarjetà u jiġu evitati duplikazzjonijiet***. Se jiġu esplorati opportunitajiet għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet (bħal intrapriżi, universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka, aċċelleraturi tan-negozju, karitajiet u fondazzjonijiet).

---

<sup>29</sup> Il-premji tal-EIC se jieħdu r-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-premjijiet varati skont Orizzont 2020 u jipprevedu d-disinn u l-implimentazzjoni ta' premjijiet ta' inċentiv u premjijiet ta' rikonossiment ġodda.

*Emenda*

Il-Bord ta' Konsulenza ta' Livell Għoli tal-EIC (il-Bord tal-EIC) se jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-EIC. ***Dan se jkun magħmul minn rappreżentanti, inklużi esperti akkademiċi dwar il-politika tal-innovazzjoni, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, l-intraprendituri, u l-kapitalisti ta' riskju, fost oħrajn, bi qbil***

*sabiex jgħinu fl-istimolazzjoni tal-innovazzjoni fl-UE. Il-kanali ta' komunikazzjoni se jinkludu attendenza f'avvenimenti ta' innovazzjoni ewlenin, il-midja soċjali, il-kostituzzjoni ta' komunità ta' innovaturi tal-EIC, interazzjoni mal-midja ewlenija b'fokus fuq l-innovazzjoni, avvenimenti komuni mal-hubs tal-inkubaturi u l-aċċellerazzjoni.*

*mal-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni.*

*Għall-implimentazzjoni tal-EIC, il-Kummissjoni għandha, bl-appoġġ tal-Bord tal-EIC, tipprovdi:*

*- differenzjazzjoni ċara bejn il-gruppi fil-mira indirizzati u l-ħtiġijiet distinti tagħhom;*

*- dettalji dwar kif se timplimenta l-appoġġ imħallat (għotja, ekwità, self u garanzija);*

*- mekkaniżmu solidu għal evalwazzjoni sistematika u f'ħin reali tal-istrumenti bil-għan li jiġi żgurati proċess ta' taqlim ta' politika b'ħeffa u jiġu żviluppanti sekwenzi tal-innovazzjoni innovattivi, inkluża l-għażla u l-implimentazzjoni ta' indikaturi;*

*- kooperazzjoni bejn l-EIC u l-EIT sabiex tiġi żgurata l-komplementarjetà u jiġi evitat l-irduppar;*

*- deskrizzjoni ulterjuri tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-manijers tal-programm;*

*- deskrizzjoni tal-għodda biex jiġu attirati investituri ta' kapital ta' riskju f'każ ta' proġetti riskjużi ħafna;*

*- definizzjoni tal-għanijiet ta' innovazzjoni f'termini ta' prodott, proċess, kummerċjalizzazzjoni u servizzi;*

*- kejl tal-forza mexxejja tal-benefiċjarji.*

*Il-Bord se jagħti pariri wkoll dwar il-programmi ta' ħidma tal-EIC, il-ġestjoni u l-azzjonijiet ta' segwitu tal-EIC.*

*Se jkollu funzjoni ta' komunikazzjoni, fejn il-membri jkollhom rwol ta' ambaxxaturi sabiex jgħinu fl-istimolazzjoni tal-innovazzjoni fl-UE. Il-kanali ta' komunikazzjoni se jinkludu attendenza f'avvenimenti ta' innovazzjoni ewlenin, il-midja soċjali, il-kostituzzjoni ta' komunità*

ta' innovaturi tal-EIC, interazzjoni mal-midja ewlenija b'fokus fuq l-innovazzjoni, avvenimenti komuni mal-hubs tal-inkubaturi u l-aċċellerazzjoni. ***Il-Bord ta' Tmexxija tal-EIT u l-Bord tal-EIC se jikkooperaw bil-għan li jisfruttaw si-sinerġiji u jkabbru l-valur miżjud għall-innovaturi u l-intraprendituri fl-Unjoni.***

## Emenda 239

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.1 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Bord tal-EIC se jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni fir-rigward tax-xejriet fl-innovazzjoni jew inizjattivi meħtieġa sabiex tiġi mtejba u mrawma l-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE, inklużi ostakli regolatorji potenzjali. Il-parir tal-Bord jenħtieġ li jidentifika wkoll oqsma emerġenti ta' innovazzjoni li għandhom jiġu kkunsidrati fl-attivitajiet tal-pilastru u l-missjonijiet tal-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali. B'dan il-mod, il-Bord huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-koerenza ġenerali tal-programm Orizzont Ewropa.

*Emenda*

Il-Bord tal-EIC, ***flimkien mal-Bord ta' Tmexxija tal-EIT***, se jipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni fir-rigward tax-xejriet fl-innovazzjoni jew inizjattivi meħtieġa sabiex tiġi mtejba u mrawma l-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE, inklużi ostakli ***tekniki kif ukoll*** regolatorji potenzjali. Il-parir tal-Bord jenħtieġ li jidentifika wkoll oqsma emerġenti ta' innovazzjoni li għandhom jiġu kkunsidrati fl-attivitajiet tal-pilastru u l-missjonijiet tal-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali ***Ewropej***. B'dan il-mod, il-Bord huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-koerenza ġenerali tal-programm Orizzont Ewropa.

## Emenda 240

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.2 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

B'mod partikolari, il-maniġers tal-programm se jissorveljaw l-implimentazzjoni tas-sejħiet tal-Pathfinder u jipproponu klassifika tal-evalwazzjoni bbażata portafoll strateġiku ***konsistenti***, li huwa mistenni li jagħmel kontribuzzjonijiet essenzjali għall-emerġenza ta' innovazzjonijiet potenzjali

*Emenda*

B'mod partikolari, il-maniġers tal-programm se jissorveljaw l-implimentazzjoni tas-sejħiet tal-Pathfinder u jipproponu klassifika tal-evalwazzjoni bbażata ***fuq kriterji ċari u trasparenti kif definiti fir-Regolament, b'konsistenza ma'*** portafoll strateġiku ***ta' proġetti***, li huwa mistenni li jagħmel kontribuzzjonijiet

tas-soċjetà jew li joħolqu s-swieq ekonomiċi.

essenzjali għall-emerġenza ta' **teknoloġiji futuri radikalment ġodda** jew innovazzjonijiet potenzjali **xjentifiċi**, tas-soċjetà jew li joħolqu s-swieq ekonomiċi.

## Emenda 241

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex il-potenzjal tal-innovazzjoni li tinvolvi r-riċerkaturi, l-imprendituri, l-industrija u s-soċjetà b'mod ġenerali jiġi sfruttat bis-sħiħ, l-UE trid ittejjeb l-ambjent li fih l-innovazzjoni tista' tiffjorixxi fuq kull livell. Dan ifisser **kontribuzzjoni** għall-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni effettiva fil-livell tal-UE u l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni, **in-networking**, u l-iskambju tal-ideat, il-finanzjament u l-ħiliet fost l-ekosistemi tal-innovazzjoni nazzjonali u lokali.

##### *Emenda*

Sabiex il-potenzjal tal-innovazzjoni li tinvolvi r-riċerkaturi, l-imprendituri, l-industrija u s-soċjetà b'mod ġenerali jiġi sfruttat bis-sħiħ, l-UE trid ittejjeb l-ambjent li fih l-innovazzjoni tista' tiffjorixxi fuq kull livell. Dan ifisser **kontribut** għall-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni effettiva fil-livell tal-UE u l-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni, **in-networking**, u l-iskambju tal-ideat, **l-iżvilupp ta' proċessi tal-innovazzjoni miftuħa**, il-finanzjament u l-ħiliet fost l-ekosistemi tal-innovazzjoni nazzjonali u lokali.

## Emenda 242

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-UE trid timmira wkoll li tiżviluppa ekosistemi li jappoġġaw l-innovazzjoni soċjali u l-innovazzjoni fis-settur pubbliku, barra mill-innovazzjoni fl-intrapriżi privati. Tabilħaqq, is-settur tal-gvern irid ikun innovattiv u jġedded lilu nnifsu sabiex ikun jista' jappoġġa l-bidliet fir-regolamentazzjoni u l-governanza meħtieġa sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda u domanda mill-pubbliku li qed tiżdied għat-twassil aktar effiċjenti u effettiv tas-servizzi. L-innovazzjonijiet soċjali huma kruċjali sabiex jittejjeb il-

##### *Emenda*

L-UE trid timmira wkoll li tiżviluppa ekosistemi li jappoġġaw l-innovazzjoni soċjali, **u tħeġġeġ it-trasferiment tal-għarfien** u l-innovazzjoni fis-settur pubbliku, barra mill-innovazzjoni fl-intrapriżi privati. Tabilħaqq, is-settur tal-gvern irid ikun innovattiv u jġedded lilu nnifsu sabiex ikun jista' jappoġġa l-bidliet fir-regolamentazzjoni u l-governanza meħtieġa sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni fuq skala kbira ta' **innovazzjonijiet, inklużi** teknoloġiji ġodda u domanda mill-pubbliku li qed tiżdied għat-twassil aktar effiċjenti u effettiv tas-servizzi. L-innovazzjonijiet soċjali huma

benesseri tas-soċjetajiet tagħna.

kruċjali sabiex jittejjeb il-benesseri tas-soċjetajiet tagħna. ***Bħala l-akbar netwerk ta' innovazzjoni tal-Ewropa, il-KICs tal-EIT se jkollhom rwol importanti fl-iżvilupp ta' tali ekosistemi u fl-implimentazzjoni ta' din il-prijorità. Huma jagħmlu l-każ għall-kooperazzjoni interreġjonali mixtieqa billi jorbtu l-ekosistemi tal-innovazzjoni fuq skala pan-Ewropea.***

## Emenda 243

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 1– parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se torganizza Forum ***tal-EIC*** tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi responsabbli mill-politiki u l-programmi ta' innovazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, bil-għan li jiġu promossi l-koordinazzjoni u d-djalogu dwar l-iżvilupp tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE. Fi ħdan dan il-Forum tal-EIC, ***il-Kummissjoni*** se:

##### *Emenda*

Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se torganizza Forum ***tal-Innovazzjoni*** tal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi responsabbli mill-politiki u l-programmi ta' innovazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, bil-għan li jiġu promossi l-koordinazzjoni u d-djalogu dwar l-iżvilupp tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE. Fi ħdan dan il-Forum ***ta' Innovazzjoni, il-partijiet interessati u l-korpi tal-UE involuti, inkluż l-EIT, il-Bord tal-EIC u l-Kummissjoni*** se:

## Emenda 244

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 1– inċiż 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Ittejjeb l-koordinazzjoni bejn il-programmi ***ta' innovazzjoni*** nazzjonali u l-EIC sabiex jiġu stimolati sinerġiji operattivi u jiġi evitat t-trikkib, permezz tal-kondiviżjoni tad-data fuq programmi u l-implimentazzjoni tagħhom, riżorsi u għarfien espert, analiżi u monitoraġġ te' xejriet teknoloġiċi u innovattivi, u permezz tal-interkonnessjoni tal-komunitajiet ta'

##### *Emenda*

– Ittejjeb l-koordinazzjoni bejn il-programmi nazzjonali u ***l-EIT kif ukoll l-EIC*** sabiex jiġu stimolati sinerġiji operattivi u jiġi evitat t-trikkib, permezz tal-kondiviżjoni tad-data fuq programmi u l-implimentazzjoni tagħhom, riżorsi u għarfien espert, analiżi u monitoraġġ te' xejriet teknoloġiċi u innovattivi, u permezz tal-interkonnessjoni tal-komunitajiet ta'

innovaturi rispettivi;

innovaturi rispettivi;

## Emenda 245

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-attivitajiet se jiġu implimentati sabiex jiżguraw **il-komplementarjetà effettiva** bejn **it-tipi** ta' azzjoni tal-EIC u l-fokus speċifiku tagħhom fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja, mal-attivitajiet implimentati mill-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, iżda anki minn inizjattivi privati, sabiex jiġu appoġġati t-tipi kollha ta' innovazzjoni, jintlaħqu l-innovaturi kollha tal-UE u jingħataw appoġġ imtejjeb u adegwat.

##### *Emenda*

L-attivitajiet se jiġu implimentati sabiex jiżguraw **il-komplementarjetà u l-kooperazzjoni effettivi** bejn **l-EIT u t-tipi** ta' azzjoni tal-EIC u l-fokus speċifiku tagħhom fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja, mal-attivitajiet implimentati mill-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati, iżda anki minn inizjattivi privati, sabiex jiġu appoġġati t-tipi kollha ta' innovazzjoni, jintlaħqu l-innovaturi kollha tal-UE u jingħataw appoġġ imtejjeb u adegwat.

## Emenda 246

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 3– parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Għal dan il-għan, **l-UE** se:

##### *Emenda*

Għal dan il-għan, **il-korpi involuti tal-UE** se:

## Emenda 247

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 3– inċiż 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Tippromwovi u tikkofinanzja programmi ta' innovazzjoni konġunti ġestiti minn awtoritajiet responsabbli minn politiki u programmi ta' innovazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew locali, li magħhom **jistgħu** jiġu assoċjati entitajiet privati li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-innovaturi. Programmi konġunti bħal dawn

##### *Emenda*

– Tippromwovi u tikkofinanzja programmi ta' innovazzjoni konġunti ġestiti minn awtoritajiet responsabbli minn politiki u programmi ta' innovazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew locali, li magħhom **jenħtieġ li** jiġu assoċjati entitajiet privati li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-innovaturi. Programmi



immexxijin mid-domanda jistgħu jimmiraw lejn, fost oħrajn, appoġġ fl-istadju bikri u tal-istudju ta' fattibbiltà, il-kooperazzjoni **akkademja-intrapriżi**, l-appoġġ għar-riċerka kollaborattiva ta' SMEs ta' teknoloġija avvanzata, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-għarfien, l-internalizzazzjoni tal-SMEs, l-analiżi u l-iżvilupp tas-suq, id-diġitalizzazzjoni ta' SMEs mhux teknoloġikament avvanzati, l-istrumenti finanzjarji għall-attivitajiet ta' innovazzjoni qrib is-suq jew il-varar fis-suq, u l-innovazzjoni soċjali. Dawn jistgħu jinkludu wkoll inizzjattivi ta' akkwist pubbliku konġunti, li jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet fis-settur pubbliku, partikolarment b'appoġġ tal-iżvilupp ta' politiki ġodda. Dan jista' jkun partikolarment effettiv fl-istimulazzjoni tal-innovazzjoni fl-oqsma tas-servizz pubbliku u sabiex l-innovaturi Ewropej jiġu pprovduti b'opportunitajiet tas-suq.

konġunti bħal dawn immexxijin **mill-provvista u** mid-domanda jistgħu jimmiraw lejn, fost oħrajn, appoġġ fl-istadju bikri u tal-istudju ta' fattibbiltà, il-kooperazzjoni **fost l-akkademiċi, l-organizzazzjonijiet u l-intrapriżi ta' riċerka**, l-appoġġ għar-riċerka kollaborattiva ta' SMEs ta' teknoloġija avvanzata, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-għarfien, l-internalizzazzjoni tal-SMEs, l-analiżi u l-iżvilupp tas-suq, id-diġitalizzazzjoni ta' SMEs mhux teknoloġikament avvanzati, l-istrumenti finanzjarji għall-attivitajiet ta' innovazzjoni qrib is-suq jew il-varar fis-suq, u l-innovazzjoni soċjali. Dawn jistgħu jinkludu wkoll inizzjattivi ta' akkwist pubbliku konġunti, li jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-innovazzjonijiet fis-settur pubbliku, partikolarment b'appoġġ tal-iżvilupp ta' politiki ġodda. Dan jista' jkun partikolarment effettiv fl-istimulazzjoni tal-innovazzjoni fl-oqsma tas-servizz pubbliku u sabiex l-innovaturi Ewropej jiġu pprovduti b'opportunitajiet tas-suq. **Meta ġestiti fil-livell lokali, dawn il-programmi jenħtieġ li jippermettu sħubijiet transnazzjonali u jenħtieġ li jkunu koerenti mal-istrateġiji tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti u mas-sinerġiji ta' appoġġ mal-FEŻR fir-reġjuni involuti.**

## Emenda 248

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 3– inċiż 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Tappoġġa wkoll il-programmi konġunti tal-mentoraġġ, il-coaching, l-assistenza teknika u servizzi oħrajn li jitwasslu qrib l-innovaturi permezz ta' networks bħan-Network Enterprise Europe (EEN), ir-raggruppamenti, il-pjattaformi pan-Ewropej bħal Startup Europe, l-atturi tal-innovazzjoni lokali, kemm pubbliċi iżda wkoll privati, partikolarment inkubaturi u hubs tal-innovazzjoni li, barra minn hekk,

##### *Emenda*

– Tappoġġa wkoll il-programmi konġunti tal-mentoraġġ, il-coaching, l-assistenza teknika u servizzi oħrajn li jitwasslu qrib l-innovaturi permezz ta' networks bħan-Network Enterprise Europe (EEN), ir-raggruppamenti, il-pjattaformi pan-Ewropej bħal Startup Europe, l-atturi tal-innovazzjoni lokali, kemm pubbliċi iżda wkoll privati, partikolarment inkubaturi u hubs tal-innovazzjoni li, barra minn hekk,

jistgħu jkunu interkonnessi sabiex jiffavorixxu s-sħubija bejn l-innovaturi. L-appoġġ **jista'** jingħata wkoll sabiex jiġu promossi l-ħiliet personali għall-innovazzjoni, inkluż lil networks ta' istituzzjonijiet vokazzjonali u **b'rabta** mill-qrib **mal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**;

## Emenda 249

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Kif jiddikjara b'mod ċar ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE (il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy), it-triq 'il quddiem hija li “nedukaw għall-futur u ninvestu fin-nies li se jagħmlu bidla”. B'mod partikolari, l-universitajiet Ewropej huma mħeġġa li jistimolaw l-impreditorija, ineħħu l-fruntieri dixxiplinari u jistitutizzjonalizzaw kollaborazzjonijiet nondixxiplinari b'saħħithom bejn is-settur akkademiku u l-industrija. Skont sħarriġ reċenti, l-aċċess għal persuni li għandhom talent huwa fil-fatt l-aktar fattur importanti li jinfluwenza l-għażliet ta' postijiet tal-fundaturi Ewropej għan-negozji l-ġodda tagħhom. L-edukazzjoni imprenditorjali u l-opportunitajiet ta' taħriġ għandhom rwol ewlieni fil-kultivazzjoni ta' innovaturi futuri u fl-iżvilupp tal-abbiltajiet ta' dawk eżistenti sabiex dawn jespandu n-negozju tagħhom u jilħqu livelli oġhla ta' suċċess. L-aċċess għat-talent imprenditorjali, flimkien mal-aċċess għal servizzi professjonali, il-kapital u s-swieq fil-livell tal-UE, u t-tlaqqiġ ta' atturi tal-innovazzjoni ewlenin flimkien sabiex jaħdmu lejn għan komuni, huma ingredjenti ewlenin għat-trawwim ta' ekosistema tal-innovazzjoni. Hemm ħtieġa li jiġu koordinati l-isforzi mal-UE kollha sabiex tinholq massa kritika ta'

jistgħu jkunu interkonnessi sabiex jiffavorixxu s-sħubija bejn l-innovaturi. L-appoġġ **jenħtieġ li** jingħata wkoll sabiex jiġu promossi l-ħiliet personali għall-innovazzjoni, inkluż lil networks ta' istituzzjonijiet vokazzjonali u **b'kooperazzjoni** mill-qrib **mal-EIT**;

##### *Emenda*

Kif jiddikjara b'mod ċar ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE (il-Grupp ta' Livell Għoli Lamy), it-triq 'il quddiem hija li “nedukaw għall-futur u ninvestu fin-nies li se jagħmlu bidla”. B'mod partikolari, l-universitajiet Ewropej huma mħeġġa li jistimolaw l-impreditorija, ineħħu l-fruntieri dixxiplinari u jistitutizzjonalizzaw kollaborazzjonijiet nondixxiplinari b'saħħithom bejn is-settur akkademiku u l-industrija. Skont sħarriġ reċenti, l-aċċess għal persuni li għandhom talent huwa fil-fatt l-aktar fattur importanti li jinfluwenza l-għażliet ta' postijiet tal-fundaturi Ewropej għan-negozji l-ġodda tagħhom. L-edukazzjoni imprenditorjali u l-opportunitajiet ta' taħriġ għandhom rwol ewlieni fil-kultivazzjoni ta' innovaturi futuri u fl-iżvilupp tal-abbiltajiet ta' dawk eżistenti sabiex dawn jespandu n-negozju tagħhom u jilħqu livelli oġhla ta' suċċess. L-aċċess għat-talent imprenditorjali, flimkien mal-aċċess għal servizzi professjonali, il-kapital u s-swieq fil-livell tal-UE, u t-tlaqqiġ ta' atturi tal-innovazzjoni ewlenin flimkien sabiex jaħdmu lejn għan komuni, huma ingredjenti ewlenin għat-trawwim ta' ekosistema tal-innovazzjoni, **u għall-ħolqien b'suċċess ta' mudelli ta' innovazzjoni u l-aħjar Prattiki fil-livell**

raggruppamenti u ekosistemi  
imprenditorjali interkonnessi mal-UE  
kollha,

*reġjonali, nazzjonali u Ewropew.* Hemm  
ħtieġa li jiġu koordinati l-isforzi mal-UE  
kollha sabiex tinħoloq massa kritika ta'  
raggruppamenti u ekosistemi  
imprenditorjali interkonnessi mal-UE  
kollha,

## Emenda 250

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Illum, l-EIT huwa l-akbar ekosistema tal-innovazzjoni integrata fl-Ewropa, b'aktar minn 1,000 sieħeb eċċellenti mid-dinja tan-negozju, tar-riċerka u tal-edukazzjoni u lil hinn. Il-mudell ta' innovazzjoni tal-EIT jaħdem u jibqa' partikolarment rilevanti biex jitneħħew l-ostakli għall-innovazzjoni fil-livell tal-Istati Membri u dak reġjonali. L-EIT se jindirizza dawn il-kwisjonijiet billi jipromwovi bidliet strutturali fix-xenarju Ewropew tal-innovazzjoni. Dan se jagħmlu billi jrawwem l-integrazzjoni tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-ogħla standards, b'mod partikolari permezz tal-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KICs), biex b'hekk jinħolqu ambjenti ġodda li jwasslu għall-innovazzjoni, u billi tiġi promossa u appoġġata ġenerazzjoni ġdida ta' persuni intraprenditorjali u billi jiġi stimulat il-ħolqien ta' spin-offs u negozji ġodda innovattivi.*

## Emenda 251

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Għad baqa' l-ħtieġa li jiġu żviluppati ekosistemi fejn ir-riċerkaturi, l-innovaturi, l-industriji u l-gvernijiet ikunu jistgħu jinteraġixxu faċilment. L-ekosistemi tal-

Għad baqa' l-ħtieġa li jiġu żviluppati **u promossi** ekosistemi fejn ir-riċerkaturi, l-innovaturi, l-industriji u l-gvernijiet ikunu jistgħu jinteraġixxu faċilment. L-

innovazzjoni, fil-fatt, għadhom mhumiex qed jaħdmu bl-aħjar mod minħabba għadd ta' raġunijiet, bħal pereżempju:

ekosistemi tal-innovazzjoni, fil-fatt, għadhom mhumiex qed jaħdmu bl-aħjar mod minħabba għadd ta' raġunijiet, bħal pereżempju:

## Emenda 252

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-futur, jinħatfu l-opportunitajiet ippreżentati minn teknoloġiji ġodda u jsir kontribut lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, il-kompetittività u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej, jeħtieġ li l-kapaċità tal-Ewropa li tkun innovattiva tkompli tiġi msaħħa permezz ta': trawwim tal-ħolqien ta' ambjenti ġodda li jwasslu għall-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni; tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-innovazzjoni tas-settur akkademiku u tar-riċerka; appoġġ għal ġenerazzjoni ġdida ta' persuni imprenditorjali; stimolazzjoni tal-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi innovattivi.

##### *Emenda*

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-futur, jinħatfu l-opportunitajiet ippreżentati minn teknoloġiji ġodda u jsir kontribut lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, il-kompetittività u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej, jeħtieġ li l-kapaċità tal-Ewropa li tkun innovattiva tkompli tiġi msaħħa permezz ta': trawwim tal-ħolqien ta' ambjenti ġodda li jwasslu għall-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni; tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-innovazzjoni tas-settur akkademiku u tar-riċerka; appoġġ għal ġenerazzjoni ġdida ta' persuni imprenditorjali ***u ta' riċerka***; stimolazzjoni tal-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi innovattivi, ***kif ukoll il-promozzjoni u l-għoti ta' viżibbiltà għall-kisbiet ta' riċerka u l-innovazzjoni mill-finanzjament tal-UE għall-pubbliku in ġenerali.***

## Emenda 253

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.1 – paragrafu 4a (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***L-EIT se jindirizza dawn l-isfidi f'konformità mal-għanijiet strateġiċi tiegħu għall-perjodu 2021-2027, li għandhom jiġu stipulati fil-proposta legali għall-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-EIT.***

## Emenda 254

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-EIT se jkollu rwol rinfurzat fit-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Ewropa. B'mod partikolari, l-EIT se jkompli jopera primarjament permezz tal-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tiegħu, is-sħubiji Ewropej fuq skala kbira li jindirizzaw sfidi tas-soċjetà speċifiċi. **Huwa se jkompli jsaħħaħ** l-ekosistemi tal-innovazzjoni madwarhom billi **jrawwem** l-integrazzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni. Barra minn hekk, l-EIT se jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati lakuni eżistenti fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa billi jespandi l-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS tal-EIT) tiegħu. L-EIT se jaħdem b'ekosistemi tal-innovazzjoni li jesebixxu potenzjal għoli ta' innovazzjoni abbażi tal-istrateġija, l-allinjament tematiku u l-impatt, u f'sinerġija mill-qrib ma' Strateġiji u Pjattaformi ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti.

##### *Emenda*

L-EIT se jkollu rwol rinfurzat fit-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Ewropa **billi jipprovdi soluzzjonijiet għall-isfidi globali l-aktar urġenti li qed jiffaċċjaw is-soċjetajiet tagħna**. B'mod partikolari, l-EIT se jkompli jopera primarjament permezz tal-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tiegħu, is-sħubiji Ewropej fuq skala kbira li jindirizzaw sfidi tas-soċjetà speċifiċi. **Il-KICs se jkomplu jsaħħu** l-ekosistemi tal-innovazzjoni madwarhom billi **jrawwmu** l-integrazzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni. Barra minn hekk, l-EIT se jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati lakuni eżistenti fil-prestazzjoni tal-innovazzjoni fl-Ewropa billi jespandi l-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS tal-EIT) tiegħu. L-EIT se jaħdem b'ekosistemi tal-innovazzjoni li jesebixxu potenzjal għoli ta' innovazzjoni abbażi tal-istrateġija, l-allinjament tematiku u l-impatt, u f'sinerġija mill-qrib ma' Strateġiji u Pjattaformi ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti.

## Emenda 255

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– It-tisħiħ tal-effettività tal-KICs eżistenti u l-istabbiliment ta' oħrajn ġodda **f'għadd limitat ta' oqsma tematiki;**

##### *Emenda*

– It-tisħiħ tal-effettività tal-KICs eżistenti u l-istabbiliment ta' oħrajn ġodda **sabiex jitrattaw l-isfidi globali;**

## Emenda 256

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.1 – paragrafu 2 – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-aċċellerazzjoni tar-regġuni lejn l-eċċellenza f'pajjiżi li huma innovaturi modesti jew moderati.

*Emenda*

– L-aċċellerazzjoni tar-regġuni lejn l-eċċellenza f'pajjiżi li huma innovaturi modesti jew moderati, ***b'kooperazzjoni mill-qrib mal-fondi reġjonali rilevanti.***

**Emenda 257**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-attivitajiet tal-edukazzjoni tal-EIT se jiġu rinfurzati sabiex jittrawmu l-innovazzjoni u l-impreditorija permezz ta' edukazzjoni u taħriġ aħjar. Fokus aktar b'saħħtu fuq l-iżvilupp tal-kapital uman se jkun imsejjes fuq l-espansjoni ta' programmi tal-edukazzjoni eżistenti tal-KICs tal-EIT bil-ħsieb li l-istudenti u l-professjonisti jkomplu jingħataw kurrikuli ta' kwalità għolja li jkunu bbażati fuq l-innovazzjoni u l-impreditorija li b'mod partikolari huma konformi mal-istrateġija industrijali u tal-ħiliet tal-UE. Dan jista' jinkludi riċerkaturi u innovaturi appoġġati minn partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari MSCA. L-EIT se jappoġġja wkoll it-tiġdid tal-Universitajiet Ewropej u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni billi jiġu stimolati u miżjudin il-potenzjal u l-kapaċitajiet impreditorjali tagħhom u jiġu mħeġġa jantiċipaw aħjar ir-rekwiżiti tal-ħiliet il-ġodda.

*Emenda*

L-attivitajiet tal-edukazzjoni tal-EIT se jiġu rinfurzati sabiex jittrawmu l-innovazzjoni u l-impreditorija permezz ta' edukazzjoni u taħriġ, ***inkluż it-taħriġ vokazzjonali*** aħjar. Fokus aktar b'saħħtu fuq l-iżvilupp tal-kapital uman se jkun imsejjes fuq l-espansjoni ta' programmi tal-edukazzjoni eżistenti tal-KICs tal-EIT bil-ħsieb li l-istudenti u l-professjonisti jkomplu jingħataw kurrikuli ta' kwalità għolja li jkunu bbażati fuq l-innovazzjoni u l-impreditorija li b'mod partikolari huma konformi mal-istrateġija industrijali u tal-ħiliet tal-UE. Dan jista' jinkludi riċerkaturi u innovaturi appoġġati minn partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari MSCA. L-EIT se jappoġġja wkoll it-tiġdid tal-Universitajiet Ewropej u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi tal-innovazzjoni billi jiġu stimolati u miżjudin il-potenzjal u l-kapaċitajiet impreditorjali tagħhom u jiġu mħeġġa jantiċipaw aħjar ir-rekwiżiti tal-ħiliet il-ġodda.

**Emenda 258**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-iżvilupp ta' kurrikuli innovattivi, li jikkunsidraw il-ħtiġijiet futuri tal-

*Emenda*

– L-iżvilupp ta' kurrikuli innovattivi, li jikkunsidraw il-ħtiġijiet futuri tal-

industrija, u programmi trasversali sabiex jiġu offruti lill-istudenti, lill-imprendituri u lill-professjonisti madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, fejn l-għarfien speċjalizzat u dak speċifiku għas-settur jiġi kkombinat ma' ħiliet imprenditorjali u dawk orjentati lejn l-innovazzjoni, bħal ħiliet tat-teknoloġija avvanzata li huma teknoloġiji abilitanti essenzjali u diġitali;

industrija **u tas-soċjetà**, u programmi trasversali sabiex jiġu offruti lill-istudenti, lill-imprendituri u lill-professjonisti madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, fejn l-għarfien speċjalizzat u dak speċifiku għas-settur jiġi kkombinat ma' ħiliet iu dawk orjentati lejn l-innovazzjoni, bħal ħiliet tat-teknoloġija avvanzata li huma teknoloġiji abilitanti essenzjali u diġitali;

## Emenda 259

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-innovazzjoni u l-impreditorija tas-settur tal-edukazzjoni għolja, permezz tal-ingranaġġ tal-għarfien espert tal-Komunità tal-EIT fil-kollegament tal-edukazzjoni mar-riċerka u n-negozju;

*Emenda*

– L-iżvilupp **u t-tixrid** tal-kapaċitajiet tal-innovazzjoni u l-impreditorija tas-settur tal-edukazzjoni għolja, permezz tal-ingranaġġ **u l-promozzjoni** tal-għarfien espert tal-Komunità tal-EIT fil-kollegament tal-edukazzjoni mar-riċerka u n-negozju;

## Emenda 260

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- **Il-Premjijiet tal-EIT, jiġifieri l-premju ta' rikonoxximent stabbilit sew mill-EIT għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi globali u l-ippremjar ta' talenti u innovaturi żgħażaġh.**

## Emenda 261

### Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.3 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3.2.3. Soluzzjonijiet ġodda **għas-suq**

3.2.3. Soluzzjonijiet ġodda **sabiex jiġu**

## *indirizzati l-isfidi globali*

### **Emenda 262**

#### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.3 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-EIT se jiffaċilita u jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-imprendituri, l-innovaturi, l-edukaturi, l-istudenti u atturi tal-innovazzjoni oħrajn sabiex jaħdmu flimkien f'timijiet transdixxiplinari biex jiġġeneraw l-ideat u jittrasformawhom kemm f'innovazzjonijiet inkrementali kif ukoll fixkiela. L-attivitajiet se jkunu karatterizzati minn innovazzjoni miftuħa u approċċ transfruntier, b'fokus fuq l-inklużjoni tal-attivitajiet rilevanti tat-Triangolu tal-Għarfien li huma pertinenti sabiex dawn ikunu ta' suċċess (pereżempju, il-promoturi tal-proġett jistgħu jtejbu l-aċċess tagħhom għal: gradwati bi kwalifiki speċifiċi, negozji ġodda b'ideat innovattivi, ditti mhux domestiċi b'assi **kumplimentari** rilevanti, eċċ.).

#### *Emenda*

L-EIT se jiffaċilita u jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-imprendituri, l-innovaturi, **id-disinjaturi**, l-edukaturi, l-istudenti u atturi tal-innovazzjoni oħrajn sabiex jaħdmu flimkien f'timijiet transdixxiplinari biex jiġġeneraw l-ideat u jittrasformawhom kemm f'innovazzjonijiet inkrementali kif ukoll fixkiela. L-attivitajiet se jkunu karatterizzati minn innovazzjoni miftuħa u approċċ transfruntier, b'fokus fuq l-inklużjoni tal-attivitajiet rilevanti tat-Triangolu tal-Għarfien li huma pertinenti sabiex dawn ikunu ta' suċċess (pereżempju, il-promoturi tal-proġett jistgħu jtejbu l-aċċess tagħhom għal: gradwati bi kwalifiki speċifiċi, negozji ġodda b'ideat innovattivi, ditti mhux domestiċi b'assi kumplimentari rilevanti, eċċ.).

### **Emenda 263**

#### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Appoġġ **lill-iżvilupp** ta' prodotti u **servizzi** ġodda fejn l-atturi tat-Triangolu tal-Għarfien se jikkollaboraw sabiex **is-soluzzjonijiet ikunu lesti għas-suq**;

#### *Emenda*

– Appoġġ **sabiex ir-riċerka tissarraff fl-iżvilupp** ta' prodotti, **servizzi** u **swieq** ġodda fejn l-atturi tat-Triangolu tal-Għarfien se jikkollaboraw sabiex **jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi globali**;

### **Emenda 264**

#### **Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 2**



*Test propost mill-Kummissjoni*

– L-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EIT sabiex jiġu massimizzati s-sinergijiet u l-komplementarjetajiet mal-azzjonijiet skont *il-Pilastru* Sfidi *Gloabli* u Kompetittività Industrijali;

*Emenda*

– L-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-EIT sabiex jiġu massimizzati s-sinergijiet u l-komplementarjetajiet mal-azzjonijiet skont *il-Pilastru Xjenza Eċċellenti u Miftuħa u* Sfidi *Globali* u Kompetittività Industrijali *u meta jkun xieraq, il-kontribut għal dawn l-azzjonijiet;*

**Emenda 265**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Involvement mal-Istati Membri tal-UE kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, filwaqt li jiġi stabbilit djalogu strutturat u jiġu kkoordinati l-isforzi sabiex ikun hemm sinerġiji ma' inizjattivi nazzjonali eżistenti, sabiex jiġu identifikati, kondiviżi u disseminati l-prattiki t-tajbin u t-tagħlimiet;

*Emenda*

– Involvement mal-Istati Membri tal-UE kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali, filwaqt li jiġi stabbilit djalogu strukturat u jiġu kkoordinati l-isforzi sabiex ikun hemm sinerġiji ma' inizjattivi nazzjonali eżistenti *u futuri*, sabiex jiġu identifikati, kondiviżi u disseminati l-prattiki t-tajbin u t-tagħlimiet;

**Emenda 266**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*- Il-kondiviżjoni u t-tixrid ta' prattiki u tagħlim innovattivi u jikkontribwixxi għall-politika ta' innovazzjoni fl-Ewropa, fejn xieraq, flimkien u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa.*

*Emenda*

**Emenda 267**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Anness I – parti III – punt 3 – punt 3.2 – punt 3.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Il-forniment ta' input fid-diskussjonijiet ta' politika tal-innovazzjoni u l-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE permezz ta' ħidma kontinwa mas-servizzi kollha rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea, programmi oħrajn tal-UE u l-partijiet ikkonċernati tagħhom, u l-esplorazzjoni ulterjuri ta' opportunitajiet fi ħdan l-inizjattivi ta' implimentazzjoni tal-politiki;

*Emenda*

– Il-forniment ta' input fid-diskussjonijiet ta' politika tal-innovazzjoni u l-kontribuzzjoni **għad-disinn u** għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE permezz ta' ħidma kontinwa mas-servizzi kollha rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea, programmi oħrajn tal-UE u l-partijiet ikkonċernati tagħhom, u l-esplorazzjoni ulterjuri ta' opportunitajiet fi ħdan l-inizjattivi ta' implimentazzjoni tal-politiki;

**Emenda 268**

**Proposta għal deċiżjoni  
Anness I – parti IV – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-UE issa trid tistabbilixxi standards ogħla fir-rigward tal-kwalità u l-impatt tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha, u dan jirrikjedi Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)<sup>31</sup> rivitalizzata, appoġġata aħjar mill-Programm Qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE. B'mod speċifiku, huwa meħtieġ sett integrat tajjeb iżda mfassal apposta ta' miżuri tal-UE<sup>32</sup>, ikkumbinat ma' riformi u titjib fil-prestazzjoni fil-livell nazzjonali (li għalihom jistgħu jikkontribwixxu ***l-Istrateġiji*** ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ***appoġġati*** mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) u, konsegwentement, bidliet istituzzjonali fi ħdan organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw u jwettqu r-riċerka, inklużi l-universitajiet. Bil-kombinazzjoni tal-isforzi fil-livell tal-UE, is-sinerġiji jistgħu jiġu sfruttati u d-daqs neċessarju jista' jinstab sabiex l-appoġġ għar-riformi fil-politiki nazzjonali jkun aktar effiċjenti u b'impatt akbar.

*Emenda*

L-UE issa trid tistabbilixxi standards ogħla fir-rigward tal-kwalità u l-impatt tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha, u dan jirrikjedi Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)<sup>31</sup> rivitalizzata, appoġġata aħjar mill-Programm Qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE. B'mod speċifiku, huwa meħtieġ sett integrat tajjeb iżda mfassal apposta ta' miżuri tal-UE<sup>32</sup>, ikkumbinat ma' riformi u titjib fil-prestazzjoni fil-livell nazzjonali (li għalihom jistgħu jikkontribwixxu ***b'mod sostanzjali, jekk konsistenti mal-finanzjament u strateġiji b'saħħithom għar-riċerka nazzjonali għall-Istrateġiji*** ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ***appoġġati*** mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) u, konsegwentement, bidliet istituzzjonali fi ħdan organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw u jwettqu r-riċerka, inklużi l-universitajiet. Bil-kombinazzjoni tal-isforzi fil-livell tal-UE, is-sinerġiji jistgħu jiġu sfruttati u d-daqs neċessarju jista' jinstab sabiex l-appoġġ għar-riformi fil-politiki nazzjonali jkun aktar effiċjenti u b'impatt akbar.

---

<sup>31</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan Direzzjonali taż-ŻER, 19 ta' Mejju 2015 [Irid jiġi aġġornat skont il-ħtieġa].

<sup>32</sup> TFUE Artikolu 181.2

---

<sup>31</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan Direzzjonali taż-ŻER, 19 ta' Mejju 2015 [Irid jiġi aġġornat skont il-ħtieġa].

<sup>32</sup> TFUE Artikolu 181.2

## Emenda 269

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti IV – punt 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. **KONDIVIŻJONI TAL-EĊĊELLENZA**<sup>33</sup>

---

<sup>33</sup> *Se jintuża kriterju bbażat fuq l-eċċellenza tar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jiddefinixxi dawk l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati fejn l-entitajiet legali jridu jkunu stabbiliti sabiex ikunu eliġibbli biex jissottomettu proposti bħala koordinaturi skont il-"kondiviżjoni tal-eċċellenza". Dan il-kriterju se jindirizza d-dimensjonijiet tal-prestazzjoni ekonomika globali (PDG), il-prestazzjoni tar-riċerka u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni f'mod ikkombinat normalizzat għad-daqs tal-pajjiżi relatati. Il-pajjiżi identifikati ma' dan il-kriterju jissejħu "pajjiżi eliġibbli" fil-kuntest ta' "kondiviżjoni tal-eċċellenza". Abbażi tal-Artikolu 349 TFUE, l-entitajiet legali mir-Reġjuni Ultraperiferiċi wkoll se jkunu kompletament eliġibbli bħala koordinaturi skont il-"kondiviżjoni tal-eċċellenza".*

## Emenda 270

### Proposta għal deċiżjoni

#### Anness I – parti IV – punt 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

It-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-

*Emenda*

1. **TIXRID TAL-EĊĊELLENZA U TWESSIGĦ TAL-PARTEĊIPAZZJONI**

---

It-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-

kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert fl-UE kollha se **jgħin** lill-pajjiżi u r-reġjuni li għadhom lura fir-rigward tal-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, **inkluż ir-reġjuni** ultraperiferiċi tal-UE, sabiex jiksbu pożizzjoni kompetittiva fil-ktajjen tal-valur globali. L-attivitajiet jistgħu jiġu stabbiliti wkoll biex irawmu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ madwar iż-ŻER kollha u għal sfruttament aħjar (u possibbilment programmi **ta' ġestjoni konġunta** tal-UE) **ta' infrastrutturi tar-riċerka eżistenti** f'pajjiżi fil-mira permezz tal-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-innovaturi.

kondiviżjoni tal-għarfien u l-għarfien espert fl-UE kollha **u bit-twessiegħ tal-parteċipazzjoni fil-programm**, se **jgħinu kemm** lill-pajjiżi u r-reġjuni li għadhom lura fir-rigward tal-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, **inklużi r-reġjuni** ultraperiferiċi tal-UE **u r-reġjuni l-anqas żviluppati** sabiex jiksbu pożizzjoni kompetittiva fil-ktajjen tal-valur globali **u ħalli l-Unjoni tibbenefika bis-sħiħ mill-potenzjal għar-R&I tal-Istati Membri kollha**. L-attivitajiet jistgħu jiġu stabbiliti wkoll biex irawmu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ madwar iż-ŻER kollha u għal sfruttament aħjar **ta' infrastrutturi tar-riċerka eżistenti** (u possibbilment programmi tal-UE **b'ġestjoni kondiviża**) f'pajjiżi fil-mira permezz tal-mobbiltà **u l-kollaborazzjoni virtwali** tar-riċerkaturi u l-innovaturi **u bl-istabiliment ta' networks ta' R&I u inizjattivi ta' R&I ġodda abbażi ta' dawk l-infrastrutturi**.

## Emenda 271

### Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti IV – punt 1 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### Linji Mifruxa

– Il-ħolqien ta' timijiet, sabiex jinħolqu ċentri ġodda ta' eċċellenza jew jiġu aġġornati dawk eżistenti **fil-pajjiżi eliġibbli**, billi **jibnu fuq sħubiji** bejn istituzzjonijiet xjentifiċi mexxejja u istituzzjonijiet sħab **bħala bażi**;

– Il-ġemellaġġi, sabiex università jew organizzazzjoni tar-riċerka minn pajjiż eliġibbli jissaħħu **f'qasam definit**, billi dawn jiġu konnessi ma' istituzzjonijiet tar-

#### *Emenda*

#### Linji Mifruxa

– Il-ħolqien ta' timijiet, sabiex jinħolqu ċentri ġodda ta' eċċellenza jew jiġu aġġornati dawk eżistenti, **inklużi infrastrutturi ta' riċerka ta' daqs medju u dawk iffinanzjati mill-FEŻR**, billi **tiġi garantita l-kooperazzjoni fl-istadji kollha tar-riċerka** bejn istituzzjonijiet xjentifiċi mexxejja u istituzzjonijiet sħab; **L-applikanti jridu juru biċ-ċar li l-proġetti huma marbuta ma' strateġiji nazzjonali u/jew reġjonali tar-R&I biex ikunu jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt din il-linja mifruxa.**

– Il-ġemellaġġi, sabiex università jew organizzazzjoni tar-riċerka minn pajjiż eliġibbli jissaħħu **fl-oqsma ta' riċerka kollha**, billi dawn jiġu konnessi ma'

riċerka li huma fuq quddiem nett fuq livell internazzjonali minn Stati Membri jew Pajjiżi Assoċjati oħrajn.

- Il-Presidenti taż-ŻER, sabiex jappoġġaw l-universitajiet jew l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, jattiraw u jżommu riżorsi umani ta' kwalità għolja taħt id-direzzjoni ta' riċerkatur u maniġer tar-riċerka (il-"President taż-ŻER") eċċezzjonali, u sabiex jiġu implimentati bidliet strutturali sabiex tinkiseb l-eċċellenza fuq bażi sostenibbli.
- Il-Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST), li tinvolvi kundizzjonijiet ambizzjużi fir-rigward tal-inklużjoni ta' pajjiżi eliġibbli u miżuri oħrajn sabiex jiġu provduti n-networking xjentifiku, il-bini tal-kapaċitajiet u appoġġ għall-iżvilupp tal-karrieri lil riċerkaturi minn dawn il-pajjiżi fil-mira. 80% tal-baġit totali ta' COST se jkun dedikat għal azzjonijiet li jkunu allinjati bis-sħiħ mal-għanijiet ta' dan il-qasam ta' intervent.

istituzzjonijiet tar-riċerka li huma fuq quddiem nett fuq livell internazzjonali minn Stati Membri jew Pajjiżi Assoċjati oħrajn. ***L-applikanti jridu juru biċ-ċar li l-proġetti huma marbuta ma' strateġiji nazzjonali u/jew reġjonali tar-R&I biex ikunu jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt din il-linja mifruxa.***

- Il-Presidenti taż-ŻER, sabiex jappoġġaw l-universitajiet jew l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, jattiraw u jżommu riżorsi umani ta' kwalità għolja taħt id-direzzjoni ta' riċerkatur u maniġer tar-riċerka (il-"President taż-ŻER") eċċezzjonali, u sabiex jiġu implimentati bidliet strutturali sabiex tinkiseb l-eċċellenza fuq bażi sostenibbli.
- Il-Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST), li tinvolvi kundizzjonijiet ambizzjużi fir-rigward tal-inklużjoni ta' pajjiżi eliġibbli u miżuri oħrajn sabiex jiġu provduti n-networking xjentifiku, il-bini tal-kapaċitajiet u appoġġ għall-iżvilupp tal-karrieri lil riċerkaturi minn dawn il-pajjiżi fil-mira. 80% tal-baġit totali ta' COST se jkun dedikat għal azzjonijiet li jkunu allinjati bis-sħiħ mal-għanijiet ta' dan il-qasam ta' intervent.
- ***"Inizjattivi għall-Eċċellenza", biex jiġu appoġġjati inizjattivi innovattivi li għandhom l-għan li jsaħħu l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi eliġibbli, inkluż l-appoġġ tat-taħriġ għat-titjib tal-ħiliet maniġerjali tar-R&I, il-premji għall-attraenza, it-tisħiħ tal-ekosistemi tal-innovazzjoni kif ukoll il-ħolqien ta' netwerks tar-R&I, inkluż fuq il-bażi ta' infrastrutturi ta' riċerka ffinanzjati mill-UE. L-applikanti jridu juru biċ-ċar li l-proġetti huma marbuta ma' strateġiji nazzjonali u/jew reġjonali tar-R&I biex ikunu jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt din il-linja mifruxa.***
- ***Il-firxa ta' boroż ta' studju u premjijiet, biex jattiraw u jippermettu riċerkaturi eċċellenti ta' kwalunkwe nazzjonalità jakkwistaw u jitrasferixxu għarfien ġdid f'pajjiżi li qed jikbru Il-premjijiet għandhom jingħataw b'mod***

*partikolari għal proġetti li jattiraw ix-xjenzati li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom f'pajjiżi li qed jikbru. Din l-iskema tikkomplementa partijiet oħra tal-Programm, b'mod partikolari l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie.*

## Emenda 272

### Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti IV – punt 1 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Dan il-qasam ta' intervent se jappoġġja l-objettivi speċifiċi ta' Orizzont Ewropa: Il-firxa u l-konnessjoni tal-eċċellenza madwar l-UE kollha; Ir-rinforz tal-ħolqien ta' għarfien ta' kwalità għolja; Iż-żieda fil-kooperazzjoni transsettorjali, trasdixxiplinari u transkonfini.*

*Emenda*

*Il-prijorità Tifrix tal-Eċċellenza u twessigħ tal-parteċipazzjoni se tappoġġja l-objettivi speċifiċi ta' Orizzont Ewropa: Il-firxa u l-konnessjoni tal-eċċellenza madwar l-UE kollha u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni fil-Programm; Ir-rinforz tal-ħolqien ta' għarfien ta' kwalità għolja; Iż-żieda fil-kooperazzjoni transsettorjali, trasdixxiplinari u transkonfini. L-azzjonijiet kollha għandhom jinkoraġġixxu sinerġiji ma' fondi oħra nazzjonali u tal-UE, b'mod partikolari l-FEŻR, il-Politika ta' Koeżjoni u l-FSE+, f'konformità mal-istrateġiji intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni ta' riċerka reġjonali u l-innovazzjoni u l-programmi operattivi.*

## Emenda 273

### Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti IV – punt 2 – paragrafu 2 – inċiż 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

– Il-forniment lir-riċerkaturi ta' ambjenti, ħiliet u kompetenzi ta' karriera attraenti meħtieġa fl-ekonomija tal-għarfien moderna<sup>36</sup>. Il-kollegament taż-ŻER maż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja bl-appoġġ tal-immodernizzar tal-universitajiet u organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni oħrajn, permezz ta' mekkaniżmi ta' rikonossiment u premjar sabiex jitħeġġu l-azzjonijiet fil-livell

*Emenda*

– Il-forniment lir-riċerkaturi ta' ambjenti, ħiliet u kompetenzi ta' karriera attraenti meħtieġa fl-ekonomija tal-għarfien moderna<sup>36</sup>. Il-kollegament taż-ŻER maż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja bl-appoġġ tal-immodernizzar tal-universitajiet u organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni oħrajn, permezz ta' mekkaniżmi ta' rikonossiment u premjar sabiex jitħeġġu l-azzjonijiet fil-livell

nazzjonali, kif ukoll inċentivi li jippromwovu l-adozzjoni ta' prattiki tax-xjenza miftuħa, l-impreditorija (u rabtiet mal-ekosistemi tal-innovazzjoni), it-transdixxiplinarjetà, l-involviment taċ-ċittadini, il-mobbiltà internazzjonali u **intersettorjali**, il-pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-approċċi komprensivi lejn il-bidliet istituzzjonali. F'dak il-kuntest, li **jikkomplementa** wkoll l-appoġġ mogħti mill-programm Erasmus għall-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, b'mod partikolari **fid-dimensjoni tar-riċerka tagħha**, bħala parti mill-iżvilupp ta' strateġiji ġodda konġunti u integrati li jkunu għal perjodu twil ta' żmien u sostenibbli dwar l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni bbażati fuq approċċi transdixxiplinari u transsettorjali sabiex jiġi realizzat it-triangolu tal-għarfien, filwaqt li t-tkabbir ekonomiku jingħata spinta 'l quddiem.

---

<sup>36</sup> Inkluż b'mod partikolari l-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, il-kodiċi ta' kondotta għar-reklutaġġ tar-riċerkaturi, EURAXXESS u l-Fond tal-Pensjoni RESAVER.

## Emenda 274

### Proposta għal deċiżjoni Anness I – parti 4 – punt 2 – paragrafu 2 – inċiż 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

– Ix-xjenza taċ-ċittadini, appoġġ għal kull tip ta' edukazzjoni xjentifika formali, nonformali u informali, inkluż **l-involviment** taċ-ċittadini fil-kodisinn tal-issettjar tal-aġenda u l-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, fil-kokreazzjoni ta' kontenut xjentifiku u innovazzjoni permezz ta' attivitajiet transdixxiplinari;

nazzjonali, kif ukoll inċentivi li jippromwovu l-adozzjoni ta' prattiki tax-xjenza miftuħa, l-impreditorija (u rabtiet mal-ekosistemi tal-innovazzjoni), it-transdixxiplinarjetà, l-involviment taċ-ċittadini **u tas-soċjetà ċivili**, il-mobbiltà internazzjonali u **transsettorjali**, il-pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-approċċi komprensivi lejn il-bidliet istituzzjonali. F'dak il-kuntest, li **jikkomplementa** wkoll l-appoġġ mogħti mill-programm Erasmus għall-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, b'mod partikolari **permezz tal-iffinanzjar fil-proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni f'dawn in-netwerks**, bħala parti mill-iżvilupp ta' strateġiji ġodda konġunti u integrati li jkunu għal perjodu twil ta' żmien u sostenibbli dwar l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni bbażati fuq approċċi transdixxiplinari u transsettorjali sabiex jiġi realizzat it-triangolu tal-għarfien, filwaqt li t-tkabbir ekonomiku jingħata spinta 'l quddiem.

---

<sup>36</sup> Inkluż b'mod partikolari l-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, il-kodiċi ta' kondotta għar-reklutaġġ tar-riċerkaturi, EURAXXESS u l-Fond tal-Pensjoni RESAVER.

#### *Emenda*

– Ix-xjenza taċ-ċittadini, appoġġ għal kull tip ta' edukazzjoni xjentifika formali, nonformali u informali, inkluż **l-evalwar tal-ostakli għal u l-inkoraġġiment tal-involviment** taċ-ċittadini fil-kodisinn tal-issettjar tal-aġenda u l-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, fil-kokreazzjoni ta' kontenut xjentifiku u innovazzjoni permezz ta' attivitajiet transdixxiplinari.

## Emenda 275

### Proposta għal deċiżjoni Anness II – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Programm

Lista tal-konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Programm b'konformità mal-Artikolu 12(2):

1. Konfigurazzjoni strateġika: Ħarsa strateġika lejn l-implimentazzjoni tal-programm kollu, il-koerenza bejn il-partijiet differenti tal-programm, il-missjonijiet u t-Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka
2. Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) u Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA)
3. Infrastrutturi tar-Riċerka
4. Saħħa
5. Soċjetà Inklużiva u ***Sigura***
6. Diġitali u ***Industrija***
7. Klima, Enerġija u Mobbiltà
8. Ikel ***u*** Riżorsi Naturali
9. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni

#### *Emenda*

Konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Programm

Lista tal-konfigurazzjonijiet tal-Kumitat tal-Programm b'konformità mal-Artikolu 12(2):

1. Konfigurazzjoni strateġika: Ħarsa strateġika lejn l-implimentazzjoni tal-programm kollu, il-koerenza bejn il-partijiet differenti tal-programm, il-missjonijiet u t-Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka
2. Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) u Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA)
3. Infrastrutturi tar-Riċerka
4. Saħħa
5. Soċjetà Inklużiva u ***Kreattiva***  
***5a. Soċjetà Sigura***
6. Diġitali, ***Industrija*** u ***Spazju***
7. Klima, Enerġija u Mobbiltà
8. Ikel, Riżorsi Naturali ***u Agrikoltura***
9. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni